2 1 0 5 Informatika u telekomunikazzjonijiet — Investimenti fil-proġetti*Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
34 478 398	28 634 300	29 908 086,35

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DATA, TAGĦMIR U GĦAMARA (ikompli)

2 1 0 (ikompli)

2 1 0 5 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta max-xiri ta' hardware u software kif ukoll in-nefqa ta' assistenza esterna minn kumpaniji li joffru servizzi u konsulenti tal-IT għal investimenti relatati ma' proġetti tal-ICT eżistenti jew ġodda. L-investimenti jirrigwardaw prinċipalment applikazzjonijiet relatati mal-Membri, applikazzjonijiet leġiżlattivi, amministrattivi, finanzjarji u ta' komunikazzjoni, sigurtà u sikurezza kif ukoll dawk relatati mal-governanza tal-ICT. Hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa f'għodod fuq l-ICT ifffinanzjati b'mod konġunt fil-kuntest tal-kooperazzjoni interistituzzjonali.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 56 000.

2 1 2 **Għamara**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
7 300 000	6 630 000	4 829 516,95

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri, il-kiri, iż-żamma u t-tiswija ta' għamara, b'mod partikolari x-xiri ta' għamara ergonomika tal-uffiċini, is-sostituzzjoni ta' għamara antikwata u bla użu kif ukoll magni tal-uffiċini. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa differenti ta' ġestjoni tal-beni mobbli tal-Parlament Ewropew.

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa ta' madwar EUR 5 000.

2 1 4 **Materjal u installazzjonijiet tekniċi**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
28 045 000	24 874 000	28 486 045,41

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba għax-xiri, il-kiri, iż-żamma u t-tiswija ta' materjal u ta' installazzjonijiet tekniċi kif ukoll għall-ġestjoni tagħhom, b'mod partikolari:

- bosta tipi ta' materjal u ta' installazzjonijiet tekniċi, fissi jew mobbli, marbuta mal-pubblikazzjoni, is-sigurtà (inkluż is-software), il-kantins, il-bini, it-taħriġ tal-persunal, iċ-ċentri sportivi tal-istituzzjoni, eċċ.,

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DATA, TAGĦMIR U GĦAMARA (ikompli)**2 1 4** (ikompli)

- tagħmir, b'mod partikolari tat-tipografija, tas-servizz tat-telefon, tal-kantins, tal-ħwienet, tas-sigurtà, tas-servizz tekniku tal-konferenzi, tas-settur awdjoviżiv, eċċ.,
- materjal speċjali (elettroniku, informatiku, elettriku) flimkien mas-servizzi esterni relatati.

Din l-approprijazzjoni tkopri wkoll il-kostijiet għar-rikliamar għall-bejgħ mill-ġdid u għall-iskrappjar ta' oġġetti li m'għadhomx jaħdmu kif ukoll il-kostijiet marbutin mal-assistenza teknika (konsultazzjoni) għal dossiers li jeħtieġu għarfien espert estern.

Din l-approprijazzjoni tkopri wkoll il-kostijiet marbuta mas-servizzi ta' trasport tat-tagħmir meħtieġ għall-forniment ta' servizzi tekniċi ta' konferenzi fil-post meta mitluba minn Membru, delegazzjoni, grupp politiku jew organu tal-Parlament Ewropew fid-dinja kollha. Dawn jinkludu l-kostijiet ta' trasport kif ukoll il-kostijiet amministrattivi kollha marbuta.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq il-EUR 25 000.

2 1 6 **Trasport ta' Membri, persuni oħra u ta' beni**

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
5 293 000	5 291 000	4 187 109,10

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-akkwist, iż-żamma, l-użu u t-tiswija ta' vetturi (il-flotta tal-karozzi u tar-roti) u l-kiri ta' vetturi, taxis, kowċis u trakkijiet, b'xufier jew mingħajru, inkluża l-assigurazzjoni li tikkorrispondi ma' dawn u kostijiet oħra ta' ġestjoni. Fit-tiġdid tal-flotta tal-karozzi u fix-xiri, fil-lokazzjoni jew fil-kiri tal-vetturi, tingħata preferenza għall-vetturi li l-inqas iniġġsu, bħall-vetturi ibridi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100 000.

KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI**Kummenti**

Fil-qasam tas-akkwist pubbliku, l-istituzzjoni tikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali miksuba minn kull istituzzjoni individwali.

KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI (ikompli)

2 3 0 Kanċellerija, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1 058 000	879 000	836 696,72

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri ta' karti, envelops, għamara tal-uffiċċini, prodotti għall-istamperija u għall-istudios tar-riproduzzjoni, eċċ., kif ukoll l-kostijiet ta' ġestjoni f'dan ir-rigward.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 28 000.

2 3 1 Tariffi finanzjarji

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
250 000	650 000	220 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż bankarji (primjums, primjums ta' skambju, spejjeż diversi) u l-ispejjeż finanzjarji l-oħra, fosthom l-kostijiet marbuta mal-iffinanzjar tal-bini.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

2 3 2 Kostijiet legali u ħsarat

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1 583 500	1 375 000	680 247,34

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- il-kostijiet għar-reklutaġġ ta' bailiffs biex jirrappreżentaw lill-Parlament Ewropew għall-fini ta' notifika tad-deċiżjonijiet tiegħu,
- kostijiet li l-Parlament Ewropew jista' jiġi obligat iħallas mill-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Qorti Ġenerali jew mill-qorti nazzjonali,

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI (*ikompli*)**2 3 2** (*ikompli*)

- il-kostijiet għas-servizzi ta' avukati esterni li jirrappreżentaw lill-Parlament Ewropew fit-Tribunali tal-Unjoni u nazzjonali, kif ukoll il-kostijiet għas-servizzi ta' konsulenti legali jew esperti biex jgħinu fis-servizz legali,
- ir-rifużjoni tal-onorarji għas-servizzi ta' avukat fil-kuntest tal-proċeduri dixxiplinarji u simili,
- spejjeż ta' ħsarat u interessi,
- l-ammont ta' kumpens approvat bi ftehim bonarju, skont l-applikazzjoni tal-Kapitolu 11 tat-Titolu III tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ġenerali jew tal-Kapitolu VII tat-Titolu IV tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,
- multi amministrattivi tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa ta' madwar EUR 5 000.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

2 3 6 **Servizzi postali u ta' ġarr**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
378 500	300 000	142 468,82

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tariffi postali, l-ipproċessar u l-kunsinna ta' oġġetti permezz tas-servizzi postali nazzjonali jew permezz ta' kumpaniji privati tal-ġarr.

Hija wkoll maħsuba biex tkopri servizzi pprovduti fil-qasam tal-posta.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 12 000.

KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI (ikompli)

2 3 7 Rilokazzjonijiet

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
2 305 000	1 520 000	1 514 780,28

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet marbuta max-xogħol tar-rilokazzjoni u tal-manutenzjoni magħmula permezz ta' kumpaniji ta' rilokazzjoni jew minn persunal temporanju pprovdut minn aġenziji esterni.

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa ta' madwar EUR 5 000.

2 3 8 Nefqiet amministrattivi oħra

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
2 214 000	1 672 000	1 143 152,20

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- l-assikurazzjonijiet li mhumiex stipulati b'mod speċifiku f'xi punt ieħor,
- ix-xiri u l-kura ta' uniformijiet għall-ushers, għax-xufiera, għar-receptionists, għall-ħaddiema tal-imħażen, għall-persuni li jaħdmu fil-ġarr u l-persunal impjegati fis-Servizz ta' Żjarat u Seminars, il-Parlamentarium, is-servizzi mediċi, is-servizzi ta' sigurtà, is-servizzi ta' manutenzjoni tal-bini u servizzi ta' manutenzjoni tal-bini u servizzi tekniċi differenti,
- infiq varju għall-operat u l-ġestjoni, inklużi l-onorarji ta' ġestjoni mħallsa lill-Uffiċċju għall-Amministrazzjoni u Ħlas ta' Intitolamenti Individwali (PMO) fir-rigward tal-pensjonijiet statutorji tal-ex Membri, l-ispejjeż relatati mal-kontroll tas-sigurtà tal-persuni esterni li jaħdmu fil-binjiet jew fis-sistemi tal-Parlament Ewropew, ix-xiri ta' proprjetà mobbli jew ta' servizzi mhux speċifikament previsti f'partita oħra,
- xiri varju marbut mar-responsabbiltà soċjali korporattiva tal-Parlament Ewropew, inkluża l-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS),
- servizzi varji marbuta mal-ġestjoni finanzjarja u tal-inventarju tal-Parlament Ewropew.

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa ta' madwar EUR 5 000.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI (ikompli)

2 3 9 L-attivitajiet tal-EMAS u ta' sostenibbiltà, inkluża l-promozzjoni, u l-iskema tal-Parlament Ewropew ta' kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1 330 000	1 100 000	912 493,57

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa relatata mal-attivitajiet ta' sostenibbiltà fil-Parlament Ewropew u l-attivitajiet tal-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) li għandhom l-għan li jtejbju l-prestazzjoni ambjentali tal-Parlament Ewropew, inkluża l-promozzjoni ta' dawn l-attivitajiet, u l-iskema tal-Parlament Ewropew ta' kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju.

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa ta' madwar EUR 5 000.

TITOLU 3

IN-NEFQA ĠENERALI GĦALL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODIZZJONI U DISSEMINAZZJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
	KAPITOLU 3 0				
3 0 0	<i>Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta'xogħol</i>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	23 905 000	23 430 000	20 797 000,—	87
3 0 2	<i>Nefqiet għal riċevimenti u rappreżentazzjoni</i>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 017 200	941 900	761 597,55	74,87
3 0 4	<i>Nefqiet varji għal laqgħat</i>				
3 0 4 0	Nefqiet varji għal laqgħat interni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	266 000	243 000	128 797,29	48,42
3 0 4 2	Laqgħat, kungressi, konferenzi u delegazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 381 000	2 840 000	1 932 082,01	81,15
3 0 4 9	Nefqa għall-aġenziji tal-ivvjaġġar				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 264 000	2 050 000	1 960 000,—	60,05
	<i>Artikolu 3 0 4 — Total</i>	5 911 000	5 133 000	4 020 879,30	68,02
	KAPITOLU 3 0 — TOTAL	30 833 200	29 504 900	25 579 476,85	82,96
	KAPITOLU 3 2				
3 2 0	<i>Akkwist tal-opinjoni tal-esperti</i>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	4 911 000	6 701 715	5 013 552,71	102,09
3 2 1	<i>Nefqa għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari, inklużi l-biblijoteka, l-arkivji storiċi, il-valutazzjoni tal-għażliet xjentifiċi u teknoloġiċi (STOA) u ċ-Ċentru Ewropew tal-Midja Xjentifika</i>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	9 066 000	10 010 000	8 323 874,57	91,81

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI (ikompli)

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
3 2 2	Akkwist tal-informazzjoni u arkivjar				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 258 000	3 261 000	2 819 197,90	86,53
3 2 3	Appoġġ għad-demokrazija u l-bini ta' kapaċità għall-parlamenti ta' pajjiżi terzi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 250 000	1 400 000	400 614,59	32,05
3 2 4	Produzzjoni u tixrid				
3 2 4 0	Il-Ġurnal Uffiċjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
3 2 4 1	Pubblikazzjonijiet diġitali u tradizzjonali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	5 291 000	4 722 000	5 535 528,76	104,62
3 2 4 2	Nefqiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	36 120 550	55 974 000	28 718 111,52	79,51
3 2 4 3	Ċentri għall-Viżitaturi tal-Parlament Ewropew				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	29 965 500	32 707 385	21 019 494,85	70,15
3 2 4 4	L-Organizzazzjoni u l-ospitalità ta' gruppi ta' viżitaturi, il-programm Euroscola u stedinet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	33 135 636	34 663 000	33 228 600,—	100,28
3 2 4 5	L-organizzazzjoni ta' symposia, seminars u attivitajiet kulturali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	4 660 500	3 960 500	2 723 492,06	58,44
3 2 4 8	In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviżiva				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	21 585 300	15 885 000	23 134 800,32	107,18
3 2 4 9	Skambji ta' informazzjoni mal-Parlamenti nazzjonali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	246 000	235 000	54 527,70	22,17
	<i>Artikolu 3 2 4 — Total</i>	131 004 486	148 146 885	114 414 555,21	87,34

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI (ikompli)

Artikolu Partita	Intestatura	Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
3 2 5	Nefqa relatata mal-uffiċċji ta' kollegament				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	10 573 000	9 900 000	9 832 149,09	92,99
	KAPITOLU 3 2 — TOTAL	160 062 486	179 419 600	140 803 944,07	87,97
	Titolu 3 — Total	190 895 686	208 924 500	166 383 420,92	87,16

TITOLU 3

IN-NEFQA ĠENERALI GĦALL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI

3 0 0 **Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' xogħol**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
23 905 000	23 430 000	20 797 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta mal-ivvjaġġar magħmul mill-persunal tal-istituzzjoni, mill-esperti nazzjonali sekondati, trainees u persunal ta' istituzzjonijiet Ewropej jew internazzjonali oħra mistiedna mill-istituzzjoni mill-post tal-impieg lejn xi wieħed mit-tliet postijiet ta' xogħol tal-Parlament Ewropew (Brussell, il-Lussemburgu u Strasburgu) u għal missjonijiet lejn kull post ieħor barra mit-tliet postijiet ta' xogħol. In-nefqa hija magħmula minn kostijiet tat-trasport, il-ħlas ta' allowances ta' kuljum, il-kostijiet ta' akkomodazzjoni u l-allowances ta' kumpens għal xogħol li jsir barra l-ħinijiet normali. Kostijiet supplimentari (fosthom il-kanċellazzjoni ta' biljetti tat-trasport u ta' riservazzjonijiet ta' lukandi, il-kostijiet marbuta mas-sistema ta' fatturazzjoni elettronika, il-kostijiet marbuta mal-assikurazzjoni għall-missjonijiet) huma koperti wkoll.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa marbut mal-possibilità ta' kumpens għall-emissjoni tal-karbonju għall-missjonijiet u vjaġġar tal-istaff.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 200 000.

Baziġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu u l-Artikoli 11, 12 u 13 tal-Anness VII tiegħu.

3 0 2 **Nefqiet għal riċevimenti u rappreżentazzjoni**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1 017 200	941 900	761 597,55

KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI (ikompli)

3 0 2 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- l-ispejjeż marbuta mal-obbligi tal-istituzzjoni rigward riċevimenti, inklużi dawk marbuta mal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-għażliet xjentifiċi u teknoloġiċi (STOA), ta' attivitajiet ta' riċerka u ta' prospettiva oħrajn, kif ukoll spejjeż ta' rappreżentanza għall-Membri tal-Parlament Ewropew,
- l-ispejjeż ta' rappreżentanza tal-President fil-vjaġġi tagħha barra mill-postijiet tax-xogħol,
- proġetti mużikali,
- l-ispejjeż ta' rappreżentanza u kontribuzzjoni għall-ispejjeż tas-segretarjat tal-uffiċċju tal-President,
- l-ispejjeż ta' riċeviment u ta' rappreżentanza tas-Segretarjat Ġenerali, fosthom ix-xiri ta' artikoli u ta' medalji għall-uffiċjali li laħqu l-ħmistax u/jew il-ħamsa u għoxrin sena ta' servizz,
- in-nefqa diversa tal-protokoll, bħal bnadar, apparat tal-wiri, kartolini ta' stedina, stampar ta' menus, eċċ.,
- l-ispejjeż ta' vvjaġġar u sussistenza li jkollhom il-viżitaturi VIP tal-istituzzjoni,
- il-kostijiet tal-viża tad-deputati u l-aġenti tal-Parlament Ewropew relatati mal-vjaġġi uffiċjali,
- l-ispejjeż għal riċevimenti u rappreżentazzjoni u l-ispejjeż l-oħra speċifiċi għall-Membri li għandhom funzjoni uffiċjali fi ħdan il-Parlament Ewropew.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

3 0 4 Nefqiet varji għal laqgħat

3 0 4 0 Nefqiet varji għal laqgħat interni

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
266 000	243 000	128 797,29

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet marbuta ma' xarbiet, u kultant ikliet ħfief, servuti fil-laqgħat tal-Parlament Ewropew jew waqt laqgħat interistituzzjonali organizzati fil-binjiet tiegħu, kif ukoll il-ġestjoni ta' dawn is-servizzi.

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa ta' madwar EUR 5 000.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI (ikompli)**3 0 4** (ikompli)

3 0 4 2 Laqgħat, kungressi, konferenzi u delegazzjonijiet

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
2 381 000	2 840 000	1 932 082,01

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri partikolarment l-kostijiet, barra minn dawk koperti mill-Kapitolu 1 0 u mill-artikolu 3 0 0, marbuta:

- mal-organizzazzjoni ta' laqgħat barra mill-postijiet tax-xogħol (kumitati jew id-delegazzjonijiet tagħhom, gruppi politiċi), inklużi, fejn xieraq, in-nefqa ta' rappreżentanza,
- mal-organizzazzjoni tad-delegazzjonijiet interparlamentari, tad-delegazzjonijiet ad hoc, tal-kumitati parlamentari konġunti, tal-kumitati parlamentari ta' kooperazzjoni u tad-delegazzjonijiet parlamentari għad-WTO, kif ukoll il-konferenza parlamentari dwar id-WTO u tal-kumitat ta' tmexxija tagħha,
- mal-organizzazzjoni tad-delegazzjonijiet għall-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, tal-Assemblea Parlamentari EuroLat, tal-Assemblea Parlamentari Euronest u tal-korpi tagħhom,
- mal-organizzazzjoni tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran (APUghM), tal-kumitati tagħha u tal-Bureau tagħha; dawn in-nefqi fihom il-kontribut tal-Parlament Ewropew għall-baġit tas-segretarjat awtonomu tal-APUghM jew ir-responsabbiltà diretta tal-ispejjeż li jirrappreżentaw is-sehem tal-Parlament Ewropew għall-baġit tal-APUghM,
- mal-ħlas lill-organizzazzjonijiet internazzjonali fejn il-Parlament jew wieħed mill-organi tiegħu huwa membru (l-Unjoni Interparlamentari, l-Assoċjazzjoni tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlamenti, il-Grupp 12+ tal-Unjoni Interparlamentari),
- ir-rimborż lill-Kummissjoni, abbażi ta' ftehim ta' servizz iffirmat bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, tas-sehem tal-Parlament Ewropew min-nefqa tal-produzzjoni tal-laissez-passer Komunitarju (tagħmir, persunal u provvisti), f'konformità mal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet (l-Artikolu 6), l-Artikolu 23 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 11 u 81 tal-kondizzjonijiet tal-impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1417/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistipula l-għamla tal-laissez-passer maħruġ mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 353, 28.12.2013, p. 26),
- il-parteċipazzjoni f'laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija tal-Programm InvestEU u laqgħat uffiċjali mal-Membri kompetenti tal-kumitati parlamentari (inklużi spejjeż tal-ivvjaġġar, akkomodazzjoni u forniment tal-ikel) ta' persuni maħtura mill-Parlament Ewropew fil-Bord ta' Tmexxija tal-Programm InvestEU.

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa ta' madwar EUR 5 000.

KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI (ikompli)

3 0 4 (ikompli)

3 0 4 9 Nefqa għall-aġenziji tal-ivvjaġġar

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
3 264 000	2 050 000	1 960 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet tal-operat tal-aġenzija tal-ivvjaġġar li għandhom kuntratt mal-Parlament Ewropew.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 6 000.

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI

3 2 0 **Akkwist tal-opinjoni tal-esperti**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
4 911 000	6 701 715	5 013 552,71

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- il-kostijiet ta' kuntratti ma' esperti kwalifikati u istituti ta' riċerka għall-istudji u l-attivitajiet l-oħra ta' riċerka (sessjonijiet ta' ħidma, diskussjonijiet madwar mejda, gruppi ta' esperti u seduti ta' smigħ ma' esperti, konferenzi) jew ta' assistenza teknika li teħtieġ kompetenzi speċifiċi, magħmula mill-korpi tal-Parlament Ewropew għall-kumitati parlamentari, id-delegazzjonijiet parlamentari u l-amministrazzjoni,
- il-ksib jew il-kiri ta' sorsi ta' informazzjoni speċjalizzata, bħal databażijiet speċjalizzati, litteratura relatata jew appoġġ tekniku, meta tkun meħtieġa bħala komplement għall-kuntratti għal għarfien espert imsemmija hawn fuq,
- l-ispejjeż għall-ivvjaġġar, għas-soġġorn u nfiq ieħor tal-esperti u personalitajiet oħra – inklużi persuni li jressqu petizzjonijiet lill-Parlament Ewropew – li jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fil-kumitati, fid-delegazzjonijiet u fil-gruppi ta' studju u ta' ħidma, kif ukoll fil-workshops,
- il-kostijiet tal-parteċipazzjoni tal-petizzjonanti, inklużi l-ispejjeż għall-ivvjaġġar, għas-soġġorn u nfiq ieħor, waqt il-missjonijiet uffiċjali tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet barra mill-bini tal-Parlament Ewropew,

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(ikompli)

3 2 0 (ikompli)

- il-kostijiet tat-tqassim ta' prodotti tar-riċerka parlamentari interna jew esterna u ta' prodotti rilevanti oħra, għall-benefiċċju tal-istituzzjoni u tal-pubbliku (b'mod partikolari permezz tal-pubblikazzjonijiet fuq l-internet, ta' bażijiet ta' data interni, fuljetti u publikazzjonijiet),
- in-nefqa sabiex jissejġu persuni esterni biex jieħdu sehem fix-xogħol ta' entitajiet bħall-Bord tad-Dixxiplina,
- il-kost tal-kontroll, min-naħa ta' fornituri ta' servizz, tal-veradiċità tad-dokumenti mressqa mill-kandidati għar-reklutaġġ.

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 74 000.

3 2 1 **Nefqa għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari, inklużi l-biblijoteka, l-arkivji storiċi, il-valutazzjoni tal-għażliet xjentifiċi u teknoloġiċi (STOA) u ċ-Ċentru Ewropew tal-Midja Xjentifika**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
9 066 000	10 010 000	8 323 874,57

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal attivitajiet tad-DĠ EPRS u tas-servizzi ċentrali tas-Segretarju Ġenerali, b'mod partikolari:

- l-akkwist tal-għarfien speċjalizzat u ta' sostenn għal attivitajiet ta' riċerka tal-Parlament Ewropew (inkluż artikli, studji, workshops, seminars, round tables, bordijiet ta' esperti u konferenzi), li jistgħu jsiru jekk meħtieġ flimkien ma' istituzzjonijiet oħra, organizzazzjonijiet internazzjonali, dipartimenti tar-riċerka u biblijoteki tal-parlamenti nazzjonali, gruppi ta' riflessjoni, korpi ta' riċerka u esperti kwalifikati oħra,
- l-akkwist tal-għarfien speċjalizzat fl-oqsma tal-istudju tal-impatt u tal-valutazzjoni ex ante u ex post, tal-valur miżjud Ewropew, u tal-ewalwazzjoni tal-Għażliet Xjentifiċi u Teknoloġiċi (STOA),
- l-akkwist jew il-kiri ta' kotba, rivisti, ġurnali, bażijiet ta' data, prodotti tal-aġenziji tal-istamperiji u kwalunkwe appoġġ ta' informazzjoni mmirat għall-biblijoteki f'formati differenti, inkluża n-nefqa għad-drittijiet tal-awtur, is-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità, il-materjali u x-xogħol tal-legatura tal-kotba u l-konservazzjoni, u ta' servizzi rilevanti oħra,
- in-nefqa għas-servizzi esterni tal-arkivjar (organizzazzjoni, għażla, deskrizzjoni, trasferiment għal midja differenti u għal forma mingħajr karta, l-akkwist ta' sorsi tal-arkivji primarji),
- l-akkwist, l-iżvilupp, l-installazzjoni, l-operat u ż-żamma ta' dokumentazzjoni speċjali ta' biblijoteka u tal-arkivjar u ta' materjali speċjali medjatiċi, inkluż materjali u/jew sistemi elettroniċi u informatiċi, kif ukoll materjali għal-legatura u l-konservazzjoni,

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(*ikompli*)

3 2 1 (*ikompli*)

- il-kostijiet tat-tqassim ta' prodotti tar-riċerka parlamentari interna jew esterna u ta' prodotti rilevanti oħra, għall-benefiċċju tal-istituzzjoni u tal-pubbliku (b'mod partikolari permezz tal-pubblikazzjonijiet fuq l-internet, ta' bażijiet ta' data interni, fuljetti u publikazzjonijiet),
- in-nefqa għall-ivvjaġġar, is-soġġorn u aċċessorji tal-esperti u awturi mistiedna biex jipparteċipaw fil-preżentazzjonijiet, is-seminars, il-workshops jew attivitajiet oħra ta' dan it-tip organizzati,
- il-parteċipazzjoni tas-servizz responsabbli għall-Valutazzjoni tal-Għażliet Xjentifiċi u Teknoloġiċi (STOA) fl-attivitajiet ta' entitajiet xjentifiċi Ewropej u internazzjonali,
- l-obbligi tal-Parlament Ewropew skont il-ftehimiet ta' kooperazzjoni internazzjonali u/jew interistituzzjonali, inkluża l-kontribuzzjoni tal-Parlament Ewropew għan-nefqa marbuta mal-ġestjoni tal-arkivji storiċi tal-Unjoni skont ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 354/83,
- in-nefqa taċ-Ċentru Ewropew tal-Midja Xjentifika, bl-operazzjonijiet li minnhom huma ssorveljati mill-Bord għall-Ġejjieni tax-Xjenza u t-Teknoloġija (STOA) tal-Parlament Ewropew, biex tissaħħaħ l-interfaċċa bejn il-Parlament Ewropew, il-komunità xjentifika u l-midja, bil-għan li, b'mod speċifiku, jiġu promossi n-networking, it-taħriġ u t-tixrid tal-għarfien. Dan jinkludi pereżempju:
 - jiġu organizzati dawn l-attivitajiet u tiġi ttrattata n-nefqa (inklużi in-nefqa tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni u l-ikel) marbuta ma' stedinet lil ġurnalisti, partijiet ikkonċernati u esperti oħrajn, biex ikopru l-attivitajiet ikkonċernati,
 - joħolqu u jżommu networks fl-interfaċċa bejn il-Parlament Ewropew, il-komunità xjentifika u l-midja,
 - jorganizzaw seminars, konferenzi u korsijiet ta' taħriġ, dwar l-iżviluppi li għaddejjin u l-attwalitajiet xjentifiċi u teknoloġiċi, u dwar in-natura u l-effikaċċja tal-ġurnaliżmu xjentifiku,
 - jużaw l-informazzjoni u l-analiżi minn esperti, id-dinja akkademika, il-midja u sorsi oħra fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija għall-benefiċċju ta' dawk li jfasslu l-politika u taċ-ċittadini,
 - iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali r-riċerka u d-diversi dokumenti tal-Parlament Ewropew fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija permezz ta' mezzi bil-miktub, awdjoviżivi u oħra,
 - jiżviluppaw tekniki u metodi biex tiżdied il-kapaċità li wieħed jidentifika u jxerred sorsi affidabbli fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija,
 - jiffaċilitaw, għall-iskopijiet ta' dan id-dialogu, l-installazzjoni, it-titjib u l-użu ta' tagħmir tekniku modern u faċilitajiet għall-midja,
 - jiżviluppaw aktar mill-qrib il-kooperazzjoni u, b'mod aktar ġenerali, ir-rabtiet bejn il-Parlament Ewropew, il-midja, l-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka rilevanti f'dan il-qasam, inkluż permezz ta' promozzjoni fil-midja tar-rwol u l-ħidma taċ-Ċentru Ewropew tal-Midja Xjentifika, kif ukoll l-aċċessibbiltà tiegħu għaċ-ċittadini.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(*ikompli*)**3 2 1** (*ikompli*)

Din l-approprjazzjoni tista' tintuża wkoll biex tappoġġa d-djalogu tal-Parlament Ewropew mal-komunità universitarja, il-midja, il-gruppi ta' riflessjoni u ċ-ċittadini, rigward ix-xogħol ta' prospettivi dwar it-tendenzi fit-tul li jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom id-deċiżuri tal-Unjoni Ewropea, kemm fil-qasam xjentifiku u b'mod usa', permezz ta' seminars, pubblikazzjonijiet kif ukoll attivitajiet oħra elenkati hawn fuq.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 354/83 tal-1 ta' Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 43, 15.2.1983, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2001 dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, kif emendata l-aħħar fit-22 ta' Ġunju 2011 (ĠU C 216, 22.7.2011, p. 19).

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2012 dwar ir-regolamentazzjoni dwar l-amministrazzjoni tad-dokumenti fil-Parlament Ewropew.

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2013 dwar ippjanar tal-politika bil-quddiem u tendenzi fuq perjodu twil ta' żmien: implikazzjonijiet baġitarji għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet (ĠU C 181, 19.5.2016, p. 16), u b'mod partikolari l-paragrafi 7 u 9 tagħha.

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2014 dwar proċeduri li jirregolaw l-akkwist mill-Parlament Ewropew ta' arkivji privati tal-Membri u l-ex Membri.

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' April 2015 dwar l-estimi tad-dħul u tan-nefqa tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2016 (ĠU C 346, 21.9.2016, p. 188), u b'mod partikolari l-paragrafu 30 tagħha.

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' April 2016 dwar l-estimi tad-dħul u tan-nefqa tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2016 (ĠU C 58, 15.2.2016, p. 257), u b'mod partikolari l-paragrafu 54 tagħha.

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' April 2018 dwar l-estimi tad-dħul u tan-nefqa tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2019 (ĠU C 390, 18.11.2019, p. 215), u b'mod partikolari l-paragrafu 49 tagħha.

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Marzu 2019 dwar l-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2020 (ĠU C 108, 26.3.2021, p. 1032), u b'mod partikolari l-paragrafu 47 tagħha.

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(ikompli)

3 2 2 Akkwist tal-informazzjoni u arkivjar

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
3 258 000	3 261 000	2 819 197,90

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- l-abbonamenti għall-ġurnali, perjodiċi u aġenziji tal-informazzjoni, għall-pubblikazzjonijiet u s-servizzi online tagħhom, inklużi l-imposti tal-copyright għar-riproduzzjoni u d-disseminazzjoni bil-miktub u/jew b'mod elettroniku ta' dawn l-abbonamenti u l-kuntratti tas-servizz għall-analiżi tal-istampa u għall-siltiet mill-istampa,
- l-abbonamenti jew il-kuntratti ta' servizz għall-forniment ta' sommarji u analiżi tal-kontenut tal-perjodiċi jew il-ħażna ta' artikolu meħuda minn sorsi ta' dan it-tip fuq midja viżiva,
- l-imposti marbuta mal-użu ta' bażijiet ta' data esterni tad-dokumentazzjoni u tal-istatistika, minbarra l-hardware, u imposti għat-telekomunikazzjoni,
- ix-xiri jew is-sostituzzjoni ta' dizżjunarji u glossarji ġodda ta' kull tip, anke għat-taqsimiet tal-lingwi l-ġodda, u xogħlijiet oħra għas-servizzi lingwistiċi u għall-Unità ta' Verifika tat-Testi Leġislattivi,

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa smat għal EUR 100.

3 2 3 Appoġġ għad-demokrazija u l-bini ta' kapaċità għall-parlamenti ta' pajjiżi terzi

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1 250 000	1 400 000	400 614,59

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- in-nefqa fuq programmi għall-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali tal-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, b'mod partikolari l-Balkani tal-Punent u t-Turkija,
- in-nefqa li ssir għall-promozzjoni tar-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u parlamenti nazzjonali eletti demokratikament minn pajjiżi terzi (għajr dawk imsemmija fl-inċiż preċedenti) kif ukoll ma' organizzazzjonijiet parlamentari reġjonali korrispondenti. L-attivitajiet ikkonċernati huma partikolarment maħsuba għat-tisħiħ tal-kapaċità parlamentari f'demokraziji ġodda u emerġenti b'mod partikolari fil-Viċinat Ewropew (Nofsinar u Lvant),

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(*ikompli*)

3 2 3 (*ikompli*)

- in-nefqa fuq il-promozzjoni ta' attivitajiet b'appoġġ għall-medjazzjoni, u programmi għal mexxejja politiċi żgħażaġh mill-Unjoni Ewropea u minn pajjiżi fil-Viċinat Ewropew estiż: il-Magreb, l-Ewropa tal-Lvant u r-Russja, id-Djalogu Izraelo-Palestinjan u pajjiżi prijoritarji oħrajn deċiżi mill-Grupp għas-Sostenn għad-Demokrazija u Koordinazzjoni tal-Elezzjonijiet,
- in-nefqa magħmula għall-organizzazzjoni tal-premjju Sakharov (b'mod partikolari l-ammont tal-premjju, l-ispejjeż marbuta mal-ivvjaġġar tar-rebbieħ(a) u tal-kandidati finalisti l-oħrajn u tal-akkoljenza tagħhom, l-ispejjeż tal-operat tan-network ta' Sakharov u l-missjonijiet tal-membri tan-network) u għal attivitajiet li għandhom l-għan li jipromwovu d-drittijiet tal-bniedem.

Dawn l-operazzjonijiet jinkludu ż-żjarat ta' informazzjoni fil-Parlament Ewropew fi Brussell, fil-Lussemburgu jew fi Strasburgu, kif ukoll żjarat fl-Istati Membri u fl-Istati terzi. Din l-appropriazzjoni tkopri l-ispejjeż totali jew parti minnhom tal-parteċipanti, partikolarment il-vjaġġi u n-nefqu marbuta magħhom, l-akkomodazzjoni u l-allowance għas-sussistenza għal kull jum.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

Bażiguridika

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2011 li tistabbilixxi d-direttorat għall-appoġġ tad-demokrazija fid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni tal-Unjoni Ewropea.

3 2 4 **Produzzjoni u tixrid**

3 2 4 0 Il-Ġurnal Uffiċjali

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri is-sehem tal-istituzzjoni min-nefqa tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għall-pubblikazzjoni u t-tixrid u ta' kostijiet oħra anċillari fir-rigward tat-testi li għandhom ikunu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa ta' madwar EUR 5 000.

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(ikompli)

3 2 4 (ikompli)

3 2 4 1 Pubblikazzjonijiet diġitali u tradizzjonali

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
5 291 000	4 722 000	5 535 528,76

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- in-nefġiet kollha għall-pubblikazzjoni b'mod diġitali (siti tal-Intranet) u tradizzjonali (dokumenti u materjal stampat varji maħruġa b'sottokuntratt), inkluża d-distribuzzjoni,
- l-aġġornament u l-manutenzjoni evoluttiva u ta' korrezzjoni tas-sistemi editorjali.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa smat għal EUR 10 000.

3 2 4 2 Nefġiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
36 120 550	55 974 000	28 718 111,52

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- in-nefġiet ta' komunikazzjoni relatata mal-valuri tal-istituzzjoni permezz ta' pubblikazzjonijiet ta' tagħrif, inklużi l-pubblikazzjonijiet elettroniċi, l-attivitajiet marbuta mat-tagħrif, ir-relazzjonijiet pubbliċi u l-parteċipazzjoni fil-manifestazzjonijiet pubbliċi, f'wirjiet u ffieri,
- in-nefġa għall-komunikazzjoni biex lill-Parlament Ewropew tingħata dehra pubblika li tintgħaraf, koerenti u pożittiva, biex jiġu żviluppati prodotti ta' komunikazzjoni mill-kunċett kreattiv sal-prodott finali u jinbdew il-kapaċitajiet biex tinħoloq aġenzija tal-komunikazzjoni interna, inkluż l-aċċess għall-istrumenti tas-settur u għall-pariri ta' esperti esterni,
- il-kofinanzjament ta' azzjonijiet ta' komunikazzjoni permezz ta' programm ta' għotjiet biex jiġi promoss u mkattar fehim aħjar tal-identità, tar-rwol u tan-natura politika tal-Parlament Ewropew, u tiġi stimolata l-kollaborazzjoni man-networks multiplikaturi,
- il-kost relatat mal-monitoraġġ tal-opinjoni pubblika,
- il-kost marbut mal-monitoraġġ tar-riskji għar-reputazzjoni, tad-diżinformazzjoni u t-theddid ibridu, kif ukoll il-għieda kontra dawn il-problemi u s-sensibilizzazzjoni dwarhom,

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(*ikompli*)**3 2 4** (*ikompli*)**3 2 4 2** (*ikompli*)

- il-kost tal-inizjattivi kulturali ta' interess Ewropew, bħall-Premju LUX tal-Parlament Ewropew għaċ-Ċinema Ewropew,
- il-kost tal-organizzazzjoni u r-realizzazzjoni ta' avvenimenti mmirati għaż-żgħażaġh, it-tisħiħ tal-viżibilità tal-Parlament Ewropew fuq il-midja soċjali, u il-monitoraġġ tat-tendenzi fost iż-żgħażaġh,
- il-kost marbut mal-internet mobbli, mat-tekniki interattivi, mal-ispazji li jiffavorixxu s-soċjalizzazzjoni, mal-pjattaformi kollaborattivi u mat-tibdil fl-imġiba tal-utenti tal-internet bil-għan li l-Parlament Ewropew jitqarreb lejn iċ-ċittadin,
- il-kost marbut mal-produzzjoni, mad-distribuzzjoni u mal-hosting min-naħa tal-Parlament Ewropew tal-filmati għall-internet u ta' materjal multimedjali ieħor lest għax-xandir, skont l-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-Parlament Ewropew.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

3 2 4 3 Ċentri għall-Viżitaturi tal-Parlament Ewropew

Ċifri (*Approprijazzjonijiet mhux differenzjati*)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
29 965 500	32 707 385	21 019 494,85

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-installazzjonijiet, il-materjali u l-wirjiet fiċ-Ċentri għall-Viżitaturi tal-Parlament Ewropew, u speċifikament:

- il-Parlamentarium — Ċentru għall-Viżitaturi tal-Parlament Ewropew ta' Brussell, inklużi l-punti ta' informazzjoni mobbli,
- l-ispazji ta' akkoljenza, iċ-ċentri "Europa Experience" u l-punti ta' informazzjoni esterni minn Brussell,
- l-attivitajiet ta' Dar l-Istorja Ewropea, bħas-sistemazzjoni interna speċifika, l-akkwist tal-kollezzjonijiet, l-ispiża għall-kuntratti mal-esperti kwalifikati, l-organizzazzjoni tal-wirjiet u l-kostijiet operattivi inkluż in-nefqa relatata max-xiri ta' kotba, rivisti u pubblikazzjonijiet oħra marbuta mal-attività ta' Dar l-Istorja Ewropea,
- in-nefqa għall-opri tal-arti tal-Parlament Ewropew, kemm il-kostijiet għall-akkwist kif ukoll dawk għax-xiri ta' materjal speċifiku, kif ukoll il-kostijiet kurrenti marbuta magħhom, bħan-nefqa għal konsulenza, konservazzjoni, gwarniċi, restawr, tindif u assigurazzjoni, kif ukoll kostijiet għat-trasport okkażjonali.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 4 000 000.

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(*ikompli*)

3 2 4 (*ikompli*)

3 2 4 4 L-Organizzazzjoni u l-ospitalità ta' gruppi ta' viżitaturi, il-programm Euroscola u stedinet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi

Ċifri (*Approprijazzjonijiet mhux differenzjati*)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
33 135 636	34 663 000	33 228 600,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- is-sussidji mogħtija lill-gruppi ta' viżitaturi u l-kostijiet ta' sorveljanza u ta' infrastruttura marbuta magħhom, il-finanzjament ta' korsijiet għall-multiplikaturi tal-opinjoni ta' pajjiżi terzi (EUVP) u l-kostijiet għall-funzjonament tal-programmi Euroscola, Euromed-Scola u Euronest-Scola. Il-programmi Euromed-Scola u Euronest-Scola għandhom isiru kull sena, minbarra fis-snin elettorali, alternattivament, f'binjiet tal-Parlament Ewropew fi Strasburgu jew fi Brussell,
- l-attivitajiet ta' promozzjoni tal-programm EUVP,
- in-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-istrateġija l-għdida ta' akkoljenza tal-viżitaturi u mal-organizzazzjoni tal-jiem għall-pubbliku (open days),
- kampanji fil-midja u organizzazzjoni tal-programm "Skola Ambaxxatriċi tal-Parlament Ewropew".

Din l-appropriazzjoni għandha tiżdied kull sena fuq il-bażi ta' deflatur li jqis il-varjazzjonijiet tad-dħul nazżjonali gross u tal-prezzijiet.

Kull Membru tal-Parlament Ewropew għandu d-dritt jistieden, kull sena ta' kalendarju, massimu ta' ħames gruppi, għal total ta' 110 viżitaturi. Il-gruppi ta' viżitaturi uffiċjalment sponsorizzati minn Membru, jistgħu, fuq stedina ta' dan l-aħħar, jipparteċipaw fil-programm Euroscola.

Ammont xieraq huwa inkluż għall-viżitaturi b'diżabilità.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 525 000.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar regoli li jirregolaw l-akkoljenza ta' gruppi ta' viżitaturi u l-programmi Euroscola, Euromed-Scola u Euronest-Scola, ikkonsolidata fit-3 ta' Mejju 2004, kif emendata l-aħħar fl-24 ta' Ottubru 2016.

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Ottubru 2016 dwar ir-regoli rigward il-varar tal-programm "Skola Ambaxxatriċi tal-Parlament Ewropew" fl-Istati Membri kollha u d-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Settembru 2019 dwar it-tkomplija tal-programm "Skola Ambaxxatriċi tal-Parlament Ewropew" wara l-2019.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(ikompli)

3 2 4 (ikompli)

3 2 4 4 (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tar-Renju Unit u taċ-ċittadini tal-UE-27 li jgħixu fir-Renju Unit fil-programmi ta' komunikazzjoni tal-Parlament.

3 2 4 5 L-organizzazzjoni ta' symposia, seminars u attivitajiet kulturali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
4 660 500	3 960 500	2 723 492,06

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- in-nefqa jew is-sussidji marbuta mal-organizzazzjoni ta' symposia u seminars nazzjonali jew internazzjonali għall-multiplikaturi tal-opinjoni li ġejjin mill-Istati Membri, mill-pajjiżi fil-proċess ta' adegħjoni u mill-pajjiżi li fihom il-Parlament Ewropew għandu Uffiċċju ta' Kollegament, in-nefqa għall-organizzazzjoni ta' symposia u seminars parlamentari,
- in-nefqa marbuta ma' avvenimenti speċjali fl-emiċikli, fi Strasburgu u fi Brussell, skont il-programm annwali adottat mill-Bureau tal-Parlament Ewropew,
- in-nefqa marbuta mas-servizzi ta' ġestjoni tal-konferenzi, miżuri u għodod ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-konferenzi u għall-multilingwiżmu, bħal seminars u konferenzi, laqgħat b'dawk responsabbli mit-taħriġ ta' interpreti jew tradutturi, miżuri u azzjonijiet għas-sensibilizzazzjoni dwar il-multilingwiżmu u għall-promozzjoni tal-professjoni ta' interpreti jew ta' traduttur, inkluż programm ta' għotjiet għall-universitajiet, l-iskejjel u organizzazzjonijiet oħra li joffru korsijiet għall-interpretazzjoni jew it-traduzzjoni, soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni virtwali, kif ukoll il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet u f'miżuri simili organizzati b'mod konġunt ma' servizzi oħra fil-kuntest ta' kooperazzjoni interistituzzjonali u internazzjonali,
- l-ispejjeż marbuta mal-organizzazzjoni ta' symposia u seminars relatati mat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,
- il-kostijiet marbuta mal-istedina ta' ġurnalisti u multiplikaturi tal-opinjoni oħrajn fis-seduti plenarji, fil-laqgħat tal-kumitati, fil-konferenzi stampa u f'attivitajiet parlamentari oħrajn,
- l-ispejjeż marbuta mal-Premju Daphne Caruana Galizia,
- in-nefqa għat-taħriġ u l-boroż ta' studju għal ġurnalisti żgħażaġh,
- in-nefqa relatata mal-organizzazzjoni ta' konferenzi, seminars u attivitajiet oħra li jkopru kwistjonijiet baġitarji u finanzjarji ta' rilevanza għall-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew u għall-finanzi tal-Membri, inklużi l-awtonomizzazzjoni tal-Membri u l-iffinanzjar tal-istrutturi politiċi,

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(ikompli)

3 2 4 (ikompli)

3 2 4 5 (ikompli)

— in-nefġiet konnessi mal-organizzazzjoni ta' symposia u seminars dwar is-sigurtà fil-livelli interistituzzjonali u internazzjonali.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 25 000.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2020 dwar il-Premju Daphne Caruana Galizia għall-ġurnalisti.

3 2 4 8 In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviżiva

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
21 585 300	15 885 000	23 134 800,32

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, it-tiswija u l-ġestjoni ta' apparat u ta' installazzjonijiet tekniċi tas-settur awdjoviżiv,
- il-baġit operattiv tas-settur awdjoviżiv (servizzi taħt ir-reġija proprja u assistenza esterna bħal servizzi tekniċi lill-istazzjonijiet televiżivi u tar-radju, ir-realizzazzjoni, il-produzzjoni, il-koproduzzjoni u x-xandir ta' programmi awdjoviżivi, kiri ta' frekwenzi u trażmissjoni ta' programmi televiżivi u tar-radju, azzjonijiet oħra ta' żvilupp tar-relazzjonijiet tal-istituzzjoni mal-entitajiet tax-xandir awdjoviżiv),
- in-nefġiet marbuta max-xandir dirett, fuq l-internet, tas-seduti plenarji u tal-laqgħat tal-kumitati parlamentari,
- il-ħolqien ta' arkivji xierqa li jiżguraw l-aċċess permanenti tal-midja u taċ-ċittadini għal din l-informazzjoni,
- in-nefġiet marbuta mal-manutenzjoni tal-infrastruttura informatika fis-swali stampa fi Brussell u fi Strasburgu.
- kuntratti ta' servizz għal (i) il-forniment ta' monitoraġġ u analiżi tal-midja fil-forma ta' sommarji ta' aħbarijiet u artikli testwali sħaħ minn stabbilimenti tal-midja, (ii) l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' bażi tad-data ddedikata għall-ħżin ta' tali data, u (iii) ir-riżorsi umani (esterni) meħtieġa biex tiġi sfruttata dik id-data.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(ikompli)

3 2 4 (ikompli)

3 2 4 8 (ikompli)

Bażiguridika

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2002 dwar il-linji ta' gwida dwar il-proċedura baġitarja 2003 (ĠU C 47 E, 27.2.2003, p. 72).

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2002 dwar l-istimi tad-dħul u tan-nefqa tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2003 (ĠU C 180 E, 31.7.2003, p. 150).

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2003 dwar l-istimi tad-dħul u l-infiq tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2004 (ĠU C 67 E, 17.3.2004, p. 179).

3 2 4 9 Skambji ta' informazzjoni mal-Parlamenti nazzjonali

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
246 000	235 000	54 527,70

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

L-ammont imdaħħal fil-baġit	88 999 498

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	3 186 182 6 6 0 0
----------	-------------------

Bażiġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 911/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 115).

Ir-Regolament (UE) 2016/1625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 77).

Ir-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 234, 22.9.2023, p. 48).

02 10 03 **L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
28 564 091	28 564 091	27 348 636	27 348 636	26 164 199,—	26 164 199,—

KAPITOLU 02 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI (ikompli)

02 10 03 (ikompli)

Kummenti

L-ERA tikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri u l-funzjonament effettiv ta' żona ferrovjarja unika Ewropea mingħajr fruntieri, billi tiggarantixxi livell għoli ta' sikurezza u interoperabbiltà ferrovjarja, filwaqt li ttejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tas-settur ferrovjarju. B'mod partikolari, l-ERA tikkontribwixxi, fir-rigward ta' kwistjonijiet tekniċi, għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni billi tiżviluppa approċċ komuni għas-sikurezza fis-sistema ferrovjarja tal-Unjoni u billi ttejjeb il-livell ta' interoperabbiltà fis-sistema ferrovjarja tal-Unjoni. Obiettivi oħra tal-ERA huma li jiġi segwit it-tnaqqis tar-regoli ferrovjarji nazzjonali sabiex tiġi appoġġata l-prestazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali li jaġixxu fl-oqsma tas-sikurezza u l-interoperabbiltà ferrovjarja, li tiġi promossa l-ottimizzazzjoni tal-proċeduri, li jiġu mmonitorjati l-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza u l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u li jiġu ġestiti u jinżammu aġġornati għadd ta' reġistri, li huwa vitali għat-tħaddim bla xkiel taż-żona ferrovjarja Ewropea.

Id-dħul fis-seħħ tal-pilastru tekniku tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju ħatar l-ERA bħala l-awtorità tal-Unjoni responsabbli għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' vetturi ferrovjarji, ċertifikati ta' sikurezza uniċi għall-impriżi ferrovjarji u approvazzjonijiet maġenb il-binarij tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	28 645 912
li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-Artikolu tad-dħul 6 6 2)	81 821
L-ammont imdaħħal fil-baġit	28 564 091

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	1 022 594 6 6 0 0
----------	-------------------

Bażiġuridika

Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).

Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1).

Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).

Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102).

Atti ta' referenza

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/764 tat-2 ta' Mejju 2018 dwar it-tariffi u l-imposti li għandhom jiġu jitħallsu lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u l-kundizzjonijiet għall-ħlas (ĠU L 129, 25.5.2018, p. 68).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI (ikompli)

02 10 04 L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

	Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
02 10 04	24 676 083	24 676 083	23 544 889	23 544 889	37 893 440,—	22 893 440,—
Riżervi (30 02 02)			610 000	610 000		
Total	24 676 083	24 676 083	24 154 889	24 154 889	37 893 440,—	22 893 440,—

Kummenti

L-ENISA ġiet stabbilita sabiex ittejjeb il-kapaċità tal-Unjoni, tal-Istati Membri u, bħala konsegwenza, tal-komunità tan-negozju sabiex tevita, tindirizza u twieġeb problemi dwar is-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, l-ENISA se tiżviluppa livell għoli ta' esperjenza u se tippromwovi kooperazzjoni wiesgħa bejn l-atturi mis-settur pubbliku u minn dak privat.

L-għan tal-ENISA huwa li tipprovdi assistenza sabiex tagħti parir lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni li jaqgħu fil-kompetenzi tagħhom u li, meta tintalab, tassisti lill-Kummissjoni fix-xogħol preparatorju tekniku għall-aġġornament u l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà tan-Network u tal-informazzjoni.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	24 953 071
li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-Artikolu tad-dħul 6 6 2)	276 988
L-ammont imdaħħal fil-baġit	24 676 083

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	883 404 6 6 0 0
----------	-----------------

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15).

KAPITOLU 02 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI (ikompli)

02 10 05 Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju BEREC)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
7 819 314	7 819 314	7 647 494	7 647 494	7 337 683,—	7 337 683,—

Kummenti

Il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) jaġixxi bħala korp espert, speċjalizzat u indipendenti għall-għoti ta' pariri li jgħin lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-komunikazzjonijiet elettroniċi biex tippromwovi approċċ regolatorju konsistenti fl-Unjoni kollha. Il-BEREC la huwa korp tal-Unjoni u lanqas għandu personalità ġuridika.

L-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju BEREC) hija stabbilita bħala korp tal-Unjoni b'personalità ġuridika, li jipprovdi lill-BEREC bis-sostenn professjonali u amministrattiv sabiex iwettaq il-kompiti konferiti lilu mir-Regolament (UE) 2018/1971.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	7 851 211
li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu tad-dħul 6 6 2)	31 897
L-ammont imdaħħal fil-baġit	7 819 314

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ għal BEREC (Uffiċċju BEREC), li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 1).

02 10 06 Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
02 10 06	17 175 275	17 175 275	16 657 909	16 657 909	14 506 947,—	14 506 947,—
Riżervi (30 02 02)	1 830 000	1 830 000	842 000	842 000		
Total	19 005 275	19 005 275	17 499 909	17 499 909	14 506 947,—	14 506 947,—

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI (ikompli)

02 10 06 (ikompli)

Kummenti

L-ACER hija korp indipendenti u arbitru newtrali dwar kwistjonijiet regolatorji, li tista' tieħu deċiżjonijiet vinkolanti meħtieġa għall-integrazzjoni tas-Suq Intern Ewropew tal-Enerġija, kemm għall-elettriku kif ukoll għall-gass naturali, u b'hekk tappoġġa l-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-kostruzzjoni ta' Ewropa aktar reżiljenti. L-ACER hija fdata bis-superviżjoni tas-swieq bl-ingrossa tal-elettriku u tal-gass sabiex tipprevjeni, tidentifika u tinvestiga l-manipulazzjonijiet tas-suq.

F'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija, l-ACER tiżgura li l-integrazzjoni tas-suq u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jinkisbu skont l-oġettivi tal-politika tal-enerġija u l-qafas regolatorju tal-Unjoni.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	19 482 253
li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-Artikolu tad-dħul 6 6 2)	476 978
L-ammont imdaħħal fil-baġit	19 005 275

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	680 389 6 6 0 0
----------	-----------------

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22).

Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2576 tat-19 ta' Diċembru 2022 li jsaħħaħ is-solidarjetà permezz ta' koordinazzjoni aħjar tax-xiri tal-gass, parametri referenzjarji affidabbli tal-prezzijiet u skambji transfruntieri tal-gass (ĠU L 335, 29.12.2022, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2578 tat-22 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq biex jipproteġi liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-ekonomija kontra prezzijiet eċċessivament għoljin (ĠU L 335, 29.12.2022, p. 45).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2152 tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar id-drittijiet dovuti lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija għall-ġbir, it-trattament, l-ipproċessar u l-analiżi tal-informazzjoni rrapportata skont ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 428, 18.12.2020, p. 68).

KAPITOLU 02 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI (*ikompli*)**02 10 06** (*ikompli*)

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fil-15 ta' Diċembru 2021, dwar is-suq intern tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu (riformulazzjoni) (COM(2021) 804 final).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fil-15 ta' Diċembru 2021, dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/942 (COM(2021) 805 final).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-14 ta' Marzu 2023, dwar it-tisħiħ tal-protezzjoni tal-Unjoni mill-manipulazzjoni tas-suq tal-enerġija bl-ingrossa u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) 2019/942 (COM(2023) 147 final).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-14 ta' Marzu 2023, dwar it-titjib tad-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2019/942 kif ukoll id-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 (COM(2023) 148 final).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA								
02 20 01	Proġetti pilota	1	1 790 000	7 566 305	4 125 000	10 539 034	3 771 468,—	7 898 105,68	104,39
02 20 02	Azzjonijiet preparatorji	1	12 000 000	6 850 330	p.m.	7 106 007	2 894 350,—	6 363 742,95	92,90
02 20 03	Azzjonijiet oħra								
02 20 03 01	Fond Ewropew tal- Investiment — Forniment ta' azzjonijiet totalment imħallsa ta' kapital sottoskritt	1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
02 20 03 02	Fond Ewropew tal- Investiment — Porzjon eżegwibbli ta' kapital sottoskritt	1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
02 20 03 03	Sikurezza nukleari — Kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment	1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
02 20 03 04	Mekkaniżmu ta' finanzjament għall- enerġija rinnovabbli tal- Unjoni	1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
02 20 03 05	Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) – Superviżjoni ta' pjattaformi online kbar ħafna	1	p.m.	p.m.	3 500 000	3 500 000			
	<i>Artikolu 02 20 03 — Sub- total</i>		p.m.	p.m.	3 500 000	3 500 000	0,—	0,—	
02 20 04	Azzjonijiet iffinanzjati fil-qafas ta' prerogattivi tal-Kummissjoni u ta' setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni								
02 20 04 01	Attivitajiet ta' appoġġ għall-politika Ewropea tat- trasport, għas-sigurtà tat- trasport u għad-drittijiet tal-passiġġieri inklużi attivitajiet ta' komunikazzjoni	1	14 721 660	11 000 000	14 433 000	15 000 000	12 447 650,25	13 101 880,57	119,11
02 20 04 02	Attivitajiet ta' sostenn għall-politika Ewropea tal- enerġija u s-suq intern tal- enerġija	1	6 762 600	6 420 000	6 630 000	6 000 000	6 499 721,12	7 818 706,62	121,79

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJET OĦRA (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 20 04	(ikompli)								
02 20 04 03	Definizzjoni u implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika	1	3 007 423	3 100 000	2 948 312	2 750 000	2 945 031,77	3 574 197,72	115,30
	Artikolu 02 20 04 — Sub-total		24 491 683	20 520 000	24 011 312	23 750 000	21 892 403,14	24 494 784,91	119,37
	Kapitolu 02 20 — Total		38 281 683	34 936 635	31 636 312	44 895 041	28 558 221,14	38 756 633,54	110,93

02 20 01 Proġetti pilota

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 790 000	7 566 305	4 125 000	10 539 034	3 771 468,—	7 898 105,68

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura sperimentali maħsuba biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom.

Il-lista ta' proġetti pilota hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-taqsim, taħt il-Kapitolu PP 02.

Bażiguridika

L-Artikolu 58(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 20 02 Azzjonijiet preparatorji

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
12 000 000	6 850 330	p.m.	7 106 007	2 894 350,—	6 363 742,95

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

02 20 02 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-oqsma tal-applikazzjoni tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri.

Il-lista ta' azzjonijiet preparatorji hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-taqsim, taħt il-Kapitolu PA 02.

Bażiguridika

L-Artikolu 58(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 20 03 **Azzjonijiet oħra**

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw azzjonijiet u attivitajiet mhux inklużi fil-kapitoli preċedenti ta' dan it-titolu, u li madankollu ġie adottat att bażiku għalihom.

02 20 03 01 Fond Ewropew tal-Investment — Forniment ta' azzjonijiet totalment imħallsa ta' kapital sottokritt

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-kapital sottokritt mill-Kummissjoni fil-Fond Ewropew tal-Investment (FEI).

Il-FEI inħoloq fl-1994. Il-membri fundaturi tiegħu kienu l-Komunità Ewropea, rappreżentata mill-Kummissjoni, il-Bank Ewropew għall-Investment (BEI) u għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji.

Bażiguridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/375/KE tas-6 ta' Ġunju 1994 dwar is-sħubija Komunitarja fil-Fond Ewropew tal-Investment (ĠU L 173, 7.7.1994, p. 12).

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

02 20 03 (ikompli)

02 20 03 01 (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/247/KE tad-19 ta' April 2007 dwar il-parteciċipazzjoni tal-Komunità fiż-żieda ta' kapital tal-Fond Ewropew tal-Investment (ĠU L 107, 25.4.2007, p. 5).

Id-Deċiżjoni Nru 562/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-parteciċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fiż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew tal-Investment (ĠU L 156, 24.5.2014, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2021/8 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tivvota favur iż-żieda fil-kapital awtorizzat tal-Fond Ewropew tal-Investment (ĠU L 3 07.01.2021, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

02 20 03 02 Fond Ewropew tal-Investment — Porzjon eżegwibbli ta' kapital sottoskritt

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

L-Unjoni attwalment issottoskriviet 2 190 sehem, li jitħallsu biss b'20 %, li jħallu porzjon eżegwibbli tal-kapital sottoskritt. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament fil-każ ta' seġha fuq l-ammont ta' kapital sottoskritt mill-Unjoni.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/375/KE tas-6 ta' Ġunju 1994 dwar is-sħubija Komunitarja fil-Fond Ewropew tal-Investment (ĠU L 173, 7.7.1994, p. 12).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/247/KE tad-19 ta' April 2007 dwar il-parteciċipazzjoni tal-Komunità fiż-żieda ta' kapital tal-Fond Ewropew tal-Investment (ĠU L 107, 25.4.2007, p. 5).

Id-Deċiżjoni Nru 562/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-parteciċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fiż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew tal-Investment (ĠU L 156, 24.5.2014, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2021/8 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tivvota favur iż-żieda fil-kapital awtorizzat tal-Fond Ewropew tal-Investment (ĠU L 3, 7.1.2021, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

02 20 03 (ikompli)

02 20 03 02 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

02 20 03 03 Sikurezza nukleari — Kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investment

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-għajnuna teknika u ġuridika meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-aspetti ta' sikurezza, ambjentali, ekonomiċi u finanzjarji tal-proġetti li għalihom jintalab il-finanzjament fil-forma ta' selfa ta' Euratom, inkluż studji magħmula mill-Bank Ewropew għall-Investment (BEI). Il-miżuri huma maħsuba wkoll biex jippermettu l-konklużjoni jew twettiq ta' kuntratti ta' self.

L-appropriazzjoni taħt din il-partita se tintuża wkoll biex tkopri jew b'mod temporanju tipprefinanzja l-kostijiet imġarrba mill-Unjoni għall-konklużjoni u t-twettiq ta' operazzjonijiet marbuta mal-operazzjonijiet mutwatarji u mutwanti tal-Euratom.

Kwalunkwe dħul imdaħħal fl-Artikolu 5 5 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal biex jingħataw appropriazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(3) il-punt (a) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nukleari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9).

02 20 03 04 Mekkaniżmu ta' finanzjament għall-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

02 20 03 (ikompli)

02 20 03 04 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri appoġġ mill-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija tal-Unjoni bil-għan li jitnaqqas id-distakk, parzjalment jew kompletament, fir-rigward tal-punti ta' referenza nazzjonali sa fejn l-enerġija rinnovabbli ġġenerata mill-installazzjonijiet iffinanzjati mill-mekkaniżmu ta' finanzjament tkun attribwita statistikament lill-Istati Membri parteċipanti, u tirrifletti l-pagamenti relattivi tagħhom. Jenħtieġ li dan il-mekkaniżmu jiffaċilita lill-Istati Membri bl-opportunità li jżidu s-sehem settorjali tal-enerġija rinnovabbli fis-setturi tal-elettriku, tat-tisħin, tat-tkessiġ u tat-trasport lejn territorji li jiffaċċjaw sfidi soċjoekonomiċi serji li jirriżultaw mill-proċess ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima fl-Unjoni sal-2050.

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

Atti ta' referenza

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1294 tal-15 ta' Settembru 2020 dwar il-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni (ĠU L 303, 17.9.2020, p. 1).

02 20 03 05 Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) – Supervizzjoni ta' pjattaformi online kbar ħafna

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
p.m.	p.m.	3 500 000	3 500 000	

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex tirċievi l-appropriazzjonijiet li jirriżultaw mit-tariffi supervizzorji mħallsa minn pjattaformi online kbar ħafna u magni tat-tiftix kbar ħafna u meħtieġa biex ikopru l-kostijiet imġarrba mill-Kummissjoni b'rabta mal-kompiti supervizzorji tagħha skont ir-Regolament (UE) 2022/2065. Dan jista' jkopri n-nefqa relatata ma':

- id-destinjazzjoni ta' pjattaformi online kbar ħafna u ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna;
- l-istabbiliment, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' bażijiet ta' data;

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĠI EWROPEJ

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

02 20 03 (ikompli)

02 20 03 05 (ikompli)

- l-istabbiliment, il-manutenzjoni u t-tħaddim tal-informazzjoni bażika u tal-infrastruttura istituzzjonali għall-kooperazzjoni bejn il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali, il-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali u l-Kummissjoni;
- riżorsi umani addizzjonali, bħal aġenti kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati; kif ukoll
- nefqa oħra relatata mat-twettiq tal-kompiti supervizzorji previsti fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali fir-Regolament (UE) 2022/2065.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	45 243 000 6 6 8
---------------------	------------------

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).

02 20 04 **Azzjonijiet iffinanzjati fil-qafas ta' prerogattivi tal-Kummissjoni u ta' setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni**

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex jifinanzjaw in-nefqa relatata mal-kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali.

Bażiguridika

L-Artikolu 58(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 20 04 01 Attivitajiet ta' appoġġ għall-politika Ewropea tat-trasport, għas-sigurtà tat-trasport u għad-drittijiet tal-passiġġieri inklużi attivitajiet ta' komunikazzjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
14 721 660	11 000 000	14 433 000	15 000 000	12 447 650,25	13 101 880,57

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)**02 20 04** (ikompli)

02 20 04 01 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-attivitajiet meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika tat-trasport tal-Unjoni, għall-modi tat-trasport kollha (bit-triq, bil-ferrovija, bl-ajru, bil-baħar u bil-passaġġi fuq l-ilma interni). L-azzjonijiet u l-oġettivi ewlenin huma maħsuba biex jappoġġaw il-politika tat-trasport tal-Unjoni, inkluż l-estensjoni għal pajjiżi terzi.

Din l-appropriazzjoni tkopri s-setturi kollha tat-trasport, bħas-sikurezza tat-trasport, is-suq intern tat-trasport, l-ottimizzazzjoni tan-network tat-trasport, il-multimodalità, il-loġistika, id-drittijiet u l-protezzjoni tal-passiġġieri, l-użu ta' fjuwils alternattivi, l-akkwist pubbliku ta' vetturi nodfa u l-mobbiltà urbana, l-aspetti soċjali u tal-ġeneru kif ukoll is-sikurezza u l-protezzjoni tal-utenti tat-trasport.

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe xorta meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, u l-implimentazzjoni tar-regoli u l-miżuri meħtieġa biex itejbu s-sigurtà tat-trasport bl-art, bl-ajru u bil-baħar, inkluż estensjoni lejn pajjiżi terzi, assistenza teknika u taħriġ speċifiku.

L-oġettivi ewlenin huma għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' regoli ta' sigurtà fil-qasam tat-trasport u b'mod partikolari:

- miżuri biex jiġu evitati atti malizzjużi fis-settur tat-trasport,
- approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni, standards tekniċi u prattiki ta' monitoraġġ amministrattiv dwar is-sigurtà tat-trasport,
- definizzjoni ta' indikaturi komuni, metodi u oġettivi ta' sigurtà għas-settur tat-trasport u l-ġbir tad-*data* meħtieġa għal din id-definizzjoni,
- monitoraġġ ta' miżuri meħuda fir-rigward tas-sigurtà tat-trasport mill-Istati Membri, bil-modi kollha tat-trasport,
- koordinazzjoni internazzjonali fir-rigward tas-sigurtà tat-trasport,
- promozzjoni tar-riċerka fil-qasam tas-sigurtà tat-trasport.

L-attivitajiet ta' appoġġ jinkludu studji, konsulenza, evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt, żvilupp u manutenzjoni ta' għodod tal-IT u bażijiet ta'*data*, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u komunikazzjoni inklużi kampanji ta' komunikazzjoni, konferenzi u avvenimenti.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll in-nefqa fuq l-istabbiliment u l-operat ta' korpi ta' spetturi li jikkontrollaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-ajruporti, portijiet u faċilitajiet tal-portijiet fl-Istati Membri, inkluża l-estensjoni għal pajjiżi terzi, u l-vapuri li jtajru l-bandiera ta' xi Stat Membru. Din in-nefqa tinkludi l-indennizz tas-sussistenza u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-ispetturi tal-Kummissjoni u l-ispejjeż tal-ispetturi mill-Istati Membri, li jiġġarrbu skont id-dispożizzjonijiet stipulati f'dik il-leġiżlazzjoni. Il-kostijiet għat-taħriġ tal-ispetturi, għal-laqgħat ta' thejjiġa u għall-provvisti meħtieġa għall-ispezzjonijiet iridu, b'mod partikolari, jiżiedu ma' dik in-nefqa.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

02 20 04 (ikompli)

02 20 04 02 Attivitajiet ta' sostenn għall-politika Ewropea tal-enerġija u s-suq intern tal-enerġija

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
6 762 600	6 420 000	6 630 000	6 000 000	6 499 721,12	7 818 706,62

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa mġarrba mill-Kummissjoni biex tappoġġa l-politika tal-enerġija għall-għbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe tip għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, il-finanzjament, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika Ewropea tal-enerġija kompetittiva, sikura u sostenibbli, tas-suq intern tal-enerġija u l-estensjoni tiegħu lil pajjiżi terzi, tal-aspetti kollha tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija f'perspettiva Ewropea u globali kif ukoll it-tisħiħ tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-utenti tal-enerġija permezz tal-forniment ta' servizzi ta' kwalità bi prezzijiet trasparenti u komparabbli.

L-oġġettivi ewlenin miftiehma huma l-implimentazzjoni ta' politika Ewropea komuni progressiva f'konformità mal-istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija (COM(2015) 80 final) li tiżgura sigurtà ta' provvista kontinwa tal-enerġija, funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-enerġija u aċċess għal networks tat-trasport tal-enerġija, osservazzjoni tas-suq tal-enerġija, governanza u monitoraġġ integrati, analiżi tat-tfassil inkluż xenarji dwar l-impatt tal-politiki kkunsidrati u t-tisħiħ tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-utenti tal-enerġija, abbażi ta' għarfien ġenerali u partikolari tas-swieq tal-enerġija Ewropej kif ukoll globali għal kwalunkwe tip ta' enerġija.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa tal-esperti li tkun marbuta direttament mal-għbir, mal-validazzjoni u mal-analiżi tal-informazzjoni neċessarja dwar l-osservazzjoni tas-suq tal-enerġija, kif ukoll in-nefqa fuq l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, l-ipproċessar diġitali u l-viżwalizzazzjoni tad-*data*, il-konferenzi u l-avvenimenti li jippromwovu attivitajiet fis-settur tal-enerġija, il-pubblikazzjonijiet elettroniċi u stampati, il-prodotti awdjoviżivi kif ukoll l-iżvilupp ta' attivitajiet differenti bbażati fuq il-web u l-midja soċjali li jkunu marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettiv tal-politika tal-enerġija. Din l-appropriazzjoni se tappoġġa wkoll djalogu mtejjeb tal-enerġija mal-imsieħba ewlenin tal-enerġija tal-Unjoni u mal-aġenziji internazzjonali fil-qasam tal-enerġija.

02 20 04 03 Definizzjoni u implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 007 423	3 100 000	2 948 312	2 750 000	2 945 031,77	3 574 197,72

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

02 20 04 (ikompli)

02 20 04 03 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa għal sett ta' miżuri maħsuba li:

- jiżviluppaw il-politika tal-komunikazzjoni elettronika, u jippromwovu (inkluż barra l-Unjoni), jissorveljaw u jikkoordinaw l-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju bil-għan li jitlesta s-suq intern, tiġi promossa l-kompetizzjoni, l-investiment u t-tkabbir u jiġu protetti l-utenti finali fil-medda sħiħa ta' kwistjonijiet fil-komunikazzjonijiet elettroniċi: analiżi ekonomika, valutazzjoni tal-impatt, żvilupp tal-politika u konformità regolatorja,
- jiżviluppaw politika u leġiżlazzjoni b'fokus partikolari fuq kwistjonijiet marbuta ma' kwistjonijiet ta' bejgħ bl-innut u l-konsumaturi, notevolment in-newtralità tan-net, l-iswitching, ir-roaming, l-istimulu tad-domanda u l-użu u s-servizz universali,
- jwettqu l-promozzjoni, il-monitoraġġ u r-reviżjoni tal-politika tar-roaming tal-Unjoni stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 310, 26.11.2015, p. 1),
- jiżviluppaw u jimplementaw regolamenti konsistenti bbażata fuq is-suq li għandhom jiġu applikati mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u li jwieġbu għal notifikati individwali minn daww l-awtoritajiet notevolment fir-rigward ta' swieq rilevanti, kompetizzjoni u interventi regolatorji xierqa, b'mod partikolari għal networks ta' aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss,
- jwettqu l-iżvilupp ta' politiki fil-kategoriji kollha li jiżguraw li l-Istati Membri jimmaniġġaw l-użi kollha tal-ispettru, inklużi l-isferi differenti tas-suq intern bħall-komunikazzjoni elettronika, 5G (inkluż l-internet bil-broadband) u l-innovazzjoni,
- jippromwovu u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju tas-servizzi tal-komunikazzjoni, inkluż il-mekkaniżmu pprovdut fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33),
- jippermettu lill-pajjiżi terzi jsegwu politika ta' ftuħ tas-swieq tagħhom bl-istess mod bħal fl-Unjoni,
- jippromwovu u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-Programm tal-Politika tal-Ispettru tar-Radju (Id-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju (ĠU L 81, 21.3.2012, p. 7)),
- jwettqu l-iżvilupp ta' politiki dwar id-drittijiet tal-awtur fil-livell tal-Unjoni, inkluż tad-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-Bażi tad-Data (ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20),
- jiżviluppaw, jimplementaw u jimmonitorjaw politiki fil-kuntest tas-suq uniku diġitali dwar il-kummerċ elettroniku fl-Unjoni, b'mod partikolari daww marbuta mad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ("Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku") (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1), inkluż il-valutazzjoni tal-ostakli legali u ekonomiċi li jirriżultaw mill-qafas tas-suq intern għall-kummerċ elettroniku jew minn miżuri relatati,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

02 20 04 (ikompli)

02 20 04 03 (ikompli)

— jwettqu l-appoġġ tal-implimentazzjoni u t-twettiq ta' politiki fil-kuntest tal-Gvern elettroniku (b'mod partikolari l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-gvern elettroniku 2016-2020) u ta' eIDAS (ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73) sabiex javvanzaw il-kwalità u l-innovazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u jaċċellera l-użu mis-settur privat u pubbliku fuq skala kbira tal-identifikazzjoni ta' fiduċja u tas-servizzi fiduċjarji fis-suq uniku diġitali.

Dawk il-miżuri jikkonsistu, fost l-oħrajn, fit-thejgħ ta' analiżi u rapporti tal-progress, konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mal-pubbliku, thejgħja tal-komunikazzjonijiet, proposti leġiżlattivi u monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, traduzzjonijiet ta' notifiċi u konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

Din l-appropriazzjoni hija wkoll maħsuba li tkopri, b'mod partikolari, il-kuntratti għal analiżi u rapporti ta' esperti, l-istudji speċifiċi, ir-rapporti ta' evalwazzjoni, l-attivitatijiet ta' koordinament, l-għoti ta' għajjnuna u l-finanzjament parzjali ta' xi miżuri.

Barra minn hekk, hija maħsuba wkoll li tkopri n-nefqa tal-laqgħat ta' esperti, avvenimenti ta' komunikazzjoni, miżati għas-sħubija, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ilhug tal-oġġettivi tal-politika jew miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompi ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

TITOLU 03
SUQ UNIKU

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

TITOLU 03
SUQ UNIKU

Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2024 u 2023) u eżitu (2022)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
03 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL- CLUSTER "SUQ UNIKU"	29 548 000	29 548 000	28 196 090	28 196 090	25 514 951,08	25 514 951,08
03 02	PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU	573 302 000	572 297 738	575 224 000	587 663 946	662 613 623,47	514 395 002,14
03 03	PROGRAMM TAL-UNJONI KONTRA L-FRODI	25 505 999	23 211 637	24 850 000	26 370 516	24 368 514,15	22 249 561,20
03 04	KOOPERAZZJONI FIL- QASAM TAT-TASSAZZJONI (FISCALIS)	38 132 232	30 137 501	37 378 659	35 870 000	36 609 837,72	26 693 704,02
03 05	KOOPERAZZJONI FIL- QASAM TAD-DWANA (DWANA)	135 414 000	104 538 141	132 753 000	119 560 000	129 928 071,62	108 629 164,80
03 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI	130 458 088	130 458 088	125 630 485	125 630 485	115 937 910,81	115 937 909,81
	<i>Riżervi (30 02 02)</i>	5 107 785	5 107 785				
		135 565 873	135 565 873	125 630 485	125 630 485	115 937 910,81	115 937 909,81
03 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJET OĦRA	20 760 000	19 657 014	15 200 000	19 867 563	27 295 850,—	16 143 035,24
	Titolu 03 — Total	953 120 319	909 848 119	939 232 234	943 158 600	1 022 268 758,85	829 563 328,29
	Riżervi (30 02 02)	5 107 785	5 107 785				
	Total inklużi r-riżervi	958 228 104	914 955 904	939 232 234	943 158 600	1 022 268 758,85	829 563 328,29

TITOLU 03

SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SUQ UNIKU"

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	% 2022/2024
03 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SUQ UNIKU"					
03 01 01	Nefqa ta' appoġġ għall-Programm għas-Suq Uniku					
03 01 01 01	Nefqa ta' appoġġ għall-Programm għas-Suq Uniku	1	13 768 000	13 710 000	12 393 463,26	90,02
03 01 01 73	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali — Kontribuzzjoni mill-Programm għas-Suq Uniku	1	2 897 000	1 613 014	1 673 802,68	57,78
03 01 01 76	Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-SMEs — Kontribuzzjoni mill-Programm għas-Suq Uniku	1	12 283 000	12 273 076	10 847 685,14	88,31
	<i>Artikolu 03 01 01 — Sub-total</i>		28 948 000	27 596 090	24 914 951,08	86,07
03 01 02	Nefqa ta' appoġġ għal Fiscalis	1	300 000	300 000	300 000,—	100
03 01 03	Nefqa ta' appoġġ għal Dwana	1	300 000	300 000	300 000,—	100
	Kapitolu 03 01 — Total		29 548 000	28 196 090	25 514 951,08	86,35

Kummenti

L-approprijazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa ta' natura amministrattiva (bħal studji, laqgħat tal-esperti, u informazzjoni u pubblikazzjonijiet) marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programmi jew tal-miżuri li jaqgħu taħt dan il-cluster u kwalunkwe nefqa oħra għall-assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompit ta' awtorità pubblika li jkunu esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul assenjat ieħor, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti smati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SUQ UNIKU" (ikompli)

03 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Programm għas-Suq Uniku

03 01 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Programm għas-Suq Uniku

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
13 768 000	13 710 000	12 393 463,26

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm għas-Suq Uniku u tal-linji gwida speċifiċi għas-settur, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni inkluż sistemi tal-informazzjoni u tat-teknoloġija korporattivi. Din l-approprjazzjoni tista' tintuża wkoll għall-finanzjament ta' miżuri li jappoġġaw il-preparazzjoni ta' proġetti jew miżuri marbuta mal-kisbiet tal-obiettivi tal-programm.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	492 894 6 6 0 0
----------	-----------------

Baziġuridika

Ara l-Kapitolu 03 02.

03 01 01 73 L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali — Kontribuzzjoni mill-Programm għas-Suq Uniku

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
2 897 000	1 613 014	1 673 802,68

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet operatorji tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea Diġitali u tas-Saħħa (HaDEA) mġarrba bir-rwol tal-HaDEA fl-implimentazzjoni tal-Programm tas-Suq Uniku (2021-2027) u t-tlestija tal-programmi preċedenti.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-HaDEA huwa stabbilit fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsim.

Baziġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

KAPITOLU 03 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER “SUQ UNIKU” (ikompli)

03 01 01 (ikompli)

03 01 01 73 (ikompli)

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

Ara l-Kapitolu 03 02.

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 948 tat-12 ta' Frar 2021 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali bil-ħsieb li twettaq kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-Ewropa Diġitali, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa — id-Diġitali, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, is-Suq Uniku u l-EU4Health, li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

03 01 01 76 Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-SMEs — Kontribuzzjoni mill-Programm għas-Suq Uniku

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
12 283 000	12 273 076	10 847 685,14

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni għan-nefqa fuq persunal u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs (EISMEA) li se twettaq partijiet mill-Programm tas-Suq Uniku wara analiżi tal-kost-benefiċċji, u t-tlestija tal-programmi preċedenti.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-EISMEA huwa stabbilit fl-Anness “Persunal” ta' din it-taqsim.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	439 731 6 6 0 0
----------	-----------------

Bażiguridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER “SUQ UNIKU” (ikompli)

03 01 01 (ikompli)

03 01 01 76 (ikompli)

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

Ara l-Kapitolu 03 02.

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 949 tat-12 ta' Frar 2021 li tiddelega s-setgħat lill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-SMEs bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-Ewropa Innovattiva, is-Suq Uniku u l-Investimenti Interreġionali fl-Innovazzjoni, li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

03 01 02 Nefqa ta' appoġġ għal Fiscalis

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
300 000	300 000	300 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, IT (tkopri kemm tagħmir kif ukoll servizzi), laqgħat ta' esperti, informazzjoni, komunikazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din l-artikolu, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Bażiġuridika

Ara l-Kapitolu 03 04.

03 01 03 Nefqa ta' appoġġ għal Dwana

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
300 000	300 000	300 000,—

KAPITOLU 03 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SUQ UNIKU" (ikompli)**03 01 03** (ikompli)*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, IT (tkopri kemm tagħmir kif ukoll servizzi), laqgħat ta' esperti, informazzjoni, komunikazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Bażiġuridika

Ara l-Kapitolu 03 05.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
03 02	PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU								
03 02 01	<i>Nagħmlu s-suq intern aktar effettiv</i>								
03 02 01 01	Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi	1	26 568 000	24 900 000	24 418 000	26 888 000	25 007 972,25	18 689 634,55	75,06
03 02 01 02	Għodod ta' Governanza tas-Suq Intern	1	5 670 000	6 900 000	5 620 000	5 410 000	5 470 000,—	4 275 378,46	61,96
03 02 01 03	Appoġġ għall-ħidma regolatorja tat-TAXUD – Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq intern	1	3 400 000	3 453 233	3 350 000	2 230 000	3 300 000,—	479 533,48	13,89
03 02 01 04	Dritt soċjetarju	1	1 050 000	1 592 289	1 050 000	1 145 146	1 000 000,—	263 319,—	16,54
03 02 01 05	Politika tal-kompetizzjoni għal Unjoni aktar b'saħħitha fl-era diġitali	1	19 999 000	19 000 000	19 999 000	24 000 000	19 883 000,—	13 625 712,74	71,71
03 02 01 06	Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq intern għas-servizzi finanzjarji	1	5 460 000	5 460 000	5 460 000	5 670 000	5 202 540,10	5 061 567,85	92,70
03 02 01 07	Sorveljanza tas-suq	1	14 779 000	11 400 000	14 489 000	10 850 000	14 208 000,—	4 439 010,43	38,94
	<i>Artikolu 03 02 01 — Sub-total</i>		76 926 000	72 705 522	74 386 000	76 193 146	74 071 512,35	46 834 156,51	64,42
03 02 02	<i>Titjib tal-kompetittività tal-intrapriżi, partikolarment SMEs, u jiġu appoġġati fl-aċċess għas-swieq</i>	1	128 361 000	125 000 000	136 384 000	137 069 500	154 848 000,—	76 715 161,38	61,37
03 02 03	<i>Standardizzazzjoni Ewropea u standards internazzjonali tar-rapportar finanzjarju u tal-awditjar</i>								
03 02 03 01	Standardizzazzjoni Ewropea	1	22 616 000	22 400 000	23 567 000	19 000 000	21 675 910,26	16 814 085,17	75,06
03 02 03 02	Standards internazzjonali dwar ir-rapportar finanzjarju u nonfinanzjarju, u dwar l-awditjar	1	9 659 000	9 090 815	8 725 000	8 630 000	8 215 000,—	8 949 793,87	98,45
	<i>Artikolu 03 02 03 — Sub-total</i>		32 275 000	31 490 815	32 292 000	27 630 000	29 890 910,26	25 763 879,04	81,81

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
03 02 04	L-abilitazzjoni tas-soċjetà tal-konsumaturi u s-soċjetà ċivili u l-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u ta' sikurezza tal-prodotti inkluż il-parteċipazzjoni tal-utenti finali fit-tfassil tal-politika tas-servizzi finanzjarji								
03 02 04 01	L-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u ta' sikurezza tal-prodotti	1	24 048 000	22 470 831	23 648 000	17 187 513	24 060 000,—	10 937 953,26	48,68
03 02 04 02	Il-parteċipazzjoni tal-utenti finali fit-tfassil tal-politika tas-servizzi finanzjarji	1	1 495 000	1 495 000	1 495 000	1 623 287	1 495 000,—	1 495 000,—	100
	<i>Artikolu 03 02 04 — Sub-total</i>		25 543 000	23 965 831	25 143 000	18 810 800	25 555 000,—	12 432 953,26	51,88
03 02 05	Produzzjoni u disseminazzjoni ta' statistika ta' kwalità għolja dwar l-Ewropa								
		1	75 700 000	65 000 000	75 700 000	42 500 000	75 235 000,—	34 731 166,01	53,43
03 02 06	Kontribut għal livell għoli ta' saħħa u benessri tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti								
		1	234 497 000	219 000 000	231 319 000	202 000 000	303 013 200,86	176 224 275,54	80,47
03 02 99	Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti								
03 02 99 01	Tlestija ta' programmi preċedenti fil-qasam tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inkluż il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (COSME) (qabel l-2021)	1	p.m.	15 210 000	p.m.	26 100 000	0,—	56 045 969,53	368,48
03 02 99 02	Tlestija ta' miżuri preċedenti tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti (qabel l-2021)	1	p.m.	15 000 000	p.m.	20 000 000	0,—	28 087 834,15	187,25

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
03 02 99	(ikompli)								
03 02 99 03	Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti fil-qasam tal-konsumaturi (qabel l-2021)	1	p.m.	7 495	p.m.	5 300 000	0,—	9 865 158,29	131 623,19
03 02 99 04	Tlestija ta' programmi preċedenti relatati mal-istandardizzazzjoni, ir-rapportar finanzjarju u s-servizzi, l-awditjar u l-istatistika (qabel l-2021)	1	p.m.	4 700 000	p.m.	30 502 300	0,—	38 220 444,11	813,20
03 02 99 05	Tlestija ta' attivitajiet preċedenti fil-qasam tas-suq intern u s-servizzi finanzjarji (qabel l-2021)	1	p.m.	218 075	p.m.	1 420 000	0,—	9 157 953,32	4 199,45
03 02 99 06	Tlestija ta' programmi preċedenti relatati mad-dritt soċjetarju (qabel l-2021)	1	p.m.	p.m.	p.m.	138 200	0,—	316 051,—	
	Artikolu 03 02 99 — Sub-total		p.m.	35 135 570	p.m.	83 460 500	0,—	141 693 410,40	403,28
	Kapitolu 03 02 — Total		573 302 000	572 297 738	575 224 000	587 663 946	662 613 623,47	514 395 002,14	89,88

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tas-suq uniku għall-oġġetti u s-servizzi, inkluż is-servizzi finanzjarji, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-moviment liberu tal-kapital, u biex jipprovdu statistika Ewropea ta' kwalità għolja dwar il-politiki kollha tal-Unjoni, skont l-iskop tal-Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea ("Programm għas-Suq Uniku"). B'mod partikolari, il-programm se jappoġġa t-fassil, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tiffred il-funzjonament tajjeb tas-suq uniku għall-oġġetti u s-servizzi, inkluż is-servizzi finanzjarji, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-moviment liberu tal-kapital, kif ukoll il-bini ta' kapaċità, il-koordinazzjoni ta' azzjonijiet konġunti bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u d-dimensjoni internazzjonali tas-suq intern. Se jappoġġa l-parteċipazzjoni tan-nisa u jikkontribwixxi wkoll għall-abilitazzjoni tal-atturi kollha tas-suq uniku: lin-negozji, liċ-ċittadini inkluż il-konsumaturi, lis-soċjetà ċivili u lill-awtoritajiet pubbliċi. Il-Programm għas-Suq Uniku jgħor flimkien sitt programmi minn qabel minn oqsma ta' politika differenti, partikolarment il-parti tal-għotjiet u l-kuntratti tal-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME), programmi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, li jtejbju l-parteċipazzjoni tal-konsumaturi u utenti finali oħrajn fit-tfassil tal-politika tas-servizzi finanzjarji, fl-iżvilupp ta' standards internazzjonali finanzjarji, ta' awditjar u ta' rapportar korporattiv, miżuri li jikkontribwixxu għal livell għoli ta' saħħa għall-bnedmin, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari u foqma relatati u fl-istatistika Ewropea. Barra minn hekk, il-programm jinkludi diversi linji baġitarji oħra li jikkonċernaw, partikolarment is-sorveljanza tas-suq, id-dritt soċjetarju, id-dritt kuntrattwali u extra kuntrattwali, l-istandardizzazzjoni u l-appoġġ għall-politika tal-kompetizzjoni, id-dwana u t-tassazzjoni. Il-valutazzjoni tal-impatt uriet li programm uniku wieħed se joħloq sinerġiji li jikkontribwixxu għal infiq baġitarju aktar aġli u effiċjenti.

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU (ikompli)

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul assenjat ieħor, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti smati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jstabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1).

03 02 01 Nagħmlu s-suq intern aktar effettiv

03 02 01 01 Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
26 568 000	24 900 000	24 418 000	26 888 000	25 007 972,25	18 689 634,55

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa li tirriżulta minn miżuri li jikkontribwixxu għat-tlestija tas-suq intern u l-operazzjoni u l-iżvilupp tiegħu, inkluż:

- miżuri maħsuba biex jagħmlu l-operat tas-suq intern aktar effettiv u biex jiżguraw li ċ-ċittadini u n-negozji jkollhom aċċess għall-aktar drittijiet u opportunitajiet estensivi li jirriżultaw mill-ftuħ u l-approfondiment tas-suq intern mingħajr fruntieri, u jistgħu jeżerċitaw dawk id-drittijiet u jieħdu vantaġġ ta' dawk l-opportunitajiet bis-sħiħ, u miżuri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni marbuta mal-eżerċizzju prattiku miċ-ċittadini u n-negozji tad-drittijiet u l-opportunitajiet tagħhom bil-ħsieb li tkun identifikata u ffaċilitata t-tneħħija ta' kwalunkwe ostaklu li jista' jkun qed ixekkilkom milli jeżerċitaw dawk id-drittijiet bis-sħiħ,
- rieżami komprensiv tal-qafas regolatorju bil-ħsieb li jsiru l-bidliet meħtieġa u analiżi kumplessiva tal-effikaċja tal-miżuri meħuda, biex ikompli l-operat tajjeb tas-suq intern u evalwazzjoni tal-impatt kumplessiv tas-suq intern fuq in-negozji u l-ekonomija, inkluż ix-xiri ta' data u l-aċċess mid-dipartimenti tal-Kummissjoni għal databases esterni, kif ukoll azzjonijiet immirati għal tijib tal-fehim tal-funzjonament tas-suq intern u l-ippremjar tal-parteċipazzjoni attiva fit-trawwim tal-operat tiegħu,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKUKAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU (*ikompli*)03 02 01 (*ikompli*)03 02 01 01 (*ikompli*)

- żvilupp ta' atti leġiżlattivi ġodda biex jingħalqu l-lakuni fis-suq intern għall-oġġetti, partikolarment fil-qasam tal-makkinarju mobbli, approssimazzjoni settorjali akbar fl-oqsma tal-applikazzjoni tad-direttivi tal-“approċċ il-ġdid”, speċjalment l-estensjoni tal-“approċċ il-ġdid” għal setturi oħra,
- attivitajiet imsemmija fil-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30), kemm għall-akkreditazzjoni kif ukoll għall-marka CE,
- attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/515 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' merkanzija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 1),
- attivitajiet imwettqa skont ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1), li jinkludu, *inter alia*, l-operat tan-Network tal-Unjoni Ewropea għall-Konformità tal-Prodotti, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, il-gruppi ta' kooperazzjoni amministrattiva settorjali, azzjonijiet konġunti fuq livell tal-Unjoni mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-appoġġ lill-Istati Membri bl-istrategġiji ta' sorveljanza tas-suq tagħhom, l-appoġġ għall-iżvilupp ta' faċilitajiet tal-ittestjar tal-Unjoni, appoġġ xjentifiku miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), assistenza teknika għall-verifika u l-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati u l-iżvilupp ta' għodod tal-IT tal-Unjoni,
- attivitajiet imwettqa skont ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1), li jinkludi, *inter alia*, appoġġ tekniku għall-iżvilupp ta' regoli ta' sorveljanza tas-suq, b'appoġġ għall-iżvilupp ta' faċilitajiet tal-ittestjar tal-Unjoni, appoġġ xjentifiku mill-JRC, u l-iżvilupp ta' għodod tal-IT tal-Unjoni,
- implimentazzjoni u monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti, partikolarment dawn li ġejjin:
- id-Direttiva 2014/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għal liftijiet u komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet (ĠU L 96, 29.3.2014, p.251),
- id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (ĠU L 157, 9.6.2006, p.24),
- ir-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir ta' protezzjoni personali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 51),

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU (*ikompli*)**03 02 01** (*ikompli*)03 02 01 01 (*ikompli*)

- id-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għal tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu fatmosferi potenzjalment splussivi (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 309),
- ir-Regolament (UE) 2016/424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar l-installazzjonijiet tal-funikular u li jħassar id-Direttiva 2000/9/KE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 1),
- id-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra (ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1),
- id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62),
- id-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-kompatibbiltà elettromanjetika (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 79),
- id-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 357),
- id-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali u li tħassar id-Direttiva 94/25/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 90),
- ir-Regolament (UE) 2016/426 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir li jaħraq karburanti gassużi u li jħassar id-Direttiva 2009/142/KE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 99),
- id-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 164),
- id-Direttiva 2014/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-twettiq tad-disponibilità fis-suq ta' reċipjenti sempliċi taħt pressjoni (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 45),
- id-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE tal-20 ta' Mejju 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' l-aerosol dispensers (ĠU L 147, 9.6.1975, p. 40),

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU (ikompli)

03 02 01 (ikompli)

03 02 01 01 (ikompli)

- implimentazzjoni u monitoraġġ ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-suq uniku għall-oġġetti, partikolarment ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98 tas-7 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħidma tas-suq intern b'relazżjoni mal-moviment liberu tal-oġġetti fost l-Istati Membri (ĠU L 337, 12.12.1998, p. 8), id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29) u d-Direttiva 2014/60/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 1),
- approssimazzjoni tal-istandards u manutenzjoni u żvilupp ta' sistema tal-informazzjoni għal standards u regolamenti tekniċi, l-eżami tar-regoli notifikati mill-Istati Membri, l-Istati tal-EFTA u t-Turkija u t-traduzzjoni tal-abbazz tar-regolamenti tekniċi u tat-testi finali relatati,
- iffinanzjar ta' koordinazzjoni amministrattiva u teknika u ta' kooperazzjoni bejn korpi notifikati, għotjiet li jsostnu l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Approvazzjoni Teknika (EOTA), u tal-proġetti ta' interess tal-Unjoni li jsiru minn korpi esterni,
- żvilupp, monitoraġġ u applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-apparat mediku, il-kożmetiċi, l-oġġetti tal-ikel, il-prodotti tessili, is-sustanzi kimiċi, il-klassifikazzjoni u t-tikkettar ta' sustanzi u taħlitiet, il-prattika tajba tal-laboratorji, il-vejikoli bil-mutur, il-ġugarelli, il-metroloġija legali, il-preimballaġ u l-kwalità tal-ambjent, id-dispensuri tal-ajrusols, il-proprjeta' intellettuali u l-miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità għal aktar sensibilizzazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni,
- applikazzjoni u żvilupp tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-kamp tad-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10),
- parteċipazzjoni fin-negożjati ta' ftehimiet fuq ir-rikonoxximent reċiproku u, fl-ambitu tal-ftehimiet Ewropej, appoġġ għall-pajjiżi assoċjati biex jippermettilhom jadottaw l-*acquis* tal-Unjoni,
- miżuri ta' implimentazzjoni għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1) speċjalment daww li jirriżultaw mill-evalwazzjoni tar-REACH REFIT tal-2017,
- azzjonijiet relatati mas-segwitu għall-kontroll tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni dwar l-aktar sustanzi kimiċi rilevanti (eskluż ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006) (Rapport tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 2019 (COM(2019) 264) u evalwazzjonijiet rilevanti oħrajn ta' atti speċifiċi ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar sustanzi kimiċi,
- l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-akkwist pubbliku speċjalment fir-rigward tat-traspożizzjoni (il-kompletezza u l-konformità) tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1), id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65) u d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1780 dwar eFormoli u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/1986 (ĠU L 272, 25.10.2019, p. 7),

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU (*ikompli*)**03 02 01** (*ikompli*)03 02 01 01 (*ikompli*)

- azzjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/60/UE,
- implimentazzjoni u monitoraġġ tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw kuntratti pubbliċi bil-għan li jkunu żgurati l-operat ottimu tagħhom u li s-sejthiet għall-offerti jinfetħu b'mod ġenwin, inkluż is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ tal-partijiet diversi f'dawn il-kuntratti; l-introduzzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda fid-diversi oqsma tal-operat ta' dawk il-kuntratti; l-adattament kontinwu tal-qafas leġislativ u regolatorju fid-dawl tal-iżviluppi provenjenti minn dawk il-kuntratti, partikolarment il-globalizzazzjoni tas-swieq u l-ftehimiet internazzjonali eżistenti jew futuri,
- ksib ta' livell simili ta' implimentazzjoni u infurzar tal-leġislazzjoni tal-Unjoni mill-korpi nazzjonali, inklużi korpi ta' eżami sabiex jiġu miġġielda d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jingħata kontribut favur kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni,
- garanzija tat-tlestija u ġestjoni tas-suq intern, speċjalment fir-rigward tal-libertà ta' stabbiliment u l-moviment liberu ta' servizzi, ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, u l-proprjetà intellettwali, partikolarment it-trademarks, id-disinj, il-privattivi, l-indikazzjonijiet ġeografiċi, is-sigriet tal-mestier u l-infurzar; l-evalwazzjoni tal-miżuri fis-seħħ u t-tnejn ta' rieżaminazzjonijiet li jikkontribwixxu għat-tlestija tas-suq intern għas-servizzi online (l-evalwazzjoni u r-rieżami tar-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 57) u l-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2018 dwar l-indirizzar tal-imblikkar ġeografiku mhux ġustifikat u forom oħrajn ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-klijenti fi ħdan is-suq intern u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2006/2004 u (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 60 I, 2.3.2018, p. 1); l-inkoraġġiment tal-isforzi tal-Istati Membri biex ineħħu l-ostakli għas-suq intern għas-servizzi bl-imnut permezz ta' azzjonijiet ta' komunikazzjoni (konferenza ta' livell għoli dwar il-bejgħ bl-imnut); aċċess għal *data* dwar il-bejgħ bl-imnut għall-appoġġ ta' aktar żvilupp ta' politika,
- analiżi tal-effetti tat-tneħħija tal-ostakli għas-suq intern għas-servizzi u tal-effetti ta' miżuri fis-seħħ bħala parti mis-segwitu għal-liberalizzazzjoni progressiva tas-servizzi postali, il-koordinazzjoni tal-politiki tal-Unjoni dwar is-servizzi postali fir-rigward tas-sistemi internazzjonali u b'mod partikolari fir-rigward tal-parteċipanti fl-attivitajiet tal-Unjoni Postali Universali (UPU), il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, kif ukoll l-analiżi tal-implikazzjonijiet prattiċi tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) għas-settur postali u t-trikkib mar-regolamenti tal-UPU,
- azzjonijiet relatati ma' industriji kreattivi u l-impatti tagħhom fuq setturi oħra tal-ekonomija tal-Unjoni, inkluż djalogu ma' industriji bħal dawn,
- azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni u żvilupp ulterjuri tar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jstabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1),
- azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Ekonomija Ċirkolari, inkluż azzjonijiet relatati mal-iżvilupp ta' politika dwar il-prodott sostenibbli bħall-iżvilupp ta' databases anċillari, l-iżvilupp ta' għodod tal-IT tal-Unjoni u l-appoġġ mill-JRC,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKUKAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU (*ikompli*)03 02 01 (*ikompli*)03 02 01 01 (*ikompli*)

- azzjonijiet relatati mat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju dwar il-batteriji inkluż il-possibbiltà li jiġu żviluppati għodod tal-IT u databases relatati,
- azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni u żvilupp ulterjuri tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imbagg tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).
- azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni u żvilupp ulterjuri tar-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar prekursori tad-droga (ĠU L 47, 18.2.2004, p. 1),
- azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni u żvilupp ulterjuri tad-Direttiva 2013/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għad-disponibbiltà fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 27),
- azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni u żvilupp ulterjuri tad-Direttiva 2014/28/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mad-disponibbiltà fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi ċivili (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 1),
- azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni u żvilupp ulterjuri tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti (ĠU L 304, 21.11.2003, p. 1),
- azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni u żvilupp ulterjuri tad-Direttiva 2004/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-ispezzjoni u verifika ta' prassi tajba ta' laboratorji (GLP) (ĠU L 50, 20.2.2004, p. 28),
- azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni u żvilupp ulterjuri tad-Direttiva 2004/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' prattika tajba tal-laboratorju u l-verifikazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom għal provi fuq sustanzi kimiċi (ĠU L 50, 20.2.2004, p. 44),
- azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni u żvilupp ulterjuri tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar diterġenti (ĠU L 104, 8.4.2004, p. 1),
- azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà Għal Ambjent Ħieles mit-Tossiċità (COM(2020) 667 final),
- azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni u żvilupp ulterjuri tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59),
- twaqqif ta' struttura ta' appoġġ għal konsorzju ta' alleanza jew industrija li tgħin biex jitqiegħdu fis-suq teknoloġiji ġodda b'emissjonijiet baxxi,

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

03 02 01 *(ikompli)*

03 02 01 01 *(ikompli)*

- attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/1535, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1) partikolarment dawk li għandhom x'jaqsmu mat-traduzzjonijiet,
- attivitajiet relatati mad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14), dwar l-ipproċessar ta' *data* personali,
- implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/644 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar servizzi tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 19),
- azzjonijiet relatati mar-Regolament (UE) Nru 1257/2012 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2012 li jimplementaw kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja (ĠU L 361, 31.12.2012, p. 1),
- azzjonijiet relatati mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1260/2012 tas-17 ta' Diċembru 2012 li jimplementaw kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja fir-rigward tal-arranġamenti applikabbli għat-traduzzjoni (ĠU L 361, 31.12.2012, p. 89), u
- azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Marzu 2023 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (COM(2023) 161).

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	951 134 6 6 0 0
----------	-----------------

03 02 01 02 Għodod ta' Governanza tas-Suq Intern

Ċifri *(Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
5 670 000	6 900 000	5 620 000	5 410 000	5 470 000,—	4 275 378,46

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU (ikompli)

03 02 01 (ikompli)

03 02 01 02 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa ġeġja mill-ġestjoni u l-iżvilupp tal-ġhodod ta' governanza tas-suq intern (L-Ewropa Tiegħek, il-Gateway Diġitali Unika, il-Pariri tal-Ewropa Tiegħek, SOLVIT, is-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) u t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku). Dawn l-ġhodod qed jipprovdu firxa ta' servizzi assjematiki għaċ-ċittadini, għan-negozji u għall-awtoritajiet pubbliċi, li jimmiraw li jiżguraw funzjonament aħjar tas-suq intern fil-prattika. Il-portal online L-Ewropa Tiegħek jipprovdi liċ-ċittadini u lin-negozji b'informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom tal-Unjoni fi 23 lingwa tal-Unjoni. Minn Diċembru 2020, L-Ewropa Tiegħek isservi bħala l-punt ta' dħul għall-Gateway Diġitali Unika, filwaqt li żżid informazzjoni dwar id-drittijiet u l-proċeduri nazzjonali u reġjonali bl-Ingliż u bil-lingwi nazzjonali rilevanti. Il-Gateway Diġitali Unika qed taħdem ukoll lejn id-diġitalizzazzjoni tal-aktar proċeduri amministrattivi importanti għaċ-ċittadini u n-negozji, inkluż l-aċċessibbiltà transfruntiera tagħhom, u l-istabbiliment ta' sistema għall-iskambju transfruntier awtomatizzat ta' evidenza meħtieġa għal dawk il-proċeduri. Is-servizz ta' Pariri tal-Ewropa Tiegħek joffri pariri mfassla apposta u bla ħlas liċ-ċittadini u lin-negozji dwar id-drittijiet tagħhom fis-suq intern. SOLVIT huwa network informali għas-soluzzjoni tal-problemi, li jitratta effiċjentement il-problemi transfruntieri li jiffaċċjaw iċ-ċittadini jew in-negozji li jirriżultaw minn applikazzjoni jew traspożizzjoni inkorretta tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni minn Stat Membru. SOLVIT jidentifika wkoll kwistjonijiet usa' u jirrapporta dwar kwistjonijiet bħal dawn kif identifikati fid-database SOLVIT-IMI. IMI hija applikazzjoni online multilingwi għal kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri fis-suq intern, li tagħmilha faċli għall-awtoritajiet biex jiskambjaw informazzjoni u jaħdmu flimkien, abbażi ta' proċeduri sempliċi u unifikati bil-lingwa tagħhom stess. It-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku, li turi l-prestazzjoni tal-Istati Membri fl-aktar oqsma ta' politika rilevanti u fl-ġhodod ta' governanza tas-suq intern, qed tiġi żviluppata biex tipprovdi viżjoni ferm aktar kompluta tas-suq intern.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	202 986 6 6 0 0
----------	-----------------

03 02 01 03 Appoġġ għall-ħidma regolatorja tat-TAXUD – Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq intern

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 400 000	3 453 233	3 350 000	2 230 000	3 300 000,—	479 533,48

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri studji, konsultazzjonijiet, evalwazzjonijiet, analiżi u valutazzjonijiet tal-impatt, laqgħat ta' esperti, attivitajiet ta' klassifikazzjoni doganali, l-akkwist ta' informazzjoni u data, investment f'software, il-kost tat-traduzzjonijiet, nefqa fuq l-IT li tkopri kemm tagħmir kif ukoll servizzi, il-produzzjoni u l-iżvilupp ta' pubbliċità, materjal ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ, komunikazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ksib tal-miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

03 02 01 *(ikompli)*

03 02 01 03 *(ikompli)*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa ġeġja mill-miżuri li jikkontribwixxu għat-tlestija tas-suq intern, l-operat u l-iżvilupp tiegħu. Tappoġġa l-politika doganali u l-politika tat-taxxa tal-Unjoni u tinkludi azzjonijiet kumplimentari għal dawk tal-programmi Dwana u Fiscalis.

03 02 01 04 Dritt soċjetarju

Ċifri *(Approprijazzjonijiet differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 050 000	1 592 289	1 050 000	1 145 146	1 000 000,—	263 319,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri miżuri li jimmiraw biex is-suq intern isir aktar effettiv, inter alia fid-dawl tat-trasformazzjoni diġitali, billi:

- tappoġġa l-iżvilupp tal-qafas regolatorju tal-Unjoni fl-oqsma tad-dritt soċjetarju u l-governanza korporattiva, u d-dritt kuntrattwali u estrakuntrattwali, bl-għan li n-negozji, speċjalment l-SMEs, isiru aktar effiċjenti u kompetittivi, filwaqt li tingħata protezzjoni lill-partijiet konċernati affettwati mill-operazzjonijiet tal-kumpaniji, u bħala reazzjoni għall-isfidi ta' politiki emerġenti;
- tappoġġa l-evalwazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar xierqa tal-*acquis* rilevanti, jinforma u jassisti lill-partijiet konċernati u jippromwovi l-iskambju tal-informazzjoni fil-qasam;
- tappoġġa l-inizjattivi tal-Kummissjoni b'appoġġ għal qafas legali ċar u adattat sew għall-ekonomija tad-*data* u l-innovazzjoni;
- tippromwovi l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni korretta u sħiħa mill-Istati Membri tal-qafas ġuridiku tal-Unjoni għall-finanzjament kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu u l-iżvilupp ta' politiki futuri biex jiġu indirizzati sfidi ġodda f'dawk l-oqsma, kif ukoll tappoġġa attivitajiet rilevanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali ta' interess Ewropew.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	37 590 6 6 0 0
----------	----------------

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU (ikompli)

03 02 01 (ikompli)

03 02 01 05 Politika tal-kompetizzjoni għal Unjoni aktar b'saħħitha fl-era diġitali

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
19 999 000	19 000 000	19 999 000	24 000 000	19 883 000,—	13 625 712,74

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefġiet li jikkontribwixxu għal infurzar, implimentazzjoni, żvilupp, modernizzazzjoni u komunikazzjoni effettivi tal-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Hija maħsuba biex tindirizza l-implikazzjonijiet għall-kompetizzjoni u l-funzjonament tas-suq intern li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni kontinwa u t-trasformazzjoni tal-ekonomija u tal-ambjent tan-negozju, partikolarment, it-tkabbir esponenzjali u l-użu tad-*data*, iż-żieda fl-intelliġenza artifiċjali u għodod u għarfien espert diġitali oħrajn. Għandha tappoġġa n-networks u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali, kif ukoll attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

Dawn in-nefġiet jistgħu jinkludu:

- żvilupp, manutenzjoni, akkwist u modernizzazzjoni ta' għodod diġitali, *big data* u soluzzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali u taġmhir u servizzi relatati,
- għbir ta' *data* dwar is-swieq, analiżi u akkwist ta' sorsi oħra ta' informazzjoni,
- għarfien espert, studji, sħarriġiet, konsultazzjonijiet u intelligence dwar is-swieq,
- bini ta' kapaċità, żvilupp u tisħiħ tal-kooperazzjoni u tal-istrutturi ta' kooperazzjoni ma' u bejn korpi tal-infurzar, qrati nazzjonali u awtoritajiet oħra rilevanti tal-Istati Membri, awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali,
- attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u servizzi u materjal relatati,
- nefġiet ġenerali oħra direttament marbuta mal-kisba tal-oġġettivi tal-programm u l-attivitajiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmata u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	715 964 6 6 0 0
----------	-----------------

03 02 01 06 Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq intern għas-servizzi finanzjarji

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
5 460 000	5 460 000	5 460 000	5 670 000	5 202 540,10	5 061 567,85

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU (*ikompli*)

03 02 01 (*ikompli*)

03 02 01 06 (*ikompli*)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tirriżulta minn miżuri li jikkontribwixxu għat-tlestija tas-suq intern u l-operat tiegħu, it-tisħiħ, it-titjib u l-iżvilupp fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, l-istabbiltà finanzjarja, il-pensjonijiet, is-sistemi ta' pagament u l-unjoni tas-swieq kapitali, inkluż finanzjament sostenibbli. Għandha tikkontribwixxi biex is-suq intern isir aktar effettiv, tiffaċilita l-prevenzjoni u t-tneħħija tal-ostakli, tappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni fl-oqsma tas-servizzi finanzjarji (inkluż is-sorveljanza tas-swieq) u l-moviment liberu tal-kapital. Għandha wkoll tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' għodod ta' governanza.

L-appropriazzjoni għandha tkopri n-nefqa li tirriżulta mill-monitoraġġ tas-swieq finanzjarji u tal-istabbiltà finanzjarja mill-Kummissjoni, il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mill-Istati Membri, l-ewalwazzjoni tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti u l-identifikazzjoni ta' oqsma potenzjali ta' azzjoni fejn jitfaċċaw riskji jew opportunitajiet ġodda. Din għandha tinkludi d-dimensjoni internazzjonali tal-politiki tal-Unjoni. Tista' tkopri wkoll in-nefqa biex jiġi ffaċilitat l-involviment tal-partijiet konċernati matul iċ-ċiklu tal-politika. Dawn l-attivitajiet jiddependu fuq il-produzzjoni ta' analiżijiet, studji, materjali ta' taħriġ, sħarriġiet, valutazzjonijiet tal-konformità, evalwazzjonijiet u statistika. L-appropriazzjoni għandha wkoll, fejn meħtieġ, tkopri l-akkwist ta' *data* u l-kost tal-aċċess għal databases esterni; l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi tal-IT, inkluż liċenzji u retrofatturazzjonijiet interni, u appoġġ tal-IT għal utenti interni u esterni ta' dawn is-sistemi; attivitajiet u għodod tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni; parteċipazzjoni fl-aqgħat inkluż organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet internazzjonali; il-kostijiet tas-sħubija ta' korpi, organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet; konsultazzjonijiet u laqgħat; u kwalunkwe assistenza oħra meħtieġa biex jiġu żgurati l-operat, it-tisħiħ, it-titjib u l-iżvilupp meħtieġa tas-suq intern.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	195 468 6 6 0 0
----------	-----------------

03 02 01 07 Sorveljanza tas-suq

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
14 779 000	11 400 000	14 489 000	10 850 000	14 208 000,—	4 439 010,43

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

03 02 01 *(ikompli)*

03 02 01 07 *(ikompli)*

Kummenti

Fi ħdan is-suq intern, il-moviment liberu tal-merkanzija hu l-aktar waħda żviluppata minn fost l-erba' libertajiet fundamentali kollha kemm huma. Madankollu, fis-suq qed jiżjed l-għadd ta' prodotti illegali u mhux konformi, u dan ixeġel il-kompetizzjoni u jpoġġi lill-konsumaturi f'riskju. Ħafna negozji jinjoraw ir-regoli, jew minħabba nuqqas ta' għarfien, jew apposta, biex jiksbu vantaġġ kompetittiv.

Is-sorveljanza tas-suq tiżgura li l-prodotti mhux tal-ikel fis-suq tal-Unjoni ma jipperikolawx lill-konsumaturi u lill-ħaddiema Ewropej. Tiżgura wkoll il-protezzjoni ta' interessi pubbliċi oħra bħall-ambjent, is-sigurtà u l-kummerċ ġust.

Skont il-Programm tas-Suq Uniku, l-appoġġ għall-miżuri ta' sorveljanza tas-suq fl-Unjoni jfittex li jsaħħaħ il-konformità tal-prodotti billi jipprovdi l-inċentivi t-tajba lill-imprendituri, jintensifika l-kontrolli tal-konformità u l-kontrolli tal-prodotti fuq il-fruntieri esterni, u jipromwovi kooperazzjoni transfruntiera aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tas-sorveljanza tas-suq.

Il-Programm tas-Suq Uniku jikkontribwixxi wkoll għall-konsolidazzjoni tal-qafas eżistenti għall-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, biex jinkoraġġixxi azzjonijiet konġunti ta' awtoritajiet minn Stati Membri differenti, biex itejjeb l-iskambju ta' informazzjoni u biex jipromwovi l-konverġenza u integrazzjoni aktar mill-qrib tal-attivitajiet.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	529 088 6 6 0 0
----------	-----------------

03 02 02 Titjib tal-kompetittività tal-intrapriżi, partikolarment SMEs, u jiġu appoġġati fl-aċċess għas-swieq

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
128 361 000	125 000 000	136 384 000	137 069 500	154 848 000,—	76 715 161,38

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-kompetittività tal-intrapriżi, partikolarment dik tal-SMEs, u biex tappoġġa t-tkabbir tagħhom.

Il-miżuri implimentati se jkunu, b'mod speċifiku:

- networks u clusters li jlaqqgħu flimkien varjetà ta' partijiet konċernati u appoġġ biex l-ekosistemi jiġu konnessi strateġikament,

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU (*ikompli*)**03 02 02** (*ikompli*)

- diversi forum ta' appoġġ għall-SMEs, inkluż għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali biex jitrawwem l-aċċess għas-swieq u l-katini ta' valur mondjali, l-intraprenditorija, il-modernizzazzjoni tal-industrija u l-kompetittività tas-setturi,
- diversi forum ta' appoġġ għall-SMEs, inkluż għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, biex iħeġġuhom jinvestu fis-sostenibbiltà ekoloġika u soċjali li tkun ta' benefiċċju għall-ekosistema ekonomika lokali u reġjonali,
- il-qsim informazzjoni, disseminazzjoni, sensibilizzazzjoni u servizzi konsultattivi biex tiżdied il-kompetittività tal-SMEs u jiġu meħġuna jipparteċipaw fis-suq uniku u lil hinn minnu.

Il-proġetti se jfittxu li jtejbu l-kundizzjonijiet għall-SMEs u jikkontribwixxu għal ambjent kummerċjali favorevoli inkluż permezz ta' bini tal-kapaċità, appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs, it-trasformazzjoni industrijali, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-kollaborazzjoni tal-katina ta' valur, u jgħinu biex tiżdied il-kompetittività u s-sostenibbiltà tagħhom. Se jiddependu fuq is-servizzi pprovduti minn clusters, intraprenditorija u networks ta' appoġġ għan-negozji.

Barra minn hekk, se jsiru proġetti biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali u l-Istrateġija Industrijali l-ġdida għall-Ewropa; kif ukoll il-prijoritajiet attwali tal-Kummissjoni, inkluż il-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-Regolamentazzjoni Aħjar.

L-azzjonijiet ta' appoġġ, marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi speċifiċi tal-programm, huma wkoll ikkunsidrati għall-finanzjament: laqgħat (inkluż workshops), studji, informazzjoni u pubblikazzjonijiet u parteċipazzjoni fi gruppi ta' studju.

L-attivitajiet ewlenin li taw prova ta' għarfien espert u ta' suċċess fl-ilħuq u fl-appoġġ tal-SMEs se jibqgħu ċentrali.

In-Network Enterprise Europe (EEN) se jiġi msaħħaħ u appoġġat aktar, u se jintuża l-għarfien espert tiegħu biex l-SMEs ikunu jistgħu jtejbu l-kompetittività tagħhom u jiżviluppaw in-negozju tagħhom fis-suq uniku u lil hinn minnu. Is-servizzi tal-EEN se jiġu adattati u estiżi aktar, biex ikunu jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-SMEs fir-rigward ta' prijoritajiet ta' politika ġodda bħad-diġitalizzazzjoni, l-internazzjonalizzazzjoni, l-ekonomija ċirkolari u l-ħiliet. L-EEN se jgħin lill-SMEs u lil dawk li qed jespandu jifhmu l-kwistjonijiet tas-sostenibbiltà, u jimplimentaw strateġiji u pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju biex jadattaw u jikkompetu b'suċċess.

L-Inizjattivi ta' Raggruppamenti Konġunti se jintużaw bħala għodda strateġika għall-appoġġ tal-kompetittività, it-ktabbir tal-SMEs, appoġġati mill-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti u ċ-Ċentru Ewropew tal-Għarfien tal-Effiċjenza fir-Riżorsi (EREK). Permezz tal-konnessjoni ta' ekosistemi speċjalizzati, ir-raggruppamenti jgħolqu opportunitajiet tan-negozju ġodda għall-SMEs u jintegrawhom aħjar fil-ktajjen ta' valur strateġiċi Ewropej u dinjija. Se jingħata appoġġ għall-iżvilupp ta' strateġiji ta' sħubija transnazzjonali u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet konġunti, inkluż biex l-appoġġ dirett jiġi indirizzat lill-SMEs għall-inkoraġġiment tal-użu ta' teknoloġiji avvanzati, soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u t-titjib tal-ħiliet.

L-iskema tal-mobbiltà "Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ" tippermetti imprendituri ġodda jew aspiranti jiksbu esperjenza ta' negozju billi jaqbd u ma' imprenditur tal-esperjenza minn pajjiż ieħor u b'hekk jippermettu t-tisħiħ talenti imprenditorjali. Dan jgħin biex jiġi indirizzat il-qgħad u jippermetti lill-SMEs eżistenti jgħolqu impjiegi u jżidu l-faturat tagħhom billi jespandu u jinternazzjonalizzaw in-negozju tagħhom.

It-turiżmu sostenibbli se jingħata attenzjoni speċjali permezz ta' azzjonijiet ta' appoġġ settorjali. L-Unjoni se tappoġġa, *inter alia*,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU (ikompli)

03 02 02 (ikompli)

- azzjonijiet biex tinbena l-kapaċità tan-negozji tat-turiżmu, partikolarment SMEs, foqsmha bħalma huma s-sostenibbiltà, id-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni,
- azzjonijiet li jippromwovu l-kooperazzjoni transfruntiera u t-tagħlim bejn il-pari fost partijiet konċernati fit-turiżmu u l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli mit-turiżmu,
- previżjoni u analiżi soċjoekonomika dwar, inter alia, il-kompetittività fit-tul tas-settur tat-turiżmu u l-promozzjoni tan-negozji tat-turiżmu tal-Unjoni.

Il-Programm huwa maħsub biex jiżgura l-promozzjoni effettiva tal-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, u l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-azzjonijiet tiegħu.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	4 595 324 6 6 0 0
----------	-------------------

03 02 03 Standardizzazzjoni Ewropea u standards internazzjonali tar-rapportar finanzjarju u tal-awditjar

03 02 03 01 Standardizzazzjoni Ewropea

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
L-assistenza teknika tista' ssostni l-azzjonijiet ta' tħejjija, ta' kontroll tal-monitoraġġ, ta' awditjar, ta' evalwazzjoni, ta' komunikazzjoni, inkluża dik istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, ta' viżibilità u l-azzjonijiet kollha amministrattivi u ta' assistenza teknika meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-fondi tal-Unjoni, u fejn xieraq ma' pajjiżi terzi.

B'mod partikolari, tista' tintuża biex tkopri:

- Nefqa relatata mal-IT, inkluża l-IT korporattiva,
- nefqa ta' komunikazzjoni, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva,
- nefqa marbuta mal-istudji u l-evalwazzjonijiet.

05 02 03 Inizjattiva Urbana Ewropea

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
64 352 138	93 930 031	63 090 331	44 163 232	61 853 266,—	36 748 116,90

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-Inizjattiva Urbana Ewropea prevista fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2021/1058.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) (ikompli)

05 02 03 (ikompli)

Hija għandha l-għan li ssaħħa l-approċċi integrati u parteċipatorji għall-iżvilupp urban sostenibbli u tipprovdi rabta aktar b'saħħitha mal-politiki rilevanti tal-Unjoni, u b'mod partikolari, l-investimenti tal-politika ta' koeżjoni. Se tagħmel dan billi tiffaċilita u tappoġġja l-kooperazzjoni u l-bini tal-kapaċità ta' atturi urbani, azzjonijiet innovattivi, għarfien, żvilupp ta' politika u komunikazzjoni fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli.

05 02 04 **Il-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta (JTF) — Kontribuzzjoni mill-FEŻR**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
76 694 280	p.m.	75 214 080	p.m.	73 418 898,—	0,—

Kummenti

Id-Deċiżjoni għat-trasferiment tar-riżorsi fuq bażi volontarja mill-FEŻR u l-FSE+ se tittieħed fuq il-bażi tal-isfidi identifikati fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta. Fil-Ftehimiet ta' Sħubija, tista' tiġi inkluża allokkazzjoni finanzjarja preliminari u t-trasferimenti jistgħu jsiru fil-programmi. It-trasferiment totali mill-FEŻR se jkun għalhekk magħruf biss ladarba l-programmi jiġu adottati.

05 02 05 **FEŻR — Finanzjament taħt REACT-EU**

05 02 05 01 FEŻR — Nefqa operazzjonali — Finanzjament taħt REACT-EU

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ tal-FEŻR skont il-mira tal-Investiment għall-impjegi u t-tkabbir biex tappoġġja operazzjonijiet għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija COVID-19 fir-reġjoni li l-ekonomija u l-impjegi tagħhom intlaqtu agħar minn postijiet oħra u qed iħejju rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomiji tagħhom.

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) (ikompli)

05 02 05 (ikompli)

05 02 05 02 FEŻR — Assistenza teknika operazzjonali — Finanzjament taħt REACT-EU

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-miżuri preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-assistenza teknika, tal-evalwazzjoni, tal-awditjar u tal-kontroll, kif ukoll il-komunikazzjoni korporattiva, meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1 303/2013 kif previst fl-Artikoli 58 u 118 ta' dak ir-Regolament.

05 02 05 03 Kooperazzjoni Territorjali Ewropea — Nefqa operazzjonali — Finanzjament taħt REACT-EU

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri appropriazzjonijiet implimentati wara ż-żieda volontarja tal-allokazzjoni għall-programmi appoġġati mill-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea mill-pakkett REACT-EU.

05 02 06 Fond InvestEU — Kontribuzzjoni mill-FEŻR

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
16 007 427	36 007 427	p.m.	p.m.	131 355 545,—	31 355 545,—

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) (ikompli)

05 02 06 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi tal-Fond InvestEU b'segwitu ta' talba tal-Istat (i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm biex ikun trasferit sa massimu ta' 5 % tal-allokkazzjoni nazzjonali inizjali tal-FEŻR għall-InvestEU skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati skont ir-regoli ta' InvestEU u għandhom jintużaw għall-proviżjonament tal-parti tal-garanzija tal-UE taħt il-parti dedikata għall-Istat Membru mal-konklużjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2021/523.

05 02 07 Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) — Kontribuzzjoni mill-FEŻR

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
60 418 368	29 419 531	59 253 015	17 177 518	57 838 969,—	24 048 524,85

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa ir-riżorsi tal-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) b'segwitu ta' talba tal-Istat(i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm biex ikun trasferit sa massimu ta' 5 % tal-allokkazzjoni nazzjonali inizjali tal-FEŻR għall-BMVI skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Riżorsi trasferiti se jkunu implimentati skont ir-regoli tal-BMVI u għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

05 02 08 Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMSA) — Kontribuzzjoni mill-FEŻR

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) wara talba mill-Istat(i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm biex jiġu trasferiti sa 5 % tal-allokkazzjoni nazzjonali inizjali tal-FEŻR għall-FEMSA skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati skont ir-regoli tal-FEMSA u għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) (ikompli)

05 02 09 Orizzont Ewropa — Kontribuzzjoni mill-FEŻR

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
11 543 750	378 000	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tikkumplimenta r-riżorsi ta' Orizzont Ewropa wara t-talba tal-Istat (i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm għat-trasferiment sa 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FEŻR għal Orizzont Ewropa skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati skont ir-regoli ta' Orizzont Ewropa u għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

05 02 10 Ewropa Diġitali— Kontribuzzjoni mill-FEŻR

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tikkumplimenta r-riżorsi tal-Programm Ewropa Diġitali wara t-talba tal-Istat (i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm għat-trasferiment sa 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FEŻR għall-Programm Ewropa Diġitali skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati skont ir-regoli tal-Programm Ewropa Diġitali u għall-benefiċċju tal-Istat (i) Membru/i kkonċernat(i).

05 02 11 Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — Kontribuzzjoni mill-FEŻR

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) (ikompli)

05 02 11 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza wara t-talba tal-Istat(i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm għat-trasferiment ta' parti mill-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FEŻR għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati f'konformità mar-regoli tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

05 02 99 *Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti*

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex ikopru pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati minn snin preċedenti u jinkludu l-prefinanzjament għal programmi relatati mal-perjodu 2014-2020, filwaqt li titqies il-gwida pprovduta mill-Kunsill Ewropew.

05 02 99 01 Tlestija tal-FEŻR — Nefqa operazzjonali (qabel l-2021)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	7 660 268 000	p.m.	23 318 976 880	0,—	28 488 281 667,22

Kummenti

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmata u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	1 776 866 392 6 1 0 0
---------------------	-----------------------

Baziġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u fuq il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 1).

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) (ikompli)

05 02 99 (ikompli)

05 02 99 01 (ikompli)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4254/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jstipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 15).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4255/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jstabilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jstipula dispożizzjonijiet ġenerali għall-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/501/KE tal-1 ta' Lulju 1999 li tistipula allokazzjoni indikattiva skont l-Istat Membru tal-approprijazzjonijiet għall-impenji għal Għan 1 tal-Fondi Strutturali għal medda ta' żmien bejn l-2000 u l-2006 (ĠU L 194, 27.7.1999, p. 49), u b'mod partikolari l-premessa 5 tagħha.

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2001) 638 dwar l-approvazzjoni tal-għajnuna strutturali tal-Komunità għall-programm operattiv tal-UE għall-PEACE u r-Rikonċiljazzjoni (Il-Programm PEACE II) b'irbit mal-Objettiv 1 fl-Irlanda ta' Fuq (Ir-Renju Unit) u r-Reġjun ta' Fruntiera (L-Irlanda).

Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jstabilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259).

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) (ikompli)

05 02 99 (ikompli)

05 02 99 01 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

Atti ta' referenza

Il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 1999 f'Berlin, u b'mod partikolari l-paragrafu 44, il-punt (b) tiegħu.

Il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' Ġunju 2004 li saret fi Brussell, u l-aktar il-paragrafu 49.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2005.

L-avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tat-13 ta' Mejju 1992 li jstipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja għar-reġjuni dipendenti qawwija fuq is-settur tat-tessuti u ħwejjeġ (RETEX) (ĠU C 142, 4.6.1992, p. 5).

L-avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li jstipula linji gwida għal sussidji globali jew programmi tat-tmexxija integrati għal liema l-Istati Membri huma mistiedna jippreżentaw applikazzjonijiet għal għajjnuna fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda r-ristrutturazzjoni tas-settur tas-sajd (PESCA) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 1).

L-avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li jstipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda żoni urbani (URBAN) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 6).

L-avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li jstipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li huma mistiedna jipproponu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tikkonċerna l-addattament tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju mas-suq waħdieni (Inizjattiva SMEs) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 10).

L-avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li jstipula linji gwida għall-Inizjattiva RETEX (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 17).

L-avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li jstipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda l-konverżjoni tad-difiża (Konver) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 18).

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) (ikompli)**05 02 99** (ikompli)

05 02 99 01 (ikompli)

L-avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li jstipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membru huma mistiedna jstabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda konverżjoni ekonomika taż-żoni li jipproduċu l-azzar (Resider II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 22).

L-avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li jstipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membru huma mistiedna jstabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda l-konverżjoni ekonomika taż-żoni tal-minjieri tal-faħam (Rechar II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 26).

L-avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li jstipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membru huma mistiedna jipponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja "Addattament tal-ħaddiema għall-bidla industrijali" (ADAPT) li għandha l-għan li tippromwovi l-impjeg u l-adattament tal-ħaddiema għall bidla industrijali (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 30).

L-avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li jstipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membru huma mistiedna jipponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja "Impjeg u żvilupp tar-riżorsi umani, li għandha l-għan tippromwovi l-kobor tal-impjeg prinċipalment permezz tal-iżvilupp tar-riżorsi umani" (Employment) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 36).

L-avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li jstipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda r-reġjuni l-aktar remoti (REGIS II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 44).

L-avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li jstipula linji gwida għal sussidji globali jew programmi tat-tmexxija integrati għal liema l-Istati Membri huma mistiedna jippreżentaw applikazzjonijiet fi ħdan l-Inizjattiva Komunitarja għall-iżvilupp rurali (Leader II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 48).

L-avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li jstipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda l-iżvilupp tal-fruntieri, il-koperazzjoni transfruntiera u n-networks magħżula tal-enerġija (Interreg II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 60).

L-avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tas-16 ta' Mejju 1995 li jstipula linji gwida għal inizjattiva fil-qafas tal-programm ta' sostenn speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' fuq u l-pajjiżi fil-fruntieri tal-Irlanda (PEACE I) (ĠU C 186, 20.7.1995, p. 3).

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda żoni urbani (URBAN) (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 4).

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membri huma mistiedna jipponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li l-addattament tal-ħaddiema għall-bidla industrijali (ADAPT) li għandha l-għan li tippromwovi l-impjeg u l-adattament tal-ħaddiema għall bidla industrijali (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 7).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) (ikompli)

05 02 99 (ikompli)

05 02 99 01 (ikompli)

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji gwida emendati għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membri huma mistiedna jipproponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja dwar l-impjeg u żvilupp tar-riżorsi umani, li għandha l-għan tippromwovi l-kobor tal-impjeg prinċipalment permezz tal-iżvilupp tar-riżorsi umani (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 13).

L-avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-8 ta' Mejju 1996 li jistipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja Interreg li tirrigwarda koperazzjoni transnazzjonali dwar l-ippjanar tal-ispazju (Interreg II C) (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 23).

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Novembru 1997 dwar il-programm ta' sostenn speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-kontej tal-fruntiera tal-Irlanda (mill-1995 sal-1999) (Peace I) (COM(97) 642 final).

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tat-28 April 2000 li tistabbilixxi linji gwida għall-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda r-riġenerazzjoni ekonomika u soċjali ta' bliet u ta' inħawi qrib fi kriżi sabiex tippromwovi żvilupp urban sostenibbli (URBAN II) (ĠU C 141, 19.5.2000, p. 8).

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tat-2 ta' Settembru 2004 li tistabbilixxi linji gwida għal inizjattiva tal-Komunità dwar koperazzjoni trans-Ewropea maħsuba biex thegġegħ l-iżvilupp armonjuż u bbilanċjat tat-territorju Ewropew — INTERREG III (ĠU C 226, 10.9.2004, p. 2).

05 02 99 02 Tlestija tal-FEŻR — Assistenza teknika operazzjonali (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	6 670 305	p.m.	24 750 000	0,—	29 832 479,17

Baziġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabir ekonomiku u l-impjegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) (ikompli)

05 02 99 (ikompli)

05 02 99 03 Tlestija tal-FEŻR — Artikolu 25 — Artikolu 11 (qabel l-2021)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	273 000	p.m.	395 974	0,—	1 000 000,—

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riformali Strutturali għall-perjodu 2017 sa 2020 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1305/2013 (ĠU L 129, 19.5.2017, p. 1).

05 02 99 04 Tlestija tal-FEŻR — Azzjonijiet innovattivi fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli (qabel l-2021)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	11 268 016	p.m.	22 315 090	0,—	52 069 936,60

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) (ikompli)

05 02 99 (ikompli)

05 02 99 04 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 03 — FOND TA' KOEŻJONI (FK)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
05 03	FOND TA' KOEŻJONI (FK)								
05 03 01	Fond ta' Koeżjoni (FK) — Nefqa operazzjonali	2.1	6 805 299 539	893 162 000	6 174 988 987	614 412 608	6 160 551 718,—	585 623 715,72	65,57
05 03 02	Fond ta' Koeżjoni (FK) — Assistenza teknika operazzjonali	2.1	16 650 952	13 110 000	15 864 498	11 400 000	15 428 938,—	7 930 176,—	60,49
05 03 03	Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) — Trasport — allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni (FK)	2.1	1 599 526 756	1 204 500 000	1 541 210 307	906 000 000	1 487 773 834,—	939 629 769,23	78,01
05 03 04	Fond InvestEU — Kontribuzzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni (FK)	2.1	p.m.	5 000 000	p.m.	p.m.	25 000 000,—	0,—	
05 03 05	Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) — Kontribuzzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni (FK)	2.1	15 951 371	7 763 303	15 644 400	4 535 169	15 271 425,—	6 349 236,11	81,79
05 03 06	Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) — Kontribuzzjoni mill-FK	2.1	2 469 191	2 391 512	p.m.	p.m.	2 391 512,—	0,—	
05 03 07	Orizzont Ewropa — Kontribuzzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni FK	2.1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 03 08	Ewropa Diġitali— Kontribuzzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni (FK)	2.1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 03 09	Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — Kontribuzzjoni mill-FK	2.1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 03 99	Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti								
05 03 99 01	Tlestija tal-Fond ta' Koeżjoni (FK) — Nefqa operazzjonali (qabel l-2021)	2.1	p.m.	1 339 732 000	p.m.	8 081 023 120	0,—	8 878 549 726,17	662,71
05 03 99 02	Tlestija tal-Fond ta' Koeżjoni (FK) — Assistenza teknika operazzjonali (qabel l-2021)	2.1	p.m.	1 654 479	p.m.	5 300 000	0,—	7 357 699,83	444,71

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 03 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
05 03 99	(ikompli)								
05 03 99 03	Tlestija tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) — allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni (FK) (2014-2020)	2.1	p.m.	740 600 000	p.m.	901 500 000	0,—	904 854 998,57	122,18
05 03 99 04	Tlestija tal-Fond ta' Koeżjoni (FK) — Artikolu 25 — Artikolu 11 (qabel l-2021)	2.1	p.m.	p.m.	p.m.	341 652	0,—	300 000,—	
	Artikolu 05 03 99 — Sub-total		p.m.	2 081 986 479	p.m.	8 988 164 772	0,—	9 791 062 424,57	470,28
	Kapitolu 05 03 — Total		8 439 897 809	4 207 913 294	7 747 708 192	10 524 512 549	7 706 417 427,—	11 330 595 321,63	269,27

Kummenti

L-appoġġ tal-FK taħt il-mira tal-investiment għall-impjiegi u t-tkabbir fil-perjodi ta' programmazzjoni 2021-2027 u dawk preċedenti. Il-FK se jostni lil dawk l-Istati Membri li l-introjt nazzjonali gross (ING) l-per capita tagħhom, imkejjel fi Standards tal-Kapaċità tal-Akkwist (PPS) u kkalkolat abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2014-2016, ikun inqas minn 90 % tal-medja tal-ING minn ras għal ras tal-EU-27 għall-istess perjodu ta' referenza. Din l-appropriazzjoni, waqt li tiżgura bilanċ xieraq u li jaqbel mal-ħtiġijiet tal-investiment u l-infrastruttura speċifiċi għal kull Stat Membru, hija maħsuba biex tappoġġa:

- investimenti fl-ambjent, inklużi oqsma marbuta mal-iżvilupp u l-enerġija sostenibbli li jippreżentaw benefiċċji ambjentali,
- il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE).

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Fond Marittimu u tas-Sajd u li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew Marittimu u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320), u b'mod partikolari l-Artikoli 92a u 92b tagħha u l-Anness VIIa tagħha.

KAPITOLU 05 03 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p.1).

Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60).

Ir-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94).

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38).

Ir-Regolament (UE) 2022/562 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE) (ĠU L 109, 8.4.2022, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2022/613 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' April 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward ta' żieda fil-prefinanzjament mir-riżorsi tar-REACT-EU u l-istabbiliment ta' kost unitarju (ĠU L 115, 13.4.2022, p. 38).

Ir-Regolament (UE) 2022/2039 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) 2021/1060 fir-rigward ta' aktar flessibilità biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-aggressjoni militari tal-Federazzjoni Russa FAST (Assistenza Flessibbli għat-Territorji) – CARE (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 23).

Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fid-29 ta' Mejju 2018, dwar mekkaniżmu sabiex jiġu solvuti ostakli legali u amministrattivi f'kuntast transfruntier (COM(2018) 373 final).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 03 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)

05 03 01 **Fond ta' Koeżjoni (FK) — Nefqa operazzjonali**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
6 805 299 539	893 162 000	6 174 988 987	614 412 608	6 160 551 718,—	585 623 715,72

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ tal-FK taħt l-Investment għall-mira tal-investment għall-impjegi u t-tkabbir fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027. Il-FK se jsostni lil dawk l-Istati Membri li l-ING l-per capita tagħhom, imkejjel fl-Istandards tal-Kapaċità tal-Akkwist (PPS) u kkalkolat abbażi tal-figuri tal-Unjoni għall-perjodu 2014-2016, ikun inqas minn 90 % tal-medja tal-ING minn ras għal ras tal-UE-27 għall-istess perjodu ta' referenza. Din l-appropriazzjoni, waqt li tiżgura bilanċ xieraq u li jaqbel mal-ħtiġijiet tal-investment u l-infrastruttura speċifiċi għal kull Stat Membru, hija maħsuba biex issostni:

- investimenti fl-ambjent, inklużi oqsma marbuta mal-iżvilupp u l-enerġija sostenibbli li jippreżentaw benefiċċji ambjentali,
- il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE).

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	389 641 688 6 1 0 1
---------------------	---------------------

05 03 02 **Fond ta' Koeżjoni (FK) — Assistenza teknika operazzjonali**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
16 650 952	13 110 000	15 864 498	11 400 000	15 428 938,—	7 930 176,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri assistenza teknika ffinanzjata mill-FK prevista fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

L-assistenza teknika tista' ssostni l-azzjonijiet ta' thejġija, ta' kontroll tal-monitoraġġ, ta' awditjar, ta' evalwazzjoni, ta' komunikazzjoni, inkluża dik istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, ta' viżibilità u l-azzjonijiet kollha amministrattivi u ta' assistenza teknika meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-fondi tal-Unjoni, u fejn xieraq ma' pajjiżi terzi.

B'mod partikolari, tista' tintuża biex tkopri:

- nefqa relatata mal-IT, inkluża l-IT korporattiva,

KAPITOLU 05 03 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)

05 03 02 (ikompli)

- nefqa ta' komunikazzjoni, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva,
- nefqa marbuta mal-istudji u l-evalwazzjonijiet.

05 03 03 Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) — Trasport — allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni (FK)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 599 526 756	1 204 500 000	1 541 210 307	906 000 000	1 487 773 834,—	939 629 769,23

Kummenti

Ammont trasferit mill-FK għandu jintefaq esklużivament fl-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament mill-FK.

L-objettiv se jkun implimentat prinċipalment permezz ta' sejħiet għal proposti skont programmi ta' ħidma pluriennali, li se jikkostitwixxu deċiżjonijiet ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju.

Se jappoġġja azzjonijiet li jqisu l-impenji ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul tal-Unjoni. L-implimentazzjoni se tiegħu l-forma ta' studji, xogħlijiet u kwalunkwe miżura oħra ta' akkumpanjament meħtieġa għall-ġestjoni u t-twassil tal-programm, f'konformità mal-linji gwida speċifiċi għas-settur, jiġifieri l-Linji Gwida tat-TEN-T.

L-azzjonijiet eliġibbli se jirrigwardaw prinċipalment l-iżvilupp ta' Networks effiċjenti, interkonnessi u multimodali fil-ferroviji, fil-passaġġi fuq l-ilma interni, fil-portijiet marittimi u fl-infrastruttura tat-toroq tul in-Network ewlieni tat-TEN-T u għall-konnessjonijiet transfruntiera, il-portijiet marittimi u l-portijiet interni li jinsabu fin-Network komprensiv tat-TEN-T.

F'konformità mal-Artikolu 4, il-punt (4), tar-Regolament (UE) 2021/1153, sa 1 % tal-pakkett finanzjarju kumplessiv tal-FNE se jkopri l-ispejjeż marbuta ma' azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi u kwalunkwe miżura oħra ta' akkumpanjament li tappoġġja t-tnejja ta' proġetti u ttipprovdi pariri lill-promoturi tal-proġetti.

F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE)2021/1153, riżorsi finanzjarji allokati għall-FNE għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiki tal-Unjoni, għal azzjonijiet meħuda skont l-FNE u għar-riżultati miksuba.

05 03 04 Fond InvestEU — Kontribuzzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni (FK)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	5 000 000	p.m.	p.m.	25 000 000,—	0,—

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 03 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)

05 03 04 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi tal-Fond InvestEU b'segwitu ta' talba tal-Istat (i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm biex ikun trasferit sa massimu ta' 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FK għal InvestEU skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Ir-riżorsi trasferiti se jkunu implimentati skont ir-regoli ta' InvestEU u għandhom jintużaw għall-proviżjonament tal-parti tal-garanzija tal-UE taħt il-parti dedikata għall-Istat Membru mal-konklużjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2021/523.

05 03 05 Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) — Kontribuzzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni (FK)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
15 951 371	7 763 303	15 644 400	4 535 169	15 271 425,—	6 349 236,11

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa ir-riżorsi tal-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) b'segwitu ta' talba tal-Istat(i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm biex ikun trasferit sa massimu ta' 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FKi għall-BMVI skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Riżorsi trasferiti se jkunu implimentati skont ir-regoli tal-BMVI u għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

05 03 06 Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) — Kontribuzzjoni mill-FK

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 469 191	2 391 512	p.m.	p.m.	2 391 512,—	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) wara talba mill-Istat (i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm biex jiġu trasferiti sa 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FK għall-FEMSA skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati skont ir-regoli tal-FEMSA u għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

KAPITOLU 05 03 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)

05 03 07 Orizzont Ewropa — Kontribuzzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni FK

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tikkumplimenta r-riżorsi ta' Orizzont Ewropa wara t-talba tal-Istat (i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm għat-trasferiment sa 5 % tal-allokkazzjoni nazzjonali inizjali tal-FK għal Orizzont Ewropa skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati skont ir-regoli ta' Orizzont Ewropa u għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

05 03 08 Ewropa Diġitali— Kontribuzzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni (FK)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tikkumplimenta r-riżorsi tal-Programm Ewropa Diġitali wara talba mill-Istat (i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm għat-trasferiment sa 5 % tal-allokkazzjoni nazzjonali inizjali tal-FK għall-Programm Ewropa Diġitali skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati skont ir-regoli tal-Programm Ewropa Diġitali u għall-benefiċċju tal-Istat (i) Membru/i kkonċernat(i).

05 03 09 Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — Kontribuzzjoni mill-FK

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 03 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)

05 03 09 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza wara t-talba tal-Istat(i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm għat-trasferiment ta' parti mill-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FEŻR għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati f'konformità mar-regoli tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

05 03 99 Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex ikopru pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati minn snin preċedenti u jinkludu l-prefinanzjament għal programmi relatati mal-perjodu 2014-2020, filwaqt li titqies il-gwida pprovduta mill-Kunsill Ewropew.

05 03 99 01 Tlestija tal-Fond ta' Koeżjoni (FK) — Nefqa operazzjonali (qabel l-2021)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 339 732 000	p.m.	8 081 023 120	0,—	8 878 549 726,17

Kummenti

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	931 495 850 6 1 0 1
---------------------	---------------------

Bażiguridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 792/93 tat-30 ta' Marzu 1993 li jstabbilixxi strument finanzjarju ta' koeżjoni (ĠU L 79, 1.4.1993, p. 74).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jstabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

KAPITOLU 05 03 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)

05 03 99 (ikompli)

05 03 99 01 (ikompli)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi l-Fond ta' Koeżjoni (KE) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 79).

Ir-Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 281).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Atti ta' referenza

Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 158 u 161 tiegħu.

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 174 u 177 tiegħu.

05 03 99 02 Tlestija tal-Fond ta' Koeżjoni (FK) — Assistenza teknika operazzjonali (qabel l-2021)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 654 479	p.m.	5 300 000	0,—	7 357 699,83

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 281).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 03 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) (ikompli)

05 03 99 (ikompli)

05 03 99 03 Tlestija tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) — allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni (FK) (2014-2020)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	740 600 000	p.m.	901 500 000	0,—	904 854 998,57

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE) 2023/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu (ĠU L, 2023/2131, 11.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2131/oj>).

07 10 08 L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
70 307 729	70 307 729	65 101 095	65 101 095	51 201 846,—	51 201 846,—

Kummenti

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) hu responsabbli għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq għall-ġustizzja fir-rigward ta' awturi u kompliċi ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li huma previsti fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29) u determinati bir-Regolament (UE) 2017/1939. F'dak ir-rigward l-UPPE jwettaq investigazzjonijiet u atti ta' prosekuzzjoni, u jeżerċita l-funzjonijiet ta' prosekutur fil-qrati kompetenti tal-Istati Membri, sakemm il-każ jiġi finalment konkluż.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri r-reklutaġġ tal-UPPE u n-nefqa relatata mal-persunal, il-binjiet (inkluż is-sigurtà tal-binjiet), l-infrastruttura u n-nefġiet amministrattivi relatati mal-IT (Titoli 1 u 2). Din tinkludi n-nefqa operazzjonali relatata mal-kostijiet relatati mal-investigazzjonijiet tal-UPPE f'konformità mal-Artikolu 91(5) u (6) tar-Regolament (UE) 2017/1939, is-sistema tal-ġestjoni tal-każijiet tal-UPPE, il-pjattaforma tal-iskambju tal-IT bejn l-Uffiċċju Ċentrali tal-UPPE, il-Prosekuturi Delegati Ewropej u awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi oħra fl-Istati Membri, li hi element ewlieni għall-funzjonament tajeb tal-UPPE, u l-proviżjonament ta' servizzi ta' protezzjoni mill-qrib lill-persunal superjuri tal-UPPE, il-ħlas tal-Prosekuturi Delegati Ewropej u l-kostijiet sostanzjali tat-traduzzjoni għall-ħtiġijiet operazzjonali tal-UPPE (Titolu 3).

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	71 888 321
<i>Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)</i>	1 580 592
Ammont imdaħħal fil-baġit	70 307 729

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (ikompli)

07 10 08 (ikompli)

Bażiguridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

07 10 09 **L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)**

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
48 426 694	35 476 694	39 435 114	29 214 114	34 689 842,—	26 397 342,—

Kummenti

L-objettiv tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) hu li tikkontribwixxi biex tkun żgurata mobbiltà ġusta tal-forza tax-xogħol madwar l-Unjoni u li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-Unjoni. Għal dan il-għan, l-ELA għandha tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi rigward il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol madwar l-Unjoni kif ukoll għas-servizzi rilevanti; tiffaċilita u ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-infurzar tad-dritt rilevanti tal-Unjoni madwar l-Unjoni, inkluż tiffaċilita spezzjonijiet konċertati u konġunti; timmedja u tiffaċilita soluzzjoni f'każijiet ta' tilwim transfruntier bejn l-Istati Membri; u tappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-indirizzar tax-xogħol mhux dikjarat.

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti tal-ELA, b'mod partikolari:

- tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni u tikkoordina in-netwerk Ewropew tas-servizzi tal-impjegi (EURES),
- tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri bil-ħsieb tal-applikazzjoni u tal-infurzar konsistenti, effiċjenti u effettiv tad-dritt rilevanti tal-Unjoni,
- se tikkoordina u tappoġġa l-ispezzjonijiet miftiehma u konġunti,
- twettaq analiżijiet u valutazzjonijiet tar-riskju dwar kwistjonijiet tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol transfruntiera,
- tappoġġa lill-Istati Membri b'bini tal-kapaċità fir-rigward tal-applikazzjoni u tal-infurzar effettiv tad-dritt rilevanti tal-Unjoni,
- tappoġġa lill-Istati Membri biex jindirizzaw ix-xogħol mhux iddikjarat,
- timmedja f'tilwim bejn l-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tad-dritt rilevanti tal-Unjoni.

KAPITOLU 07 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĠJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (ikompli)

07 10 09 (ikompli)

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	48 426 694
<i>Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)</i>	
Ammont imdaħħal fil-baġit	48 426 694

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jstabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/34 (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Paga- menti- 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
07 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA								
07 20 01	Proġetti pilota	2.2	9 040 000	14 354 967	12 740 500	14 763 876	15 039 983,—	10 090 444,25	70,29
07 20 02	Azzjonijiet preparatorji	2.2	16 787 500	24 359 473	18 850 000	32 210 706	20 000 000,—	37 481 058,17	153,87
07 20 03	Azzjonijiet oħra								
07 20 03 01	Moviment liberu tal- ħaddiema, koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inkluż il-migranti minn pajjiżi terzi	2.2	7 900 000	7 000 000	7 900 000	6 000 000	7 760 256,34	6 196 174,14	88,52
	<i>Artikolu 07 20 03 — Sub- total</i>		7 900 000	7 000 000	7 900 000	6 000 000	7 760 256,34	6 196 174,14	88,52
07 20 04	Azzjonijiet ifffinanzjati permezz tal-prerogattivi tal-Kummissjoni u setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni								
07 20 04 01	Azzjonijiet ta' Multimedia	2.2	20 738 882	13 273 586	20 559 698	17 249 328	20 384 212,65	22 966 789,98	173,03
07 20 04 02	Servizzi eżekuttivi u ta' komunikazzjoni korporattiva	2.2	48 334 000	47 978 000	47 916 000	47 199 000	43 559 000,—	40 404 000,—	84,21
07 20 04 03	Rappreżentanzi tal- Kummissjoni	2.2	28 070 000	24 958 000	27 826 000	24 554 000	27 587 791,96	26 509 000,—	106,21
07 20 04 04	Servizzi tal- komunikazzjoni għaċ- ċittadini	2.2	33 068 000	32 844 000	32 783 000	32 310 000	36 451 000,—	30 339 688,09	92,38
07 20 04 05	Dar l-Istorja Ewropea	2.2	3 000 000	3 000 000	3 000 000	3 000 000	3 000 000,—	3 000 000,—	100
07 20 04 06	Kompetenzi speċifiċi fil- qasam tal-politika soċjali, inkluż id-djalogu soċjali	2.2	23 221 446	20 000 000	23 219 084	18 650 000	24 019 796,37	18 943 277,09	94,72
07 20 04 07	Attivitajiet oħrajn fil- qasam tad-drittijiet fundamentali	2.2	921 815	900 000	913 850	900 000	906 050,—	351 472,93	39,05

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJET OĦRA (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Paga-menti-2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
07 20 04	(ikompli)								
07 20 04 08	Analizzijiet u studji dwar is-sitwazzjoni soċjali, id-demografija u l-familja	2.2	1 994 237	2 500 000	2 500 000	2 500 000	3 138 710,—	1 685 816,24	67,43
07 20 04 09	Miżuri ta' tagħrif u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema	2.2	23 728 699	21 500 000	22 532 322	21 100 000	22 305 945,95	19 586 091,40	91,10
	Artikolu 07 20 04 — Sub-total		183 077 079	166 953 586	181 249 954	167 462 328	181 352 506,93	163 786 135,73	98,10
	Kapitolu 07 20 — Total		216 804 579	212 668 026	220 740 454	220 436 910	224 152 746,27	217 553 812,29	102,30

07 20 01 Proġetti pilota

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
9 040 000	14 354 967	12 740 500	14 763 876	15 039 983,—	10 090 444,25

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura esperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom.

Il-lista tal-proġetti pilota hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-taqsim, fil-Kapitolu PP 07.

Bażiguridika

L-Artikolu 58(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

07 20 02 Azzjonijiet preparatorji

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
16 787 500	24 359 473	18 850 000	32 210 706	20 000 000,—	37 481 058,17

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

07 20 02 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-applikazzjoni tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri.

Il-lista tal-azzjonijiet preparatorji hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-taqsim, fil-Kapitolu PA 07.

Bażiguridika

L-Artikolu 58(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

07 20 03 **Azzjonijiet oħra**

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja azzjonijiet u attivitajiet mhux inklużi fil-kapitoli preċedenti ta' dan it-titolu, u li madankollu ġie adottat att bażiku għalihom.

07 20 03 01 Moviment liberu tal-ħaddiema, koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inkluż il-migranti minn pajjiżi terzi

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
7 900 000	7 000 000	7 900 000	6 000 000	7 760 256,34	6 196 174,14

Kummenti

L-obiettiv ta' din l-attività huwa li tippromwovi mobbiltà ġeografika u professjonali ġusta (inkluż il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali) tal-ħaddiema fl-Ewropa biex jingħeleb ix-xkiel għall-moviment liberu tal-ħaddiema, u bħala kontribut għall-istabbiliment ta' suq tax-xogħol reali fil-livell Ewropew.

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

07 20 03 (ikompli)

07 20 03 01 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet ta' appoġġ għall-monitoraġġ tad-dritt tal-Unjoni b'finanzjament ta' network ta' esperti dwar il-mobilità tax-xogħol, inkluż il-moviment liberu u l-ippostjar tal-ħaddiema u s-sigurtà soċjali filwaqt li jsir rappurtar regolari dwar l-implimentazzjoni tal-atti legali tal-Unjoni fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni, u biex jiġu analizzati u evalwati x-xejriet ewlenin fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri azzjonijiet li jappoġġaw il-governanza tal-atti legali tal-Unjoni b'laqgħat tal-kumitati, azzjonijiet għas-sensibilizzazzjoni u l-implimentazzjoni, u b'appoġġ tekniku speċifiku ieħor, u l-iżvilupp ta' għodod diġitali rilevanti bħas-sistema tal-Iskambju Elettroniku tal-Infurmazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI) u l-implimentazzjoni tagħhom.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri, partikolarment:

- studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi x ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*,
- l-analiżi u evalwazzjoni ta' xejriet maġġuri fil-leġiżlazzjoni fl-Istati Membri fir-rigward tal-moviment liberu ta' ħaddiema u koordinazzjoni ta' sistemi tas-sigurtà soċjali, kif ukoll il-finanzjament ta' networks ta' esperti f'dawk l-oqsma,
- l-analiżi u riċerka dwar żviluppi ta' politika ġdida fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema marbuta, pereżempju, mat-tmjem ta' perjodi tranżitorji u l-immodernizzar ta' dispożizzjonijiet tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali,
- l-appoġġ għall-ħidma tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali u s-sottogruppi tagħha u għas-segwitu tad-deċiżjonijiet meħuda, kif ukoll l-appoġġ għall-ħidma tal-Kumitati Tekniċi u Konsultattivi għall-moviment liberu tal-ħaddiema,
- l-appoġġ għal Azzjoni preparatorja għall-applikazzjoni tar-regolamenti l-ġodda dwar is-sigurtà soċjali, inklużi skambji transnazzjonali ta' esperjenza u informazzjoni u inizjattivi ta' taħriġ żviluppanti fil-livell nazzjonali,
- azzjonijiet maħsuba biex jipprovdu servizz aħjar u jżidu s-sensibilizzazzjoni pubblika, inkluż miżuri maħsuba biex jidentifikaw problemi fl-oqsma tas-sigurtà soċjali u l-impjiegi tal-ħaddiema migranti, u miżuri li jħaffu u jssimplifikaw il-proċeduri amministrattivi, analiżi sensitiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru tax-xkiel għall-moviment liberu tal-ħaddiema u tan-nuqqas ta' koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u l-impatt tagħhom fuq il-persuni b'diżabbiltà, inkluż l-adattament ta' proċeduri amministrattivi għal tekniki ġodda tal-proċessar tal-informazzjoni, biex jitjiebu s-sistema għall-kisba ta' drittijiet u l-kalkolu u l-ħlas tal-benefiċċji skont ir-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71, (KEE) Nru 574/72, (KE) Nru 859/2003, (KE) Nru 883/2004, (KE) Nru 987/2009 u (UE) Nru 1231/2010, u r-reviżjonijiet futuri tagħhom,
- il-ħolqien ta' informazzjoni u azzjonijiet sabiex il-membri tal-pubbliku jsiru konxji tad-drittijiet tagħhom b'rispett għall-moviment liberu tal-ħaddiema u l-koordinazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

07 20 03 (ikompli)

07 20 03 01 (ikompli)

— l-appoġġ għall-għodod diġitali rilevanti bħall-iskambju elettroniku tal-informazzjoni dwar is-sigurtà soċjali bejn l-Istati Membri, bil-ħsieb li teħfief l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tiegħu (KE) Nru 987/2009, inkluż il-manutenzjoni tan-nodu ċentrali tas-sistema EESSI, l-ittestjar tal-komponenti tas-sistema, l-attivitajiet tal-helpdesk, l-appoġġ għal aktar żvilupp tas-sistema, u t-taħriġ.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiġu miżjuda mal-appropriazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA imdaħħlin taħt l-artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità l-Artikolu 21(2), il-punti (b), (e) u (f) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-Taqsima, li tiffirma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażiġuridika

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 45 u 48 tiegħu.

Ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU L 149, 5.7.1971, p. 2).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 tal-21 ta' Marzu 1972 li jstipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità (ĠU L 74, 27.3.1972, p. 1).

Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjeg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/49/KE tad-29 ta' Ġunju 1998 dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-pensjoni supplimentari ta' persuni impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom li jiċċaqalqu fi ħdan il-Komunità (ĠU L 209, 25.7.1998, p. 46).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 859/2003 tal-14 ta' Mejju 2003 li jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u r-Regolament (KEE) Nru 574/72 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba ċ-ċittadinanza tagħhom (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jstabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1).

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

07 20 03 (ikompli)

07 20 03 01 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jestendi r-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawn ir-Regolamenti unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom (ĠU L 344, 29.12.2010, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1).

Id-Direttiva 2014/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar ir-reqwiziti minimi sabieħ tiżdied il-mobbiltà tal-ħaddiema minn Stat Membru għal ieħor permezz ta' titjib fil-ksib u l-preservazzjoni tad-drittijiet għal pensjoni supplimentari (ĠU L 128, 30.4.2014, p. 1).

Id-Direttiva 2014/54/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar miżuri li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti fuq ħaddiema fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema (ĠU L 128, 30.4.2014, p. 8).

Id-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11).

07 20 04 Azzjonijiet ifffinanzjati permezz tal-prerogattivi tal-Kummissjoni u setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa relatata mal-kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali.

Baziġuridika

L-Artikolu 58(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

07 20 04 01 Azzjonijiet ta' Multimedia

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
20 738 882	13 273 586	20 559 698	17 249 328	20 384 212,65	22 966 789,98

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

07 20 04 (ikompli)

07 20 04 01 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex iżżid id-disponibbiltà ta' informazzjoni ġenerali mogħtija liċ-ċittadini dwar suġġetti li jikkonċernaw lill-Ewropa u lill-Unjoni biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jużaw bis-sħiħ id-dritt tagħhom li jkunu infurmati dwar il-politiki Ewropej u involuti fihom, u biex iżżid il-viżibbiltà tal-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, id-deċiżjonijiet meħuda u l-istadji fit-tiswir tal-Unjoni. Essenzjalment din tikkonċerna l-finanzjament jew il-kofinanzjament tal-produzzjonijew id-disseminazzjoni ta' multimedja (fuq ir-radju, it-televiżjoni, l-internet, eċċ.) prodotti tal-informazzjoni, inkluż bil-midja u n-networks pan-Ewropej magħmulin minn midja lokali u nazzjonali li jwasslu aħbarijiet dwar materji Ewropej, kif ukoll l-għodod meħtieġa biex tiġi żviluppata politika f'dan ir-rispett.

Din l-appropriazzjoni se tkopri wkoll nefqa ta' appoġġ bħal studji, laqgħat, kontrolli *ex post*, assistenza teknika u amministrattiva esperta li ma tinvolvi kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizz ad hoc, evalwazzjoni u awditu dwar attivitajiet preżenti jew futuri, studji ta' fattibbiltà, pubblikazzjonijiet, u l-pagament lura tal-ivvjaġġar u spejjeż relatati tal-esperti.

Fejn ikun xieraq, il-proċeduri ta' akkwist u ta' għotja jistgħu jinkludu l-konklużjoni ta' sħubijiet qafas bil-ħsieb li jiġi promoss qafas ta' finanzjament stabbli għall-mezzi tax-xandir pan-Ewropej iffinanzjati taħt din l-appropriazzjoni.

07 20 04 02 Servizzi eżekuttivi u ta' komunikazzjoni korporattiva

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
48 334 000	47 978 000	47 916 000	47 199 000	43 559 000,—	40 404 000,—

Kummenti

Is-servizzi eżekuttivi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni huma pprovduti lill-President u lill-Kulleġġ tal-Kummissarji b'appoġġ għall-attivitajiet tal-komunikazzjoni tal-President, il-Kulleġġ, is-Servizz tal-Portavuċi u l-maniġment superjuri tal-Kummissjoni billi jiżguraw intelligence politika u ekonomika u konsulenza dwar il-midja, u billi jagħtu informazzjoni ta' kwalità għolja speċifika għall-pajjiżi u analiżi mingħand varjetà ta' sorsi fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. Fl-aħħar mill-aħħar, dan iwassal għal tffassil tal-politika tal-Unjoni aktar infurmat għaċ-ċittadini.

Il-prodotti u s-servizzi tal-komunikazzjoni korporattiva huma pprovduti lis-servizz tal-komunikazzjoni esterna tal-Kummissjoni u jirriflettu r-rwol tagħha bħala pijunier f'dan il-qasam, filwaqt li jiżguraw koerenza fl-messaġġi tal-Kummissjoni billi jallinjaw is-servizzi tal-komunikazzjoni kollha tal-Kummissjoni biex jikkontribwixxu għal komunikazzjoni korporattiva koerenti u effettiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni. Dan iwassal gradwalment biex jifasslu messaġġi u narrattivi korporattivi aktar ċari, tinkiseb marka viżiva distintiva li eventwalment tiġi rikonoxxuta, u jinħolqu ekonomiji ta' skala, u b'hekk jgħin biex tissawwar immaġni aħjar tal-Kummissjoni u tal-Unjoni.

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)**07 20 04** (ikompli)

07 20 04 02 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal azzjonijiet tal-komunikazzjoni korporattiva, li tinkludi l-kostijiet għall-produzzjoni tal-kontenut, il-forniment ta' servizzi tekniċi korporattivi, id-disseminazzjoni ta' informazzjoni b'azzjonijiet tal-komunikazzjoni integrati, l-organizzazzjoni ta' avvenimenti u l-parteċipazzjoni fihom, u studji jew evalwazzjonijiet, u attivitajiet ta' professjonalizzazzjoni meta rilevanti.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba fl-Unjoni għall-multimedia online u għall-informazzjoni stampata u għal għodod oħra tal-komunikazzjoni li jikkonċernaw lill-Unjoni bl-iskop li jipprovdu informazzjoni ġenerali liċ-ċittadini kollha dwar il-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, id-deċiżjonijiet meħuda u l-istadji fit-tiswir tal-Unjoni. Dan hu kompitu ta' servizz pubbliku. B'għodod tal-komunikazzjoni online u oħrajn ikunu jistgħu jinġabru mistoqsijiet u reazzjonijiet taċ-ċittadini dwar suġġetti Ewropej. Dawk l-għodod jsiru aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà, skont il-linji gwida tal-Inizjattiva dwar l-Aċċessibbiltà tal-Web.

L-għodod ewlenin ikkonċernati huma:

- is-sit web Europa (li hu l-punt ewlieni li jipprovdi aċċess liċ-ċittadini għal informazzjoni li jaf ikollhom bżonn fil-ħajja ta' kuljum, u għalhekk dan għandu jkun strutturat b'mod ċar) kulma jmur qed jittejjeb għall-utenti u jiġi ottimizzat għat-tagħmir mobbli,
- l-istqarrijiet għall-istampa online, id-databażijiet u sistemi oħra tal-informazzjoni online dwar il-komunikazzjoni.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tiffinanzja:

- it-titjib tas-sit web Europa biex jiġi ottimizzat għat-tagħmir mobbli, biex jiffoka fuq il-ħtiġijiet tal-utenti u biex jipprofessjonalizza l-użu ta' sorsi oħra fuq l-internet bħall-midja soċjali, il-blogs u il-web 2.0, inkluż it-tipi kollha ta' taħriġ, servizzi ta' kkwocjar u konsulenza għal diversi gruppi ta' partijiet ikkonċernati,
- in-nefqa marbuta mal-ospitar u l-kostijiet tal-liċenzja assoċjati mas-sit web Europa,
- il-kostijiet tal-operat u tal-manutenzjoni tal-preżenza tal-Kummissjoni fuq il-midja soċjali, inkluż l-assistenza teknika, ix-xiri ta' liċenzji tat-tagħmir u l-materjal meħtieġ,
- l-iskambju tal-aqwa prattiki, it-trasferiment tal-għarfien u l-professjonalizzazzjoni billi tiffinanzja żjarat ta' esperti u prattikanti fil-komunikazzjoni diġitali u f'komunikazzjoni oħra,
- in-nefqa tal-IT għal żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi possibbli tal-ġestjoni u tal-informazzjoni rilevanti,
- il-kost tal-abbonamenti u l-aċċess għal sorsi ta' informazzjoni fuq l-internet bħal aġenziji tal-istampa, aħbarijiet fuq l-internet, fornituri tal-informazzjoni u databażijiet esterni,
- it-taħriġ u l-appoġġ meħtieġa għall-aċċess ta' dik l-informazzjoni,
- in-nefqa għall-evalwazzjoni u għall-professjonalizzazzjoni.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

07 20 04 (ikompli)

07 20 04 02 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-Ewrobarometru u l-analitika tad-*data*. Din tinkludi, fost l-oħrajn, l-analiżi tax-xejriet fl-opinjoni pubblika, primarjament bi sħarriġiet tal-opinjoni (pereżempju l-istħarriġiet tal-pubbliku ġenerali tal-“Ewrobarometru”, u flash surveys, bit-telefon, ta’ popolazzjonijiet speċifiċi dwar suġġetti partikolari, fil-livell reġjonali, nazzjonali jew Ewropew, jew sħarriġiet kwalitattivi), kif ukoll il-kontroll tal-kwalità ta’ tali sħarriġiet.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll miżuri biex titjieb il-kapaċità tal-analitika tad-*data* tal-Kummissjoni bil-għan li jkunu miġġeldin d-diżinformazzjoni u t-tixrid ta’ aħbarijiet foloz.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tat-tħaddim tal-istudios tat-televiżjoni u tar-radju tal-Kummissjoni u faċilitajiet oħra tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni awdjoviżivi u multimedjali fil-bini tal-Kummissjoni fl-Istati Membri kollha: il-persunal u x-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija tat-tagħmir u l-materjal meħtieġ (rappurtaġġi tal-aħbarijiet, produzzjoni awdjoviżiva, librerija tal-midja awdjoviżiva, realtà virtwali eċċ.).

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll kiri tas-satellita biex tipprovdi informazzjoni fuq l-attivitajiet tal-Unjoni għall-kanali televiżivi. Għandha titħaddem skont il-prinċipji interistituzzjonali ta’ kooperazzjoni biex tkun żgurata d-disseminazzjoni tal-informazzjoni kollha dwar l-Unjoni.

Bl-istess mod, din tkopri wkoll il-monitoraġġ u l-analiżi tal-midja kwalitattiva (inkluż il-monitoraġġ jew l-analiżi tal-attivitajiet tal-midja soċjali) inkluż l-abbonamenti u l-liċenzji relatati.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-attivitajiet li jipprovdu l-informazzjoni ġenerali liċ-ċittadini dwar l-Unjoni biex tiżied il-viżibbiltà tal-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, id-deċiżjonijiet meħuda u l-istadji fit-tiswir tal-Unjoni, b’enfasi ewlenija fuq il-midja. L-għodod żviluppati għal fehim u rappurtar aħjar ta’ kwistjonijiet topiċi b’mod partikolari l-appoġġ relatat mal-komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni, ikopru l-aktar:

- multimedia (ritratti, vidjow, eċċ.) materjal ta’ tagħrif għall-mezzi tax-xandir u pjattaformi oħrajn, inkluż il-pubblikazzjoni jew xandir u d-depożitu ċentrali tagħhom għall-preservazzjoni jew id-disseminazzjoni fuq terminu twil,
- id-disinn grafiku,
- in-nefqa tal-IT għal żvilupp u manutenzjoni ta’ sistemi possibbli tal-ġestjoni u tal-informazzjoni rilevanti,
- seminars u appoġġ għall-ġurnalisti.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll in-nefqa orizzontali fuq, *inter alia*, studji, laqgħat, kontrolli *ex post*, assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompiti ta’ awtorità pubblika li jkunu ġew esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta’ servizz ad hoc, l-evalwazzjoni tal-attivitajiet orizzontali jew transsettorjali u tal-attivitajiet tal-professjonalizzazzjoni, u r-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ispejjeż relatati għal-persuni mistiedna biex isegwu l-ħidma tal-Kummissjoni.

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

07 20 04 (ikompli)

07 20 04 03 Rappreżentanzi tal-Kummissjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
28 070 000	24 958 000	27 826 000	24 554 000	27 587 791,96	26 509 000,—

Kummenti

Il-prodotti u s-servizzi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni huma indirizzati direttament liċ-ċittadini fl-Istati Membri kollha, dawn jipprovdu informazzjoni liċ-ċittadini u jinvolvuhom biex ikun żgurat li s-servizzi tal-komunikazzjoni liċ-ċittadini jsiru disponibbli b'messaġġi sempliċi, ċari u li jinftiehem magħmula skont il-bżonnijiet tagħhom, permezz ta' taħlita ta' kanali u midja (tradizzjonali u ġodda) jew b'komunikazzjoni diretta maċ-ċittadini u billi jiġi stimulat l-iskambju u l-involviment wiċċ imb wiċċ. Flimkien, dan jgħin liċ-ċittadini jaċċessaw informazzjoni aġġornata u faċli għall-utenti dwar il-politiki u l-valuri tal-Unjoni. Din tikkontribwixxi għal aktar sensibilizzazzjoni u fehim taċ-ċittadini dwar il-materji Ewropej u, b'hekk tħeġġeġ l-interess taċ-ċittadini biex jinvolvu ruħhom direttament mal-“uċuħ tal-Kummissjoni”, kemm fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal azzjonijiet tal-komunikazzjoni korporattiva, li tinkludi l-kostijiet għall-produzzjoni tal-kontenut, il-forniment ta' servizzi tekniċi korporattivi, id-disseminazzjoni ta' informazzjoni b'azzjonijiet tal-komunikazzjoni integrati, l-organizzazzjoni ta' avvenimenti u l-parteċipazzjoni fihom, studji jew evalwazzjonijiet, u attivitajiet ta' professjonalizzazzjoni meta rilevanti.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja attivitajiet ġenerali tal-informazzjoni, tal-komunikazzjoni jew tal-kuntatt, maħsuba għaċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri kollha, li jsiru l-aktar mir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri, u tkopri:

- azzjonijiet ta' komunikazzjoni marbuta ma' prijoritajiet annwali jew pluriennali speċifiċi ta' politika tal-Kummissjoni, kif ifformulat fid-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-President tal-Kummissjoni, il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni u d-Dikjarazzjoni Konġunta (fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1)), u azzjonijiet ta' komunikazzjoni *ad hoc* fuq skala reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali li jaqblu mal-prijoritajiet ta' politika; dawk l-azzjonijiet tal-komunikazzjoni jistgħu jiġu organizzati bi sħab mal-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, jew l-Istati Membri (fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali) biex jinħolqu sinerġiji bejn is-sħab u biex jiġu kkoordinati l-attivitajiet tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tagħhom dwar l-Unjoni,

- avvenimenti miftuħa għaċ-ċittadini,

- djalogi u panels maċ-ċittadini fl-Istati Membri, inkluż b'formati virtwali u ibridi, biex tiġi promossa ġenerazzjoni ġdida ta' kuntatt maċ-ċittadini, kemm bħala eżerċizzju fid-demokrazija parteċipattiva kif ukoll bħala mod kif jittejjeb it-tfassil tal-politika,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

07 20 04 (ikompli)

07 20 04 03 (ikompli)

- seminars u konferenzi kif ukoll sessjonijiet ta' ħidma ma' gruppi fil-mira iktar speċifiċi, bħal żgħażagħ, applikazzjoni ta' metodi parteċipattivi u jintużaw teknoloġiji moderni ta' komunikazzjoni,
- organizzazzjoni jew parteċipazzjoni favvenimenti Ewropej, wirjiet u attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi, organizzazzjoni ta' żjarat individwali, eċċ.,
- azzjonijiet ta' komunikazzjoni diretta mmirati lejn il-pubbliku ġenerali (pereżempju, servizzi ta' pariri għaċ-ċittadini),
- attivitajiet ta' komunikazzjoni għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni,
- miżuri ta' komunikazzjoni diretta mmirati lejn il-partijiet konċernati u l-multiplikaturi tal-opinjonijiet, partikolarment miżuri msaħħa li jinvolvu lill-midja reġjonali u nazzjonali, li huma sors tal-informazzjoni ewlieni għal għadd kbir ta' ċittadini tal-Unjoni,
- il-ġestjoni u t-tħaddim ta' ċentri tal-informazzjoni u ta' spazji u installazzjonijiet multimedjali għall-pubbliku ġenerali,
- outreach tal-midja soċjali fl-Istati Membri, inkluża l-analitika tad-*data*,
- attivitajiet ta' appoġġ lokali għall-Europe Direct u network oħra appoġġati mill-Kummissjoni, bħal taħriġ, koordinazzjoni, assistenza u promozzjoni, li jinkludi wkoll il-produzzjoni, il-ħżin u d-distribuzzjoni ta' materjal informattiv u prodotti tal-komunikazzjoni minn dawk is-sorsi kif ukoll għalihom,
- in-nefqa għal studji, servizzi loġistiċi, assistenza teknika, partikolarment għall-IT, inkluż il-manutenzjoni tal-web, laqgħat ta' esperti u assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu ġew esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*, kif ukoll ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ispejjeż relatati tal-persuni mistiedna biex isegwu l-ħidma tal-Kummissjoni,
- in-nefqa tal-IT għal żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi possibbli tal-ġestjoni u tal-informazzjoni rilevanti,
- toffri appoġġ għall-iskambju tal-aħjar Prattiki, it-trasferiment tal-għarfien u l-professionalizzazzjoni billi tiffinanzja żjarat ta' esperti u prattikanti fil-komunikazzjoni diġitali,
- informazzjoni, seminars u appoġġ lill-ġurnalisti,
- in-nefqa għall-evalwazzjoni u għall-professionalizzazzjoni.

Bl-għodod online, iċ-ċittadini mhux biss jiġu infurmati iżda jinġabru wkoll il-mistoqsijiet jew ir-reazzjonijiet tagħhom dwar bosta kwistjonijiet Ewropej; saru għodda importanti ta' kuntatt maċ-ċittadini. L-informazzjoni tkopri l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni. L-għodod iridu jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà skont il-linji gwida tal-Inizjattiva tal-Aċċessibbiltà għall-Web.

It-tipi ta' għodod ewlenin ikkonċernati huma:

- is-siti web, il-prodotti multimedjali u stampati tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri,

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

07 20 04 (ikompli)

07 20 04 03 (ikompli)

- l-istqarrijiet għall-istampa online, id-databażijiet u sistemi oħra tal-informazzjoni online dwar il-komunikazzjoni,
- kanali online kumplimentari fir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni, bħal midja soċjali lokali, blogs u teknoloġiji oħra tal-Web 2.0,
- analitika tad-*data* relatata.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll in-nefqa marbuta mal-produzzjoni, għal bosta gruppi fil-mira, ta' pubblikazzjonijiet (stampati jew f'format diġitali) dwar l-attivitajiet tal-Unjoni li ta' spiss jitqassmu minn network deċentralizzat, primarjament:

- il-pubblikazzjonijiet tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni,
- id-disseminazzjoni (anki permezz ta' network deċentralizzat) ta' informazzjoni bażika speċifika dwar l-Unjoni (fil-lingwi kollha uffiċjali tal-Unjoni) għall-pubbliku ġenerali, ikkoordinat mis-sit prinċipali tal-entità, kif ukoll il-promozzjoni tal-pubblikazzjonijiet.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll il-kooperazzjoni fil-kuntatt lokali bejn ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni u l-uffiċċji ta' kollegament tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni tmexxi n-nefqa tal-azzjonijiet konġunti u partikolarment il-kost tal-proġetti konġunti tal-komunikazzjoni għall-benefiċċju tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni. Il-kooperazzjoni fil-kuntatt lokali taż-żewġ istituzzjonijiet trid tistrieħ fuq prinċipji komuni maqbula miż-żewġ istituzzjonijiet u fuq programmi ta' ħidma konġunta approvati mill-Kapijiet tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u mill-Kapijiet tal-uffiċċji ta' kollegament tal-Parlament Ewropew. Ir-rappreżentanzi taż-żewġ istituzzjonijiet għandhom ukoll ifasslu rapport annwali ta' valutazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programmi tal-ħidma konġunta.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġa d-disinn, l-iżvilupp u l-aġġornament tal-kontenut tal-komunikazzjoni għall-proġetti ta' Europa Experience fl-Istati Membri.

07 20 04 04 Servizzi tal-komunikazzjoni għaċ-ċittadini

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
33 068 000	32 844 000	32 783 000	32 310 000	36 451 000,—	30 339 688,09

Kummenti

Il-prodotti u s-servizzi tal-Kummissjoni huma indirizzati direttament liċ-ċittadini, jipprovdu informazzjoni liċ-ċittadini, u jinvolvuhom biex ikun żgurat li s-servizzi tal-komunikazzjoni liċ-ċittadini madwar l-Unjoni jsiru disponibbli b'messaġġi sempliċi, ċari u li jistgħu jinftiehem, permezz ta' taħlita ta' kanali u midja (tradizzjonali u ġodda) jew b'komunikazzjoni diretta maċ-ċittadini u billi jiġi stimulat l-iskambju u l-involvement wiċċ imb wiċċ. Flimkien, dan jgħin liċ-ċittadini jaċċessaw informazzjoni aġġornata u faċli għall-utenti dwar il-politiki u l-valuri tal-Unjoni. Din tikkontribwixxi għal aktar sensibilizzazzjoni u ftehim taċ-ċittadini dwar il-materji Ewropej, u b'hekk thegħeġ l-interess taċ-ċittadini biex jinvolvu ruħhom direttament mal-“uċuħ tal-Kummissjoni”, kemm fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

07 20 04 (ikompli)

07 20 04 04 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal azzjonijiet tal-komunikazzjoni korporattiva, li tinkludi l-kostijiet għall-produzzjoni tal-kontenut, il-forniment ta' servizzi tekniċi korporattivi, id-disseminazzjoni ta' informazzjoni b'azzjonijiet tal-komunikazzjoni integrati, l-organizzazzjoni ta' avvenimenti u l-parteċipazzjoni fihom, studji u evalwazzjonijiet, u attivitajiet ta' professjonalizzazzjoni meta rilevanti.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-azzjonijiet ġenerali tal-informazzjoni għaċ-ċittadini u tkopri:

- il-finanzjament tan-network Europe Direct madwar l-Ewropa (Europe Direct Information Centres, ċentri Ewropej tad-dokumentazzjoni, kelliema ta' Team Europe, eċċ.); dan in-network jissupplimenta l-ħidma tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u tal-uffiċċji ta' kollegament tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri,
- l-appoġġ, it-taħriġ, il-koordinazzjoni u l-assistenza għan-network Europe Direct,
- il-finanzjament tal-produzzjoni, il-ħżin u d-distribuzzjoni ta' materjal informattiv u prodotti tal-komunikazzjoni minn dawk is-sorsi u għalihom,
- l-operazzjoni taċ-Ċentru ta' Kuntatt Europe Direct (ċentru ta' servizz multilingwi),
- il-finanzjament ta' djalogi u panels taċ-ċittadini u avvenimenti simili wiċċ imb wiċċ jew fuq pjattaformi online relatati biex tiġi promossa ġenerazzjoni ġdida ta' kuntatt maċ-ċittadini, kemm bħala eżerċizzju fid-demokrazzja parteċipattiva kif ukoll bħala mod kif jittejjeb it-tfassil tal-politika,
- azzjonijiet ta' komunikazzjoni *ad hoc* fuq skala reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali li jaqblu mal-prijoritajiet tal-komunikazzjoni,
- avvenimenti miftuħa għaċ-ċittadini,
- seminars u konferenzi kif ukoll sessjonijiet ta' ħidma ma' gruppi fil-mira iktar speċifiċi, bħala żgħażaġh, u l-applikazzjoni ta' metodi parteċipattivi,
- organizzazzjoni jew parteċipazzjoni f'avvenimenti Ewropej, wirjiet u attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi, organizzazzjoni ta' żjarat individwali, eċċ.,
- azzjonijiet ta' komunikazzjoni diretta mmirati lejn il-pubbliku ġenerali (pereżempju, servizzi ta' pariri għaċ-ċittadini),
- miżuri ta' komunikazzjoni diretta mmirati lejn il-multiplikaturi tal-opinjonijiet, partikolarment miżuri msaħħa li jinvolvu l-istampa reġjonali ta' kuljum, li hija sors ta' informazzjoni ewlieni għal għadd kbir ta' ċittadini tal-Unjoni,
- in-nefqa fuq il-ħruġ, bi kwalunkwe mezz, ta' pubblikazzjonijiet dwar suġġetti ta' importanza topika dwar l-attivitajiet tal-Kummissjoni u l-ħidma tal-Unjoni, kif ukoll il-pubblikazzjonijiet previsti fit-Trattati u pubblikazzjonijiet istituzzjonali jew ta' referenza oħrajn, bħar-Rapport Ġenerali dwar l-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea ppubblikati skont l-Artikolu 249(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; il-pubblikazzjonijiet jistgħu jkunu mmirati lejn gruppi speċifiċi bħall-professjonisti tat-tagħlim, iż-żgħażaġh, l-opinjonisti ewlenin jew il-pubbliku ġenerali,
- in-nefqa marbuta mal-produzzjoni, għal gruppi varji fil-mira, ta' pubblikazzjonijiet stampati dwar l-attivitajiet tal-Unjoni li ta' spiss jitqassmu b'network deċentralizzat,

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

07 20 04 (ikompli)

07 20 04 04 (ikompli)

- id-disseminazzjoni (anki b'network deċentralizzat) ta' informazzjoni bażika speċifika dwar l-Unjoni (bil-lingwi kollha uffiċjali tal-Unjoni) għall-pubbliku ġenerali, b'mod ikkoodinat mill-kwartieri ġenerali, u l-promozzjoni tal-pubblikazzjonijiet,
- in-nefqa tal-IT għall-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi tal-ġestjoni u tal-informazzjoni rilevanti,
- in-nefqa għall-evalwazzjoni u għall-professionalizzazzjoni.

L-azzjonijiet tal-komunikazzjoni jistgħu jiġu organizzati bi sħab mal-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat tar-Reġjuni jew l-Istati Membri biex jinħolqu sinerġiji bejn dawn is-sħab u biex jiġu kkoordinati l-attivitajiet tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tagħhom dwar l-Unjoni.

Din l-appropriazzjoni tista' sservi wkoll biex tiffinanzja attivitajiet għas-sensibilizzazzjoni u l-informazzjoni dwar inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej f'kooperazzjoni mar-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni u ċ-Ċentri lokali ta' Europe Direct fl-Istati Membri.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost tal-organizzazzjoni ta' żjarat fil-Kummissjoni, inkluż in-nefqa amministrattiva marbuta maż-żjarat. Il-Kummissjoni timmaniġġja l-arranġamenti loġistiċi relatati, inkluż il-kostijiet operatorji u l-organizzazzjoni tas-servizzi kuntrattati. Din l-appropriazzjoni tkopri l-istabbiliment u l-ħolqien jew l-aġġornament tal-installazzjonijiet ta' ċentri tal-informazzjoni ġodda.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri d-disinn, l-iżvilupp u l-aġġornament tal-kontenut tal-komunikazzjoni għall-proġetti ta' Europa Experience fl-Istati Membri.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	325 000 6 6 2
---------------------	---------------

07 20 04 05 Dar l-Istorja Ewropea

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 000 000	3 000 000	3 000 000	3 000 000	3 000 000,—	3 000 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Kummissjoni lil Dar l-Istorja Ewropea għall-kostijiet operatorji mġarrba mill-Parlament Ewropew b'rabta ma' l-organizzazzjoni ta' wirjiet, avvenimenti u sessjonijiet ta' ħidma li se jżidu l-għarfien, joħlqu kurżità u jifih opportunitajiet ta' riflessjoni dwar l-istorja Ewropea permezz ta' wirja moderna u ċentru ta' dokumentazzjoni.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

07 20 04 (ikompli)

07 20 04 06 Kompetenzi speċifiċi fil-qasam tal-politika soċjali, inkluż id-djalogu soċjali

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
23 221 446	20 000 000	23 219 084	18 650 000	24 019 796,37	18 943 277,09

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-promozzjoni tad-djalogu soċjali Ewropew fi tliet oqsma ewlenin, kif ukoll il-kost għal-laqgħat preliminari ta' konsultazzjoni mar-rappreżentanti tat-trade unions.

Rigward il-promozzjoni tad-djalogu soċjali Ewropew, hemm bżonn sħab soċjali sodi u rappreżentattivi biex jittjeb il-proċess ta' titjib tal-funzjonament tad-djalogu soċjali u titjib tal-kompetittività, ir-reżiljenza u l-ġustizzja fl-ekonomija tas-suq soċjali. Jenħtieġ li l-miżuri jgħinu lill-organizzazzjonijiet tal-impjegati u tal-impjegaturi biex jindirizzaw l-isfidi kumplessivi li qed tiffaċċja l-politika Ewropea tal-impjegi u dik soċjali, kif stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni biex jiġi implimentat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u, fil-kuntest tal-inizjattivi tal-Unjoni biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, jiġu appoġġati l-irkupru u t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.

Rigward l-azzjonijiet dwar il-laqgħat preliminari tal-konsultazzjoni bejn ir-rappreżentanti tat-trade unions Ewropej, l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet bil-ħsieb li tgħin lir-rappreżentanti tat-trade unions Ewropej jiffurmaw l-opinjoni tagħhom u jarmonizzaw il-pożizzjonijiet tagħhom fejn jidħol l-iżvilupp tal-politiki tal-Unjoni. Il-kostijiet huma maħsuba biex ikopru partikolarment studji, sessjonijiet ta' ħidma, konferenzi, analiżijiet, evalwazzjonijiet, pubblikazzjonijiet, assistenza teknika, ix-xiri u l-manutenzjoni ta' databażijiet u software, u l-finanzjament parzjali u l-appoġġ għal miżuri marbuta mal-monitoraġġ ekonomiku, l-analiżi tal-kombinament ta' miżuri u l-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi.

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta mal-promozzjoni tad-djalogu soċjali Ewropew u miżuri relatati, partikolarment għall-attivitajiet li ġejjin:

- studji, konsultazzjonijiet, laqgħat ta' esperti, negozjati, pubblikazzjonijiet u azzjonijiet oħrajn marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi tal-intestatura baġitarja, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompiti tal-awtorità pubblika li jkun għew esternalizzati mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*,
- azzjonijiet meħuda mis-sħab soċjali biex jippromwovv d-djalogu soċjali (inkluż il-bini tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati) fil-livell transindustrijali, settorjali u tal-kumpaniji, inklużi azzjonijiet meħuda biex tippromwovi l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u tal-irġiel fil-korpi tat-tehd tad-deċizzjonijiet tat-trade unions u anki tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi,
- azzjonijiet li jtejbu l-għarfien u l-għarfien espert dwar ir-relazzjonijiet industrijali madwar l-Unjoni u li jiskambjaw u jiddisseminaw informazzjoni rilevanti,
- azzjonijiet li jtejbu l-grad u l-kwalità tal-involviment tar-rappreżentanti tal-impjegati u tal-impjegaturi fit-tfassil ta' politiki u ta' liġijiet tal-Unjoni,

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal miżuri eċċezjonali skont l-Artikoli 219, 220 u 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għal miżuri li daħlu fis-seħħ qabel is-16 ta' Ottubru 2022, jiġifieri d-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/2116.

08 02 04 Tipi ta' interventi b'pagamenti diretti permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal tipi ta' interventi b'pagamenti diretti skont ir-Regolament (UE) 2021/2115.

08 02 04 01 Appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
18 282 200 000	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa taħt l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà previst fil-Kapitolu II tat-Titolu III tar-Regolament (UE) 2021/2115.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmata u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	400 000 000 6 2 0 0
---------------------	---------------------

08 02 04 02 Appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjtu għas-sostenibbiltà

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
3 917 000 000	p.m.	0,—

KAPITOLU 08 02 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG) (ikompli)

08 02 04 (ikompli)

08 02 04 02 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa taħt l-appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjtu għas-sostenibbiltà previst fil-Kapitolu II tat-Titolu III tar-Regolament (UE) 2021/2115.

08 02 04 03 Appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
670 000 000	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa taħt l-appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ previst fil-Kapitolu II tat-Titolu III tar-Regolament (UE) 2021/2115.

08 02 04 04 Skemi għall-klima u għall-ambjent

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
8 698 000 000	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa taħt skemi għall-klima u għall-ambjent previsti fil-Kapitolu II tat-Titolu III tar-Regolament (UE) 2021/2115.

08 02 04 05 Appoġġ akkoppjat għall-introjtu

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
4 485 000 000	p.m.	0,—

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 02 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG) (ikompli)

08 02 04 (ikompli)

08 02 04 05 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa taħt appoġġ akkoppjat għall-introjtu previst fil-Kapitolu II tat-Titolu III tar-Regolament (UE) 2021/2115.

08 02 04 06 Pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
244 000 000	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa taħt pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton previst fil-Kapitolu II tat-Titolu III tar-Regolament 2021/2115.

08 02 05 **Pagamenti diretti barra mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK**

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal pagamenti diretti lill-bdiewa skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

08 02 05 01 POSEI u gżejjer minuri tal-Eġew (pagamenti diretti)

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
444 000 000	444 000 000	436 236 250,26

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti diretti relatati ma' programmi li jkun fihom miżuri speċifiċi biex jassistu l-produzzjoni agrikola lokali fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni kif ukoll in-nefqa għal għajjnuna diretta għall-gżejjer minuri tal-Eġew.

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23).

KAPITOLU 08 02 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG) (ikompli)

08 02 05 (ikompli)

08 02 05 01 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jstabilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 41).

08 02 05 02 Skema ta' pagament uniku skont l-erja (SPUE)

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	4 495 000 000	4 375 919 452,61

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja f'konformità mat-Taqsima 4 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

08 02 05 03 Pagament ridistributtiv

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	1 661 000 000	1 608 943 591,89

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa taħt il-pagament ridistributtiv previst fil-Kapitolu 2 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

08 02 05 04 Skema ta' pagament bażiku (BPS)

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	14 192 000 000	14 262 326 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa permezz tal-iskema ta' pagament bażiku skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 02 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG) (ikompli)

08 02 05 (ikompli)

08 02 05 05 Pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	10 931 000 000	10 754 528 998,21

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa permezz tal-pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent f'konformità mal-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

08 02 05 06 Pagament lill-bdiewa f'żoni b'restrizzjonijiet naturali

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	5 000 000	4 814 161,35

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa skont il-pagament għal żoni b'restrizzjonijiet naturali f'konformità mal-Kapitolu 4 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

08 02 05 07 Pagament lill-bdiewa żgħażaġh

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	477 000 000	467 686 238,66

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa permezz tal-pagament lill-bdiewa żgħażaġh f'konformità mal-Kapitolu 5 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

KAPITOLU 08 02 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG) (ikompli)

08 02 05 (ikompli)

08 02 05 08 Pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	246 000 000	235 358 839,53

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton previst fil-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

08 02 05 09 Skema għal appoġġ akkoppjat volontarju

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	4 080 000 000	4 013 297 011,41

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal appoġġ akkoppjat volontarju previst fil-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

08 02 05 10 Skema ta' bdiewa żgħar

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	595 000 000	646 888 422,75

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa permezz tal-iskema ta' bdiewa żgħar f'konformità mat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

08 02 05 11 Riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 02 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG) (ikompli)

08 02 05 (ikompli)

08 02 05 11 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal miżuri meħtieġa biex jindirizzaw kriżijiet kbar li jaffettwaw il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni agrikola skont l-Artikoli 25 u 26 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, u l-punt 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013.

Atti ta' referenza

Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1).

08 02 05 12 Rimborż ta' pagamenti diretti lill-bdiewa minn appropriazzjonijiet riportati b'rabta mad-dixxiplina finanzjarja

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din il-partita ma tinkludix appropriazzjonijiet ġodda iżda hija maħsuba biex takkomoda l-ammonti li jistgħu jiġu riportati f'konformità mal-Artikolu 12(2), il-punt (d), tar-Regolament Finanzjarju għar-rimborż tat-tnaqqis ta' pagamenti diretti dovuti għall-applikazzjoni tad-dixxiplina finanzjarja fis-sena preċedenti. F'konformità mal-Artikolu 17(3) tar-Regolament 2021/2116, l-appropriazzjonijiet riportati għandhom jintużaw għar-rimborż sa fejn ikun meħtieġ biex tiġi evitata l-applikazzjoni ripetuta tad-dixxiplina finanzjarja. Skont l-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) 2021/2116, l-Istati Membri għandhom jirrimborżaw lil benefiċċjarji finali l-ammonti stabbiliti mill-Kummissjoni abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Ir-rimborż għandu japplika biss għall-benefiċċjarji finali f'dawk l-Istati Membri li fihom kienet applikata d-dixxiplina finanzjarja fis-sena finanzjarja preċedenti.

08 02 06 **Strateġija ta' politika, koordinazzjoni u awditjar**

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri korrezzjonijiet finanzjarji favur l-Istati Membri, nefqa għar-riżoluzzjoni ta' tilwim u azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija bil-ġestjoni diretta tal-Kummissjoni.

KAPITOLU 08 02 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG) (ikompli)

08 02 06 (ikompli)

08 02 06 01 Korrezzjonijiet finanzjarji favur Stati Membri wara approvazzjoni tal-kontijiet u deċizzjonijiet tal-konformità mal-approvazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
250 900 000	331 385 130	155 650 053,62

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri r-riżultati tal-approvazzjoni tal-kontijiet u tad-deċizzjonijiet tal-konformità mal-approvazzjoni skont l-Artikoli 51 u 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fil-każ li daww id-deċizzjonijiet ikunu favur l-Istati Membri.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri r-riżultati tal-approvazzjoni finanzjarja annwali u tad-deċizzjonijiet annwali tal-approvazzjoni tal-konformità skont l-Artikoli 53, 54 u 55 tar-Regolament (UE) 2021/2116 fil-każ li daww id-deċizzjonijiet ikunu favur l-Istati Membri.

08 02 06 02 Solviment ta' tilwimiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	3 302 915,89

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li għaliha l-Kummissjoni tkun responsabbli b'deċizzjoni ta' qorti, inkluż il-kostijiet għall-saldu ta' pretensjonijiet għad-danni u l-interessi.

08 02 06 03 Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Assistenza teknika operazzjonali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
128 502 106	117 228 502	74 155 721	73 234 976	79 836 851,68	73 254 462,32

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 02 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG) (ikompli)

08 02 06 (ikompli)

08 02 06 03 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sussidji, in-nefqa kuntrattwali u n-nefqa għal servizzi relatati mal-miżuri meħtieġa għall-analiżi, il-ġestjoni, il-monitoraġġ tar-riżorsi agrikoli, l-iskambju tal-informazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni f'konformità mal-Artikolu 5(3), u l-Artikoli 7, 24, 25 u 46 tar-Regolament (UE) 2021/2116. Dan jikkonċerna notevolment:

- l-implimentazzjoni tal-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni,
- it-tweġġ ta' verifiki b'telerilevament u l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet biex jiġi applikat it-telerilevament, bħall-kampjunar tal-erja u t-tweġġ tal-valutazzjoni tal-kwalità tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (LPIS), u l-appoġġ tas-servizzi tekniċi relatati,
- l-immudellar tas-settur agrikolu, inkluż mudelli agrometeoroloġiċi, u previżjonijiet ta' terminu qasir u medju tax-xejriet tas-suq u tal-istruttura agrikola, u d-disseminazzjoni tar-riżultati,
- il-finanzjament ta' miżuri tal-informazzjoni mill-Unjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva u miżuri mmirati biex jgħinu jispjegaw, jimplimentaw u jiżviluppaw il-Politika Agrikola Komuni u biex iqajmu kuxjenza pubblika dwar il-kontenut u l-oġġettivi tagħha,
- sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva,
- studji dwar il-politika agrikola komuni u l-miżuri ta' evalwazzjoni,
- in-nefqa biex jiġi stabbilit databank analitiku għall-prodotti tal-inbid previsti fl-Artikolu 89(5), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013,
- il-finanzjament tat-tariffi standard u l-iżvilupp ta' faċilitajiet, inkluż appoġġ finanzjarju ta' darba lill-Istati Membri biex itejbu n-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli, għall-ġbir, l-ipproċessar, l-analiżi, il-pubblikazzjoni u d-disseminazzjoni tad-data tal-kontabbiltà u s-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli u l-analiżi tar-riżultati,
- kontribuzzjonijiet għall-finanzjament tal-istħarriġ statistiku meħtieġ għal monitoraġġ tal-istrutturi fl-Unjoni, inkluż id-databażi Eurofarm,
- in-nefqa biex jitjiebu s-sistemi tal-istatistika agrikola fl-Unjoni,
- sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi relatati max-xiri u l-konsultazzjoni tad-databażijiet.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi n-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27).

Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1).

KAPITOLU 08 02 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG) (ikompli)

08 02 06 (ikompli)

08 02 06 03 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) 2023/2674 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 fir-rigward tal-konverżjoni tan-*Network tad-Data* tal-Kontabilità tal-Agricoltura f'*Network tad-Data* dwar is-Sostenibbiltà tal-Agricoltura (ĠU L, 2023/2674, 29.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2674/oj>).

08 02 99 Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti relatati mal-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti.

08 02 99 01 Tlestija ta' miżuri preċedenti permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Ġestjoni kondiviża

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
100 500 000	1 000 000	- 6 629 568,94

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tat-tabakk mhux ipproċessat (ĠU L 215, 30.7.1992, p. 70), imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93 tat-13 ta' Frar 1993 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-banana (ĠU L 47, 25.2.1993, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati (ĠU L 297, 21.11.1996, p. 29).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2330/98 tat-22 ta' Ottubru 1998 li jipprovdi għal offerta ta' kumpens lil xi produttori tal-ħalib jew ta' prodotti tal-ħalib li kellhom restrizzjonijiet temporanji fit-tweqqif tan-negozju tagħhom (ĠUL291, 30.10.1998, p.4).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi arranġamenti agrimonetarji għall-euro (ĠU L 349, 24.12.1998, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u li jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 02 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG) (ikompli)

08 02 99 (ikompli)

08 02 99 01 (ikompli)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1268/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-appoġġ Komunitarju għall-miżuri ta' qabel l-adeżjoni għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-pajjiżi applikanti tal-Ewropa ċentrali u tal-lvant waqt il-perijodu ta' qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 87).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1050/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jaġġusta, għas-sitt darba, is-sistema tal-ghajjnuna għall-qoton imdaħħal mill-Protokoll 4 anness mal-Att tal-Adeżjoni tal-Greċja (ĠU L 148, 1.6.2001, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1051/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-ghajjnuna għall-produzzjoni tal-qoton (ĠU L 148, 1.6.2001, p. 3).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001 tal-19 ta' Ġunju 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor (ĠU L 178, 30.6.2001, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1786/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-għalf niexef (ĠU L 270, 21.10.2003, p. 114).

L-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakkja, u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom l-Unjoni Ewropea hija stabbilita (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33) b'mod partikolari l-Anness II tiegħu: "Il-Lista msemmija fl-Artikolu 20 tal-Att tal-Adeżjoni", il-punt 6A(26), kif adattat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/281/KE (ĠU L 93, 30.3.2004, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 870/2004 tal-24 ta' April 2004 li jwaqqaf programm tal-Komunità dwar il-ħarsien, karatterizzazzjoni, għbir u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura u li jħassar Regolament (KE) Nru 1467/94 (ĠU L 162, 30.4.2004, p. 18).

L-Att ta' Adeżjoni tal-2005 tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom l-Unjoni Ewropea hija stabbilita, u b'mod partikolari l-Anness III tiegħu "Il-lista msemmija fl-Artikolu 19 tal-Att tal-Adeżjoni" (ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 103a tiegħu li jkopri n-nefqa relatata mal-ghajjnuna lill-gruppi tal-produtturi mogħtija rikonoxximent preliminari.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 tad-29 ta' April 2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1493/1999, (KE) Nru 1782/2003, (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 3/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2392/86 u (KE) Nru 1493/1999 (ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1).

KAPITOLU 08 02 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG) (ikompli)

08 02 99 (ikompli)

08 02 99 01 (ikompli)

L-Artikoli 22 sa 25 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013, li jkopru n-nefqa residwa relatata mal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-frott fl-iskejjel sas-sena skolastika 2016/2017, bi preferenza lill-prodotti ta' oriġini lokali jew nazzjonali.

L-Artikoli 26 sa 28 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013, li jkopru n-nefqa residwa għall-għajnuna tal-Unjoni mogħtija għall-provvista ta' ċerti prodotti tal-ħalib lit-tfal tal-iskola fl-istabbilimenti edukattivi sas-sena skolastika 2016/2017, bi preferenza lil prodotti ta' oriġini lokali jew nazzjonali.

Ir-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 1370/2013 u r-Regolamenti (KE) Nru 399/94, (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96, (KE) Nru 2202/96, (KE) Nru 1782/2003 u (KE) Nru 1234/2007, li jkopru kull nefqa residwa għall-frott u l-ħaxix mhux koperti mill-appropriazzjonijiet għall-partiti l-oħra skont il-Partita 08 02 03 06.

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, ir-Regolament Nru 136/66/KEE, ir-Regolamenti (KE) Nru 865/2004 u (KE) Nru 1234/2007, li jkopru kull nefqa oħra għaż-żejt taż-żebbuġa.

Ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 03 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
08 03	IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR)								
08 03 01	Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali								
08 03 01 01	Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK	3.2	13 125 537 974	4 360 000 000	12 904 404 700	927 000 000	0,—	0,—	
08 03 01 02	Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali — programmi tal-2014–2022	3.2	p.m.	7 610 000 000	p.m.	13 450 000 000	12 697 425 700,—	13 815 416 416,15	181,54
08 03 01 03	Tipi ta' interventi għall-iżvilupp Rurali ffinanzjati mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI)	3.2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	<i>Artikolu 08 03 01 — Sub-total</i>		13 125 537 974	11 970 000 000	12 904 404 700	14 377 000 000	12 697 425 700,—	13 815 416 416,15	115,42
08 03 02	Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali	3.2	28 385 220	20 000 000	28 422 220	23 340 175	28 345 206,49	17 141 756,71	85,71
08 03 03	Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali ffinanzjata mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI)	3.2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
08 03 04	Fond InvestEU — Kontribuzzjoni mill-FAEŻR	3.2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			
08 03 99	Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti								
08 03 99 01	Tlestija ta' programmi preċedenti tal-iżvilupp rurali — Nefqa operazzjonali (qabel l-2014)	3.2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 03 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR) (ikompli)

Titulu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
08 03 99	(ikompli)								
08 03 99 02	Tlestija tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali (qabel l-2021)	3.2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	4 147 630,09	
	Artikolu 08 03 99 — Sub-total		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	4 147 630,09	
	Kapitolu 08 03 — Total		13 153 923 194	11 990 000 000	12 932 826 920	14 400 340 175	12 725 770 906,49	13 836 705 802,95	115,40

Kummenti

L-appropriazzjonijiet f'dan il-Kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-finanzjament tal-interventi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK iffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) tul il-perjodu ta' programmazzjoni 2023-2027, kif ukoll programmi tal-2014-2020 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 li huma estenzi għall-2021 u l-2022 skont ir-regoli tranżizzjonali stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2020/2220. Dawk l-appropriazzjonijiet jistgħu jintużaw ukoll biex ikopru l-pagamenti pendenti għall-miżuri tal-FAEŻR qabel l-2014 u biex tiġi ffinanzjata l-assistenza teknika bl-inizjattiva tal-Kummissjoni sal-limitu ta' 0,25% tal-pakkett tal-FAEŻR.

Il-FAEŻR jipprovdi beni pubbliċi ambjentali u klimatiċi speċifiċi, itejjeb il-kompetittività tas-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija, u jipprovmwvi d-diversifikazzjoni tal-attività ekonomika u tal-kwalità tal-ħajja u tax-xogħol fiż-żoni rurali, inkluż iż-żoni b'restrizzjonijiet speċifiċi.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Barra minn hekk u f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094, id-dħul assenjat estern li jirriżulta mirrikavati ta' NextGenerationEU/l-Istrument tal-Irkupru tal-Unjoni Ewropea mdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għall-proviżjonament ta' appropriazzjonijiet għal dan il-programm f'dan il-Kapitolu għal ammont totali ta' EUR 8 070 486 840 f'impenji fl-2021 u l-2022.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 03 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR) (ikompli)

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

Ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta' tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022 (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187).

KAPITOLU 08 03 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR) (ikompli)

08 03 01 Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali

08 03 01 01 Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
13 125 537 974	4 360 000 000	12 904 404 700	927 000 000	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tipi differenti ta' interventi għall-iżvilupp rurali ffinanzjati mill-FAEŻR skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri għall-perjodu ta' programmazzjoni 2023-2027.

08 03 01 02 Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali — programmi tal-2014–2022

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	7 610 000 000	p.m.	13 450 000 000	12 697 425 700,—	13 815 416 416,15

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-programmi tal-iżvilupp rurali għall-perjodu 2014-2020 permezz tal-FAEŻR fkonformità mar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, estiżi għall-2021 u għall-2022 skont ir-Regolament (UE) 2020/2220.

08 03 01 03 Tipi ta' interventi għall-Iżvilupp Rurali ffinanzjati mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni fil-forma ta' dħul assenjat estern li jirriżulta mir-rikavati tal-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI) hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li jifdal biex jiġu saldati minn snin preċedenti ta' miżuri speċifiċi ta' rkupru u reżiljenza taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) biex jiġi indirizzat l-impatt bla preċedent tal-kriżi tal-COVID-19.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 03 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR) (ikompli)

08 03 02 Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
28 385 220	20 000 000	28 422 220	23 340 175	28 345 206,49	17 141 756,71

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri miżuri ta' assistenza teknika operazzjonali bl-inizjattiva tal-Kummissjoni kif previst mill-Artikoli 51 sa 54 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, l-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, u l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/2116. Din tinkludi n-Network Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u n-Network tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni.

Din l-assistenza teknika operazzjonali tinkludi l-ħidma preparatorja, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, u l-miżuri ta' spezzjoni meħtieġa biex tiġi implimentata l-Politika Agrikola Komuni. B'mod partikolari, tista' tintuża biex tiffinanzja:

- disseminazzjoni tal-informazzjoni, inkluż il-kooperazzjoni u l-iskambji fil-livell tal-Unjoni u l-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati,
- forniment tal-informazzjoni, inkluż studji u evalwazzjonijiet,
- nefqa għat-teknoloġija tal-informazzjoni u t-telekomunikazzjoni,
- nefqa għall-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni (il-legalità u r-regolarità, il-frodi, il-penali u l-azzjonijiet ta' rkupru).

08 03 03 Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali ffinanzjata mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni fil-forma ta' dħul assenjat estern li jirriżulta minn rikavati tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li jifdal jiġu saldati minn snin preċedenti fuq miżuri ta' assistenza teknika operazzjonali fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni kif provdut fl-Artikoli minn 51 sa 54 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u l-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. Din tinkludi n-Network Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u n-Network tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni.

KAPITOLU 08 03 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR) (ikompli)

08 03 03 (ikompli)

Din l-assistenza teknika operazzjonali tinkludi l-ħidma preparatorja, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, u l-miżuri ta' spezzjoni meħtieġa biex tiġi implimentata l-Politika Agrikola Komuni. B'mod partikolari, tista' tintuża biex tiffinanzja:

- disseminazzjoni tal-informazzjoni, inkluż il-kooperazzjoni u l-iskambji fil-livell tal-Unjoni u l-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati,
- forniment tal-informazzjoni, inkluż studji u evalwazzjonijiet,
- nefqa għat-teknoloġija tal-informazzjoni u t-telekomunikazzjoni,
- nefqa għall-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni (il-legalità u r-regolarità, il-frodi, il-penali u l-azzjonijiet ta' rkupru).

08 03 04 Fond InvestEU — Kontribuzzjoni mill-FAEŻR

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tikkomplimenta r-riżorsi tal-Fond InvestEU b'segwitu ta' talba ta' Stat Membru fil-Ftehim ta' Sħubija jew talba għal emenda ta' programm biex tiġi trasferita sa 3% tal-allokkazzjoni nazzjonali inizjali tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) lejn il-Fond InvestEU skont l-Artikolu 81 tar-Regolament (UE) 2021/2115. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati skont ir-regoli tal-Fond InvestEU u se jintużaw għall-proviżjonament tal-parti tal-garanzija tal-UE fil-parti dedikata għall-Istat Membru jew għaċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU mal-konklużjoni tal-ftehim tal-kontribuzzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2021/523.

08 03 99 Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti relatati mal-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti.

08 03 99 01 Tlestija ta' programmi preċedenti tal-iżvilupp rurali — Nefqa operazzjonali (qabel l-2014)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 03 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR) (ikompli)

08 03 99 (ikompli)

08 03 99 01 (ikompli)

Bażiguridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u li jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1268/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-appoġġ Komunitarju għall-miżuri ta' qabel l-adeżjoni għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-pajjiżi applikanti tal-Ewropa ċentrali u tal-lvant waqt il-perijodu ta' qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 87).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1).

L-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakkja, u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom l-Unjoni Ewropea hija stabbilita (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33) b'mod partikolari l-Anness II tiegħu "Il-Lista li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 20 tal-Att tal-Adeżjoni", il-punt 6A(26), kif adattat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/281/KE (ĠU L 93, 30.3.2004, p. 1).

Atti ta' referenza

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li tistipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda r-reġjuni l-aktar remoti (REGIS II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 44).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji gwida għal sussidji globali jew porgrammi tat-tmexxija integrati għal liema l-Istati Membri huma mistiedna jippreżentaw applikazzjonijiet fi ħdan l-Inizjattiva Komunitarja għall-iżvilupp rurali (Leader II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 48).

KAPITOLU 08 03 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR) (ikompli)

08 03 99 (ikompli)

08 03 99 01 (ikompli)

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li jstipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda l-iżvilupp tal-konfini, il-konfini min-naħa għall-oħra u networks magħżula tal-enerġija (Interreg II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 60).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tas-16 ta' Mejju 1995 li jstipula linji gwida għal inizjattiva fil-qafas tal-programm ta' sostenn speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' fuq u l-kontej tal-fruntieri tal-Irlanda (ĠU C 186, 20.7.1995, p. 3) (PEACE I).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li jstipula linji gwida għal programmi operazzjonali li l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja Interreg li tirrigwarda kooperazzjoni transnazzjonali dwar l-ippjanar tal-ispace (INTERREG II C) (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 23).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 1997 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-programm ta' sostenn speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' fuq u l-kontej tal-fruntieri tal-Irlanda (1995 sal-1999) (COM(1997) 642).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/501/KE tal-1 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi allokazzjoni indikattiva skont l-Istat Membru tal-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-Objettiv 1 tal-Fondi Strutturali għall-perjodu 2000 sa 2006 (ĠU L 194, 27.7.1999, p. 49), u partikolarment il-premessa 5 tagħha.

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-14 ta' April 2000 li jstipula linji gwida għall-inizjattiva Komunitarja għall-iżvilupp rurali (Leader+) (ĠU C 139, 18.5.2000, p. 5).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi regoli ddetaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 15).

08 03 99 02 Tlestija tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali (qabel l-2021)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	4 147 630,09

Bażiguridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 03 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR) (ikompli)

08 03 99 (ikompli)

08 03 99 02 (ikompli)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi regoli għal modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti previsti fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 (ĠU L 95, 5.4.2007, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

Ir-Regolament (UE) Nru 1310/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet transitorji dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom fir-rigward tas-sena 2014 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom fis-sena 2014 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 865).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

Ir-Regolament (UE) 2018/1475 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1288/2013, ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (ĠU L 250, 4.10.2018, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 04 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJJIET MARITTIMI, IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA (FEMSA)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
08 04	FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJJIET MARITTIMI, IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA (FEMSA)								
08 04 01	Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) — Nefqa operazzjonali b'ġestjoni kondiviża	3.2	958 424 616	75 000 000	993 737 961	27 500 000	1 024 981 380,—	52 985 247,04	70,65
08 04 02	Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) — Nefqa operazzjonali b'ġestjoni diretta u indiretta	3.2	96 198 888	121 669 576	94 207 693	51 500 000	91 666 760,35	46 661 008,65	38,35
08 04 03	Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) — Assistenza teknika operazzjonali	3.2	5 177 575	5 140 543	5 074 352	4 774 000	4 572 640,50	3 598 046,24	69,99
08 04 04	Fond InvestEU — Kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)	3.2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
08 04 05	Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) — Kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)	3.2	2 034 466	962 489	2 109 426	562 494	2 182 016,—	0,—	
08 04 06	Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — Kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (EMFAF)	3.2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
08 04 99	Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti								
08 04 99 01	Tlestija tal-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) — Nefqa operazzjonali b'ġestjoni kondiviża (qabel l-2021)	3.2	p.m.	560 000 000	p.m.	768 000 000	0,—	575 764 530,63	102,82

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 04 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJJIET MARITTIMI, IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA (FEMSA) (ikompli)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
08 04 99	(ikompli)								
08 04 99 02	Tlestija tal-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) — Nefqa operazzjonali b'ġestjoni diretta (qabel l-2021)	3.2	p.m.	9 990 863	p.m.	28 573 868	0,—	48 092 166,02	481,36
08 04 99 03	Tlestija tal-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) — Assistenza teknika operazzjonali (qabel l-2021)	3.2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	639 093,41	
	Artikolu 08 04 99 — Sub-total		p.m.	569 990 863	p.m.	796 573 868	0,—	624 495 790,06	109,56
	Kapitolu 08 04 — Total		1 061 835 545	772 763 471	1 095 129 432	880 910 362	1 123 402 796,85	727 740 091,99	94,17

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-Sajd u l-politika marittima:

- biex jitrawwem sajd sostenibbli, u għar-restawr u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi akkwatiċi,
- biex jitrawmu attivitajiet sostenibbli tal-akkwakultura, u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, li jikkontribwixxu għas-sigurtà alimentari fl-Unjoni,
- għal faċilitazzjoni ta' ekonomija blu sostenibbli fiż-żoni kostali, fil-gżejjer u fiż-żoni interni, u biex jitrawwem l-iżvilupp ta' komunitajiet tas-sajd u l-akkwakultura,
- biex tissaħħaħ tal-governanza internazzjonali tal-oċeani u biex jippermetti ibħra u oċeani sikuri, siguri, indaf u ġestiti b'mod sostenibbli.

09 02 03	Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih	3.2	125 679 608	65 000 000	128 608 139	48 625 000	135 386 059,08	49 065 127,67	75,48
09 02 04	Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa	3.2	134 496 971	90 729 000	143 002 568	56 825 000	138 448 249,—	42 665 084,07	47,02
09 02 99	Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti								
09 02 99 01	Tlestija ta' programmi preċedenti fil-qasam tal-ambjent u l-azzjoni klimatika (LIFE) (qabel l-2021)	3.2	p.m.	160 000 000	p.m.	221 000 000	0,—	261 058 028,65	163,16
	Artikolu 09 02 99 — Sub-total		p.m.	160 000 000	p.m.	221 000 000	0,—	261 058 028,65	163,16
	Kapitolu 09 02 — Total		739 174 925	545 600 841	732 638 543	499 806 430	733 420 366,08	505 899 552,28	92,72

Kummenti

L-appropriazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru azzjonijiet li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-enerġija, b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, inkluż permezz tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, lejn protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent u lejn waqfien u restawr tat-telf tal-bijodiversità, u għalhekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli.

Il-programm LIFE jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet u akkwist. Jista' jipprovdi wkoll finanzjament fil-forma ta' strumenti finanzjarji f'operazzjonijiet ta' taħlit, li għandhom jiġu implimentati skont ir-Regolament (UE) 2021/523.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti smati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE) (ikompli)

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 53).

Id-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22).

Atti ta' referenza

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019) 640 final).

09 02 01 Natura u bijodiversità

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
300 202 126	112 000 000	279 011 676	99 323 396	276 432 563,—	97 154 771,66

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tas-sottoprogramm speċifiku għan-natura u l-bijodiversità tal-programm LIFE.

Se tipprovi appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità, u tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1) u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7). L-azzjonijiet se jkopru l-ambjent terrestri u l-ambjent tal-baħar.

Din tinkludi:

- il-finanzjament ta' tekniki, metodi u approċċi innovattivi biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni dwar in-natura u l-bijodiversità, u biex jingħata kontribut għall-bażi tal-għarfien u għall-applikazzjoni tal-aqwa prattika, inkluż bl-appoġġ tan-network Natura 2000,
- l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni dwar l-oġġettivi tan-natura u tal-bijodiversità, u t-traċċar tan-nefqa relatata mal-bijodiversità tal-Unjoni, kif ukoll appoġġ relatat. tiġib tal-governanza fil-livelli kollha permezz ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati, u l-involviment tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp tal-politika relatata man-natura u l-bijodiversità,

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE) (ikompli)

09 02 01 (ikompli)

— l-appoġġ ta' azzjonijiet maħsuba biex jikkatalizzaw l-użu fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet/approċċi ta' suċċess għall-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar in-natura u l-bijodiversità, billi jirreplikaw ir-riżultati, billi jintegraw l-oġġettivi relatati f'politiki oħra u fil-prattiki tas-settur pubbliku u privat, u billi jimmobilizzaw l-investiment u jtejbu l-aċċess għall-finanzi.

Il-kostijiet tal-assistenza teknika għall-għażla, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditjar tal-proġetti, u tal-appoġġ għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni, azzjonijiet tal-IT, l-organizzazzjoni ta' gruppi ta' ħidma, konferenzi u laqgħat, kif ukoll attivitajiet oħra ta' governanza (inkluż appoġġ lil organizzazzjonijiet nongovernattivi permezz ta' għotjiet operatorji) jistgħu jiġu ffinanzjati wkoll minn din l-appropriazzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	510 344 6 6 0 0
----------	-----------------

09 02 02 Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
178 796 220	117 871 841	182 016 160	74 033 034	183 153 495,—	55 956 540,23

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tas-sottoprogramm speċifiku għall-ekonomija ċirkolari u l-kwalità tal-ħajja tal-programm LIFE.

Dan is-sottoprogramm għandu l-għan li jiffaċilita t-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u li jipproteġi, jirrestawra u jtejjeb il-kwalità tal-ambjent.

Din tappoġġa proġetti li jiffukaw fuq it-tweqqif tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dawn se jkunu azzjonijiet relatati mat-tranżizzjoni lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, il-ġestjoni tar-riżorsi naturali, bħall-arja, l-ilma u l-art biex tinkiseb l-ambizzjoni ta' tniġġis żero, it-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali, kif ukoll il-promozzjoni ta' governanza ambjentali tajba.

Din tinkludi:

— il-finanzjament ta' tekniki, metodi u approċċi innovattivi biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent, u biex jingħata kontribut għall-bażi tal-għarfien u għall-applikazzjoni tal-aqwa Prattiki,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE) (ikompli)

09 02 02 (ikompli)

- l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-politiki u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluż billi ttejjeb il-governanza f'kull livell, b'mod partikolari bit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati u l-involviment tas-soċjetà ċivili,
- l-appoġġ għal azzjonijiet maħsuba biex jikkatalizzaw l-użu fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet tekniċi u relatati mal-politika ta' suċċess għall-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-ambjent, billi jirreplikaw ir-riżultati, jintegraw l-oġettivi relatati mal-ambjent f'politiki oħra u fil-prattiki tas-settur pubbliku u privat, u billi jimmobilizzaw l-investiment u jtejbu l-aċċess għall-finanzi.

Il-kostijiet tal-assistenza teknika għall-għażla, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditjar tal-proġetti, u tal-appoġġ għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni, azzjonijiet tal-IT, l-organizzazzjoni ta' gruppi ta' ħidma, konferenzi u laqgħat, kif ukoll attivitajiet oħra ta' governanza (inkluż appoġġ lil organizzazzjonijiet nongovernattivi permezz ta' għotjiet operatorji) jistgħu jiġu ffinanzjati wkoll minn din l-appropriazzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	303 954 6 6 0 0
----------	-----------------

09 02 03 Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
125 679 608	65 000 000	128 608 139	48 625 000	135 386 059,08	49 065 127,67

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sottoprogramm speċifiku għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih tal-programm LIFE.

Se tappoġġa attivitajiet li jiffukaw fuq l-eżekuzzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, speċjalment fl-oqsma tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra), l-adattament għat-tibdil fil-klima (it-tisħiħ tal-isforzi dwar il-protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima, il-bini tar-reżiljenza, il-prevenzjoni u l-preparatezza), kif ukoll il-promozzjoni ta' governanza klimatika tajba.

Din tinkludi:

- l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-politiki u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-azzjoni klimatika, inkluż billi ttejjeb il-governanza f'kull livell, b'mod partikolari bit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati u l-involviment tas-soċjetà ċivili,
- il-finanzjament ta' tekniki, metodi u approċċi innovattivi biex jintlaħqu l-oġettivi tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni dwar l-azzjoni klimatika, u biex jingħata kontribut għall-bażi tal-għarfien u għall-applikazzjoni tal-aqwa Prattiki,

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE) (ikompli)

09 02 03 (ikompli)

— l-appoġġ għal kwalunkwe azzjonijiet maħsuba biex jikkatalizzaw l-użu fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet tekniċi u relatati mal-politika ta' suċċess għall-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-azzjoni klimatika, billi jirreplikaw ir-riżultati, jintegraw l-oġettivi relatati f'politiki oħra u fil-prattiki tas-settur pubbliku u privat, u billi jimmobilizzaw l-investment u jtejbu l-aċċess għall-finanzi.

Il-kostijiet tal-assistenza teknika għall-għażla, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditjar tal-proġetti, u tal-appoġġ għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni, azzjonijiet tal-IT, l-organizzazzjoni ta' gruppi ta' ħidma, konferenzi u laqgħat, kif ukoll attivitajiet oħra ta' governanza (inkluż appoġġ lil organizzazzjonijiet nongovernattivi permezz ta' għotjiet operatorji) jistgħu jiġu ffinanzjati wkoll minn din l-appropriazzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	213 655 6 6 0 0
----------	-----------------

09 02 04 **Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa**

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
134 496 971	90 729 000	143 002 568	56 825 000	138 448 249,—	42 665 084,07

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sottoprogramm speċifiku għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa tal-Programm LIFE.

Din tappoġġa l-finanzjament ta' attivitajiet bl-oġettivi speċifiċi li ġejjin:

- li jiżviluppaw, juru u jippromwovu tekniki u approċċi innovattivi biex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ambjent u l-azzjoni klimatika, inkluż it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, u li jikkontribwixxu għall-applikazzjoni tal-aqwa Prattiki,
- li jappoġġaw l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-politiki u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluż billi jtejbu l-governanza bit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati u l-involvement tas-soċjetà ċivili,
- li jikkatalizzaw l-użu fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet tekniċi u relatati mal-politika ta' suċċess għall-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, billi jirreplikaw ir-riżultati, jintegraw l-oġettivi relatati f'politiki oħra u fil-prattiki tas-settur pubbliku u privat, u billi jimmobilizzaw l-investment u jtejbu l-aċċess għall-finanzi.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE) (ikompli)

09 02 04 (ikompli)

Il-kostijiet tal-assistenza teknika għall-għażla, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditjar tal-proġetti, u tal-appoġġ għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni, azzjonijiet tal-IT, l-organizzazzjoni ta' gruppi ta' ħidma, konferenzi u laqgħat, kif ukoll attivitajiet oħra ta' governanza (inkluż appoġġ lil organizzazzjonijiet nongovernattivi permezz ta' għotjiet operatorji) jistgħu jiġu ffinanzjati wkoll minn din l-appropriazzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	228 645 6 6 0 0
----------	-----------------

09 02 99 Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex ikopru l-pagamenti relatati mal-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti.

09 02 99 01 Tlestija ta' programmi preċedenti fil-qasam tal-ambjent u l-azzjoni klimatika (LIFE) (qabel l-2021)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	160 000 000	p.m.	221 000 000	0,—	261 058 028,65

Kummenti

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	7 000 000 6 2 1 1
---------------------	-------------------

Bażiġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li tniżżel is-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità Ambjentali (ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1).

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE) (ikompli)**09 02 99** (ikompli)

09 02 99 01 (ikompli)

Ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE+) (ĠU L 149, 9.6.2007, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185).

Ir-Regolament (UE) 2018/1475 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jstabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1288/2013, ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (ĠU L 250, 4.10.2018, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 03 — FOND GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA (JTF)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
09 03	FOND GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA (JTF)								
09 03 01	<i>Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) — Nefqa operazzjonali</i>	3.2	1 485 636 745	p.m.	1 462 060 678	p.m.	1 323 331 309,—	0,—	
09 03 02	<i>Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) — Assistenza teknika operazzjonali</i>	3.2	4 223 109	3 257 816	4 140 303	2 800 000	4 024 395,15	1 478 155,93	45,37
Kapitolu 09 03 — Total			1 489 859 854	3 257 816	1 466 200 981	2 800 000	1 327 355 704,15	1 478 155,93	45,37

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-appoġġ mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) għat-territorji li qed iġarrbu sfidi soċjoekonomiċi serji minħabba l-proċess ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima tal-Unjoni sal-2050.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Barra minn hekk, u skont ir-Regolament (UE) 2020/2094, id-dħul assenjat estern li jirriżulta mill-qligħ tal-Istrument ta' Irkupru tal-Unjoni Ewropea mdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għall-għoti ta' appropriazzjonijiet għal programmi ffinanzjati taħt il-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta taħt it-Titolu 09 għal ammont totali ta' EUR 10 868 467 855 f'impenji. Dawn l-ammonti kellhom jiġu impenjati legalment qabel tmiem l-2023 bl-eċċezzjoni tan-nefqa amministrattiva li għaliha l-ammonti huma indikati fir-rimarki tal-baġit tal-linji tal-baġit rilevanti taħt dan it-titolu.

Bażiguridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 23).

Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

KAPITOLU 09 03 — FOND GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA (JTF) (ikompli)

09 03 01 Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) — Nefqa operazzjonali

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 485 636 745	p.m.	1 462 060 678	p.m.	1 323 331 309,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) għat-territorji li qed iġarrbu sfidi soċjoekonomiċi serji minħabba l-proċess ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima tal-Unjoni sal-2050 skont ir-Regolament (UE) 2021/1056.

09 03 02 Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) — Assistenza teknika operazzjonali

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
4 223 109	3 257 816	4 140 303	2 800 000	4 024 395,15	1 478 155,93

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-assistenza teknika prevista fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/1060.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 04 — FAĊILITÀ TA' SELF GĦAS-SETTUR PUBBLIKU PERMEZZ TAL-MEKKANIŻMU GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA (JTM)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
09 04	FAĊILITÀ TA' SELF GĦAS-SETTUR PUBBLIKU PERMEZZ TAL-MEKKANIŻMU GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA (JTM)								
09 04 01	Faċilità ta' self għas-settur pubbliku permezz tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (JTM)	3.2	50 000 000	35 000 000	50 000 000	p.m.	0,—	0,—	
Kapitolu 09 04 — Total			50 000 000	35 000 000	50 000 000	p.m.	0,—	0,—	

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-appoġġ mill-faċilità ta' self għas-settur pubbliku, it-tielet pilastru tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (JTM). Din se tappoġġa l-investimenti pubbliċi permezz ta' kundizzjonijiet ta' self preferenzjali. Dawn l-investimenti se jkunu ta' benefiċċju għall-aktar t-territorji affettwati ħażin bit-tranżizzjoni klimatika kif identifikat fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni territorjali ġusta għall-finijiet tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF).

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti smati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Barra minn hekk, u f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1229, huwa mistenni li jkun iffianzjat l-ammont totali tal-komponent tal-għoti prinċipalment bi dħul assenjat u parzjalment b'appropriazzjonijiet programmati taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027. Id-dħul assenjat previst jirriżulta mis-surpluses mistennija mill-proviżjonament tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) wara l-fażi ta' kostituzzjoni tiegħu, li jintemm fl-2022. Fl-aħħar, il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku se tkun iffianzjata minn dħul assenjat mir-ripagamenti minn strumenti finanzjarji stabbiliti mill-programmi indikati fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2021/1229.

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE) 2021/1229 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku taħt il-mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 274, 30.7.2021, p. 1).

KAPITOLU 09 04 — FAĊILITÀ TA' SELF GĦAS-SETTUR PUBBLIKU PERMEZZ TAL-MEKKANIŻMU GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA (JTM)
(ikompli)

09 04 01 Faċilità ta' self għas-settur pubbliku permezz tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (JTM)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
50 000 000	35 000 000	50 000 000	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ mill-faċilità ta' self tas-settur pubbliku, it-tielet pilastru tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta għall-aktar territorji affettwati ħażin bit-tranżizzjoni klimatika kif identifikat fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni territorjali ġusta għall-finijiet tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF).

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

Dħul assenjat ieħor	497 900 000 6 2 1 2
---------------------	---------------------

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 10 — AĠENZJI DEĊENTRALIZZATI

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
09 10	AĠENZJI DEĊENTRALIZZATI								
09 10 01	L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Direttivi u Konvenzjonijiet internazzjonali ambjentali	3.2	4 663 227	4 663 227	4 786 813	4 786 813	4 700 065,—	4 700 065,—	100,79
	Riżervi (30 02 02)		2 216 153	2 216 153					
			6 879 380	6 879 380	4 786 813	4 786 813	4 700 065,—	4 700 065,—	
09 10 02	L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent	3.2	55 552 106	55 552 106	51 879 007	51 879 007	49 447 574,—	49 447 574,—	89,01
	Riżervi (30 02 02)		5 170 438	5 170 438					
			60 722 544	60 722 544	51 879 007	51 879 007	49 447 574,—	49 447 574,—	
	Kapitolu 09 10 — Total		60 215 333	60 215 333	56 665 820	56 665 820	54 147 639,—	54 147 639,—	89,92
	Riżervi (30 02 02)		7 386 591	7 386 591					
	Total inklużi r-riżervi		67 601 924	67 601 924	56 665 820	56 665 820	54 147 639,—	54 147 639,—	

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-persunal u n-nefqa amministrattiva tal-aġenziji deċentralizzati (it-Titoli 1 u 2) u fejn applikabbli, in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

Il-pjanijiet ta' stabbiliment tal-aġenziji huma stabbiliti fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsim.

L-aġenziji għandhom jinformat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, l-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti smati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

KAPITOLU 09 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI (ikompli)

09 10 01 L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Direttivi u Konvenzjonijiet internazzjonali ambjentali

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
09 10 01	4 663 227	4 663 227	4 786 813	4 786 813	4 700 065,—	4 700 065,—
Riżervi (30 02 02)	2 216 153	2 216 153				
Total	6 879 380	6 879 380	4 786 813	4 786 813	4 700 065,—	4 700 065,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal, amministrattiva u operazzjonali għall-attivitajiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi relatati mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikolużi, dwar niġġiesa organiċi persistenti, l-ilma, l-iskart, l-emissjonijiet industrijali, u l-batteriji u l-iskart tal-batteriji.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	6 931 688
li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (dħul, Artikolu 6 6 2)	52 308
Ammont imdaħħal fil-baġit	6 879 380

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

EFTA-ŻEE	246 282 6 6 2
----------	---------------

Bażiguridika

Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60).

Id-Direttiva (UE) 2018/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 109).

Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni Ġenerali sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI (ikompli)

09 10 01 (ikompli)

Ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar batteriji u skart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (ĠU L 191, 28.7.2023, p. 1).

Atti ta' referenza

Il-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea fil-5 ta' April 2022 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u d-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar il-miżbla ta' skart (COM(2022) 156 final).

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fis-26 ta' Ottubru 2022, li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il- protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika (COM(2022) 540 final).

09 10 02 L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

	Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
09 10 02	55 552 106	55 552 106	51 879 007	51 879 007	49 447 574,—	49 447 574,—
Riżervi (30 02 02)	5 170 438	5 170 438				
Total	60 722 544	60 722 544	51 879 007	51 879 007	49 447 574,—	49 447 574,—

Kummenti

Il-missjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent hija li tipprovdi lill-Unjoni u lill-Istati Membri b'informazzjoni oġġettiva, affidabbli u paragunabbli fuq l-ambjent flivell tal-Unjoni, u b'hekk dawn ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent, jivvalutaw ir-riżultati ta' dawn il-miżuri u jinfirmaw lill-pubbliku.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	60 974 417
li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (dħul, Artikolu 6 6 2)	251 873
Ammont imdaħħal fil-baġit	60 722 544

KAPITOLU 09 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI (ikompli)

09 10 02 (ikompli)

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

EFTA-ŻEE	2 173 867 6 6 2
Il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent	3 127 000

Bażiguridika

Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Network Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13).

Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u tneħħija mill-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u forestrija fil-qafas tal-klima u l-enerġija tal-2030, u li jemenda r-Regolament (UE)) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

Id-Deċiżjoni(UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22).

Ir-Regolament (UE) 2023/839 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli dwar ir-rapportar u l-konformità, u l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030, u r-Regolament (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami (ĠU L 107, 21.4.2023, p. 1).

Atti ta' referenza

Il-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea fil-5 ta' April 2022 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rapportar ta' *data* ambjentali minn installazzjonijiet industrijali li jistabbilixxi Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali (COM(2022) 157 final).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-22 ta' Ġunju 2022, dwar ir-restawr tan-natura (COM (2022) 304 final).

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fis-26 ta' Ottubru 2022, li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il- protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art mit-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma (COM(2022) 540 final).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fl-14 ta' Frar 2023, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal vetturi heavy-duty ġodda u l-integrazzjoni tal-obbligi ta' rappurtar li tħassar ir-Regolament (UE) 2018/956 (COM (2023) 88 final).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
09 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA								
09 20 01	Proġetti pilota	3.2	1 000 000	3 543 368	5 200 000	4 703 289	3 580 525,—	4 065 094,40	114,72
09 20 02	Azzjonijiet preparatorji	3.2	5 000 000	7 978 316	p.m.	7 241 303	4 500 000,—	4 438 975,51	55,64
09 20 04	Azzjonijiet ifffinanzjati fil-qafas ta' prerogattivi tal-Kummissjoni u ta' setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni								
09 20 04 01	Il-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri	3.2	16 240 000	7 362 000	4 150 000	1 565 679			
	Artikolu 09 20 04 — Sub- total		16 240 000	7 362 000	4 150 000	1 565 679			
	Kapitolu 09 20 — Total		22 240 000	18 883 684	9 350 000	13 510 271	8 080 525,—	8 504 069,91	45,03

09 20 01 Proġetti pilota

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	3 543 368	5 200 000	4 703 289	3 580 525,—	4 065 094,40

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura esperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom.

Il-lista tal-proġetti pilota hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-taqsim, fil-kapitolu PP 09.

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KAPITOLU 09 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

09 20 02 Azzjonijiet preparatorji

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
5 000 000	7 978 316	p.m.	7 241 303	4 500 000,—	4 438 975,51

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-applikazzjonijiet tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri.

Il-lista tal-azzjonijiet preparatorji hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-taqsim, fil-kapitolu PA 09.

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

09 20 04 Azzjonijiet iffinanzjati fil-qafas ta' prerogattivi tal-Kummissjoni u ta' setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja n-nefqa relatata mal-kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali.

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

09 20 04 01 Il-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
16 240 000	7 362 000	4 150 000	1 565 679		

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA (ikompli)

09 20 04 (ikompli)

09 20 04 01 (ikompli)

Kummenti

Ex partita 03 20 03 02

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet tal-implimentazzjoni għall-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (is-CBAM).

Is-CBAM hu maħsub biex jindirizza l-emissjonijiet tal-gassijiet serra inkorporati fil-merkanzija koperti mir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, waqt l-importazzjoni ta' tagħha fit-territorju doganali tal-Unjoni, biex ikun evitat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Is-CBAM se jikkumplementa s-sistema stabbilita għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-Unjoni bid-Direttiva 2003/87/KE billi japplika sett ekwivalenti ta' regoli għall-importazzjonijiet tal-merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni koperti mir-Regolament (UE) 2023/956.

Baziguridika

Ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jstabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-fruntieri tal-karbonju (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 52).

TITOLU 10
IL-MIGRAZZJONI

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 10 — IL-MIGRAZZJONI

TITOLU 10
IL-MIGRAZZJONI

Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2024 u 2023) u eżitu (2022)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
10 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "MIGRAZZJONI"	4 300 000	4 300 000	3 000 000	3 000 000	1 998 363,78	1 998 363,78
10 02	FOND GĦALL-ASIL, IL-MIGRAZZJONI U L-INTEGRAZZJONI (AMIF)	1 503 915 253	1 354 773 000	1 451 621 253	1 067 919 500	1 388 906 457,44	1 448 838 690,26
10 10	AĠENZJI DEĊENTRALIZZATI	169 101 176	169 101 176	172 169 287	172 169 287	165 661 205,—	147 661 205,—
10 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJET OĦRA	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—
Titolu 10 — Total		1 677 316 429	1 528 174 176	1 626 790 540	1 243 088 787	1 556 566 026,22	1 598 498 259,04

TITOLU 10
IL-MIGRAZZJONI

KAPITOLU 10 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "MIGRAZZJONI"

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	% 2022/2024
10 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "MIGRAZZJONI"					
10 01 01	Nefqa ta' appoġġ għall-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)	4	4 300 000	3 000 000	1 998 363,78	46,47
	Kapitolu 10 01 — Total		4 300 000	3 000 000	1 998 363,78	46,47

Kummenti

L-approprijazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa ta' natura amministrattiva (bħall-istudji, il-laqqgħat tal-esperti u l-informazzjoni u l-pubblikazzjonijiet) marbuta direttament mal-kisba tal-obiettivi tal-programmi jew tal-miżuri li jaqgħu taħt dan il-cluster, u kwalunkwe nefqa oħra għall-assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz ad hoc.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġetti jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

10 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
4 300 000	3 000 000	1 998 363,78

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri ta' assistenza teknika ffinanzjati mill-AMIF skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 10 — IL-MIGRAZZJONI

KAPITOLU 10 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "MIGRAZZJONI" (ikompli)

10 01 01 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni tista', b'mod partikolari, tintuża biex tkopri:

- n-nefqa ta' natura amministrattiva (bħall-istudji, il-laqgħat tal-esperti u l-informazzjoni u l-pubblikazzjonijiet) marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi tal-AMIF jew miżuri oħra li jaqgħu taħt dan l-artikolu u kwalunkwe nefqa oħra għall-assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz ad hoc;
- in-nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal tal-aġenzija), inkluż missjonijiet marbuta mal-persunal estern finanzjati taħt dan l-artikolu.

Bażiguridika

Ara l-Kapitolu 10 02.

KAPITOLU 10 02 — FOND GĦALL-ASIL, IL-MIGRAZZJONI U L-INTEGRAZZJONI (AMIF)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
10 02	FOND GĦALL-ASIL, IL-MIGRAZZJONI U L-INTEGRAZZJONI (AMIF)								
10 02 01	Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)	4	1 503 555 626	1 040 023 000	1 451 324 860	725 919 500	1 388 906 457,44	775 885 093,47	74,60
10 02 02	Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (BMVI) — Kontribuzzjoni mill-AMIF	4	359 627	p.m.	296 393	p.m.			
10 02 03	Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) — Kontribuzzjoni mill-AMIF	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.			
10 02 99	Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti								
10 02 99 01	Tlestija tal-azzjonijiet preċedenti fl-oqsma tal-immigrazzjoni (qabel l-2021)	4	p.m.	314 750 000	p.m.	342 000 000	0,—	672 953 596,79	213,81
	Artikolu 10 02 99 — Sub-total		p.m.	314 750 000	p.m.	342 000 000	0,—	672 953 596,79	213,81
	Kapitolu 10 02 — Total		1 503 915 253	1 354 773 000	1 451 621 253	1 067 919 500	1 388 906 457,44	1 448 838 690,26	106,94

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru azzjonijiet li jikkontribwixxu għal ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji skont l- *acquis* rilevanti tal-Unjoni u f'konformità mal-impenji tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti smati relatati kif ukoll l-oġġetti jew il-partiti korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 10 — IL-MIGRAZZJONI

KAPITOLU 10 02 — FOND GĦALL-ASIL, IL-MIGRAZZJONI U L-INTEGRAZZJONI (AMIF) (ikompli)

Ir-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jstabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2022/585 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-6 ta' April 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 514/2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet, (UE) Nru 516/2014 li jstabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u (UE) 2021/1147 li jstabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (ĠU L 112, 11.4.2022, p. 1).

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-23 ta' Settembru 2020, dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill (KE) 2003/109 u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] (COM(2020) 610 final).

Proposta Emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (COM(2020) 611 final).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-23 ta' Settembru 2020, li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' *force majeure* fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil (COM(2020) 613 final).

Proposta Emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-23 ta' Settembru 2020, dwar l-istabbiliment tal-“Eurodac” għat-tqabbil ta' data bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż jew persuna apolida b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818 (COM(2020) 614 final).

10 02 01 Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 503 555 626	1 040 023 000	1 451 324 860	725 919 500	1 388 906 457,44	775 885 093,47

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet li jikkontribwixxu għal ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji skont l-*acquis* rilevanti tal-Unjoni u f'konformità mal-impenji tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali.

B'mod partikolari, l-AMIF huwa maħsub biex jikkontribwixxi għat-tisħiħ u l-iżvilupp tal-aspetti kollha tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, inkluża d-dimensjoni esterna tagħha; biex jappoġġja l-migrazzjoni legali lejn l-Istati Membri inkluż għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; u fl-aħħar nett, biex tiġi miġġielda l-migrazzjoni irregolari u tiġi żgurata l-effettività tar-ritorn lejn u r-riammissjoni f'pajjiżi terzi.

KAPITOLU 10 02 — FOND GĦALL-ASIL, IL-MIGRAZZJONI U L-INTEGRAZZJONI (AMIF) (ikompli)

10 02 01 (ikompli)

L-AMIF ser jippromwovi miżuri komuni fil-qasam tal-asil, inkluż l-isforzi tal-Istati Membri li jirċievu persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali permezz ta' risistemazzjoni u t-trasferiment ta' applikanti għal jew benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali bejn l-Istati Membri, li jappoġġaw strateġiji ta' integrazzjoni u politika aktar effettiva dwar il-migrazzjoni legali, sabiex jiżguraw il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-futur tal-mudell soċjali tagħha u jnaqqsu l-inċentivi għall-migrazzjoni irregolari permezz ta' politika ta' ritorn sostenibbli u ta' riammissjoni. L-AMIF ser jappoġġa t-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex tissaħħaħ il-ġestjoni tal-flussi ta' persuni li japplikaw għall-asil jew forom oħra ta' protezzjoni internazzjonali, il-passaġġi tal-migrazzjoni legali u biex tiġi miġġielda l-migrazzjoni irregolari u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tar-ritorn u r-riammissjoni effettiva lejn pajjiżi terzi.

10 02 02 Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (BMVI) — Kontribuzzjoni mill-AMIF

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
359 627	p.m.	296 393	p.m.	

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa ir-riżorsi tal-BMVI b'segwitu ta' talba tal-Istat/i Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm biex ikun trasferit sa massimu ta' 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-AMIF għall-BMVI skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Riżorsi trasferiti se jkunu implimentati skont ir-regoli tal-BMVI u għall-benefiċċju tal-Istat/i Membru/i kkonċernat/i.

10 02 03 Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) — Kontribuzzjoni mill-AMIF

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa ir-riżorsi tal-ISF b'segwitu ta' talba tal-Istat/i Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm biex ikun trasferit sa massimu ta' 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-AMIF għall-ISF skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Riżorsi trasferiti se jkunu implimentati skont ir-regoli tal-ISF u għall-benefiċċju tal-Istat/i Membru/i kkonċernat/i.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 10 — IL-MIGRAZZJONI

KAPITOLU 10 02 — FOND GĦALL-ASIL, IL-MIGRAZZJONI U L-INTEGRAZZJONI (AMIF) (ikompli)

10 02 99 Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba sabiex ikopru ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

10 02 99 01 Tlestija tal-azzjonijiet preċedenti fl-oqsma tal-immigrazzjoni (qabel l-2021)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	314 750 000	p.m.	342 000 000	0,—	672 953 596,79

Kummenti

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	16 866 512 6 3 0 0
---------------------	--------------------

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin (ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jipromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/463/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 li tadotta programm ta' azzjoni għal kooperazzjoni amministrattiva fl-oqsma tal-fruntieri esterni, il-viżi, l-asil u l-immigrazzjoni (programm ARGO) (ĠU L 161, 19.6.2002, p. 11).

Id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Għestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007, li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Ritorn għall-perjodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Għestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 45).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE tal-25 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-perjodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Għestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" (ĠU L 168, 28.6.2007, p. 18).

KAPITOLU 10 02 — FOND GĦALL-ASIL, IL-MIGRAZZJONI U L-INTEGRAZZJONI (AMIF) (ikompli)

10 02 99 (ikompli)

10 02 99 01 (ikompli)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE tal-14 ta' Mejju 2008 li tistabbilixxi Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni (ĠU L 131, 21.5.2008, p. 7).

Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

Id-Deċiżjoni Nru 458/2010/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li temenda d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 bit-tneħħija tal-finanzjament ta' ċerti azzjonijiet Komunitarji u l-bidla tal-limiti għall-finanzjament tagħhom (ĠU L 129, 28.5.2010, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-“Eurodac” għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jstabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jstabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31).

Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li tħassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 168).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 tal-14 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja (ĠU L 239, 15.9.2015, p. 146).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 tat-22 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 80).

Ir-Regolament (UE) 2022/585 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-6 ta' April 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 514/2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet, (UE) Nru 516/2014 li jstabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u (UE) 2021/1147 li jstabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (ĠU L 112, 11.4.2022, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 10 — IL-MIGRAZZJONI

KAPITOLU 10 02 — FOND GĦALL-ASIL, IL-MIGRAZZJONI U L-INTEGRAZZJONI (AMIF) (ikompli)

10 02 99 (ikompli)

10 02 99 01 (ikompli)

Atti ta' referenza

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3).

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2005 li tistabbilixxi programm ta' qafas dwar is-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi Migratorji għall-perjodu 2007–2013 (COM(2005) 123 final).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/815/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li timplimenta d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi mill-2008 sal-2013 (ĠU L 326, 12.12.2007, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/837/KE tat-30 ta' Novembru 2007 li timplimenta d-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi mill-2008 sal-2013 (ĠU L 330, 15.12.2007, p. 48).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/22/KE tad-19 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni rigward is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibbiltà tan-nefqa fuq il-proġetti kofinanzjati mill-Fond (ĠU L 7, 10.1.2008, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/457/KE tal-5 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/435/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi għall-perjodu 2007 sa 2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibbiltà ta' nefqiet fuq proġetti kofinanzjati mill-Fond (ĠU L 167, 27.6.2008, p. 69).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/458/KE tal-5 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Ritorn għall-perjodu 2008 sa 2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibbiltà ta' nefqiet fuq proġetti kofinanzjati mill-Fondi (ĠU L 167, 27.6.2008, p. 135).

Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Jannar 2016 għal skema volontarja ta' ammissjoni umanitarja mat-Turkija (C(2015) 9490).

Proposta għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fit-13 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi Qafas tar-Risistemazzjoni tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2016) 468 final).

KAPITOLU 10 10 — AĠENZJI DEĊENTRALIZZATI

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
10 10	AĠENZJI DEĊENTRALIZZATI								
10 10 01	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)	4	169 101 176	169 101 176	172 169 287	172 169 287	165 661 205,—	147 661 205,—	87,32
	Kapitolu 10 10 — Total		169 101 176	169 101 176	172 169 287	172 169 287	165 661 205,—	147 661 205,—	87,32

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex ikopru l-persunal u n-nefqa amministrattiva tal-Aġenzji deċentralizzati (it-Titoli 1 u 2) u fejn applikabbli, in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

Il-pjanijiet ta' stabbiliment tal-Aġenzji huma stabbiliti fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsim.

L-Aġenzji jridu jinformaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, l-ammonti mħallsa lura f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

10 10 01 Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
169 101 176	169 101 176	172 169 287	172 169 287	165 661 205,—	147 661 205,—

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 10 — IL-MIGRAZZJONI

KAPITOLU 10 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI (ikompli)

10 10 01 (ikompli)

Kummenti

L-EUAA, li tissostitwixxi u hija s-suċċessur tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO) mid-19 ta' Jannar 2022, jaġixxi bħala ċentru ta' għarfien espert dwar l-asil u jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil billi jiffaċilita, jikkoordina u jsaħħaħ il-kooperazzjoni Prattika fost l-Istati Membri dwar il-ħafna aspetti tal-ażil. L-EUAA tgħin ukoll lill-Istati Membri jwettqu l-obbligi Ewropej u internazzjonali tagħhom biex jagħtu protezzjoni lil persuni fil-bżonn, huwa jipprovdi appoġġ operazzjonali lil Stati Membri bi ħtiġijiet speċifiċi u lill-Istati Membri li s-sistemi ta' ażil u akkoljenza tagħhom jinsabu taħt pressjoni partikolari. Barra minn hekk, L-EUAA tipprovdi input ibbażat fuq l-evidenza għat-tfassil għall-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-oqsma kollha li għandhom impatt dirett jew indirett fuq l-ażil.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	181 677 829
li minnhom l-ammont li ġej mill-irkupru tas-surplus (dħul, l-artikolu 6 6 2)	12 576 653
L-ammont imdaħħal fil-baġit	169 101 176

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 (ĠU L 468, 30.12.2021, p. 1).

KAPITOLU 10 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJET OĦRA

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
10 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJET OĦRA								
10 20 02	Azzjonijiet preparatorji	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	Kapitolu 10 20 — Total		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	

10 20 02 Azzjonijiet preparatorji

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-applikazzjonijiet tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri.

Il-lista ta' azzjonijiet preparatorji hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-taqsim, taħt il-Kapitolu PA 10.

Bażiguridika

L-Artikolu 58(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 11
ĠESTJONI TAL-FRONTIERI

TITOLU 11
ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2024 u 2023) u eżitu (2022)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
11 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' SOSTENN TAL-CLUSTER "ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI"	2 882 000	2 882 000	2 081 000	2 081 000	1 216 190,14	1 216 190,14
11 02	FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL- APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL- FRUNTIERI U L-POLITIKA DWAR IL-VIŻI	1 020 332 303	520 807 000	954 798 303	394 992 752	747 195 316,—	630 027 052,85
11 03	FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT TA' APPOĠĠ FINANZJARJU GĦAT-TAGĦMIR TA' KONTROLL DOGANALI	143 691 000	156 649 000	140 872 000	71 698 570	138 111 000,—	136 756 631,92
11 10	AĠENZJI DEĊENTRALIZZATI	1 043 720 939	1 035 692 267	1 002 769 675	1 067 519 143	951 605 310,—	928 473 177,—
	<i>Riżervi (30 02 02)</i>	4 763 000	4 763 000				
		1 048 483 939	1 040 455 267	1 002 769 675	1 067 519 143	951 605 310,—	928 473 177,—
	Titolu 11 — Total	2 210 626 242	1 716 030 267	2 100 520 978	1 536 291 465	1 838 127 816,14	1 696 473 051,91
	Riżervi (30 02 02)	4 763 000	4 763 000				
	Total inklużi r-riżervi	2 215 389 242	1 720 793 267	2 100 520 978	1 536 291 465	1 838 127 816,14	1 696 473 051,91

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

TITOLU 11
ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' SOSTENN TAL-CLUSTER "ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI"

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	% 2022/2024
11 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' SOSTENN TAL-CLUSTER "ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI"					
11 01 01	<i>Nefqa ta' appoġġ għall-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri — Strument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi</i>	4	2 800 000	2 000 000	1 137 190,14	40,61
11 01 02	<i>Nefqa ta' appoġġ għall-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri — Strument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali</i>	4	82 000	81 000	79 000,—	96,34
	Kapitolu 11 01 — Total		2 882 000	2 081 000	1 216 190,14	42,20

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa ta' natura amministrattiva (bħal studji, laqgħat tal-esperti, u informazzjoni u pubblikazzjonijiet) marbuta direttament mal-kisba tal-oġettivi tal-programmi jew tal-miżuri li jaqgħu taħt dak il-cluster u kwalunkwe nefqa oħra għall-assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompieti ta' awtorità pubblika li jkunu esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

11 01 01 *Nefqa ta' appoġġ għall-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri — Strument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi*

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
2 800 000	2 000 000	1 137 190,14

KAPITOLU 11 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' SOSTENN TAL-CLUSTER “ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI” (ikompli)

11 01 01 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri ta' assistenza teknika ffinanzjati mill-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (l-“Istrument”) bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

Din l-approprjazzjoni tista', b'mod partikolari, tintuża biex tkopri:

- nefqa ta' natura amministrattiva (bħal studji, laqgħat ta' esperti, u informazzjoni u pubblikazzjonijiet) marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettiv tal-Istrument jew miżuri li jaqgħu taħt dan il-cluster u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz ad hoc;
- in-nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal tal-aġenzija), inkluż missjonijiet marbuta mal-persunal estern finanzjati taħt dan l-artikolu.

Bażiguridika

Ara l-Kapitolu 11 02.

11 01 02 Nefqa ta' appoġġ għall-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri — Istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
82 000	81 000	79 000,—

Kummenti

Barra n-nefqa deskritta f'dan il-kapitolu, din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nefqa fuq studji, IT (li jkopri kemm it-tagħmir u s-servizzi), laqgħat tal-esperti, informazzjoni, komunikazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi tal-istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali jew miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu ngħataw b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Bażiguridika

Ara l-Kapitolu 11 03.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 02 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U L-POLITIKA DWAR IL-VIŻI

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Paga-menti-2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
11 02	FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U L-POLITIKA DWAR IL-VIŻI								
11 02 01	Strument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi	4	1 020 332 303	418 807 000	954 798 303	278 992 752	747 195 316,—	352 495 624,07	84,17
11 02 99	Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti								
11 02 99 01	Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti fil-qasam tal-fruntieri, viżi u sistemi tal-IT (qabel l-2021)	4	p.m.	102 000 000	p.m.	116 000 000	0,—	277 531 428,78	272,09
	Artikolu 11 02 99 — Sub-total		p.m.	102 000 000	p.m.	116 000 000	0,—	277 531 428,78	272,09
	Kapitolu 11 02 — Total		1 020 332 303	520 807 000	954 798 303	394 992 752	747 195 316,—	630 027 052,85	120,97

Kummenti

L-appropriazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-azzjonijiet li jiżguraw ġestjoni integrata Ewropea soda u effettiva tal-fruntieri, filwaqt li jissalvagwardjaw il-moviment liberu tal-persuni fi hđanhom, f'konformità sħiħa mal-impenji tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-garanzija ta' livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

Ir-Regolament (UE) 2021/1133 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 603/2013, (UE) 2016/794, (UE) 2018/1862, (UE) 2019/816 u (UE) 2019/818 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kondizzjonijiet għall-aċċess għal sistemi oħra ta' informazzjoni tal-UE għall-finijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (ĠU L 248, 13.7.2021, p. 1).

KAPITOLU 11 02 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U L-POLITIKA DWAR IL-VIŻI (*ikompli*)

Ir-Regolament (UE) 2021/1134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, għall-fini tar-riforma tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (ĠU L 248, 13.7.2021, p. 11).

Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jstabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 (ĠU L 160, 15.6.2022, p.1).

Ir-Regolament (UE) 2023/2667 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009 u (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 u (KE) Nru 694/2003 u l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża (ĠU L, 2023/2667, 07.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2667/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2023/2685 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża (ĠU L, 2023/2685, 07.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2685/oj>).

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fit-23 ta' Settembru 2020, li jintroduċi skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (COM(2020) 612 final).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fit-13 ta' Diċembru 2022, dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (API) għat-titjib u għall-faċilitazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri esterni, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2018/1726, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE (COM(2022) 729 final).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fit-13 ta' Diċembru 2022, dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/818 (COM(2022) 731 final).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 02 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U L-POLITIKA DWAR IL-VIŻI (ikompli)

11 02 01 Strument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjali)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 020 332 303	418 807 000	954 798 303	278 992 752	747 195 316,—	352 495 624,07

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiżgura ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri b'saħħitha u effettiva fil-fruntieri esterni filwaqt li tissalvagwardja l-moviment liberu tal-persuni fi hđanhom, f'konformità sħiħa mal-impenji tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-garanzija ta' livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni.

B'mod aktar speċifiku, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi ("l-Istrument") jeħtieġ li jikkontribwixxi biex jappoġġa ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri effettiva fuq il-fruntieri esterni li implimentati mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, biex jiffaċilitaw il-qsim leġittimu tal-fruntieri, biex jipprevjenu u jidentifikaw l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transfruntiera u biex jiġġestixxu effettivament il-flussi migratorji, kif ukoll biex jappoġġaw l-politika komuni dwar il-viżi sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar leġittimu u jipprevjenu riskji migratorji u tas-sigurtà.

L-Istrument se jippromwovi l-implimentazzjoni tal-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri kif iddefinita mill-komponenti tagħha skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/1896: il-kontroll fuq il-fruntieri, it-tfittxija u s-salvataġġ matul is-sorveljanza fuq il-fruntieri, l-analiżi tar-riskju u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri (appoġġati u kkoordinati mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta). L-Istrument se jippromwovi wkoll il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, miżuri tekniċi u operazzjonali fiż-żona Schengen marbuta mal-kontroll fuq il-fruntieri u mfassla biex jindirizzaw l-immigrazzjoni illegali u biex jiġġieldu aħjar il-kriminalità transfruntiera, u l-użu ta' teknoloġija avvanzata, il-kontroll tal-kwalità u mekkaniżmi ta' solidarjetà. Barra minn hekk, l-Istrument se jikkontribwixxi għat-titjib tal-effiċjenza tal-ipproċessar tal-viżi f'termini tal-identifikazzjoni u l-ivvalutar tas-sigurtà u r-riskji tal-migrazzjoni irregolari, kif ukoll li jiġu ffaċilitati l-proċeduri tal-viżi għall-vjaġġaturi *bona fide*. L-Istrument se jappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-ipproċessar tal-viża bl-objettiv li jiġu pprovduti proċeduri tal-viża rapidi, siguri u favorevoli għall-klijent għall-benefiċċju kemm tal-applikanti għal viża kif ukoll tal-konsulati.

11 02 99 Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex jkopru l-pagamenti relatati mal-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti.

KAPITOLU 11 02 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U L-POLITIKA DWAR IL-VIŻI (ikompli)

11 02 99 (ikompli)

11 02 99 01 Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti fil-qasam tal-fruntieri, viżi u sistemi tal-IT (qabel l-2021)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	102 000 000	p.m.	116 000 000	0,—	277 531 428,78

Kummenti

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	1 096 275 6 3 2 0
---------------------	-------------------

Bażiguridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/886/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen (SIS II) (ĠU L 328, 13.12.2001, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2424/2001 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) (ĠU L 328, 13.12.2001, p. 4).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004, li twaqqaf is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5).

Ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) mis-servizzi fl-Istati Membri responsabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni tal-vetturi (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen Tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63).

Id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-programm ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22).

Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infommazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Ir-Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 02 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U L-POLITIKA DWAR IL-VIŻI (*ikompli*)

11 02 99 (*ikompli*)

11 02 99 01 (*ikompli*)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129).

Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jstabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1).

Il-Protokoll Nru 19 dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 290).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1272/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 359, 29.12.2012, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1273/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 359, 29.12.2012, p. 32).

Il-kompiti li jirriżultaw mis-setgħat speċifiċi assenjati direttament lill-Kummissjoni permezz tal-Artikolu 31 tal-Att dwar l-Adeżjoni tal-Kroazja.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27).

Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jstabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).

Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jstabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Invjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

KAPITOLU 11 02 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U L-POLITIKA DWAR IL-VIŻI *(ikompli)*

11 02 99 *(ikompli)*

11 02 99 01 *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14).

Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56).

Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

Ir-Regolament (UE) 2019/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-ħolqien ta' netwerk Ewropew bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 88).

Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2022/585 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 514/2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet, (UE) Nru 516/2014 li jstabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u (UE) 2021/1147 li jstabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (ĠU L 112, 11.4.2022, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERIKAPITOLU 11 02 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU
GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U L-POLITIKA DWAR IL-VIŻI (*ikompli*)11 02 99 (*ikompli*)11 02 99 01 (*ikompli*)*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2005 li tistabbilixxi programm kwadru dwar is-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni għall-perijodu 2007–2013 (COM(2005) 123 final).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/599/KE tas-27 ta' Awwissu 2007 li timplimenta d-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi mill-2007 sal-2013 (ĠU L 233, 5.9.2007, p. 3).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/456/KE tal-5 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perijodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll ta' l-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibilità ta' nefqiet fuq proġetti kofinanzjati mill-Fond (ĠU L 167, 27.6.2008, p. 1).

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplimentari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond tas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014 sal-2020, iffirmat fil-5 ta' Diċembru 2016 (ĠU L 7, 12.1.2017, p. 4).

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar regoli supplimentari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond tas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014 sal-2020, iffirmat fit-8 ta' Diċembru 2016 (ĠU L 75, 21.3.2017, p. 3).

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014 sa 2020, iffirmat fit-2 ta' Marzu 2018 (ĠU L 72, 15.3.2018, p. 3).

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014 sa 2020, iffirmat fil-15 ta' Marzu 2018 (ĠU L 165, 2.7.2018, p. 3).

KAPITOLU 11 03 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT TA' APPOĠĠ FINANZJARJU GĦAT-TAGĦMIR TA' KONTROLL DOGANALI

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Paga-menti-2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
11 03	FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT TA' APPOĠĠ FINANZJARJU GĦAT-TAGĦMIR TA' KONTROLL DOGANALI								
11 03 01	Strument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali	4	143 691 000	156 649 000	140 872 000	71 698 570	138 111 000,—	136 756 631,92	87,30
Kapitolu 11 03 — Total			143 691 000	156 649 000	140 872 000	71 698 570	138 111 000,—	136 756 631,92	87,30

Kummenti

Approprjazzjonijiet fil-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali biex jappoġġaw lill-unjoni doganali u lill-awtoritajiet doganali sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza fl-Unjoni u sabiex l-Unjoni tiġi protetta mill-kummerċ illegali u inġust filwaqt li jiġu ffaċilitati l-attivitajiet kummerċjali leġittimi. L-Istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali jikkontribwixxi biex ikun hemm kontrolli doganali adegwati u ekwivalenti permezz tax-xiri, tal-manutenzjoni u tal-aġġornament ta' tagħmir ta' kontroll doganali li jkun rilevanti, modern u affidabbli.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġetti jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2021/1077 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali (ĠU L 234, 2.7.2021, p. 1).

11 03 01 *Strument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali*

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
143 691 000	156 649 000	140 872 000	71 698 570	138 111 000,—	136 756 631,92

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 03 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT TA' APPOĠĠ FINANZJARJU GĦAT-TAGĦMIR TA' KONTROLL DOGANALI (*ikompli*)

11 03 01 (*ikompli*)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa x-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament ta' tagħmir ta' kontroll doganali li għandu skop ta' kontrolli doganali wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

- spezzjoni mhux invażiva,
- indikazzjoni ta' oġġetti moħbija fuq il-bnedmin,
- detezzjoni tar-rad jazzjoni u identifikazzjoni tan-nuklidi,
- analiżi tal-kampjuni fil-laboratorju,
- teħid ta' kampjuni u l-analiżi fuq il-post ta' kampjuni,
- it-tiftix b'apparat portabbli.

L-Istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali (l-“Istrument”) jista' jkopri wkoll ix-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament tat-tagħmir tal-kontrolli doganali għall-ittejtjar ta' biċċiet ġodda jew ta' funzjonalitajiet ġodda f'kundizzjonijiet operazzjonali. L-Istrument jista' jkopri wkoll l-ispejjeż ta' tħejija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu, ta' evalwazzjoni u ta' attivitajiet oħrajn għall-ġestjoni tal-Istrument u għall-evalwazzjoni tal-kisba tal-oġġetti tiegħu.

Barra minn hekk, dan jista' jkopri l-ispejjeż relatati ma' studji, mal-laqgħat tal-esperti, mal-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, sa fejn dawn ikunu relatati mal-għanijiet tal-Istrument, kif ukoll l-ispejjeż marbutin man-netwerks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jiffukaw fuq l-iproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, fosthom l-għodod korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u assistenza teknika u amministrattiva oħra meħtieġa b'rabta mal-ġestjoni tal-Istrument.

KAPITOLU 11 10 — AĠENZJI DEĊENTRALIZZATI

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Paga-menti-2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 947 tat-12 ta' Frar 2021 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija; ir-riċerka u l-innovazzjoni dwar il-klima, l-enerġija u l-mobbiltà; l-ambjent, in-natura u l-bijodiversità; tranżizzjoni lejn teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; u t-trasport marittimu u s-sajd; li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u dawk li ġejjin minn dħul assenjat estern.

13 01 04 Nefqa ta' appoġġ għall-istrument għat-tisħiħ tal-industrija Ewropea tad-difiża permezz tal-akkwist komuni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa deskritta f'dan il-kapitolu dwar l-istrument għat-tisħiħ tal-industrija Ewropea tad-difiża permezz tal-akkwist komuni (EDIRPA).

Bażiguridika

Ara Kapitolu 13 06.

KAPITOLU 13 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SIGURTÀ U DIFIŻA" (ikompli)

13 01 05 Nefqa ta' appoġġ għall-istrument għat-tisħiħ industrijali tad-difiża

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
13 01 05	p.m.	p.m.	
Riżervi (30 02 01)		1 000 000	
Total	p.m.	1 000 000	

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa deskritta f'dan il-Kapitolu dwar l-istrument li jappoġġja finanzjarjament it-tisħiħ industrijali għall-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża rilevanti fl-Unjoni, inkluż permezz tal-provvista tal-komponenti tagħhom, stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/1525 dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon (ASAP).

Bażiġuridika

Ara l-Kapitolu 13 07.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA

KAPITOLU 13 02 — IL-FOND EWROPEW GĦAD-DIFIŻA (FED) — MHUX RIĊERKA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Paga- menti- 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
13 02	IL-FOND EWROPEW GĦAD-DIFIŻA (FED) — MHUX RIĊERKA								
13 02 01	Żvilupp ta' kapaċità	5	417 323 000	519 000 000	623 847 000	167 500 000	624 924 000,—	342 979 593,—	66,08
13 02 99	Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti								
13 02 99 01	Tlestija tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP) (2019 sal-2020)	5	p.m.	18 000 000	p.m.	80 000 000	0,—	10 165 533,71	56,48
	Artikolu 13 02 99 — Sub- total		p.m.	18 000 000	p.m.	80 000 000	0,—	10 165 533,71	56,48
	Kapitolu 13 02 — Total		417 323 000	537 000 000	623 847 000	247 500 000	624 924 000,—	353 145 126,71	65,76

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa ta' natura operazzjonali, bħal proġetti kooperattivi, marbuta direttament mal-kisba tal-oġettivi tal-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) u l-predeċessur tiegħu, il-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP).

L-appropriazzjonijiet taħt dan il-kapitolu partikolarment se jappoġġaw l-iżvilupp ta' azzjonijiet – mifhuma bħala l-fażi ta' żvilupp ta' prodotti u teknoloġiji ġodda jew it-tijib ta' dawk eżistenti – fil-qasam tad-difiża. L-għan kemm tal-FED kif ukoll tal-EDIDP huwa li jitrajmu l-kompetittività u l-innovattività tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea u tinkiseb interoperabbiltà akbar bejn il-kapaċitajiet tal-Istati Membri, u b'hekk hu kontribut għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149).

KAPITOLU 13 02 — IL-FOND EWROPEW GĦAD-DIFIŻA (FED) — MHUX RIĊERKA (ikompli)

13 02 01 Żvilupp ta' kapaċità

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
417 323 000	519 000 000	623 847 000	167 500 000	624 924 000,—	342 979 593,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba biex tkopri il-finanzjament previst taħt l-FED għall-proġetti ta' żvilupp kollaborattivi ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża li jkunu konsistenti mal-prijoritajiet tal-kapaċitajiet tad-difiża maqbula b'mod komuni mill-Istati Membri fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, u b'hekk jikkontribwixxi biex tiżdied l-effiċjenza fl-infiq fuq id-difiża fl-Unjoni, jinkisbu ekonomiji ta' skala akbar, jonqos ir-riskju ta' duplikazzjoni bla bżonn u b'hekk tonqos il-frammentazzjoni ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża madwar l-Unjoni.

L-EDF jipprovdi l-appoġġ għal azzjonijiet li jkopru prodotti u teknoloġiji ġodda u aġġornati, meta l-użu tal-informazzjoni diġà eżistenti li hemm bżonn biex isir l-aġġornament ma jkunx soġġett direttament jew indirettament għal restrizzjoni minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati. Azzjonijiet eliġibbli għandhom ikunu relatati ma' waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

- attivitajiet li jimmiraw li joħolqu, isostnu u jtejbu l-għarfien, il-prodotti u t-teknoloġiji, inkluż it-teknoloġiji fixkiela, li jistgħu jwasslu għal effetti sinifikanti fil-qasam tad-difiża,
- attivitajiet immirati biex iżidu l-interoperabbiltà u r-reżiljenza, inkluż il-produzzjoni u l-iskambju siguri tad-*data*, jinħakmu teknoloġiji kritiċi tad-difiża, tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista u jsir possibbli l-isfruttament effettiv tar-riżultati għal prodotti u teknoloġiji tad-difiża,
- studji, bħal studji ta' fattibilità biex tiġi esplorata l-fattibilità ta' teknoloġiji, prodotti, proċessi, servizzi u soluzzjonijiet ġodda jew imtejba,
- id-disinn ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża kif ukoll id-definizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li skonthom ikun ġie żviluppat dan id-disinn u li jstgħu jinkludu testijiet parzjali għal tnaqqis tar-riskju f'ambjent industrijali jew rappreżentattiv,
- l-iżvilupp ta' mudell ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża, li jkunu jstgħu juru l-prestazzjoni tal-element waqt li jkun qed jitħaddem (prototip ta' sistema),
- l-ittestjar ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża,
- il-kwalifikazzjoni ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża,
- iċ-ċertifikazzjoni ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża,
- l-iżvilupp ta' teknoloġiji jew assi li jżidu l-effiċjenza tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA

KAPITOLU 13 02 — IL-FOND EWROPEW GĦAD-DIFIŻA (FED) — MHUX RIĊERKA (ikompli)

13 02 01 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni tista' tkopri wkoll in-nefqa marbuta mal-ħidma ta' esperti indipendenti maħtura mill-Kummissjoni biex jassistu fl-evalwazzjoni tal-proposti u biex jagħtu pariri jew jassistu fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet imwettqa. Barra minn hekk, din l-appropriazzjoni tista' tintuża biex tiffinanzja l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' disseminazzjoni, avvenimenti ta' tlaqqiġ u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, partikolarment bil-ħsieb li jinfetħu ktajjen ta' provvista biex titrawwem il-parteciċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	14 063 785 6 6 0 0
----------	--------------------

13 02 99 **Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti**

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex ikopru l-pagamenti relatati mal-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti.

13 02 99 01 Tlestija tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP) (2019 sal-2020)

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	18 000 000	p.m.	80 000 000	0,—	10 165 533,71

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE) 2018/1092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 li jstabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni. (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 30).

KAPITOLU 13 03 — IL-FOND EWROPEW GĦAD-DIFIŻA (FED) — RIĊERKA

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Paga-menti-2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
13 03	IL-FOND EWROPEW GĦAD-DIFIŻA (FED) — RIĊERKA								
13 03 01	Riċerka fid-difiża	5	208 356 372	201 000 000	311 106 981	156 000 000	312 738 621,—	154 205 466,29	76,72
	Kapitolu 13 03 — Total		208 356 372	201 000 000	311 106 981	156 000 000	312 738 621,—	154 205 466,29	76,72

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa ta' natura operazzjonali, bħal proġetti ta' riċerka kollaborattiva, attivitajiet ta' riċerka f'teknoloġiji ta' difiża fixkiela u azzjonijiet ta' appoġġ fis-settur tar-riċerka tad-difiża.

L-objettiv tal-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) għat-tieqa tar-riċerka huwa li jappoġġa r-riċerka kollaborattiva li tista' tagħti spinta sinifikanti lill-prestazzjoni tal-kapaċitajiet tad-difiża futuri madwar l-Unjoni, bil-għan li timmassimizza l-innovazzjoni u tintroduċi prodotti u teknoloġiji ġodda tad-difiża, inkluż dawk fixkiela, u l-aktar użu effiċjenti tal-infiq fir-riċerka dwar id-difiża fl-Ewropa.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti smati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Baziguridika

Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149).

13 03 01 Riċerka fid-difiża

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
208 356 372	201 000 000	311 106 981	156 000 000	312 738 621,—	154 205 466,29

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-attivitajiet ta' riċerka tal-EDF għal proġetti ta' riċerka kollaborattiva, attivitajiet ta' riċerka f'teknoloġiji ta' difiża fixkiela u azzjonijiet ta' appoġġ immirati lejn il-ħolqien jew it-titjib tal-għarfien fis-settur tad-difiża.

KAPITOLU 13 03 — IL-FOND EWROPEW GĦAD-DIFIŻA (FED) — RIĊERKA (ikompli)

13 03 01 (ikompli)

L-EDF għandu jappoġġa azzjonijiet li jkopru prodotti u teknoloġiji ġodda u aġġornati, meta l-użu tal-informazzjoni diġà eżistenti li hemm bżonn biex isir l-aġġornament ma jkunx soġġett direttament jew indirettament għal restrizzjoni minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati. Azzjonijiet eliġibbli għandhom ikunu relatati ma' waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

- attivitajiet li jimmiraw li joħlqu, isostnu u jtejbu l-għarfien, il-prodotti u t-teknoloġiji, inkluż it-teknoloġiji fixkiela, li jistgħu jwasslu għal effetti sinifikanti fil-qasam tad-difiża,
- attivitajiet immirati biex iżidu l-interoperabbiltà u r-reżiljenza, inkluż il-produzzjoni u l-iskambju siguri tad-*data*, jinħakmu teknoloġiji kritiċi tad-difiża, tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista u jsir possibbli l-isfruttament effettiv tar-riżultati għal prodotti u teknoloġiji tad-difiża,
- studji, bħal studji ta' fattibbiltà biex tiġi esplorata l-fattibbiltà ta' teknoloġiji, prodotti, proċessi, servizzi u soluzzjonijiet ġodda jew imtejba, inkluż fil-qasam taċ-ċiberdifiża u ċ-ċibersigurtà,
- id-disinn ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża kif ukoll id-definizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li abbażi ta' għamla ikun ġie żvilupp ta' dan id-disinn u li jistgħu jinkludu testijiet parzjali għal tnaqqis tar-riskju f'ambjent industrijali jew rappreżentattiv,
- l-iżvilupp ta' mudell ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża, li jkun jistgħu juru l-prestazzjoni tal-element waqt li jkun qed jitħaddem (prototip ta' sistema),
- l-ittestjar ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża,
- il-kwalifikazzjoni ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża,
- iċ-ċertifikazzjoni ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża,
- l-iżvilupp ta' teknoloġiji jew assi li jżidu l-effiċjenza tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża.

Din l-appropriazzjoni tista' tkopri wkoll in-nefqa marbuta mal-ħidma ta' esperti indipendenti b'assistenza lill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tal-proposti u li jagħtuha pariri jew jassistuha fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet finanzjati. Barra minn hekk, din l-appropriazzjoni tista' tintuża biex tiffinanzja l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' disseminazzjoni, avvenimenti ta' tlaqqiġ u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, partikolarment bil-ħsieb li jinfetħu ktajjen ta' provvista biex titrawwem il-parteciċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE

7 021 610 6 6 0 0

KAPITOLU 13 04 — MOBBILTÀ MILITARI

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Paga-menti-2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
13 04	MOBBILTÀ MILITARI								
13 04 01	Mobbiltà militari	5	249 640 880	260 000 000	293 470 661	130 000 000	230 067 893,—	112 713 826,97	43,35
	Kapitolu 13 04 — Total		249 640 880	260 000 000	293 470 661	130 000 000	230 067 893,—	112 713 826,97	43,35

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru nefqiet li jimmiraw li jiġi adattat in-network TEN-T għar-rekwiżiti tal-mobbiltà militari.

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38).

Atti ta' referenza

Rekwiżiti militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha (ST 11373/19).

13 04 01 Mobbiltà militari

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
249 640 880	260 000 000	293 470 661	130 000 000	230 067 893,—	112 713 826,97

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex topri l-azzjonijiet biex tikkontribwixxi għat-titjib tal-mobbiltà militari madwar l-Unjoni filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji potenzjali għall-protezzjoni ċivili billi jittieħed vantaġġ mill-opportunità li jiżdiedu s-sinerġiji bejn il-bżonnijiet ta' difiża u n-networks ewlenin u komprehensivi TEN-T kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA

KAPITOLU 13 04 — MOBILTÀ MILITARI (*ikompli*)

13 04 01 (*ikompli*)

Dan l-objettiv se jiġi implimentat prinċipalment permezz tas-sejħiet għall-proposti skont il-programmi ta' ħidma multiannwali li jikkostitwixxu d-deċiżjonijiet ta' finanzjament fis-sens tal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju. Se jkun disponibbli finanzjament għal sezzjonijiet jew nodi identifikati mill-Istati Membri fl-Annessi tar-"Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha" kif adottati mill-Kunsill fit-15 ta' Lulju 2019 jew kwalunkwe dokument sussegwenti adottat wara dan, sa fejn dawk is-sezzjonijiet jew nodi jkunu wkoll parti minn networks ewlenin u komprensivi TEN-T, u għal kwalunkwe lista indikattiva ulterjuri ta' proġetti ta' prijorità li jistgħu jiġu identifikati mill-Istati Membri.

KAPITOLU 13 05 — PROGRAMM TAL-UNJONI GĦAL KONNETTIVITÀ SIGURA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	% Paga-menti-2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti		
13 05	PROGRAMM TAL-UNJONI GĦAL KONNETTIVITÀ SIGURA							
13 05 01	Programm Konnettività Sigura tal-Unjoni — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 5	5						
	Riżervi (30 02 02)		96 000 000	110 000 000	p.m. 30 000 000	p.m. 30 000 000		
			96 000 000	110 000 000	30 000 000	30 000 000		
	Kapitolu 13 05 — Total		96 000 000	110 000 000	p.m.	p.m.		
	Riżervi (30 02 02)				30 000 000	30 000 000		
	Total inklużi r-riżervi		96 000 000	110 000 000	30 000 000	30 000 000		

Kummenti

L-oġġettiv ġenerali tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura huwa li jiżgura aċċess dinji għal servizzi governattivi siguri ta' komunikazzjoni bis-satellita għall-protezzjoni tal-infrastrutturi kritiċi, is-sorveljanza, l-azzjonijiet esterni u l-ġestjoni tal-kriżijiet. L-oġġettiv tiegħu huwa wkoll li jippermetti l-forniment ta' servizzi kummerċjali mis-settur privat biex jippermetti d-disponibbiltà ta' broadband b'veloċità għolja u konnettività bla xkiel madwar l-Ewropa, filwaqt li jitneħħew żoni mejta.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027 (ĠU L 79, 17.3.2023, p. 1).

13 05 01 Programm Konnettività Sigura tal-Unjoni — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 5

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
13 05 01	96 000 000	110 000 000	p.m.	p.m.	
Riżervi (30 02 02)			30 000 000	30 000 000	
Total	96 000 000	110 000 000	30 000 000	30 000 000	

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA

KAPITOLU 13 05 — PROGRAMM TAL-UNJONI GĦAL KONNETTIVITÀ SIGURA (*ikompli*)

13 05 01 (*ikompli*)

Kummenti

L-objettiv ġenerali tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura huwa li jstabbilixxi sistema ta' konnettività sigura u awtonoma bbażata fl-ispazju għall-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita garantiti u reżiljenti.

Il-Programm jista' jirċievi kontribuzzjonijiet finanzjarji jew kontribuzzjonijiet in natura addizzjonali minn: (a) aġenziji u korpi tal-Unjoni; (b) Stati Membri; (c) pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-programm; (d) l-Aġenzija Spazjali Ewropea jew organizzazzjonijiet internazzjonali oħra f'konformità mal-ftehimiet rilevanti.

KAPITOLU 13 06 — STRUMENT GĦAT-TISĦIĦ TAL-INDUSTRIJA EWROPEA TAD-DIFIŻA PERMEZZ TAL-AKKWIST KOMUNI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	% Paga-menti-2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti		
13 06	STRUMENT GĦAT-TISĦIĦ TAL-INDUSTRIJA EWROPEA TAD-DIFIŻA PERMEZZ TAL-AKKWIST KOMUNI							
13 06 01	Strument għat-tisħiħ tal-industrija Ewropea tad-difiża permezz tal-akkwist komuni	5	259 972 301	100 000 000	p.m.	p.m.		
	Kapitolu 13 06 — Total		259 972 301	100 000 000	p.m.	p.m.		

Kummenti

L-istrument għat-tisħiħ tal-industrija Ewropea tad-difiża permezz tal-akkwist komuni (EDIRPA) għandu l-objettivi li ġejjin:

- irawwem il-kompetittività u l-effiċjenza tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB), inkluż SMEs u mid-caps, għal Unjoni aktar reżiljenti u sigura, b'mod partikolari billi jħaffef, b'mod kollaborattiv, l-aġġustament tal-industrija għal bidliet strutturali, inkluż il-ħolqien u ż-żieda fil-kapaċitajiet tal-manifattura tagħha u l-ftuħ tal-ktajjen tal-provvista għall-kooperazzjoni transfruntiera madwar l-Unjoni, biex b'hekk l-EDTIB tkun tista' tipprovdli l-prodotti tad-difiża meħtieġa mill-Istati Membri;
- li titrawwem il-kooperazzjoni fil-proċessi tal-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża bejn l-Istati Membri parteċipanti sabiex tikkontribwixxi għas-solidarjetà, tipprevjeni l-effetti ta' esklużjoni, iżżid l-effettività tal-infiq pubbliku u tnaqqas il-frammentazzjoni eċċessiva, li fl-aħħar twassal għal żieda fl-istandardizzazzjoni tas-sistemi tad-difiża u interoperabbiltà akbar bejn il-kapaċitajiet tal-Istati Membri, filwaqt li jiġu ppreservati l-kompetittività u d-diversità tal-prodotti disponibbli għall-Istati Membri u fil-katina tal-provvista.

L-objettivi għandhom jiġu segwiti b'enfasi fuq it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-EDTIB madwar l-Unjoni biex tkun tista' tindirizza, b'mod partikolari, il-ħtiġijiet l-aktar urġenti u kritiċi tal-prodott tad-difiża, speċjalment dawk żvelati jew aggravati mir-rispons għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, bħall-ġarr ta' prodotti ta' difiża lejn l-Ukrajna, b'kont meħud tal-għanijiet tal-Boxxla Strateġika għas-sigurtà u d-difiża u b'kunsiderazzjoni tal-ħidma tat-Task Force dwar l-Akkwist Konġunt fil-Qasam tad-Difiża.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA**KAPITOLU 13 06 — STRUMENT GĦAT-TISĦIĦ TAL-INDUSTRIJA EWROPEA TAD-DIFIŻA PERMEZZ TAL-AKKWIST KOMUNI** (*ikompli*)

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE) 2023/2418 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar l-istabbiliment ta' strument għat-tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permess tal-Akkwist Komuni (EDIRPA) (ĠU L, 2023/2418, 26.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2418/oj>).

13 06 01 Strument għat-tisħiħ tal-industrija Ewropea tad-difiża permezz tal-akkwist komuni

Ċifri (*Approprjazzjonijiet differenzjati*)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
259 972 301	100 000 000	p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet ta' natura operazzjonali marbuta direttament mal-kisba tal-oġġettivi tal-istrument għat-tisħiħ tal-industrija Ewropea tad-difiża permezz tal-akkwist komuni (EDIRPA).

B'mod partikolari, l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni u l-azzjonijiet miġjuba permezz tal-EDIRPA jstimulaw l-akkwist komuni (definit bħala akkwist imwettaq b'mod konġunt minn tal-inqas tliet Stati Membri) mill-Istati Membri u pajjiżi terzi assoċjati u huma ta' benefiċċju għall-EDTIB, filwaqt li jiżguraw il-kapaċità tal-forzi armati tal-Istati Membri li jaġixxu, is-sigurtà tal-provvista u aktar interoperabbiltà.

KAPITOLU 13 07 — L-ISTRUMENT GĦAT-TISĦIĦ INDUSTRIJALI TAD-DIFIŻA

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Paga-menti-2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
13 07	L-ISTRUMENT GĦAT-TISĦIĦ INDUSTRIJALI TAD-DIFIŻA								
13 07 01	L-istrument għat-Tisħiħ Industrijali tad-Difiża	5	343 000 000	78 500 000	p.m.	p.m.			
	Riżervi (30 02 02)				156 027 699				
			343 000 000	78 500 000	156 027 699	p.m.			
	Kapitolu 13 07 — Total		343 000 000	78 500 000	p.m.	p.m.			
	Riżervi (30 02 02)				156 027 699				
	Total inklużi r-riżervi		343 000 000	78 500 000	156 027 699	p.m.			

Kummenti

Kapitolu ġdid

L-istrument stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/1525 għandu l-għan li, b'mod urġenti, isaħħaħ ir-rispons u l-kapaċità tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) biex jiżgura d-disponibbiltà u l-provvista ta' munizzjoni mill-art għall-art u tal-artillerija kif ukoll missili ("prodotti tad-difiża rilevanti") fl-Unjoni. L-oġġettiv ewlieni tiegħu huwa li jappoġġja t-tisħiħ industrijali, il-kompetittività u r-reżiljenza tal-EDTIB b'mod partikolari b'investimenti fil-kapaċitajiet rilevanti tal-manifattura tal-prodotti tad-difiża, bi shubbijiet industrijali transfruntieri u bil-kollaborazzjoni tal-kumpaniji rilevanti fi sforz konġunt tal-industrija.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu mingħand il-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm Euratom biex jieħdu sehem fil-programm tal-Unjoni, u kull dħul assenjat ieħor imniżżel fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħtu lok għall-proviżjonament ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implementazzjoni skont dan il-Kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2023/1525 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2023 dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon (ASAP) (ĠU L 185, 24.7.2023, p. 7).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA

KAPITOLU 13 07 — L-ISTRUMENT GĦAT-TISĦIĦ INDUSTRIJALI TAD-DIFIŻA (ikompli)

13 07 01 L-istrument għat-Tisħiħ Industrijali tad-Difiża

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

	Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
13 07 01	343 000 000	78 500 000	p.m.	p.m.		
Riżervi (30 02 02)			156 027 699			
Total	343 000 000	78 500 000	156 027 699	p.m.		

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet ta' natura operazzjonali, b'mod aktar speċifiku dawk relatati direttament mal-kisba tal-oġġettivi tal-istrument stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/1525.

B'mod partikolari, l-appoġġ finanzjarju u l-azzjonijiet tal-Unjoni mijsuba permezz ta' dak l-istrument se jżidu l-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) u jiffaċilitaw l-investiment tul il-katina tal-provvista kollha. Se jikkontribwixxu biex jonqos iż-żmien meħtieġ għall-produzzjoni tal-prodotti rilevanti tad-difiża filwaqt li jiġi ffaċilitat l-investiment biex l-industrija tkun tista' tipproduċi aktar u iżjed malajr. Se jħeġġu wkoll ir-reżiljenza tal-EDTIB bi shubbijiet industrijali transfruntieri u bil-kollaborazzjoni tal-kumpaniji rilevanti fi sforz konġunt tal-industrija.

KAPITOLU 13 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Paga-menti-2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
13 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA								
13 20 02	Azzjonijiet preparatorji	5	p.m.	481 000	p.m.	1 375 000	0,—	0,—	
	Kapitolu 13 20 — Total		p.m.	481 000	p.m.	1 375 000	0,—	0,—	

13 20 02 Azzjonijiet preparatorji

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	481 000	p.m.	1 375 000	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-applikazzjoni tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri.

Il-lista tal-azzjonijiet preparatorji hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-Taqsima, fil-Kapitolu PA 13.

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 58(2), il-punt (b), tiegħu.

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 14
AZZJONI ESTERNA

TITOLU 14
AZZJONI ESTERNA

Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2024 u 2023) u eżitu (2022)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
14 01	NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL- CLUSTER "AZZJONI ESTERNA"	356 166 017	356 166 017	350 470 099	350 470 099	319 992 947,14	319 992 947,14
14 02	STRUMENT TA' VIĊINAT, TA' KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP U TA' KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI — EWROPA GLOBALI (NDICI — EWROPA GLOBALI)	11 184 300 886	10 424 213 538	11 915 621 827	8 608 567 532	12 283 040 885,50	8 007 972 489,49
14 03	GĦAJNUNA UMANITARJA	1 898 696 662	1 885 365 968	1 765 032 967	1 822 404 500	2 430 129 552,04	2 386 113 361,92
14 04	POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI	383 013 881	383 013 881	371 216 857	380 000 000	361 145 935,—	382 991 505,—
14 05	PAJJIŻI U TERRITORJI EXTRA-EWROPEJ	70 046 868	70 260 000	68 663 812	57 910 000	67 617 404,—	28 699 947,—
14 06	L-ISTRUMENT EWROPEW GĦAL KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI FIL-QASAM TAS- SIKUREZZA NUKLEARI (INSC)	40 222 362	25 531 331	38 403 525	30 577 180	37 064 470,—	14 902 602,72
14 07	ASSISTENZA MAKROFINANZ- JARJA PLUS (MFA+) GĦALL-UKRAJNA	5 000 000	5 000 000	p.m.	p.m.	—	—
14 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJET OĦRA	176 093 291	166 985 304	171 398 918	154 381 008	144 696 761,10	127 372 043,39
Titolu 14 — Total		14 113 539 967	13 316 536 039	14 680 808 005	11 404 310 319	15 643 687 954,78	11 268 044 896,66

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 14 — AZZJONI ESTERNA

TITOLU 14
AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 14 01 — NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "AZZJONI ESTERNA"

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	% 2022/2024
14 01	NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "AZZJONI ESTERNA"					
14 01 01	<i>Nefqa ta' appoġġ għall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI — Ewropa Globali)</i>					
14 01 01 01	Nefqa ta' appoġġ għall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali	6	332 935 639	328 660 146	299 551 605,78	89,97
14 01 01 75	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali	6	6 652 789	6 488 340	6 144 641,—	92,36
	<i>Artikolu 14 01 01 — Sub-total</i>		339 588 428	335 148 486	305 696 246,78	90,02
14 01 02	<i>Appoġġ għan-nefqa għal għajjnuna umanitarja</i>	6	12 007 818	11 830 950	11 644 919,08	96,98
14 01 03	<i>Nefqa ta' appoġġ għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni</i>	6	1 650 000	600 000	582 822,40	35,32
14 01 04	<i>Nefqa ta' appoġġ fuq pajjiżi u territorji extra Ewropej</i>	6	1 382 133	1 364 188	611 373,03	44,23
14 01 05	<i>Nefqa ta' appoġġ għall-Istrument Ewropew għal Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari (INSC)</i>	6	1 537 638	1 526 475	1 457 585,85	94,79
14 01 06	<i>Nefqa ta' appoġġ għall-Ukrajna - Assistenza Makrofinanzjarja Plus (MFA+)</i>	6	p.m.	p.m.		
	Kapitolu 14 01 — Total		356 166 017	350 470 099	319 992 947,14	89,84

KAPITOLU 14 01 — NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "AZZJONI ESTERNA" (ikompli)*Kummenti*

Skont l-Artikolu 2, il-punt (64) u l-Artikolu 47(4), il-punt (d), tar-Regolament Finanzjarju, l-appropriazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa fuq il-persunal estern u assistenza teknika marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-programmi taħt dan it-titolu. L-assistenza teknika tinkludi l-appoġġ u l-attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' programm jew azzjoni, b'mod partikolari attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni, ta' awditjar u ta' kontroll.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

14 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI — Ewropa Globali)*Kummenti*

Minbarra n-nefqa deskritta f'dan il-Kapitolu, din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll, u b'mod aktar speċifiku, li tkopri n-nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrument u għall-ilħuq tal-oġġettivi tagħha, inkluż l-appoġġ amministrattiv assoċjat ma' preparazzjoni, segwitu, monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni li huma meħtieġa għal tali implimentazzjoni, kif ukoll nefqa fil-kwartieri ġenerali u d-delegazzjonijiet tal-Unjoni għall-appoġġ amministrattiv u ta' koordinazzjoni meħtieġa għall-programm, u għall-ġestjoni ta' operazzjonijiet iffinażjati taħt dan ir-Regolament, inklużi l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, u sistemi tat-teknoloġija u tal-informazzjoni korporattiva.

Meta n-nefqa ta' appoġġ ma tkunx inkluża fil-pjanijiet ta' azzjoni jew fil-miżuri tal-NDICI — Ewropa Globali, fejn applikabbli, il-miżuri ta' appoġġ jistgħu jkopru:

- studji, laqgħat, informazzjoni, sensibilizzazzjoni, taħriġ, tħejjija u skambju tat-tagħlimiet miksuba u tal-aqwa prattiki, attivitajiet ta' pubblikazzjoni u kwalunkwe nefqa amministrattiva u ta' assistenza teknika oħra meħtieġa għall-programmazzjoni u l-ġestjoni tal-azzjonijiet, inklużi esperti esterni remunerati,
- attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni u studji dwar kwistjonijiet rilevanti u d-disseminazzjoni tagħhom,
- nefqa relatata mal-forniment ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji ta' komunikazzjoni.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 14 — AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 14 01 — NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER “AZZJONI ESTERNA” (ikompli)

14 01 01 (ikompli)

Bażiguridika

Ara l-Kapitolu 14 02.

14 01 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
332 935 639	328 660 146	299 551 605,78

Kummenti

Minbarra n-nefqa deskritta f'dan il-kapitolu, din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll, u b'mod aktar speċifiku, li tkopri:

- nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal b'kuntratt, esperti nazzjonali sekondati jew persunal ta' aġenzija) bil-ħsieb li jieħu fidejħ il-kompiti li qabel kienu r-responsabbiltà tal-uffiċċji ta' assistenza teknika li tneħħew gradwalment jew imwettqa skont il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp; din tkopri r-remunerazzjoni tal-persunal ikkonċernat u l-ispiża addizzjonali tat-taħriġ, laqgħat, missjonijiet, teknoloġija tal-informatika, telekomunikazzjoni u kostijiet oħra relatati mal-persunal estern iffinanzjat taħt din il-partita,
- in-nefqa fuq persunal estern fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni (persunal b'kuntratt, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) għall-iskopijiet ta' ġestjoni devoluta ta' programmi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi, inklużi kompiti li qabel kienu r-responsabbiltà tal-uffiċċji ta' assistenza teknika li tneħħew gradwalment u/jew imwettqa taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp; din tkopri r-remunerazzjoni tal-persunal ikkonċernat u l-ispiża addizzjonali tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet, it-teknoloġija tal-informatika, it-telekomunikazzjoni u kostijiet oħra direttament relatati mal-preżenza fid-delegazzjonijiet ta' persunal estern ffinanzjat taħt din il-partita, inklużi kostijiet loġistiċi u tal-infrastruttura, pereż. il-kiri ta' akkomodazzjoni.

14 01 01 75 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
6 652 789	6 488 340	6 144 641,—

KAPITOLU 14 01 — NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER “AZZJONI ESTERNA” (ikompli)

14 01 01 (ikompli)

14 01 01 75 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet operatorji tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura mgħarrba bħala riżultat tal-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-programm Erasmus+ iffinanzjata permezz tal-NDICI — Ewropa Globali (l-Intestatura 6) u afdana lill-Aġenzija u t-tlestija tal-programmi predeċessuri.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija huwa stabbilit fl-Anness “Persunal” ta' din it-taqsim.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	238 170 6 6 0 0
Dħul ieħor assenjat	245 422 6 5 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi “L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura” u li tħassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

Ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+ il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 951 tat-12 ta' Frar 2021 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura, iċ-ċittadinanza u s-solidarjetà, li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 14 — AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 14 01 — NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "AZZJONI ESTERNA" (ikompli)

14 01 02 Appoġġ għan-nefqa għal għajjnuna umanitarja

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
12 007 818	11 830 950	11 644 919,08

Kummenti

Minbarra n-nefqa deskritta f'dan il-kapitolu, din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll, u b'mod aktar speċifiku, li tkopri:

- l-infiq għall-persunal għal persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal b'kuntratt, esperti nazzjonali sekondati jew persunal tal-aġenzija) għall-iskopijiet tal-ġestjoni ta' programmi f'pajjiżi terzi maħsuba biex jieħdu f'idejhom il-kompiti li qabel kienu f'dati f'idej kuntratturi esterni li jittrattaw l-amministrazzjoni ta' esperti individwali; dan ikopri r-remunerazzjoni tal-persunal ikkonċernat u l-kost addizzjonali ta' taħriġ, laqgħat, missjonijiet, teknoloġija tal-informatika, telekomunikazzjoni u kostijiet oħra relatati mal-persunal estern iffinanzjat taħt dan l-artikolu,
- nefqa fuq assistenza teknika marbuta max-xiri u l-manutenzjoni ta' apparat ta' sigurtà, apparat speċjalizzat tal-ICT u servizzi tekniċi neċessarji għall-istabbiliment u l-funzjonament taċ-Ċentru ta' Reazzjoni ta' Emerġenza. Dan iċ-ċentru ("kamra tal-kriżi") se jkun operattiv fuq bażi ta' 24 siegħa u jkun responsabbli għall-koordinazzjoni tar-reazzjoni ċivili tal-Unjoni għad-diżastru, b'mod partikolari biex jiżgura konsistenza sħiħa u kooperazzjoni effiċjenti bejn l-għajjnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili,
- nefqa relatata mal-IT inkluża t-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	25 000 6 5 0 1
---------------------	----------------

Bażiguridika

Ara l-Kapitolu 14 03.

14 01 03 Nefqa ta' appoġġ għall-Politika Eстера u ta' Sigurtà Komuni

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1 650 000	600 000	582 822,40

KAPITOLU 14 01 — NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "AZZJONI ESTERNA" (ikompli)

14 01 03 (ikompli)

Kummenti

Minbarra n-nefqa deskritta f'dan il-kapitolu, din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll, b'mod aktar speċifiku, li tkopri l-assistenza teknika, li l-Kummissjoni tista' tiddelega lill-aġenzija ta' implimentazzjoni rregolata mid-dritt tal-Unjoni. Din tkopri l-kostijiet assoċjati mal-aġġornament u ż-żamma tal-"Lista elettronika Konsolidata ta' Sanzjonijiet Finanzjarji Mmirati (e-CTFSL)" neċessarja għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji applikati biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-PESK stabbiliti fit-TUE, fil-pjattaforma ta' sostenn għall-missjonijiet u fil-miżuri ta' segwitu.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	705 164 6 5 0 2
---------------------	-----------------

Bażiguridika

Ara l-Kapitolu 14 04.

14 01 04 Nefqa ta' appoġġ fuq pajjiżi u territorji extra Ewropej

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1 382 133	1 364 188	611 373,03

Kummenti

Minbarra n-nefqa deskritta f'dan il-kapitolu, din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll, u b'mod aktar speċifiku, li tkopri:

- nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal tal-aġenzija) li għandu l-għan li jieħu f'idejha il-kompiti li qabel kienu jsiru taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp; din tkopri r-remunerazzjoni tal-persunal ikkonċernat u l-kost addizzjonali tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet, it-teknoloġija tal-informatika, it-telekomunikazzjoni u kostijiet oħra relatati mal-persunal estern iffinanzjati taħt dan l-artikolu,
- nefqa fuq persunal estern fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni u fl-uffiċċji tal-Kummissjoni stabbiliti f'pajjiżi u territorji extra-Ewropej (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) għall-finijiet ta' ġestjoni devoluta ta' programmi f'delegazzjonijiet tal-Unjoni jew uffiċċji tal-Kummissjoni f'pajjiżi terzi li qabel kienet issir taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp; din tkopri r-remunerazzjoni tal-persunal ikkonċernat u l-kost addizzjonali tat-taħriġ, laqgħat, missjonijiet, teknoloġija tal-informatika, telekomunikazzjoni u kostijiet oħra direttament relatati mal-preżenza f'delegazzjonijiet tal-Unjoni jew uffiċċji tal-Kummissjoni ta' persuna estern iffinanzjati taħt dan l-artikolu, inklużi kostijiet tal-loġistika u dawk infrastrutturali, pereżempju l-kiri ta' akkomodazzjoni,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 14 — AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 14 01 — NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "AZZJONI ESTERNA" (ikompli)

14 01 04 (ikompli)

- l-attivitajiet ta' tħejija, segwitu, monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni li huma meħtieġa għal tali implimentazzjoni, kif ukoll nefqa fil-kwartieri ġenerali u d-delegazzjonijiet tal-Unjoni għall-appoġġ amministrattiv meħtieġa għall-programm, inklużi azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni u sistemi tal-informazzjoni korporattiva u tat-teknoloġija.

Bażiguridika

Ara l-Kapitolu 14 05.

14 01 05 **Nefqa ta' appoġġ għall-Istrument Ewropew għal Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari (INSC)**

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1 537 638	1 526 475	1 457 585,85

Kummenti

Minbarra n-nefqa deskritta f'dan il-kapitolu, din l-approprijazzjoni hija maħsuba wkoll, u b'mod aktar speċifiku, li tkopri:

- nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal b'kuntratt, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) li għandu l-għan li jieħu f'idejeh il-kompiti li qabel kienu r-responsabbiltà tal-uffiċċji ta' assistenza teknika issa magħluqin; dan ikopri r-remunerazzjoni tal-persunal ikkonċernat u l-ispiża addizzjonali ta' taħriġ, laqgħat, missjonijiet, teknoloġija tal-informatika, telekomunikazzjoni u spejjeż oħra relatati mal-persunal estern ifffinanzjat taħt dan l-artikolu,
- studji, laqgħat, informazzjoni, sensibilizzazzjoni, taħriġ, tħejija u skambju tat-tagħlimiet miksuba u tal-aqwa prattiki, attivitajiet ta' pubblikazzjoni u kwalunkwe nefqa amministrattiva u ta' assistenza teknika oħra meħtieġa għall-programmazzjoni u l-ġestjoni tal-azzjonijiet, inklużi esperti esterni remunerati,
- nefqa relatata mal-forniment ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni,
- nefqa relatata mal-IT inkluża t-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva.

Bażiguridika

Ara l-Kapitolu 14 06.

KAPITOLU 14 01 — NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER “AZZJONI ESTERNA” (ikompli)

14 01 06 Nefqa ta' appoġġ għall-Ukrajna - Assistenza Makrofinanzjarja Plus (MFA+)

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	

Kummenti

Minbarra n-nefqa deskritta f'dan il-kapitolu, din l-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll, u b'mod aktar speċifiku, biex tkopri n-nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrument u biex jintlaħqu l-oġġettivi tiegħu, inkluż l-appoġġ amministrattiv assoċjat mal-ilħiq tal-oġġettivi tiegħu, inkluż appoġġ amministrattiv assoċjat mal-attivitajiet ta' thejġija, segwitu, monitoraġġ, kontroll, awditu u evalwazzjoni meħtieġa għal tali implimentazzjoni, kif ukoll in-nefqa fis-sede u fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni għall-appoġġ amministrattiv u ta' koordinazzjoni meħtieġ għall-Istrument, u għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet iffinanzjati fl-ambitu tal-Istrument, inklużi azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, u sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattivi.

Bażiġuridika

Ara l-Kapitolu 14 07.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 14 — AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 14 02 — STRUMENT TA' VIĊINAT, TA' KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP U TA' KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI — EWROPA GLOBALI (NDICI — EWROPA GLOBALI)

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn		% Pagamenti 2022/2024
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
14 02	STRUMENT TA' VIĊINAT, TA' KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP U TA' KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI — EWROPA GLOBALI (NDICI — EWROPA GLOBALI)								
14 02 01	Programmi ġeografiċi								
14 02 01 10	Il-Viċinat tan-Nofsinhar	6	1 730 931 763	776 962 895	1 727 209 546	444 893 255	1 694 005 348,—	541 703 860,15	69,72
14 02 01 11	Il-Viċinat tal-Lvant	6	672 537 696	421 206 581	828 890 238	265 608 958	1 120 636 123,08	910 293 961,85	216,12
14 02 01 12	Viċinat — Il-Kooperazzjoni territorjali u transfruntiera u miżuri ta' appoġġ	6	113 602 500	81 800 000	111 852 500	78 705 080	56 172 500,—	356 819,94	0,44
Din l-appropriazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri kwalunkwe nefqa li toriġina minn danni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea lil rikorrenti u li jirriżultaw minn proċedimenti ġuridiċi kontra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni.

Minħabba li ma tistax tiġi stabbilita minn qabel stima raġonevoli tal-impatt finanzjarju fuq il-baġit ġenerali, f'din il-partita qed jidher dħul *pro memoria* ("p.m."). Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tipproponi li tagħmel disponibbli l-appropriazzjonijiet relatati mal-ħtiġijiet attwali permezz ta' trasferimenti jew permezz ta' abbozz ta' baġit emendatorju.

Bażiġuridika

L-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-leġiżlazzjoni derivata, b'mod partikolari:

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1),
- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

L-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-leġiżlazzjoni derivata, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

20 03 10 Nefqa b'rabta mat-teżor

20 03 10 01 Imposti finanzjarji

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
400 000	400 000	369 082,65

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

20 03 10 (ikompli)

20 03 10 01 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-imposti tal-bank (kummissjoni, agios u nefqa mixxellanja) u l-ispiża ta' konnessjonijiet u servizzi finanzjarji (is-Soċjetà għat-Telekomunikazzjoni Finanzjarja Interbankarja Dinjija (SWIFT) u ekwivalenti).

20 03 10 02 Amministrazzjoni tat-teżorerija

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	917,35

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri aġġustamenti baġitarji:

- f'sitwazzjoni fejn pretensjoni sħiħa jew parti minnha tiġi kkanċellata wara li tkun tniżżlet fuq il-kontijiet bħala dħul (partikolarment fiċ-ċirkostanza ta' tpaċija ta' dejn),
- f'każi fejn il-VAT ma tkunx ġiet irkuprata u fejn ma jkunx għadu possibbli li l-ammont jitniżżel mal-linja li tkun kopriet in-nefqa prinċipali,
- għal kwalunkwe imgħax fuq il-każijiet ta' hawn fuq, fejn ma tkunx tista' titniżżel ma' linja baġitarja speċifika oħra.

Din il-partita hija intenzjonata wkoll biex takkomoda, jekk ikun hemm il-ħtieġa, approprijazzjoni biex jiġi kopert xi telf li jista' jkun hemm jew mil-likwidazzjoni jew inkella mit-tmiem tal-attivitajiet ta' istituzzjonijiet finanzjarji li magħhom il-Kummissjoni jkollha kontijiet jew mill-ġestjoni ta' assi finanzjarji.

20 03 10 03 Nefqa eċċezzjonali f'każ ta' kriżi

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri kwalunkwe nefqa li ssir waqt kriżi ddikjarata li tkun attivat pjan ta' kontinwità tal-ħidma wieħed jew aktar, u li n-natura u/jew l-ammont tagħha ma jkunux għamluha possibbli li tiġi allokata għal-linji baġitarji amministrattivi l-oħra tal-Kummissjoni.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

20 03 10 (ikompli)

20 03 10 03 (ikompli)

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jiġu infurmati dwar in-nefqa mġarrba sa mhux aktar tard minn tliet ġimgħat wara li l-kriżi tkun intemmet.

20 03 11 Interpretazzjoni

20 03 11 01 Nefqa għall-interpretazzjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
14 565 000	14 100 000	14 083 266,30

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri:

- ir-rimunerazzjoni tal-interpreti freelance (aġenti tal-interpretar fil-konferenzi — ACIs) impjegati mid-Direttorat Ġenerali għall-Interpretazzjoni skont l-Artikolu 90 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjegi ta' Uffiċjali Oħra mal-Unjoni Ewropea, biex id-Direttorat Ġenerali għall-Interpretazzjoni jkun jista' jagħmel għadd biżżejjed ta' interpreti tal-konferenzi kwalifikati disponibbli għall-istituzzjonijiet li lilhom jipprovdi servizzi ta' interpretazzjoni,
- ir-remunerazzjoni tinkludi, minbarra t-tariffi, il-kontribuzzjonijiet għal skema tal-provvediment tal-pensjoni u tas-saħħa, u għal assigurazzjoni tal-mard u tal-aċċidenti, flimkien ma', għall-interpreti li l-post tad-domiċilju professjonali mhuwiex il-post tal-assenjament, ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni u l-pagament ta' gratifiki ta' sussistenza,
- l-ispejjeż b'rabta mat-testijiet tal-akkreditazzjoni tal-ACIs, prinċipalment ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni, u l-ħlas ta' gratifiki għas-sussistenza,
- is-servizzi lill-Kummissjoni provduti mill-interpreti tal-Parlament Ewropew (uffiċjali, persunal temporanju u AIK),
- kosti b'rabta ma' servizzi pprovduti minn interpreti b'rabta mal-preparazzjoni ta' laqgħat,
- il-kuntratti għas-servizzi tal-interpretazzjoni li kkonkluda d-Direttorat Ġenerali għall-Interpretazzjoni permezz ta' delegazzjonijiet tal-Unjoni fir-rigward tal-laqgħat li organizzat il-Kummissjoni f'pajjiżi terzi.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	20 784 700 3 2 0 2
---------------------	--------------------

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

20 03 11 (ikompli)

20 03 11 01 (ikompli)

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jirregolaw in-nominazzjoni u r-rimunerazzjoni u l-kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Atti ta' referenza

Id-direttiva interna tal-Kummissjoni; Il-Konklużjoni 252/08 tal-15 ta' Frar 2008 — Ftehim dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-reġim pekunjarju għall-aġenti tal-interpretar fil-konferenzi (ACI's) ikkuntrattati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

20 03 11 02 Appoġġ professjonali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
150 000	195 000	108 183,18

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa b'rabta mal-attivajiet li jippermettu r-reklutaġġ ta' għadd biżżejjed ta' interpreti tal-konferenzi kkwalifikati, b'mod partikolari għal ċerti kombinamenti ta' lingwi, u għall-iffinanzjar ta' taħriġ speċifiku għall-approfondiment tal-lingwa għall-interpreti tal-konferenzi.

Fuq in-naħa esterna, dan jinkludi, b'mod partikolari, għotjiet lil universitajiet, taħriġ għall-ħarrieġa u programmi ta' sostenn edukattiv, flimkien ma' boroż ta' studju għall-istudenti.

Skont il-ftehim dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-aġenti tal-interpretar fil-konferenzi (ACI's) din il-kategorija tal-interpreti għandha aċċess għal appoġġ limitat għat-taħriġ tal-lingwa (jiġifieri boroż ta' studju (bursaries) u vawċers tat-taħriġ tal-lingwa) billi huma assimilati ma' aġenti kuntrattwali fil-ġranet li fihom ikunu f'kuntratt mal-Kummissjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	195 717 3 2 0 2
---------------------	-----------------

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

20 03 11 (ikompli)

20 03 11 02 (ikompli)

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Atti ta' referenza

Id-direttiva interna tal-Kummissjoni; Il-Konklużjoni 252/08 tal-15 ta' Frar 2008 — Ftehim dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-reġim pekunjarju għall-aġenti tal-interpretar fil-konferenzi (ACI's) ikkuntrattati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

20 03 11 03 Kooperazzjoni interistituzzjonali — Interpretazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
80 000	150 000	12 008,43

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja n-nefqa tal-Kummissjoni għal attivitajiet ta' kooperazzjoni b'dimensjoni interistituzzjonali fil-qasam lingwistiku, inkluż dawk organizzati fil-kuntest tal-Kumitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni.

L-azzjonijiet li jstgħu jiġu finanzjati jinkludu għodod ta' appoġġ professjonali, proġetti interistituzzjonali oħra relatati mal-interpretazzjoni, u azzjonijiet ta' komunikazzjoni bħall-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni favvenimenti internazzjonali li jiffukaw fuq il-professjonijiet lingwistiċi.

20 03 12 Organizzazzjoni ta' konferenzi

20 03 12 01 Tagħmir tekniku u servizzi għas-swali tal-konferenzi tal-Kummissjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
5 000 000	5 000 000	9 400 000,—

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

20 03 12 (ikompli)

20 03 12 01 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa għal:

- tagħmir meħtieġ għall-operat tal-kmamar tal-laqqhat u tal-konferenzi tal-Kummissjoni,
- servizzi tekniċi relatati mal-operat tal-laqqhat u l-konferenzi tal-Kummissjoni fiż-żona ta' Brussell u fil-Lussemburgu. Kultant is-servizzi tekniċi jistgħu jitwettqu fi Stati Membri oħra.

Approprijazzjonijiet biex ikopru n-nefqa ekwivalenti għar-riċerka jiddaħħlu taħt partiti differenti fl-Artikolu 01 u 05 tat-titli kkonċernati.

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni.

Bażiguridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tad-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

20 03 12 02 Nefqa għall-organizzazzjoni ta' konferenzi

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa (inkluż it-tagħmir, is-servizzi u spejjeż oħra) meħtieġa għall-organizzazzjoni ċentralizzata ta' konferenzi u avvenimenti organizzati mid-Direttorat Ġenerali tal-Interpretazzjoni għal Dipartimenti oħrajn tal-Kummissjoni, istituzzjonijiet, korpi, uffiċji u aġenziji tal-Unjoni. Bħala regola, il-kosti mġarrba għandhom jiġu rkuprati bħala dħul assenjat minn dawn l-entitajiet skont regoli applikabbli u skont ftehimiet speċifiċi.

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni u 'l barra minnu.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

20 03 13 Traduzzjoni

20 03 13 01 Nefqa għat-traduzzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
14 000 000	13 000 000	17 000 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa għat-traduzzjoni esterna u servizzi oħra lingwistiċi u tekniċi relatati fdati lil kuntratturi esterni.

20 03 13 02 Kooperazzjoni interistituzzjonali — Traduzzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

L-appropriazzjonijiet maħsuba biex ikopru n-nefqa fuq l-attivitajiet ta' kooperazzjoni organizzati mill-Kumitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam tal-lingwi issa huma inklużi taħt il-Partita 20 03 11 03.

20 03 14 Kontribuzzjonijiet varji

20 03 14 01 Kontribuzzjoni tal-Euratom għall-operat tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
270 000	228 000	167 000,—

Kummenti

Billi n-nefqa fuq il-persunal, il-binjiet u kostijiet oħra hija inkluża fl-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-Kapitoli 20 01, 20 02, 20 03 u 20 04, il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba mill-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom fl-attivitajiet tagħha.

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

20 03 14 (ikompli)

20 03 14 01 (ikompli)

Fit-23 sessjoni tiegħu fl-1 u t-2 ta' Frar 1960, il-Kunsill tal-Euratom ippropona unanimament li l-Kummissjoni tipposponi mhux biss l-imposta (maħsuba biex ikopri n-nefqa operatorja tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom) imma wkoll l-introduzzjoni reali ta' dik l-imposta. Minn dakinhar sussidju kien inkluż fil-baġit biex jibbilanċja n-naħa tad-dħul maċ-ċifri tan-nefqa tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom murija fil-prospett tal-estimi.

Bażiġuridika

It-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikoli 52, 53 u 54 tiegħu.

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/114/KE, Euratom tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi l-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (ĠU L 41, 15.2.2008, p. 15), u b'mod partikolari l-Artikoli 4, 6 u 7 tal-Anness tagħha.

20 03 14 72 L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka — Kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar u għall-programmi mhux ta' riċerka

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
2 310 000	2 144 000	2 094 000,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet operatorji tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka mġarrba bħala riżultat tad-delegazzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar u t-tlestija tal-programmi preċedenti għalih.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija huwa stabbilit fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsim.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jstabbilixxi l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Il-kompiti li jirriżultaw mill-awtonomija amministrattiva tal-Kummissjoni, kif previst fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

20 03 14 (ikompli)

20 03 14 72 (ikompli)

Il-kompiti li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet legali tal-Gvern elettroniku, kif previst fl-Artikolu 147(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 952 tat-12 ta' Frar 2021 dwar id-delega tas-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tar-Riċerka u l-Innovazzjoni, ir-Riċerka tal-Fond għall-Faħam u l-Azzar, il-Miżuri tal-Proviżjoni u l-Promozzjoni tal-Infommazzjoni dwar il-Prodotti Agrikoli li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

20 03 15 Uffiċċji interistituzzjonali

20 03 15 01 L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
120 454 000	120 111 574	112 412 174,—

Kummenti

L-ammont imdaħħal jikkorrispondi mal-appropriazzjonijiet għall-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea stabbiliti fid-dettall fl-anness speċifiku ta' din it-taqsim.

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

20 03 15 (ikompli)

20 03 15 01 (ikompli)

Fuq il-bażi tal-previżjonijiet tal-kontabilità tal-kostijiet tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-kost tas-servizzi li jwettaq għal kull istituzzjoni hija stmata kif ġej:

Il-Parlament Ewropew	11 631 575	9,66%
Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea	5 303 158	4,40%
Il-Kummissjoni Ewropea	70 840 127	58,81%
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	7 836 232	6,51%
Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri	1 730 677	1,44%
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	742 524	0,62%
Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni	355 744	0,30%
L-Aġenziji	13 048 814	10,83%
Oħrajn	8 965 149	7,44%
Totali	120 454 000	100,00 %

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet imġarrba mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet bħala fornitur uffiċjali ta' servizzi ta' pubblikazzjoni lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha stabbiliti mit-Trattati jew bis-saħħa tagħhom. F'dan il-kuntest, jikkostitwixxi punt ċentrali ta' aċċess għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, għall-pubblikazzjonijiet, għad-*data* miftuħa, għar-riżultati tar-riċerka, għall-avviżi tal-akkwist u għal informazzjoni uffiċjali oħra.

Il-missjoni tiegħu hija li jappoġġa l-politiki tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u jiżgura li din il-firxa wiesgħa ta' informazzjoni tkun disponibbli għall-pubbliku bħala *data* aċċessibbli u li tista' terġa' tintuża sabiex jiġu ffaċilitati t-trasparenza, l-attività ekonomika u t-tixrid tal-għarfien.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikoli 64 sa 67 tiegħu.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

20 03 15 (ikompli)

20 03 15 02 Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
27 719 400	27 896 900	24 967 698,79

Kummenti

L-ammont imdaħħal jikkorrispondi mal-appropriazzjonijiet għall-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal stabbiliti fid-dettall fl-anness speċifiku ta' din it-taqsim.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni 2002/620/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 53).

Id-Deċiżjoni 2005/119/KE tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni u r-Rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tas-26 ta' Jannar 2005 dwar l-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni (ĠU L 37, 10.2.2005, p. 17).

20 03 16 Uffiċċji amministrattivi

20 03 16 01 Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
54 133 100	51 093 899	46 878 997,—

Kummenti

L-ammont imdaħħal jikkorrispondi mal-appropriazzjonijiet għall-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO) stabbiliti fid-dettall fl-anness speċifiku ta' din it-taqsim.

F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013, dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1), l-appropriazzjonijiet għal u tal-persunal tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u tas-segretarjat tiegħu huma inklużi fil-baġit u fit-tabella tal-persunal tal-PMO.

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

20 03 16 (ikompli)

20 03 16 01 (ikompli)

Minħabba t-trasparenza, huwa possibbli li jiġu identifikati l-mezzi disponibbli lis-segretarjat tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi fi ħdan il-baġit tal-PMO. Abbażi ta' persunal tas-segretarjat b'seba' postijiet permanenti u b'allokazzjoni għal aġent kuntrattwali, l-appropriazzjonijiet previsti għall-ħidma tas-segretarjat tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi jiġu għal bejn wieħed u ieħor EUR 1 000 000. Dan l-ammont ikopri n-nefqa fuq spejjeż tal-persunal, taħriġ, missjonijiet, laqgħat interni, bini u IT.

In-nefqa li tirriżulta mill-mandat tal-membri tal-Kumitat Superviżorju tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi jkun kopert minn appropriazzjonijiet ta' EUR 200 000 fl-Artikolu 20 03 18.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/522/KE tas-6 ta' Novembru 2002 li tistabbilixxi l-uffiċċju għall-amministrazzjoni ta' benefiċċji u pagamenti għal prerogattivi individwali (ĠU L 183, 22.7.2003, p. 30).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikoli 64 sa 67 tiegħu.

20 03 16 02 Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika — Brussell

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
94 671 493	90 037 293	86 221 493,—

Kummenti

L-ammont imdaħħal jikkorrispondi mal-appropriazzjonijiet għall-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell stabbiliti fid-dettall fl-anness speċifiku ta' din it-taqsimma.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/523/KE tas-6 ta' Novembru 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell (ĠU L 183, 22.7.2003, p. 35).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikoli 64 sa 67 tiegħu.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

20 03 16 (ikompli)

20 03 16 03 Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika — Lussemburgu

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
31 733 200	29 079 104	28 459 415,10

Kummenti

L-ammont imdaħħal jikkorrispondi mal-appropriazzjonijiet għall-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fil-Lussemburgu stabbiliti fid-dettall fl-anness speċifiku ta' din it-taqsim.

Bażiguridika

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/524/KE tas-6 ta' Novembru 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fil-Lussemburgu (ĠU L 183, 22.7.2003, p. 40).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikoli 64 sa 67 tiegħu.

20 03 17 Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
67 177 650	63 542 650	60 578 982,78

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa dwar l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), inkluż għall-personal tal-OLAF impjegat mad-delegazzjonijiet tal-Unjoni, li l-għan tiegħu huwa li jiġġielel il-frodi fi ħdan qafas interistituzzjonali. L-appropriazzjonijiet huma stipulati fid-dettall fl-anness speċifiku ta' din it-taqsim.

Bażiguridika

Id-Deċiżjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 1999 li Twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 20 u b'mod partikolari l-Artikoli minn 4 sa Article 6(3) tiegħu.

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

20 03 17 (ikompli)

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

20 03 18 **Nefqa li tirriżulta mill-mandat tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
200 000	200 000	200 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha li tkun ġejja mill-mandat tal-membri tal-Kumitat Superviżorju tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), jiġifieri:

- il-benefiċċji mogħtija lill-membri tal-Kumitat Superviżorju għaż-żmien li dawn ikunu ddedikaw biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom, kif ukoll biex ikopru l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom u spejjeż oħra anċillari,
- l-ispejjeż li jkunu saru mill-membri tal-Kumitat Superviżorju waqt li jkunu qed jirrappreżentawh uffiċjalment,
- l-infiq kollu marbut mal-ħidma, bħax-xiri ta' tagħmir, kartolerija u provvisti tal-uffiċċju, l-ispejjeż marbuta mal-komunikazzjonijiet u mat-telekomunikazzjonijiet (spejjeż postali, spejjeż tat-telefon, tal-fax u tat-telegraph), spejjeż ta' dokumentazzjoni u tal-librerija, ix-xiri ta' kotba u ta' abbonamenti mal-media,
- l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' sussistenza u spejjeż anċillari ta' esperti mistiedna mill-membri tal-Kumitat Superviżorju biex jteħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, kif ukoll l-ispejjeż tal-organizzazzjoni ta' laqgħat bħal dawn fejn dawn ma jkunux koperti mill-infrastruttura eżistenti (fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew l-uffiċċji esterni),
- l-ispejjeż ta' studji u konsultazzjonijiet speċjalizzati li jkunu ġew ikkuntrattati lil esperti kkwalifikati ħafna (individwi jew kumpaniji) fejn il-membri tal-Kumitat Superviżorju ma jkunux jistgħu jagħtu dawn l-istudji biex isiru minn ħaddiema addattati tal-OLAF.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA (*ikompli*)

20 03 18 (*ikompli*)

Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' trasparenza, ir-riżorsi disponibbli għas-segretarjat tal-Kumitat Superviżorju fil-baġit tal-PMO (il-partita 20 03 16 01) jistgħu jiġu identifikati. Abbażi ta' segretarjat b'seba' postijiet permanenti u b'allokazzjoni għal membru wieħed tal-persunal kuntrattwali, l-appropriazzjonijiet għall-operazzjoni tas-segretarjat tal-Kumitat Superviżorju jammontaw għal madwar EUR 1 000 000. Dan l-ammont ikopri n-nefqa fuq kostijiet tal-persunal, taħriġ, missjonijiet, laqgħat interni, bini u IT.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom tat-28 ta' April 1999 li twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 20), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 u l-Artikolu 6(3) tagħha.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

KAPITOLU 20 04 — NEFQA RELATATA MAT-TEKNOLOĠIJI TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	% 2022/2024
20 04	NEFQA RELATATA MAT-TEKNOLOĠIJI TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI					
20 04 01	Sistemi ta' informazzjoni	7.2	85 879 197	81 261 748	77 221 733,53	89,92
20 04 02	Post tax-xogħol diġitali	7.2	38 336 947	38 574 164	35 855 940,75	93,53
20 04 03	Servizzi ta' ċentru tad-data u networking	7.2	104 885 804	107 708 085	96 167 589,39	91,69
20 04 04	Servizz taċ-Ċibersigurtà għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni (CERT-UE)	7.2	7 764 946	5 258 307	1 999 754,70	25,75
	Kapitolu 20 04 — Total		236 866 894	232 802 304	211 245 018,37	89,18

20 04 01 Sistemi ta' informazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
85 879 197	81 261 748	77 221 733,53

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet relatati mas-sistemi ta' informazzjoni (jiġifieri l-applikazzjonijiet) fil-Kummissjoni. L-ambitu tagħha jinkludi l-kost tas-software tan-negozju u l-kostijiet għall-iżvilupp, għall-ġestjoni u għat-tħaddim ta' applikazzjonijiet għall-Kummissjoni. Tkopri b'mod partikolari:

- l-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni: riżorsi involuti fl-analiżi, id-disinn, l-iżvilupp, il-kodifikar, l-ittestjar u r-rilaxx ta' servizzi tal-imbellaġġ assoċjati ma' proġetti tal-iżvilupp ta' applikazzjonijiet,
- appoġġ u manutenzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni: l-operazzjonijiet, l-appoġġ, it-tiswija u t-titjib żgħir assoċjati mal-applikazzjonijiet eżistenti,
- l-akkwiżizzjoni ta' software tan-negozju: nefqiet tas-software, inkluż il-liċenzjar, il-manutenzjoni u l-appoġġ relatat max-xiri ta' software disponibbli kummerċjalment,
- il-ġestjoni ta' sistemi tal-informazzjoni: kostijiet relatati mal-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-ippjanar tal-IT inkluż in-nefqa għall-assistenza fuq il-ġestjoni eżekuttiva, il-ġestjoni strateġika, l-arkitettura tal-intrapriża, il-finanzi tal-IT u l-ġestjoni tal-bejjiegħa.

Din l-approprijazzjoni tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, bl-esklużjoni tas-siti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, fejn in-nefqa tiddaħħal fit-titoli konkernati. Nefqa simili mġarrba barra l-Unjoni tiddaħħal fit-titoli kkonċernati.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 04 — NEFQA RELATATA MAT-TEKNOLOĠIJI TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI (ikompli)

20 04 01 (ikompli)

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmata u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Pajjiżi oħra	5 957 000 6 0 1 0, 6 0 3 2, 6 0 3 3, 6 5 0 0, 6 5 2 0, 3 2 0 2
Dħul assenjat ieħor	15 352 253 6 0 1 0, 6 0 3 2, 6 0 3 3, 6 5 0 0, 6 5 2 0, 3 2 0 2

Bażiguridika

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2018/559 tas-6 ta' April 2018 dwar l-istipular ta' regoli ta' implimentazzjoni għall-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 93, 11.4.2018, p. 4).

Kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

20 04 02 **Post tax-xogħol diġitali**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
38 336 947	38 574 164	35 855 940,75

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-apparat tal-computing tal-utent finali u l-appoġġ lill-utenti finali. L-ambitu jinkludi l-kostijiet għax-xiri, il-bini, il-ġestjoni u t-tħaddim ta' apparat tal-computing tal-utent finali, u l-għoti ta' appoġġ ċentralizzati lill-utenti finali fil-Kummissjoni. Tkopri b'mod partikolari:

- l-infrastruttura tal-computing personali: desktops fiżiċi komputazzjonali tal-klijenti, laptops portabbli, magni tal-klijenti rqaq, periferali (inklużi monitors, apparat tal-punti u printers personali mwaħħla) użati minn individwi biex iwettqu l-ħidma,
- apparat mobbli: tablets komputazzjonali tal-klijenti, smartphones u apps użati minn individwi biex iwettqu x-xogħol,
- software tal-utent finali: software relatat mal-klijenti użat għall-kitba, il-ħolqien, il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni ta' dokumenti u kontenut ieħor, bħal email, il-komunikazzjonijiet, il-messaġġi, il-word processing, l-ispreadsheets, il-preżentazzjonijiet, il-pubblikazzjonijiet desktop u l-grafika,

KAPITOLU 20 04 — NEFQA RELATATA MAT-TEKNOLOĠIJI TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI (ikompli)

20 04 02 (ikompli)

- printers fnetwork: bħal il-printers personali konnessi ma' network, il-printers inkjet, il-printers tal-laser, il-printers dipartimentali jew tal-copy-room,
- konferenzi u l-awdjo/vidjow: tagħmir tal-awdjo u tal-vidjokonferenzi użat tipikament fil-kmamar tal-konferenzi u fil-kmamar apposta għat-telepreżenza biex ikunu jistgħu jsiru komunikazzjonijiet tal-forza tax-xogħol,
- helpdesk tal-IT: riżorsi ċentralizzati ta' helpdesk tal-Grad 1 li jirċievi u jittratta talbiet tal-utenti, iwieġeb mistoqsijiet u jsolvi kwistjonijiet;
- appoġġ fil-post: riżorsi ta' appoġġ lokali li jipprovdu appoġġ fil-post għaċ-ċaqliq, żidiet, bidliet u riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet reali.

Din l-appropriazzjoni tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, bl-esklużjoni tas-siti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, fejn in-nefqa tiddaħħal fit-titoli konkernati. Nefqa simili mġarrba barra l-Unjoni tiddaħħal fit-titoli kkonċernati.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	7 775 188 3 2 0 2
---------------------	-------------------

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2018/559 tas-6 ta' April 2018 dwar l-istipular ta' regoli ta' implimentazzjoni għall-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 93, 11.4.2018, p. 4).

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif ipprovdut fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

20 04 03 **Servizzi ta' ċentru tad-data u networking**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
104 885 804	107 708 085	96 167 589,39

KAPITOLU 20 04 — NEFQA RELATATA MAT-TEKNOLOĠIJI TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI (ikompli)

20 04 03 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet marbuta mal-faċilitajiet u s-servizzi ta' Ċentru tad-Data, u l-kostijiet relatati mas-sigurtà tal-IT u l-konformità. Tkopri b'mod partikolari:

- Faċilitajiet ta' Ċentri tad-Data: faċilitajiet ta' ċentri tad-data mibnija apposta biex iżommu u jiproteġu tagħmir kritiku tal-IT, inkluż l-isparju, l-enerġija, il-kontrolli ambjentali, l-ixkafef, il-wajers u l-appoġġ "intelliġenti"; din tinkludi faċilitajiet oħra bħall-kmamar tal-kompjuters u closets li jospitaw tagħmir tal-IT fi kwartieri korporattivi, ċentri telefoniċi jew binjiet ta' uffiċċji bi skop ġenerali ieħor;
- il-komputazzjoni fil-binja u bil-cloud, inkluż:
 - servers: is-servers fiżiċi u virtwali li jaħdmu fuq sistemi operattivi differenti; inkluż il-hardware, is-software u s-servizzi ta' appoġġ;
 - l-infrastruttura konverġenti: tagħmir mibni apposta li jipprovdi kapaċitajiet ta' komputazzjoni, ħażna u network f'kaxxa waħda;
 - mainframe: kompjuters mainframe tradizzjonali u operazzjonijiet li jħaddmu sistemi operattivi tradizzjonali;
- ħżin fil-binja u bil-cloud: il-ħżin ċentralizzat tad-data u ż-żamma sigura ta' informazzjoni u data li tkun meħtieġa aktar tard. Il-ħażna tista' tinkludi data għall-programmi tal-applikazzjoni u għall-kodiċi, il-bażijiet tad-data, il-fajls, il-media, l-emails u forom oħra tal-informazzjoni. Din tinkludi t-tagħmir u s-software għall-ħżin online (għall-infrastruttura ta' komputazzjoni distribwita) u għall-ħżin offline (għal arkivju, riżerva u rkupru li jappoġġaw it-telf tad-data, il-korruzzjoni tad-data, irkupri minn diżastri u r-rekwiżiti tal-konformità);
- network: tagħmir tad-data u tal-voċi flimkien mal-metodi tat-trasport għal konnessjoni ta' sistemi u persuni, u biex in-nies ikunu jistgħu jtkellmu, inkluż:
 - LAN/WAN: network lokali fiżiku u bla fili li jikkonnettja tagħmir fiċ-ċentri tad-data ewlenin u li jikkonnettja lill-utenti finali fiż-żoni tax-xogħol fl-uffiċċju man-networks usa' tal-organizzazzjoni u tagħmir tan-network fuq żona wiesgħa u s-servizzi ta' appoġġ li jikkonnettjaw direttament lil ċentri tad-data, uffiċċji u terzi persuni,
 - voċi: riżorsi ta' voċi li jippermettu jew jiddistribwixxu servizzi bil-voċi permezz ta' tagħmir fil-bini, inkluż il-PBX, il-VoIP, il-voicemail u l-handsets,
 - trasport: ċirkwiti tan-network tad-data u faċilitajiet u servizzi ta' aċċess assoċjati, inkluż networks tad-data apposta u virtwali, u l-aċċess għall-internet kif ukoll l-użu assoċjat mal-mobbiltà u ma' tranżiti oħrajn tad-data bbażati fuq kontijiet tal-użu. Ċirkwiti tan-network tal-voċi u faċilitajiet u servizzi ta' aċċess assoċjati u l-użu assoċjat ma' telefonati standard. Kemm it-trasport tal-voċi u tad-data jistgħu jinkludu teknoloġiji terrestri u mhux terrestri (pereż. bis-satellita),
- pjattaforma: kostijiet assoċjati ma' bażijiet tad-data distribwiti u mainframe u ma' sistemi ta' middleware, inkluż s-software u l-għodod tal-ġestjoni tal-bażijiet tad-data, u servizzi esterni,
- konsenja: il-kostijiet għall-monitoraġġ, l-appoġġ, il-ġestjoni, u t-tħaddim ta' operazzjonijiet tal-IT, inkluż:
 - Ġestjoni tas-servizzi tal-IT: riżorsi involuti fl-attivitàjiet ta' ġestjoni ta' inċidenti, ta' problemi u ta' tibdil bħala parti mill-proċess ta' ġestjoni tas-servizz tal-IT (għajr il-helpdesk tal-Grad 1),

KAPITOLU 20 04 — NEFQA RELATATA MAT-TEKNOLOĠIJI TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI (ikompli)

20 04 03 (ikompli)

- ġestjoni tal-programmi, tal-prodotti u tal-proġetti: riżorsi involuti fil-ġestjoni u l-appoġġ ta' proġetti relatati mal-IT u/jew l-iżvilupp kontinwu ta' prodotti b'inizjattivi fost in-negozju u xprunati mill-IT,
- ġestjoni tal-klijenti: riżorsi jew "manigġers tal-kontijiet" allinjati mal-linji tan-negozju biex jifhmu l-ħtiġijiet tan-negozju, jikkomunikaw prodotti, servizzi u status tal-IT ta' proġetti tal-IT,
- ċentru tal-operazzjonijiet: riżorsi ċentralizzati taċ-ċentru tal-operazzjonijiet tal-IT, inkluż il-monitoraġġ u l-intervent, bħal iċ-ċentru tal-operazzjonijiet tan-network (network operations centre, NOC), iċ-ċentru tal-operazzjonijiet globali (global operations centre, GOC),
- is-sigurtà, il-konformità, l-irkupru minn diżastri: il-kostijiet biex jiġu definiti, stabbiliti, infurzati u mkejla s-sigurtà, il-konformità, u t-tnejn għall-irkupru minn diżastri, inkluż:
 - sigurtà: politika għall-istabbiliment ta' riżorsi tas-Sigurtà tal-IT u taċ-ċibersigurtà, li tistabbilixxi proċess u mezzi, tistħarreġ il-konformità, u ttrrispondi għal ksur tas-sigurtà, u tipprovi sigurtà operazzjonali f'ħin reali bħalma huma skennjar tal-vulnerabbiltà, il-ġestjoni ta' firewalls, sistemi tal-prevenzjoni tal-intrużjonijiet, u l-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-eventwalitajiet,
 - konformità: politika għall-istabbiliment ta' riżorsi tal-konformità tal-IT, li tistabbilixxi kontrolli u tistħarreġ il-konformità mar-rekwiżiti legali u ta' konformità rilevanti,
 - irkupru mid-diżastri: politika tal-irkupri mid-diżastri għall-istabbiliment ta' riżorsi tal-irkupru mid-diżastri tal-IT, li tistabbilixxi proċessi u mezzi, faċilitajiet apposta għall-kommutazzjoni awtomatika, it-tweġiq ta' ttestjar ta' rkupru mid-diżastri,
- infrastruttura ta' ġestjoni tal-IT (inkluż il-loġistika): il-kostijiet relatati mal-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-ippjanar tal-infrastruttura tal-IT, inkluż in-nefqa għall-assistenza fuq il-ġestjoni eżekuttiva, il-ġestjoni strateġika, l-arkitettura tal-intrapriża, il-finanzi tal-IT u l-ġestjoni tal-bejjiegħa.

Din l-appropriazzjoni tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, bl-esklużjoni tas-siti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, fejn in-nefqa tiddaħħal fit-titoli kkonċernati. Nefqa simili mġarrba barra l-Unjoni tiddaħħal fit-titoli kkonċernati.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	32 529 316 3 2 0 2
---------------------	--------------------

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2018/559 tas-6 ta' April 2018 dwar l-istipular ta' regoli ta' implimentazzjoni għall-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 93, 11.4.2018, p. 4).

KAPITOLU 20 04 — NEFQA RELATATA MAT-TEKNOLOĠIJI TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI (ikompli)

20 04 03 (ikompli)

Kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

20 04 04 Servizz taċ-Ċibersigurtà għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni (CERT-UE)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
7 764 946	5 258 307	1 999 754,70

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet relatati mas-Servizz taċ-Ċibersigurtà għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni (CERT-UE) li l-missjoni tagħha hija li tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-infrastruttura tal-ICT tal-kostitwenti kollha billi tgħin fil-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-mitigazzjoni u r-rispons għal attakki ċibernetiċi u billi taġixxi bħala ċ-ċentru ta' koordinazzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà u r-rispons għal inċidenti. CERT-UE hija mehmuża bħala task force mad-dipartiment tal-IT tal-Kummissjoni. Din l-appropriazzjoni tkopri b'mod partikolari:

- Prevenzjoni: il-kostijiet għall-ġbir, il-valutazzjoni u d-distribuzzjoni ta' informazzjoni dwar vulnerabbiltajiet potenzjali fis-servizzi web li jinteraġixxu bl-internet, il-ħruġ ta' twissijiet dwar kwistjonijiet potenzjali ta' sigurtà, l-għoti ta' pariri u dokumentazzjoni azzjonabbli dwar il-kontrolli tas-sigurtà, it-tweqqif ta' valutazzjonijiet tal-maturità u l-kapaċitajiet ta' rieżami.
- Forensika Diġitali u Rispons għall-Inċidenti u Assigurazzjoni għall-Media Soċjali: il-kostijiet biex jiġi pprovdut appoġġ f'każ ta' inċident, forensika diġitali, analiżi tal-artefatti u aċċess għall-għodod analitiċi.
- Intelligence dwar it-Theddid Ċibernetiku u Informazzjoni dwar il-Vulnerabbiltà: il-kostijiet biex jinżamm ċentru ta' fużjoni tal-intelligence dwar it-theddid u jinħarġu twissijiet u rapporti dwar it-theddid, jinxterrdu indikaturi ta' regoli ta' kompromess u ta' detezzjoni għan-networks ta' sensuri ta' detezzjoni ta' intrużjoni u għas-sistemi ta' ġestjoni u korrelazzjoni tar-reġistru, u jiġu traċċati l-atturi prinċipali responsabbli ta' theddid immirat lejn l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni.
- Monitoraġġ: il-kostijiet tal-użu, il-manutenzjoni u l-monitoraġġ ta' sistemi ta' analiżi tar-reġistru, sensuri ta' detezzjoni ta' intrużjoni, u għodod ta' assigurazzjoni tal-media soċjali.
- Sigurtà offensiva: il-kostijiet biex jitwettqu l-iskennjar tan-networks esterni, l-ittestjar tas-sigurtà tal-applikazzjonijiet tal-web, il-valutazzjonijiet awtomatizzati tal-vulnerabbiltà, it-testijiet tal-penetrazzjoni, is-simulazzjonijiet ta' attakki informatiċi (red teaming), u l-eżerċizzji ta' phishing, anki dak immirat (spear-phishing).
- Awtomatizzazzjoni: il-kostijiet biex jiġu awtomatizzati u integrati ħafna mill-attivitajiet imsemmija hawn fuq, u biex jiġi pprovdut aċċess għal portal b'għodod tal-ippjanar, il-librerija tas-sigurtà u r-riżultati tal-operazzjonijiet.

KAPITOLU 20 04 — NEFQA RELATATA MAT-TEKNOLOĠIJI TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI (ikompli)

20 04 04 (ikompli)

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirċievi, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul mhux previst f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li jintuża biex jipprovdi approprijazzjonijiet addizzjonali maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa li għaliha huwa allokat dan id-dħul.

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

NEFQA

TITOLU 01

UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
	KAPITOLU 01 01				
01 01 01	Uffiċjali u persunal temporanju				
01 01 01 01	Remunerazzjoni u gratifiki				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	70 849 000	67 148 000	62 778 977,40	88,61
01 01 01 02	Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, mat-trasferimenti u mal-irtirar mis-servizz				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	513 000	587 000	298 443,76	58,18
01 01 01 03	Politika u ġestjoni tal-persunal				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
01 01 01 04	Nefqa tal-mobbiltà				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	21 000	21 000	21 000,—	100
	<i>Artikolu 01 01 01 — Total</i>	71 383 000	67 756 000	63 098 421,16	88,39
01 01 02	Persunal estern				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 649 000	2 483 000	2 647 706,65	99,95
01 01 03	Nefqa maniġerjali oħra				
01 01 03 01	Spejjeż tal-missjonijiet u tar-rappreżentazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	136 000	136 000	65 000,—	47,79
01 01 03 02	Spejjeż għal laqgħat, gruppi ta' esperti u konferenzi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	14 000	16 000	27 630,—	197,36

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

Artikolu Partita	Intestatura	Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
01 01 03	<i>(ikompli)</i>				
01 01 03 03	Studji u konsultazzjonijiet				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	49 800,—	
01 01 03 04	Taħriġ ulterjuri u taħriġ maniġerjali				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	75 000	75 000	70 321,68	93,76
01 01 03 05	Laqgħat interni				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	1 000	1 000	127,—	12,70
	<i>Artikolu 01 01 03 — Total</i>	226 000	228 000	212 878,68	94,19
01 01 04	Infrastruttura u loġistika				
01 01 04 01	Kirjiet u xirjiet				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	8 006 000	12 942 400	9 197 848,60	114,89
01 01 04 02	Nefqa relatata mal-binjiet				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	2 213 000	3 895 000	2 296 345,16	103,77
01 01 04 03	Tagħmir u għamara				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	18 000	18 000	908 557,22	5 047,54
01 01 04 04	Servizzi u nefqiet operatorji oħrajn				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	253 000	420 000	201 776,93	79,75
	<i>Artikolu 01 01 04 — Total</i>	10 490 000	17 275 400	12 604 527,91	120,16
01 01 05	Nefqa għas-sigurtà u l-kontroll				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	992 000	1 900 000	1 099 598,56	110,85
01 01 06	Nefqa għad-dokumentazzjoni u l-librerija				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	1 000	0,—	

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)
KAPITOLU 01 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
01 01 07	Politika u ġestjoni tal-infrastruttura				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
01 01 08	Nefqa marbuta mal-aspett legali				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
01 01 09	Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni				
01 01 09 01	Sistemi tal-infommazzjoni				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	8 642 000	8 447 174	9 727 722,09	112,56
01 01 09 02	Post tax-xogħol diġitali				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	2 119 000	2 150 000	2 126 587,15	100,36
01 01 09 03	Servizzi ta' Ċentru tad-data u networking				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	7 492 000	7 386 000	6 028 744,—	80,47
	<i>Artikolu 01 01 09 — Total</i>	18 253 000	17 983 174	17 883 053,24	97,97
	KAPITOLU 01 01 — TOTAL	103 993 000	107 626 574	97 546 186,20	93,80
	KAPITOLU 01 02				
01 02 01	Pubblikazzjonijiet				
01 02 01 01	Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (is-serje L u C)				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	6 700 000	2 724 000	2 201 950,—	32,86
01 02 01 02	Pubblikazzjonijiet obbligatorji oħrajn				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	2 345 000	2 380 000	2 302 325,—	98,18
01 02 01 03	Pubblikazzjonijiet ġenerali				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	988 000	791 000	1 876 186,82	189,90
	<i>Artikolu 01 02 01 — Total</i>	10 033 000	5 895 000	6 380 461,82	63,59

KAPITOLU 01 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI (ikompli)
KAPITOLU 01 10 — RIŻERVI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
01 02 02	Preżervazzjoni fit-tul				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	3 182 000	3 229 000	3 827 676,72	120,29
01 02 03	Aċċess u użu mill-ġdid				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	3 246 000	3 361 000	4 657 849,26	143,50
	KAPITOLU 01 02 — TOTAL	16 461 000	12 485 000	14 865 987,80	90,31
	KAPITOLU 01 10				
01 10 01	Approprijazzjonijiet provviżorji				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
01 10 02	Fond ta' kontinġenza				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 01 10 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 01 — Total	120 454 000	120 111 574	112 412 174,—	93,32

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĠJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

TITOLU O1
UFFIĊĠJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU O1 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

O1 01 01 Uffiċjali u persunal temporanju

O1 01 01 01 Remunerazzjoni u gratifiki

Ċifri (*Approprjazzjonijiet mhux differenzjati*)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
70 849 000	67 148 000	62 778 977,40

Kummenti

Dan id-dħul huwa maħsub biex ikopri, fir-rigward tal-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkunu fil-pjan tal-istabbiliment:

- salarji, gratifiki u ħlasijiet marbuta mas-salarji,
- assigurazzjoni kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-persunal temporanju u pagamenti mill-istituzzjoni sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-orijini tagħhom,
- gratifiki u għotjiet varji oħra,
- il-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għar-remunerazzjoni ta' uffiċjali u persunal temporanju u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għall-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti għajr dak tal-impjeg,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

01 01 01 (ikompli)

01 01 01 02 Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, mat-trasferimenti u mal-irtirar mis-servizz

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
513 000	587 000	298 443,76

Kummenti

Dan id-dħul huwa maħsub biex ikopri, fir-rigward tal-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkunu fil-pjan tal-istabbiliment:

- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li għandhom jingħataw lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju (inklużi l-familji tagħhom) meta jibdeu l-impjieg, meta jtemmu l-impjieg jew meta jiġu ttrasferiti f'post ieħor,
- gratifiki ta' installazzjoni jew installazzjoni mill-ġdid dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta dawn jibdeu impjieg jew meta jiġu ttrasferiti f'post ieħor, u meta dawn itemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,
- spejjeż tal-ġarr dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta dawn jibdeu impjieg jew meta dawn imorru f'post ta' impjieg ġdid, u meta jtemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor.

01 01 01 03 Politika u ġestjoni tal-persunal

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- l-assistenza in natura li tista' tingħata lill-uffiċjali, eks uffiċjali jew is-superstiti ta' uffiċjali mejta li jkunu f'ċirkustanzi diffiċli ħafna,
- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet u inizjattivi kulturali u sportivi oħra li jippromwovu l-kuntatt soċjali bejn il-persunal ta' nazzjonalitajiet differenti,
- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-kost taċ-Ċentru għall-Kura tat-Tfal Żgħar u crèches oħrajn, u għat-trasport tal-iskejjel,
- in-nefqa għall-kategoriji ta' persuni li ġejjin, bħala parti minn politika li tassisti lill-persuni b'diżabbiltà:
 - uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

01 01 01 (ikompli)

01 01 01 03 (ikompli)

- konjuġi ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjeg attiv,
- it-tfal dipendenti kollha fis-sens tar-Regolamenti tal-Impjegati.

Din tkopri, fil-limiti tal-ammont imdaħħal fil-baġit u wara li jkunu ntalbu kwalunkwe intitolamenti nazzjonali mogħtija fil-pajjiż tar-residenza jew tal-orijini jkun intalab, kull nefqa mhux medika sostanzjata kif xieraq li tkun meqjusa meħtieġa u tirriżulta minn diżabbiltajiet.

01 01 01 04 Nefqa tal-mobbiltà

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
21 000	21 000	21 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta mal-mobbiltà.

01 01 02 Persunal estern

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
2 649 000	2 483 000	2 647 706,65

Kummenti

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġeja:

- ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjonijiet ta' dan il-persunal,
- in-nefqa mġarrba (remunerazzjoni, assikurazzjoni, eċċ.) minħabba l-użu ta' persunal estern u persunal ta' aġenzija b'kuntratti rregolati mid-dritt privat,
- il-kost marbut mal-issekondar jew l-assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju, ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll l-ispejjeż supplimentari li jirriżultaw mill-issekondar ta' uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

01 01 03 Nefqa maniġerjali oħra

01 01 03 01 Spejjeż tal-missjonijiet u tar-rappreżentazzjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
136 000	136 000	65 000,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż anċillari jew eċċezzjonali li jkunu saru b'rabta ma' missjonijiet tal-persunal kopert mir-Regolamenti tal-Persunal u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali fuq sekondar,
- ir-rimborż ta' kostijiet imġarrba mill-persuni li jkunu qed jirrappreżentaw uffiċjalment lill-Uffiċċju (ir-rimborż ma jkunx possibbli għall-ispejjeż imġarrba għat-tweqqif ta' obbligi tar-rappreżentazzjoni fir-rigward ta' persunal tal-Kummissjoni jew ta' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni), kif ukoll il-kost għall-parteċipazzjoni tal-Uffiċċju fil-Bridge Forum Dialogue.

01 01 03 02 Spejjeż għal laqgħat, gruppi ta' esperti u konferenzi

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
14 000	16 000	27 630,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-għajxien u l-ispejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż inċidentali għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew fl-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi tad-deċizzjonijiet li tiegħu mill-Kummissjoni),
- in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' korsijiet, mal-użu ta' postijiet, mat-trasport, ma' ikliet u mal-akkomodazzjoni ta' parteċipanti f'korsijiet residenzjali,
- il-kost tal-konferenzi, il-kongressi u l-laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju.

01 01 03 03 Studji u konsultazzjonijiet

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	49 800,—

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

01 01 03 (ikompli)

01 01 03 03 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- tariffi ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi organizzazzjonali, immaniġġar, strateġija, kwalità u mmaniġġar tal-ħaddiema,
- in-nefqa fuq studji u konsulenti speċjalizzati b'kuntratt ma' esperti kwalifikati ħafna (persuni fiżiċi jew ġuridiċi), meta ma jkunx possibbli għall-Uffiċċju, bil-persunal tiegħu, li jwettaq tali studji jew konsultazzjoni direttament, inkluż ix-xiri ta' studji diġà eżistenti.

01 01 03 04 Taħriġ ulterjuri u taħriġ maniġerjali

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
75 000	75 000	70 321,68

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- nefqa marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza skont il-bżonnijiet tal-Uffiċċju:
- tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tar-riżultati,
- il-kost biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,
- in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, ma' siti tal-internet relatati u max-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal tagħlim b'distanza, ma' kotba, ma' prodotti stampati u ma' prodotti multimedjali,
- il-finanzjament ta' għajnuniet pedagoġiċi.

01 01 03 05 Laqgħat interni

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1 000	1 000	127,—

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

01 01 03 (ikompli)

01 01 03 05 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost ta' xorb u ikel servut f'okkażjonijiet speċjali matul laqgħat interni.

01 01 04 Infrastruttura u loġistika

Bażiġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-kriterji minimi tas-sigurtà u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta' tagħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artiklu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

01 01 04 01 Kirjiet u xirjiet

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
8 006 000	12 942 400	9 197 848,60

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-binjiet tal-Uffiċċju u nefqa oħra relatata, inkluż partikolarment:

- il-kosti tax-xiri jew kiri b'lokazzjoni tal-binjiet jew il-kostruzzjoni tal-binjiet,
- kera u ċens, diversi taxxi, eċċ., b'rabta mal-għażliet tax-xiri dwar binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati, u l-kiri ta' swali tal-konferenzi, imħażen, arkivji, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ,
- konsulenti finanzjarji u tekniċi qabel l-akkwiżizzjoni, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' binjiet.

01 01 04 02 Nefqa relatata mal-binjiet

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
2 213 000	3 895 000	2 296 345,16

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

01 01 04 (ikompli)

01 01 04 02 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-binjiet tal-Uffiċċju u nefqa oħra relatata, inkluż partikolarment:

- tariffi tal-ilma, gass, elettriku u tisħin tal-binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati mill-Uffiċċju,
- il-primjums tal-assigurazzjoni fuq il-binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati mill-Uffiċċju,
- tipi varji ta' assicurazzjonijiet (b'mod partikolari l-assigurazzjoni tar-responsabbiltà ta' terzi u l-assigurazzjoni kontra s-serq),
- in-nefqa għall-manutenzjoni tal-kmamar, tal-liftijiet, tal-liftijiet, tat-tisħin ċentrali u tat-tagħmir tal-arja kkundizzjonata, eċċ.; in-nefqa għal ċertu tindif perjodiku u x-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-ħasil, għall-ibbliċjar u għad-dry cleaning; in-nefqa għat-tibjid, tiswijiet u provvisti użati mill-workshops tal-manutenzjoni,
- in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u r-rimi ta' skart,
- il-kost tar-rikondizzjonament tal-binjiet, eż alterazzjonijiet fil-kompartimentalizzazzjoni, alterazzjonijiet fl-installazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq serraturi, tagħmir elettriku, plumbing, tibjid, u kisi tal-art, il-kost tal-bidliet fit-tagħmir tan-networks assoċjat mal-binjiet skont id-destinazzjoni, u l-kost tat-tagħmir meħtieġ,
- nefqa oħra fuq binjiet, partikolarment tariffi maniġerjali għall-binjiet b'ħafna inkwilini, kostijiet tal-kejl tal-postijiet u tariffi għall-utilitajiet (għbir tal-iskart, eċċ.),
- miżati għal assistenza teknika marbuta ma' rinovamenti maġġuri ta' binjiet.

01 01 04 03 Tagħmir u għamara

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
18 000	18 000	908 557,22

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-binjiet tal-Uffiċċju u nefqa oħra relatata, inkluż partikolarment:

- in-nefqa fuq tagħmir tax-xogħol, inkluż b'mod partikolari x-xiri ta' uniformijiet (l-aktar għall-messaġġiera, xufiera u l-persunal tal-catering), ix-xiri u t-tindif tal-ħwejjeġ tax-xogħol għall-persunal tal-workshop u l-persunal meħtieġ biex jagħmel xogħol li għalih tkun meħtieġa protezzjoni kontra temp ħażin jew kešha, użu u ħmieġ mhux normali u xiri jew rimborż tal-ispiża ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ skont id-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

01 01 04 (ikompli)

01 01 04 03 (ikompli)

- il-kost tax-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-installazzjoni u t-tiġdid ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi,
- il-konferenzi u l-awdjo/vidjo: nefqa fuq it-tagħmir tal-awdjo u tal-vidjokonferenzi użat tipikament fil-kmamar tal-konferenzi u fil-kmamar apposta għat-telepreżenza biex isiru komunikazzjonijiet fuq il-lant tax-xogħol;
- il-kost tax-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,
- il-kost tax-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir tat-trasport.

01 01 04 04 Servizzi u nefqiet operatorji oħrajn

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
253 000	420 000	201 776,93

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-binjiet tal-Uffiċċju u nefqa oħra relatata, inkluż partikolarment:

- il-kost tax-xiri ta' karti, envelops, provvisti tal-uffiċċju, eċċ.,
- spejjeż postali u tal-konsenja tal-posta, rapporti u pubblikazzjonijiet, u l-posta interna tal-Uffiċċju,
- il-kost tal-ġarr, riorganizzazzjonijiet u ġestjoni dipartimentali (teħid tal-konsenji, ħżin, konsenja) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,
- nefqa operatorja oħra mhux speċifikament prevista hawn fuq.

01 01 05 Nefqa għas-sigurtà u l-kontroll

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
992 000	1 900 000	1 099 598,56

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

01 01 05 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-binjiet tal-Uffiċċju u spejjeż oħra relatati, inkluż b'mod partikolari:

- l-ispejjeż relatati mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza tal-bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u x-xiri ta' oġġetti żgħar ta' tagħmir,
- l-ispejjeż relatati mas-saħħa u s-sikurezza ta' individwi fuq ix-xogħol, b'mod partikolari ix-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, is-sostituzzjoni ta' tagħmir għall-ewwel għajnuna f'każ ta' nar, u l-kostijiet ta' spezzjonijiet mandatorji.

Baziġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-kriterji minimi tas-sigurtà u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta' tagħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artiklu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

01 01 06 **Nefqa għad-dokumentazzjoni u l-librerija**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	1 000	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex:

- l-abbonamenti għas-servizzi ta' aċċess għad-*data*, għall-gazzetti u rivisti speċjalizzati; għax-xiri ta' pubblikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi b'rabta max-xogħol tal-Uffiċċju,
- il-kost ta' abbonamenti fl-aġenziji tal-istampa (aġenziji tal-aħbarijiet u bullettini ta' stampa u informazzjoni),

01 01 07 **Politika u ġestjoni tal-infrastruttura**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

01 01 07 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefġiet għall-operat u l-konverżjoni għar-ristoranti, il-kafetteriji u l-kantins.

01 01 08 Nefqa marbuta mal-aspett legali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri d-danni li għandhom jitħallsu mill-Uffiċċju u dawk li jirriżultaw minn responsabbiltà ta' parti terza, u n-nefqa relatata ma' ċerti każijiet fejn, għal raġunijiet ta' ekwità, għandu jitħallas kumpens mingħajr ebda pretensjoni legali li tirriżulta minnu.

01 01 09 Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni

Bażiguridika

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u infurmazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2018/559 tas-6 ta' April 2018 dwar l-istipular ta' regoli ta' implimentazzjoni għall-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u infurmazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 93, 11.4.2018, p. 4).

Il-kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif previst fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

01 01 09 01 Sistemi tal-infurmazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
8 642 000	8 447 174	9 727 722,09

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

01 01 09 (ikompli)

01 01 09 01 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sistemi tal-informazzjoni (jiġifieri l-applikazzjonijiet) tal-Uffiċċju u n-nefqa relatata. L-ambitu tagħha jinkludi l-kost tas-software tan-negozju u l-kostijiet għall-iżvilupp, il-ġestjoni u t-tħaddim tal-applikazzjonijiet għall-Uffiċċju. Din tkopri b'mod partikolari:

- l-iżvilupp ta' sistemi tal-informazzjoni: ir-riżorsi marbuta mal-analiżi, id-disinn, l-iżvilupp, il-kodifikar, l-ittestjar u r-rilaxx ta' servizzi tal-imbellaġġ assoċjati ma' proġetti tal-iżvilupp ta' applikazzjonijiet,
- l-appoġġ u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-informazzjoni: l-operazzjonijiet, l-appoġġ, it-tiswija u t-titjib żgħir assoċjati mal-applikazzjonijiet eżistenti,
- l-akkwizzizzjoni ta' software tan-negozju: nefqiet tas-software, inkluż il-liċenzjar, il-manutenzjoni u l-appoġġ relatat max-xiri ta' software disponibbli kummerċjalment,
- il-ġestjoni ta' sistemi tal-informazzjoni: kostijiet relatati mal-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-ippjanar tal-IT, inkluż in-nefqa għall-assistenza fuq il-ġestjoni eżekuttiva, il-ġestjoni strateġika, l-arkitettura tal-intrapriża, il-finanzi tal-IT u l-ġestjoni tal-bejjiegħa.

01 01 09 02 Post tax-xogħol diġitali

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
2 119 000	2 150 000	2 126 587,15

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-apparat tal-computing tal-utent finali u l-appoġġ lill-utenti finali. L-ambitu tagħha jinkludi l-kostijiet għax-xiri, il-bini, il-ġestjoni u t-tħaddim ta' apparat tal-computing tal-utent finali, u l-għoti ta' appoġġ ċentralizzat lill-utenti finali fl-Uffiċċju. Din tkopri b'mod partikolari:

- l-infrastruttura tal-computing persunali: desktops fiżiċi komputazzjonali tal-klijenti, laptops portabbli, magni tal-klijenti rqaq, periferali (inkluż monitors, apparat tal-punti u printers personali mwaħħla) użati minn individwi biex iwettqu l-ħidma,
- l-apparat mobbli: tablets kompjutazzjonali tal-klijenti, smartphones u apps użati minn individwi biex iwettqu x-xogħol,
- is-software tal-utent finali: software relatat mal-klijenti użat għall-kitba, il-ħolqien, il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni ta' dokumenti u kontenut ieħor bħall-emails, il-komunikazzjonijiet, il-messaġġi, il-word processing, l-ispreadsheets, il-preżentazzjonijiet, il-pubblikazzjonijiet desktop u l-grafika,
- il-printers f'network: printers personali konnessi ma' network, il-printers inkjet, il-printers tal-laser, il-printers dipartimentali jew tal-copy-room, eċċ.,

KAPITOLU O1 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O1 01 09 (ikompli)

O1 01 09 02 (ikompli)

- helpdesk tal-IT: riżorsi ċentralizzati ta' helpdesk tal-Grad 1 li jirċievi u jittratta talbiet tal-utenti, iwieġeb mistoqsijiet u jsolvi kwistjonijiet,
- appoġġ fuq il-post: riżorsi ta' appoġġ lokali li jipprovdu appoġġ fuq il-post għaċ-ċaqliq, żidiet, bidliet u riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet reali.

O1 01 09 03 Servizzi ta' Ċentru tad-*data* u networking

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
7 492 000	7 386 000	6 028 744,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet marbuta mal-faċilitajiet u l-servizzi ta' Ċentru tad-*data*, u l-kostijiet relatati mas-sigurtà tal-IT u l-konformità. Din tkopri b'mod partikolari:

- il-faċilitajiet ta' Ċentru tad-*data*: faċilitajiet ta' ċentri tad-*data* mibnija apposta biex iżommu u jipproteġu tagħmir kritiku tal-IT, inkluż l-ispazju, l-enerġija, il-kontrolli ambjentali, l-ixkafef, il-wajers u l-appoġġ "intelliġenti"; din tinkludi faċilitajiet oħra bħall-kmamar tal-kompjuters u closets li jospitaw tagħmir tal-IT fi kwartieri korporattivi, ċentri telefoniċi jew binjiet ta' uffiċċji bi skop ġenerali ieħor,
- il-kompjutazzjoni fil-binja u bil-cloud, din tinkludi:
 - is-servers: is-servers fiżiċi u virtwali li jaħdmu fuq sistemi operattivi differenti; inkluż il-hardware, is-software u s-servizzi ta' appoġġ,
 - l-infrastruttura konverġenti: tagħmir mibni apposta li jipprovdi kapaċitajiet ta' komputazzjoni, ħażna u network f'kaxxa waħda,
 - il-mainframe: kompjuters mainframe tradizzjonali u operazzjonijiet li jħaddmu sistemi operattivi tradizzjonali,
- il-ħżin fil-binja u bil-cloud: il-ħżin ċentralizzat tad-*data* u ż-żamma sigura ta' informazzjoni u *data* li tkun meħtieġa aktar tard. Il-ħażna tista tinkludi *data* għall-programmi tal-applikazzjoni u għall-kodiċi, il-bażijiet tad-*data*, il-fajls, il-midja, l-emails u forom oħra tal-informazzjoni. Din tinkludi t-tagħmir u s-software għall-ħżin online (għall-infrastruttura ta' komputazzjoni distribwita) u għall-ħżin offline (għal arkivju, riżerva u rkupru li jappoġġaw it-telf tad-*data*, il-korruzzjoni tad-*data*, irkupri minn diżastri u r-reqwiżiti tal-konformità),
- in-network: tagħmir tad-*data* u tal-vuċi flimkien mal-metodi tat-trasport għal konnessjoni ta' sistemi u persuni, u biex in-nies ikunu jistgħu jtkellmu, din tinkludi:

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

01 01 09 (ikompli)

01 01 09 03 (ikompli)

- il-LAN/WAN: network lokali fiżiku u bla fili li jikkonnetta tagħmir fiċ-ċentri tad-*data* ewlenin u li jikkonnetta lill-utenti finali fiż-żoni tax-xogħol fl-uffiċċju man-networks usa' tal-organizzazzjoni u t-tagħmir tan-network taż-żona wiesgħa u s-servizzi ta' appoġġ li jikkonnettaw direttament lil ċentri tad-*data*, uffiċċji u partijiet terzi,
- il-vuċi: riżorsi ta' vuċi li jippermettu jew jiddistribwixxu servizzi bil-vuċi permezz ta' tagħmir fil-bini, inkluż il-PBX, il-VoIP u l-voicemail,
- it-trasport: ċirkwiti tan-network tad-*data* u faċilitajiet u servizzi ta' aċċess assoċjati; dawn jinkludu networks tad-*data* apposta u virtwali, u l-aċċess għall-internet, u kif ukoll l-użu assoċjat mal-mobbiltà u ma' tranżiti oħrajn tad-*data* bbażati fuq kontijiet tal-użu; u ċirkwiti tan-network tal-vuċi u faċilitajiet u servizzi ta' aċċess assoċjati, u kif ukoll l-użu assoċjat ma' telefonati standard. Kemm it-trasport tal-vuċi u tad-*data* jistgħu jinkludu teknoloġiji terrestri u mhux terrestri (eż. bis-satellita),
- il-pjattaforma: il-kostijiet assoċjati ma' bażijiet tad-*data* distribwiti u sistemi ta' middleware, dawn jinkludu s-software u l-għodod tal-ġestjoni tal-bażijiet tad-*data*, u servizzi esterni,
- it-twassil: il-kostijiet għall-monitoraġġ, l-appoġġ, il-ġestjoni, u t-tħaddim ta' operazzjonijiet tal-IT, din tinkludi:
 - il-ġestjoni tas-servizzi tal-IT: riżorsi marbuta mall-attivitatijiet ta' ġestjoni ta' inċidenti, ta' problemi u ta' tibdil bħala parti mill-proċess ta' ġestjoni tas-servizz tal-IT (għajr il-helpdesk tal-Grad 1),
 - il-ġestjoni tal-programmi, tal-prodotti u tal-proġetti: riżorsi marbuta mall-ġestjoni u l-appoġġ ta' proġetti relatati mal-IT u/jew l-iżvilupp kontinwu ta' prodotti b'inizjattivi fost in-negozju u xprunati mill-IT,
 - il-ġestjoni tal-klijenti: riżorsi jew "maniġers tal-kontijiet" allinjati mal-linji tan-negozju biex jifhmu l-ħtiġijiet tan-negozju, jikkomunikaw prodotti, servizzi u status tal-IT ta' proġetti tal-IT,
 - iċ-ċentru tal-operazzjonijiet: riżorsi ċentralizzati taċ-ċentru tal-operazzjonijiet tal-IT, inkluż il-monitoraġġ u l-intervent, eż. iċ-ċentru tal-operazzjonijiet tan-network (NOC), iċ-ċentru tal-operazzjonijiet globali (GOC),
- is-sigurtà, il-konformità, l-irkupru minn diżastri: il-kostijiet għad-definizzjoni, l-istabbiliment, l-infurzar u l-kejl tas-sigurtà, il-konformità, u t-tħejija għall-irkupru minn diżastri, din tinkludi:
 - is-sigurtà: politika għall-istabbiliment ta' riżorsi tas-sigurtà tal-IT u taċ-ċibersigurtà, li tistabbilixxi proċess u mezzi, tistħarreġ il-konformità, u ttrirrispondi għal ksur tas-sigurtà, u tipprovdi sigurtà operazzjonali f'ħin reali bħalma huma skennjar tal-vulnerabbiltà, il-ġestjoni ta' firewalls, sistemi tal-prevenzjoni minn intrużjonijiet, u l-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-eventwalitajiet,
 - il-konformità: politika għall-istabbiliment ta' riżorsi tal-konformità tal-IT, li tistabbilixxi kontrolli u tistħarreġ il-konformità mar-rekwiżiti legali u ta' konformità rilevanti,
 - l-irkupru mid-diżastri: politika tal-irkupri mid-diżastri għall-istabbiliment ta' riżorsi tal-irkupru mid-diżastri tal-IT, li tistabbilixxi proċessi u mezzi, faċilitajiet apposta għall-kommutazzjoni awtomatika, it-twettiq ta' testjar tal-irkupru mid-diżastri;

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

01 01 09 (ikompli)

01 01 09 03 (ikompli)

— l-infrastruttura ta' ġestjoni tal-IT (inkluż il-loġistika): il-kostijiet relatati mal-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-ippjanar tal-infrastruttura tal-IT, din tinkludi n-nefqa għall-assistenza fuq il-ġestjoni eżekuttiva, il-ġestjoni strateġika, l-arkitettura tal-intrapriża, il-finanzi tal-IT u l-ġestjoni tal-bejjiegħa.

KAPITOLU 01 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

01 02 01 — Pubblikazzjonijiet

01 02 01 01 *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (is-serje L u C)*

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
6 700 000	2 724 000	2 201 950,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- in-nefqa għall-produzzjoni ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, is-serje L u C,
- il-kostijiet tal-helpdesk relatati mas-sistema interistituzzjonali għall-ġestjoni tal-pubblikazzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ewropea.

Bażiġuridika

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 297 tiegħu.

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĠJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU 01 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI (ikompli)

01 02 01 (ikompli)

01 02 01 01 (ikompli)

Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jstabilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU L 17, 6.10.1958, p. 385/58).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 1958 li toħloq Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 17, 6.10.1958, p. 419/58).

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 69, 13.3.2013, p. 1).

01 02 01 02 Pubblikazzjonijiet obbligatorji oħrajn

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
2 345 000	2 380 000	2 302 325,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- in-nefqa għall-konsolidament tal-istrumenti legali tal-Unjoni u fuq id-disponibbiltà pubblika bil-forom kollha u bil-mezzi kollha tal-pubblikazzjoni, tal-atti legali konsolidati tal-Unjoni bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni,
- il-produzzjoni tas-sommarji online tal-leġislażzjoni tal-Unjoni, il-preżentazzjoni tal-aspetti ewlenin tal-leġislażzjoni tal-Unjoni b'mod konċiż u li jinqara faċilment, u l-iżvilupp ta' prodotti relatati,
- il-kostijiet tal-produzzjoni għar-rapporti tal-kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea flimkien mar-repertorju tal-ġurisprudenza tal-Unjoni,
- il-kostijiet tal-pubblikazzjoni għar-rapport annwali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,
- nefqa operatorja oħra mhux speċifikament prevista hawn fuq.

Bażiguridika

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgh ta' Diċembru 1992 (SN 456/92, l-Anness 3 tal-Parti A, p. 5).

KAPITOLU 01 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI *(ikompli)*

01 02 01 *(ikompli)*

01 02 01 02 *(ikompli)*

Id-Dikjarazzjoni dwar il-kwalità tal-binja lingwistika tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità, annessa mal-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam.

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Regġuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja (ĠU L 265, 29.9.2012), u b'mod partikolari l-Artikoli 20 u 40 tagħhom.

Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali (ĠU L 105, 23.4.2015), u b'mod partikolari l-Artikoli 35 u 48 tagħhom.

Atti ta' referenza

Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 1994 dwar it-tixrid elettroniku tal-liġi tal-Komunità u l-liġijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali u fuq il-kundizzjonijiet ta' aċċess imtejjeb (ĠU C 179, 1.7.1994, p. 3).

Il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2007, Nikkomunikaw dwar l-Ewropa permezz tal-Internet – Ninvolve liċ-ċittadini (SEC(2007) 1742).

Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar l-inizjattiva ta' Regolamentazzjoni Intelliġenti, li minnha tagħmel parti integrali l-konsolidazzjoni:

— Ir-Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea (COM(2010) 543 final),

— L-Idoneità Regulatorja tal-UE (COM(2012) 746 final),

— L-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT): Riżultati u l-Passi li Jmiss, (COM(2013) 685 final).

Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 u l-15 ta' Marzu 2013, fejn il-Kapijiet tal-Istati u l-Gvernijiet enfasizzaw li l-konsolidazzjoni tal-liġi tal-Unjoni hija waħda mill-prijoritajiet fil-kuntest tal-isforzi ta' simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

01 02 01 03 Pubblikazzjonijiet ġenerali

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
988 000	791 000	1 876 186,82

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU O1 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI (ikompli)

O1 02 01 (ikompli)

O1 02 01 03 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha marbuta mal-attivitajiet tal-pubblikazzjoni, partikolarment:

- il-produzzjoni tal-pubblikazzjonijiet bil-forom kollha (stampati, elettroniċi), inkluż il-kopubblikazzjonijiet,
- l-istampar mill-ġdid ta' publikazzjonijiet u l-korrezzjonijiet ta' erruri li l-Uffiċċju jkun responsabbli għalihom,
- ix-xiri jew il-kiri ta' tagħmir u infrastruttura għar-riproduzzjoni ta' dokumenti bil-forom kollha, inkluż il-kost tal-karta u oġġetti konsumabbli oħra,
- is-servizzi ta' appoġġ fil-qasam tal-qari tal-provi,
- nefqa operatorja oħra mhux speċifikament prevista hawn fuq.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	940 000 3 2 0 2
---------------------	-----------------

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

O1 02 02 *Preżervazzjoni fit-tul*

Ċifri (*Appropriazzjonijiet mhux differenzjati*)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
3 182 000	3 229 000	3 827 676,72

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha marbuta mal-attivitajiet ta' preservazzjoni fuq terminu twil, b'mod partikolari:

- il-ġbir f'katalogi, inklużi l-kosti tal-analiżi dokumentarja u dik parzjalment ġudizzjarja, l-indiċjar, l-ispeċifikazzjoni u l-abbozzar, ir-reġistrazzjoni tal-input u l-manutenzjoni,
- abbonamenti annwali ma' aġenziji internazzjonali fil-qasam tal-katalogar,

KAPITOLU O1 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI (ikompli)

O1 02 02 (ikompli)

- ħżin elettroniku,
- preżervazzjoni fit-tul ta' dokumenti elettroniċi u servizzi relatati, u kif ukoll id-diġitizzazzjoni,
- nefqa operatorji oħra mhux speċifikament prevista hawn fuq.

Bażiguridika

Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 1974 dwar l-awtomazzjoni tad-dokumentazzjoni legali (ĠU C 20, 28.1.1975, p. 2).

Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 1991 dwar ir-riorganizzazzjoni tal-istrutturi operattivi tas-sistema CELEX (dokumentazzjoni awtomatizzata tal-liġi tal-Komunità (ĠU C 308, 28.11.1991, p. 2).

Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 1994 dwar it-tixrid elettroniku tal-liġi tal-Komunità u l-liġijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali u fuq il-kundizzjonijiet ta' aċċess imtejjeb (ĠU C 179, 1.7.1994, p. 3).

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

O1 02 03 *Aċċess u użu mill-ġdid*

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
3 246 000	3 361 000	4 657 849,26

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha marbuta mal-attivitajiet ta' aċċess u użu mill-ġdid, b'mod partikolari:

- l-għoti ta' aċċess għal informazzjoni legali tal-Unjoni u tipi oħra ta' kontenut tal-Unjoni disponibbli online,
- il-faċilitazzjoni tal-użu mill-ġdid tal-kontenut għal skopijiet kummerċjali u mhux kummerċjali,
- is-sinerġija u l-iżvilupp tal-interoperabbiltà biex tkun permessa il-konnessjoni tal-kontenut minn sorsi varji,
- manutenzjoni u żvilupp ta' siti web pubbliċi,
- l-appoġġ tal-helpdesk għall-utenti tal-websajts,
- is-servizzi ta' ħażna u distribuzzjoni,
- l-akkwist u ġestjoni ta' listi ta' indirizzi,

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU O1 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI (ikompli)

O1 02 03 (ikompli)

- il-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni,
- nefqa operatorja oħra mhux speċifikament prevista hawn fuq.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	200 000 3 2 0 2
---------------------	-----------------

Bażiguridika

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

KAPITOLU O1 10 — RIŻERVI

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

O1 10 01 *Approprjazzjonijiet provviżorji*

Ċifri (*Approprjazzjonijiet mhux differenzjati*)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

L-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu huma purament provviżorji u jstgħu jintużaw biss wara t-trasferiment lejn intestatura oħra tal-baġit skont ir-Regolament Finanzjarju.

O1 10 02 *Fond ta' kontinġenza*

Ċifri (*Approprjazzjonijiet mhux differenzjati*)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

UFFIĊĠJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

DĦUL

TITOLU 3

DĦUL AMMINISTRATTIV

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL

Artikolu Partita	Intestatura	Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn	%2022/2024
	KAPITOLU 3 0				
3 0 0	Taxxi u imposti				
3 0 0 0	Taxxi fuq remunerazzjonijiet	1 087 000	1 064 000	895 627,23	82,39
3 0 0 1	Imposti speċjali fuq ir-remunerazzjonijiet	227 000	221 000	186 921,11	82,34
	<i>Artikolu 3 0 0 — Total</i>	1 314 000	1 285 000	1 082 548,34	82,39
3 0 1	Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni				
3 0 1 0	Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni	1 358 000	1 221 000	1 018 470,79	75
	<i>Artikolu 3 0 1 — Total</i>	1 358 000	1 221 000	1 018 470,79	75
	KAPITOLU 3 0 — TOTAL	2 672 000	2 506 000	2 101 019,13	78,63
	Titolu 3 — Total	2 672 000	2 506 000	2 101 019,13	78,63

TITOLU 3
DĦUL AMMINISTRATTIV

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL

3 0 0 **Taxxi u imposti**

3 0 0 0 Taxxi fuq remunerazzjonijiet

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
1 087 000	1 064 000	895 627,23

Kummenti

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

Atti ta' referenza

Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u l-aktar l-Artikolu 12 tiegħu.

3 0 0 1 Imposti speċjali fuq ir-remunerazzjonijiet

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
227 000	221 000	186 921,11

Kummenti

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mir-remunerazzjoni tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjeg attiv li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-persunal tal-Uffiċċju.

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL**KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL** (*ikompli*)3 0 0 (*ikompli*)3 0 0 1 (*ikompli*)

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, u mod partikolari l-Artikolu 20(3) tagħhom.

3 0 1 Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni

3 0 1 0 Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
1 358 000	1 221 000	1 018 470,79

Kummenti

Dan id-dħul jinkludi l-kontribuzzjonijiet kollha mnaqqa kull xahar mis-salarji tal-persunal tal-Uffiċċju skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u użati biex tiġi ffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

TITOLU 6

DĦUL, KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET RELATATI MAL-POLITIKI TAL-UNJONI

KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

Artikolu Partita	Intestatura	Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn	%2022/2024
6 6 8	KAPITOLU 6 6				
	<i>Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra — Dħul assenjat</i>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 6 6 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 6 — Total	p.m.	p.m.	0,—	

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

TITOLU 6

DĦUL, KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET RELATATI MAL-POLITIKI TAL-UNJONI

KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

6 6 8 *Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra — Dħul assenjat*

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jakkomoda, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul li ma jidherx f'partijiet oħra tat-Titolu 6 u li jwassal għall-għotja ta' approprjazzjonijiet addizzjonali maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun allokat.

NEFQA

TITOLU O2

UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU O2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
	KAPITOLU O2 01				
O2 01 01	<i>Uffiċjali u persunal temporanju</i>				
O2 01 01 01	Remunerazzjoni u gratifiki				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	13 566 000	13 294 000	11 383 810,76	83,91
O2 01 01 02	Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, mat-trasferimenti u mal-irtirar mis-servizz				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	47 000	45 000	0,—	
O2 01 01 03	Politika u ġestjoni tal-persunal				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	<i>Artikolu O2 01 01 — Total</i>	13 613 000	13 339 000	11 383 810,76	83,62
O2 01 02	<i>Persunal estern</i>				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 864 000	1 796 000	1 491 000,—	79,99
O2 01 03	<i>Nefqa maniġerjali oħra</i>				
O2 01 03 01	Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	200 000	230 000	140 000,—	70
O2 01 03 02	Spejjeż għal laqgħat, gruppi ta' esperti u konferenzi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 000	1 600	0,—	
O2 01 03 03	Studji u konsultazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU O2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
O2 01 03	<i>(ikompli)</i>				
O2 01 03 04	Taħriġ ulterjuri u taħriġ maniġerjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	42 000	42 000	21 000,—	50
O2 01 03 05	Laqgħat interni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	7 000	8 000	15 774,—	225,34
	<i>Artikolu O2 01 03 — Total</i>	250 000	281 600	176 774,—	70,71
O2 01 04	Infrastruttura u loġistika				
O2 01 04 01	Kirjiet u xirjiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 660 000	1 402 000	1 546 000,—	93,13
O2 01 04 02	Nefqa marbuta mal-binjiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	684 000	647 000	519 000,—	75,88
O2 01 04 03	Tagħmir u għamara				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	8 000	10 000	10 000,—	125
O2 01 04 04	Servizzi u nfiq operatorju ieħor				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	50 400	57 300	49 000,—	97,22
	<i>Artikolu O2 01 04 — Total</i>	2 402 400	2 116 300	2 124 000,—	88,41
O2 01 05	Nefqa għas-sigurtà u l-kontroll				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	322 000	322 000	322 000,—	100
O2 01 06	Nefqa ta' dokumentazzjoni u librerija				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	414,03	
O2 01 07	Politika u ġestjoni tal-infrastruttura				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
O2 01 08	Nefqa legali relatata				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	

KAPITOLU O2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)
KAPITOLU O2 02 — KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI, SERVIZZI U ATTIVITAJIET INTERISTITUZZJONALI
KAPITOLU O2 03 — SKOLA EWROPEA TAL-AMMINISTRAZZJONI (EUROPEAN SCHOOL OF ADMINISTRATION, EUSA)

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
O2 01 09	Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni				
O2 01 09 01	Sistemi ta' informazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 935 000	1 635 000	1 710 665,61	88,41
O2 01 09 02	Post tax-xogħol diġitali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	224 000	269 000	198 000,—	88,39
O2 01 09 03	Servizzi ta' Ċentru tad-data u networking				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	355 000	567 000	630 823,42	177,70
	<i>Artikolu O2 01 09 — Total</i>	2 514 000	2 471 000	2 539 489,03	101,01
	KAPITOLU O2 01 — TOTAL	20 965 400	20 325 900	18 037 487,82	86,03
	KAPITOLU O2 02				
O2 02 01	Kompetizzjonijiet interistituzzjonali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	4 000 000	4 817 000	4 176 210,97	104,41
	KAPITOLU O2 02 — TOTAL	4 000 000	4 817 000	4 176 210,97	104,41
	KAPITOLU O2 03				
O2 03 01	Taħriġ maniġerjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 326 000	1 326 000	1 627 231,19	122,72
O2 03 02	Korsijiet tad-dħul				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	867 000	867 000	575 968,50	66,43
O2 03 03	Taħriġ għaċ-ċerifikazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	561 000	561 000	550 800,31	98,18
	KAPITOLU O2 03 — TOTAL	2 754 000	2 754 000	2 754 000,—	100

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĠJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU O2 10 — RIŻERVI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
	KAPITOLU O2 10				
O2 10 01	Approprjazzjonijiet proviżorji				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
O2 10 02	Riżerva ta’ kontinġenza				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU O2 10 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu O2 — Total	27 719 400	27 896 900	24 967 698,79	90,07

TITOLU O2
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU O2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u r-remunerazzjoni u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

O2 01 01 Uffiċjali u persunal temporanju

O2 01 01 01 Remunerazzjoni u gratifiki

Ċifri (*Appropriazzjonijiet mhux differenzjati*)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
13 566 000	13 294 000	11 383 810,76

Kummenti

Dan id-dħul huwa maħsub biex ikopri, fir-rigward tal-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkunu fil-pjan tal-istabbiliment:

- salarji, gratifiki u ħlasijiet marbuta mas-salarji,
- assigurazzjoni kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-persunal temporanju u pagamenti mill-istituzzjoni sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,
- gratifiki u għotjiet varji oħra,
- il-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għar-remunerazzjoni ta' uffiċjali u persunal temporanju u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għall-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti għajr dak tal-impjeg,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja,

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU O2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O2 01 01 (ikompli)

O2 01 01 01 (ikompli)

- il-konċessjonijiet u l-ħlasijiet b'rati fissi u fis-siegħa għal sahra maħduma minn uffiċjali fil-kategorija AST u minn persunal lokali li ma setax jingħata leave kompensatorju skont il-proċeduri stabbiliti,
- gratifika għal kuljum għal uffiċjali u persunal temporanju li jiġġustifikaw il-bżonn li jibdlu l-post ta' residenza tagħhom meta jibdew impjeg jew meta jiġu trasferiti lejn post ġdid ta' impjeg,
- l-infiq addizzjonali b'riżultat ta' ssekondar ta' uffiċjali tal-Unjoni, jiġifieri sabiex jitħallsu benefiċċji u jkunu rimborżati l-ispejjeż li l-issekondar jintitolahom għalihom, u kif ukoll il-kostijiet marbuta ma' skemi ta' taħriġ speċifiku ma' amministrazzjonijiet u entitajiet tal-Istati Membri u ta' pajjiżi terzi.

O2 01 01 02 Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, mat-trasferimenti u mal-irtirar mis-servizz

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
47 000	45 000	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri, għall-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkollhom post fuq il-pjan tal-istabbiliment:

- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li għandhom jingħataw lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju (inklużi l-familji tagħhom) meta jibdew l-impjeg, meta jtemmu l-impjeg jew meta jiġu ttrasferiti f'post ieħor,
- il-benefiċċji biex jistabbilixxu ruħhom jew biex jerġgħu jistabbilixxu ruħhom li għandhom jingħataw lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta dawn jibdew impjeg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor, u meta dawn itemmu l-impjeg u jmorru jgħixu mkien ieħor,
- l-ispejjeż ta' ġarr li jridu jitħallsu lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta dawn jibdew impjeg jew meta dawn imorru f'post ta' impjeg ġdid, u meta jtemmu l-impjeg u jmorru jgħixu mkien ieħor.

O2 01 01 03 Politika u ġestjoni tal-persunal

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

KAPITOLU O2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O2 01 01 (ikompli)

O2 01 01 03 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri:

- assistenza in natura li tista' tiġi pprovduta lil uffiċjali, eks uffiċjali jew superstiti ta' uffiċjali mejta li jkunu f'ċirkostanzi partikolarment diffiċli,
- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-Ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet u inizjattivi kulturali u sportivi oħra biex jippromwovu kuntatt soċjali bejn persunal ta' nazzjonalitajiet differenti,
- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispiża taċ-Ċentru tat-Tfulija Bikrija u crèches oħra, u għat-trasport tal-iskola,
- in-nefqa għall-kategoriji ta' persuni li ġejjin, bħala parti minn politika ta' għajjnuna lill-persuni b'diżabbiltà:
 - uffiċjali u persunal temporanju f'impjeg attiv,
 - konjuġi ta' uffiċjali u persunal temporanju f'impjeg attiv,
 - it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal.

Tkopri, fil-limiti tal-ammont imdaħħal fil-baġit u wara li kwalunkwe intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż ta' residenza jew ta' oriġini jkun ġie mitlub, kwalunkwe nefqa mhux medika debitament sostanzjata li hija rikonoxxuta li hija meħtieġa u li tirriżulta minn diżabbiltà.

O2 01 02 Persunal estern

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1 864 000	1 796 000	1 491 000,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri:

- ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjonijiet ta' dan il-persunal,
- in-nefqa mġarrba (remunerazzjoni, assikurazzjoni, eċċ.) minħabba l-użu ta' persunal estern u persunal ta' aġenzija b'kuntratti rregolati mid-dritt privat,

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU O2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O2 01 02 (ikompli)

- il-kostijiet tal-persunal inklużi fil-kuntratti ta' servizz għal sottokuntrattar tekniku u amministrattiv, għal għajjnuna addizzjonali u għall-provvista ta' servizzi ta' natura intellettuali,
- il-kost marbut mal-issekondar jew l-assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju, ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll l-ispejjeż supplimentari li jirriżultaw mill-issekondar ta' uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

O2 01 03 Nefqa manigġerjali oħra

O2 01 03 01 Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
200 000	230 000	140 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefġiet li ġejjin:

- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż anċillari jew eċċezzjonali mġarrba b'rabta ma' missjonijiet tal-persunal koperti bir-Regolamenti tal-Persunal u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew issekondati,
- ir-rimborż ta' kostijiet imġarrba minn persuni li jkunu qed jirrapreżentaw uffiċjalment lill-Uffiċċju (ir-rimborż ma jkunx possibbli għal spejjeż imġarrba fit-twettiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn fir-rigward ta' persunal tal-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),
- il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-konċessjonijiet ta' sussistenza ta' interpreti freelance u oħrajn li m'humiex permanenti msejħa mid-DG Interpretazzjoni għal laqgħat ta' servizz organizzati mill-Uffiċċju li ma setgħux jinqadew mill-interpreti tal-Kummissjoni (uffiċjali u persunal temporanju).

O2 01 03 02 Spejjeż għal laqgħat, gruppi ta' esperti u konferenzi

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1 000	1 600	0,—

KAPITOLU O2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O2 01 03 (ikompli)

O2 01 03 02 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefġiet li ġejjin:

- l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għajxien u spejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-kost għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew fl-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet li tieħdu mill-Kummissjoni),
- l-infiq varju marbut ma' konferenzi, kongressi u laqgħat li fihom jieħu sehem l-Uffiċċju,
- il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-konċessjonijiet ta' sussistenza ta' interpreti freelance u oħrajn li m'humiex permanenti msejħa mid-DG Interpretazzjoni għal laqgħat ta' servizz organizzati mill-Uffiċċju li ma setgħux jinqdedw mill-interpreti tal-Kummissjoni (uffiċjali u persunal temporanju).

O2 01 03 03 Studji u konsultazzjonijiet

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq studji speċjalizzati u konsultazzjonijiet mogħtija b'kuntratt lil esperti bi kwalifiki għolja (individwi jew ditti) jekk il-Kummissjoni ma jkollhiex persunal xieraq disponibbli biex twettaq dawn l-istudji. Tkopri wkoll ix-xiri ta' studji diġà mwettqa jew abbonamenti lil istituzzjonijiet ta' riċerka speċjalizzati.

O2 01 03 04 Taħriġ ulterjuri u taħriġ maniġerjali

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
42 000	42 000	21 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefġiet li ġejjin:

- l-ispejjeż marbuta ma' taħriġ biex jissaħħu l-ħiliet tal-persunal, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:
 - miżati li jitħallsu lill-esperti għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, kif ukoll biex jagħmlu valutazzjoni u jimmonitorjaw ir-riżultati,

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU O2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O2 01 03 (ikompli)

O2 01 03 04 (ikompli)

- miżati għall-konsulenza f'diversi oqsma, l-aktar f'metodi ta' organizzazzjoni, ġestjoni, strateġija, kwalità u tmexxija tal-ħaddiema,
- il-kost biex wieħed jattendi għal taħriġ barrani u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,
- in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-bini u trasport u mal-ispiża tal-ikel u l-akkomodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,
- in-nefqa għal taħriġ marbut ma' pubblikazzjonijiet u taħrif, ma' siti tal-Internet relatati u max-xiri ta' taħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal taħlim b'distanza, kotba, prodotti stampati u multimedjali,
- l-iffinanzjar ta' materjal pedagoġiku.

O2 01 03 05 Laqgħat interni

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
7 000	8 000	15 774,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost tax-xorb, u xi kultant l-ikel, li jiġi servut matul laqgħat interni, l-aktar il-laqgħat ta' bordijiet tal-għażla u ta' tradutturi.

O2 01 04 Infrastruttura u loġistika

Bażiguridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'taħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

O2 01 04 01 Kirjiet u xirjiet

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1 660 000	1 402 000	1 546 000,—

KAPITOLU O2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O2 01 04 (ikompli)

O2 01 04 01 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-binjiet tal-Uffiċċju u nfiq ieħor relatat, inkluż il-ħlas ta' kirjiet u spejjeż ta' ċens relatati ma' bini jew partijiet ta' bini okkupati, u l-kiri ta' swali tal-konferenzi, imħażen, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ.

O2 01 04 02 Nefqa marbuta mal-binjiet

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
684 000	647 000	519 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-binjiet tal-Uffiċċju u nfiq ieħor relatat, partikolarment:

- il-primjums tal-assigurazzjoni fuq il-bini jew ta' partijiet ta' bini li jintużaw mill-Uffiċċju,
- l-ispejjeż tal-konsum ta' ilma, gass, elettriku u enerġija għat-tiħin tal-bini jew partijiet tal-bini li jintużaw mill-Uffiċċju,
- il-kostijiet għall-manutenzjoni, maħduma fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, tal-bini, il-liftijiet, it-tiħin ċentrali, it-tagħmir tal-arja kkundizzjonata, eċċ.; in-nefqa li tirriżulta minn tindif perjodiku, ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-indafa, għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għad-dry cleaning, eċċ., kif ukoll għal tibjid, tiswijiet u provvisti użati mill-workshops tal-manutenzjoni,
- in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija ta' skart,
- xogħol ta' rikondizzjonar tal-bini, eż. tibdil fit-tqassim, tibdil f'sistemi tekniċi u xogħol speċjalizzat ieħor fuq serraturi, tagħmir tal-elettriku, plumbing, żebġha u kisi ta' art, u l-kost marbut mat-tibdil ta' kejbils li għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti li jintużaw fil-bini, u n-nefqa għat-tagħmir meħtieġ marbut mat-titjib tal-bini,
- il-kost ta' konsultazzjoni legali, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' bini,
- nfiq ieħor fuq il-bini, l-aktar l-ispejjeż tal-ġestjoni ta' bini mikri lil diversi entitajiet, il-kostijiet ta' sħarriġ dwar il-qagħda tal-bini u spejjeż ta' utilità (taxxa fuq l-iskart, il-ġbir tal-iskart, eċċ.),
- xi nfiq għall-ghajjnuna teknika marbuta ma' xogħlijiet ta' titjib konsiderevoli,

Qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju jrid jikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawnsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili.

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU O2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O2 01 04 (ikompli)

O2 01 04 03 Tagħmir u għamara

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
8 000	10 000	10 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-binjiet tal-Uffiċċju u infig ieħor relatat, partikolarment:

- ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u r-riforniment ta' tagħmir u materjal tekniku u partikolarment:
 - tagħmir (inklużi fotokopjaturi) għall-produzzjoni, ir-riproduzzjoni u l-arkivjar ta' dokumenti f'kull għamla (karta, media elettronika),
 - tagħmir awdjoviżiv, tal-librerija u għall-interpretazzjoni (kabini, headsets u unitajiet tal-iswiċċijiet għall-faċilitajiet ta' interpretazzjoni simultanja, eċċ.),
 - attrezzaturi tal-canteen u tagħmir tar-restoranti,
 - għodod varji għall-workshops tal-manutenzjoni tal-bini,
 - faċilitajiet meħtieġa għall-uffiċċjali b'diżabbiltà,
 - studji, dokumentazzjoni u taħriġ marbut ma' dan it-tagħmir,
- ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, u t-tiswija ta' għamara, u partikolarment:
 - ix-xiri ta' għamara tal-uffiċċju u għamara speċjalizzata, inkluż għamara ergonomika, xkaffar għall-arkivji, eċċ.,
 - il-bdil ta' għamara mherrija u mkissra,
 - provvista ta' tagħmir speċjali għal-libreriji (indiċijiet tal-karti, xkaffar, unitajiet tal-katalogar, eċċ.),
 - attrezzaturi speċifiċi għall-canteens u ristoranti,
 - il-kiri ta' għamara,
 - il-kostijiet għall-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara.

Qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju jrid jikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawnsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili.

KAPITOLU O2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O2 01 04 (ikompli)

O2 01 04 04 Servizzi u nfiq operatorju ieħor

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
50 400	57 300	49 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-binjiet tal-Uffiċċju u nfiq ieħor relatat, partikolarment:

- in-nefqa fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:
 - ix-xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,
 - ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għan-nies li jaħdmu fil-workshops u għal dawk li għandhom jaġhmlu xogħlijiet fejn jeħtieġu protezzjoni kontra l-maltemp jew il-kesħa, it-tkagħbir mhux normali u l-ħmieġ,
 - ix-xiri jew ir-rimborż ta' kwalunkwe tagħmir li jista' jkun meħtieġ skont il-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,
- l-ispejjeż ta' ġarr, riorganizzazzjoni u ġestjoni dipartimentali (it-twassil, il-ħażna, it-tqegħid) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,
- il-kost tax-xiri ta' karti, envelops, provvisti tal-uffiċċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar li jsir fuq barra,
- nefqa għad-debiti tal-posta u spedizzjoni għall-posta ordinarja, għar-rapporti u pubblikazzjonijiet, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u bil-posta interna tal-Kummissjoni.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll infiq ieħor funzjonali li mhuwiex speċifikament imniżżel fuq, bħalma huma l-miżati għall-parteċipazzjoni f'konferenzi (esklużi l-ispejjeż tat-taħriġ), miżati ta' sħubija f'għaqdiet kummerċjali u xjentifiċi, il-kost biex jiddaħħlu d-dettalji f'direttorji telefoniċi.

Qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawnsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili.

O2 01 05 Nefqa għas-sigurtà u l-kontroll

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
322 000	322 000	322 000,—

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU O2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O2 01 05 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-binjiet tal-Uffiċċju u nfiq ieħor relatat, partikolarment:

- l-ispejjeż relatati mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, l-aktar il-kuntratti marbuta mal-ħarsien tal-bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u x-xiri ta' oġġetti żgħar ta' tagħmir,
- spejjeż relatati mas-saħħa u s-sikurezza tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-keru u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, is-sostituzzjoni ta' tagħmir għall-gwardjani tan-nirien u l-kostijiet ta' spezzjonijiet mandatorji.

Qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju jrid jikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili.

Baziġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

O2 01 06 **Nefqa ta' dokumentazzjoni u librerija**

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	414,03

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-produzzjoni u l-iżvilupp tas-sit tal-intranet tal-Uffiċċju bħala parti mis-sit tal-intranet tal-Kummissjoni (My IntraComm), abbonamenti biex tara servizzi tad-data, l-ispiża tal-legatura u nefqa oħra meħtieġa għall-preservazzjoni ta' kotba u pubblikazzjonijiet, nefqa dwar abbonamenti għal gazzetti, perjodiċi speċjalizzati, u x-xiri ta' pubblikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi konnessi mal-attivitatijiet tal-Uffiċċju.

KAPITOLU O2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O2 01 07 Politika u ġestjoni tal-infrastruttura

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' ġestjoni u ta' konverżjoni għal ristoranti, kafetteriji u kantins.

O2 01 08 Nefqa legali relatata

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri d-danni li għandhom jitħallsu mill-Uffiċċju u dawk li jirriżultaw minn responsabbiltà ta' terzi, u nefqa relatata ma' ċerti każijiet fejn, għal raġunijiet ta' ekwità, irid jitħallas kumpens mingħajr ebda pretensjoni legali li toħroġ minnhom.

O2 01 09 Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2018/559 tas-6 ta' April 2018 dwar l-istipular ta' regoli ta' implimentazzjoni għall-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 93, 11.4.2018, p. 4).

Il-kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif stipulat fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU O2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O2 01 09 (ikompli)

O2 01 09 01 Sistemi ta' informazzjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1 935 000	1 635 000	1 710 665,61

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sistemi ta' informazzjoni (jiġifieri l-applikazzjonijiet) tal-Uffiċċju u n-nefqa relatata. L-ambitu tagħha jinkludi l-kost tas-software tan-negożju u l-kostijiet għall-iżvilupp, il-ġestjoni u t-tħaddim tal-applikazzjonijiet għall-Uffiċċju. Din tkopri b'mod partikolari:

- l-iżvilupp ta' sistemi tal-informazzjoni: riżorsi marbuta mall-analiżi, id-disinn, l-iżvilupp, il-kodifikar, l-ittestjar u r-rilaxx ta' servizzi tal-imballaġġ assoċjati ma' proġetti tal-iżvilupp ta' applikazzjonijiet,
- l-appoġġ u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-informazzjoni: l-operazzjonijiet, l-appoġġ, it-tiswija u t-titjib żgħir assoċjati mal-applikazzjonijiet eżistenti,
- l-akkwiżizzjoni ta' software tan-negożju: nefqiet tas-software, inkluż il-liċenzjar, il-manutenzjoni u l-appoġġ relatat max-xiri ta' software disponibbli kummerċjalment,
- il-ġestjoni ta' sistemi tal-informazzjoni: kostijiet relatati mal-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-ippjanar tal-IT inkluż in-nefqa għall-assistenza fuq il-ġestjoni eżekuttiva, il-ġestjoni strateġika, l-arkitettura tal-impriża, il-finanzi tal-IT u l-ġestjoni tal-bejjieġha.

O2 01 09 02 Post tax-xogħol diġitali

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
224 000	269 000	198 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-apparat tal-computing tal-utent finali u l-appoġġ lill-utenti finali. L-ambitu tagħha jinkludi l-kostijiet għax-xiri, il-bini, il-ġestjoni u t-tħaddim ta' apparat tal-computing tal-utent finali, u l-ġhotti ta' appoġġ ċentralizzati lill-utenti finali fl-Uffiċċju. Din tkopri b'mod partikolari:

- l-infrastruttura tal-computing personali: desktops fiżiċi komputazzjonali tal-klijenti (client compute), laptops portabbli, magni tħin client, periferali (inkluż monitors, apparati li jindikaw u printers personali mwaħħla) użati minn individwi biex iwettqu l-ħidma,
- l-apparat mobbli: tablets komputazzjonali tal-klijenti, smartphones u apps użati minn individwi biex iwettqu x-xogħol,

KAPITOLU O2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O2 01 09 (ikompli)

O2 01 09 02 (ikompli)

- is-software tal-utent finali: software relatat mal-klijenti użat għall-kitba, il-ħolqien, il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni ta' dokumenti u kontenut ieħor bħall-emails, il-komunikazzjonijiet, il-messaġġi, il-word processing, l-ispreadsheets, il-preżentazzjonijiet, il-pubblikazzjonijiet desktop u l-grafika,
- il-printers f'network: il-printers personali konnessi ma' network, il-printers inkjet, il-printers tal-laser, il-printers dipartimentali jew tal-copy-room, eċċ.,
- il-konferenzi u l-awdjo/vidjow: tagħmir tal-awdjo u tal-vidjokonferenzi użat tipikament fil-kmamar tal-konferenzi u fil-kmamar apposta għat-telepreżenza biex ikunu jistgħu jsiru komunikazzjonijiet tal-forza tax-xogħol,
- helpdesk tal-IT: riżorsi ċentralizzati ta' helpdesk tal-Grad 1 li jirċievi u jittratta talbiet tal-utenti, iwieġeb mistoqsijiet u jsolvi kwistjonijiet,
- appoġġ fuq il-post: riżorsi ta' appoġġ lokali li jipprovdu appoġġ fuq il-post għaċ-ċaqliq, żidiet, bidliet u riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet reali.

O2 01 09 03 Servizzi ta' Ċentru tad-*data* u networking

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
355 000	567 000	630 823,42

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet marbuta mal-faċilitajiet u s-servizzi ta' Ċentru tad-*Data*, u l-kostijiet relatati mas-sigurtà tal-IT u l-konformità. Din tkopri b'mod partikolari:

- Faċilitajiet ta' Ċentri tad-*Data*: faċilitajiet ta' ċentri tad-*data* mibnija apposta biex iżommu u jiproteġu tagħmir kritiku tal-IT, inkluż l-ispazju, l-enerġija, il-kontrolli ambjentali, l-ixkafef, il-wajers u l-appoġġ "intelliġenti", din tinkludi faċilitajiet oħra bħall-kmamar tal-kompjuters u closets li jospitaw tagħmir tal-IT fi kwartieri korporattivi, ċentri telefoniċi jew binjiet ta' uffiċċji bi skop ġenerali ieħor,
- il-kompjuttazzjoni fil-binja u bil-cloud; din tinkludi:
 - is-servers: is-servers fiżiċi u virtwali li jaħdmu fuq sistemi operattivi differenti; inkluż il-hardware, is-software u s-servizzi ta' appoġġ,
 - l-infrastruttura konverġenti: tagħmir mibni apposta li jipprovdi kapaċitajiet ta' komputazzjoni, ħażna u network f'kaxxa waħda,
 - il-mainframe: kompjuters mainframe tradizzjonali u operazzjonijiet li jħaddmu sistemi operattivi tradizzjonali,

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU O2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O2 01 09 (ikompli)

O2 01 09 03 (ikompli)

- il-ħżin fil-binja u bil-cloud: il-ħżin ċentralizzat tad-*data* u ż-żamma sigura ta' informazzjoni u *data* li tkun meħtieġa aktar tard. Il-ħażna tista' tinkludi *data* għall-programmi tal-applikazzjoni u għall-kodiċi, il-bażijiet tad-*data*, il-fajls, il-midja, l-emails u forom oħra tal-informazzjoni. Din tinkludi t-tagħmir u s-software għall-ħżin online (għall-infrastruttura ta' komputazzjoni distribwita) u għall-ħżin offline (għal arkivju, riżerva u rkupru li jappoġġaw it-telf tad-*data*, il-korruzzjoni tad-*data*, irkupri minn diżastri u r-reqwiżiti tal-konformità),
- in-network: tagħmir tad-*data* u tal-vuċi flimkien mal-metodi tat-trasport għal konnessjoni ta' sistemi u persuni, u biex in-nies ikunu jistgħu jtkellmu, din tinkludi:
 - il-LAN/WAN: network lokali fiżiku u bla fili li jikkonnetta tagħmir fiċ-ċentri tad-*data* ewlenin u li jikkonnetta lill-utenti finali fiż-żoni tax-xogħol fl-uffiċċju man-networks usa' tal-organizzazzjoni, u t-tagħmir tan-network taż-żona wiesgħa u s-servizzi ta' appoġġ li jikkonnettaw direttament lil ċentri tad-*data*, ufficiji u partijiet terzi,
 - il-vuċi: riżorsi ta' vuċi li jippermettu jew jiddistribwixxu servizzi bil-vuċi permezz ta' tagħmir fil-bini, inkluż il-PBX, il-VoIP u l-voicemail,
 - it-trasport: ċirkwiti tan-network tad-*data* u faċilitajiet u servizzi ta' aċċess assoċjati, dawn jinkludu networks tad-*data* apposta u virtwali, u l-aċċess għall-internet, u kif ukoll l-użu assoċjat mal-mobbiltà u ma' tranżiti oħrajn tad-*data* bbażati fuq kontijiet tal-użu. Ċirkwiti tan-network tal-vuċi u faċilitajiet u servizzi ta' aċċess assoċjati, u kif ukoll l-użu assoċjat ma' telefonati standard. Kemm it-trasport tal-vuċi u tad-*data* jistgħu jinkludu teknoloġiji terrestri u mhux terrestri (eż. bis-satellita),
- il-pjattaforma: il-kostijiet assoċjati ma' bażijiet tad-*data* distribwiti u sistemi ta' middleware, dawn jinkludu s-software u l-għodod tal-ġestjoni tal-bażijiet tad-*data*, u servizzi esterni,
- it-twassil: il-kostijiet għall-monitoraġġ, l-appoġġ, il-ġestjoni, u t-tħaddim ta' operazzjonijiet tal-IT, din tinkludi:
 - il-ġestjoni tas-servizzi tal-IT: riżorsi marbuta mall-attivitatijiet ta' ġestjoni ta' inċidenti, ta' problemi u ta' tibdil bħala parti mill-proċess ta' ġestjoni tas-servizz tal-IT (għajr il-helpdesk tal-Grad 1),
 - il-ġestjoni tal-programmi, tal-prodotti u tal-proġetti: riżorsi marbuta mall-ġestjoni u l-appoġġ ta' proġetti relatati mal-IT u/jew l-iżvilupp kontinwu ta' prodotti b'inizjattivi fost in-negozju u xprunati mill-IT,
 - il-ġestjoni tal-klijenti: riżorsi jew "maniġers tal-kontijiet" allinjati mal-linji tan-negozju biex jifhmu l-ħtiġijiet tan-negozju, jikkomunikaw prodotti, servizzi u status tal-IT ta' proġetti tal-IT,
 - iċ-ċentru tal-operazzjonijiet: riżorsi ċentralizzati taċ-ċentru tal-operazzjonijiet tal-IT, inkluż il-monitoraġġ u l-intervent eż., iċ-ċentru tal-operazzjonijiet tan-network (NOC), iċ-ċentru tal-operazzjonijiet globali (GOC);

KAPITOLU O2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O2 01 09 (ikompli)

O2 01 09 03 (ikompli)

- is-sigurtà, il-konformità, l-irkupru minn diżastri: il-kostijiet biex jiġu definiti, stabbiliti, infurzati u mkejla s-sigurtà, il-konformità, u t-tnejn għall-irkupru minn diżastri, din tinkludi:
 - sigurtà: politika għall-istabbiliment ta' riżorsi tas-Sigurtà tal-IT u taċ-ċibersigurtà, li tistabbilixxi proċess u mezzi, tistħarreġ il-konformità, u ttrirrispondi għal ksur tas-sigurtà, u tipprovdi sigurtà operazzjonali f'ħin reali bħalma huma skennjar tal-vulnerabbiltà, il-ġestjoni ta' firewalls, sistemi tal-prevenzjoni minn intrużjonijiet, u l-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-eventwalitajiet,
 - konformità: politika għall-istabbiliment ta' riżorsi tal-Konformità tal-IT, li tistabbilixxi kontrolli u tistħarreġ il-konformità mar-rekwiżiti legali u ta' konformità rilevanti,
 - irkupru minn diżastri: politika tal-irkupru mid-diżastri għall-istabbiliment ta' riżorsi tal-irkupru mid-diżastri tal-IT, li tistabbilixxi proċessi u mezzi, faċilitajiet apposta għall-kommutazzjoni awtomatika, it-twertiq ta' testjar tal-irkupru mid-diżastri,
- infrastruttura ta' ġestjoni tal-IT (inkluż il-loġistika): il-kostijiet relatati mal-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-ippjanar tal-infrastruttura tal-IT; din tinkludi n-nefqa għall-assistenza fuq il-ġestjoni eżekuttiva, il-ġestjoni strateġika, l-arkitettura tal-impriża, il-finanzi tal-IT u l-ġestjoni tal-bejjiegħa.

KAPITOLU O2 02 — KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI, SERVIZZI U ATTIVITAJIET INTERISTITUZZJONALI

O2 02 01 Kompetizzjonijiet interistituzzjonali

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
4 000 000	4 817 000	4 176 210,97

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba b'riżultat tal-proċeduri marbuta mall-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet differenti.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	100 000 3 2 0 2
---------------------	-----------------

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u l-aktar l-Artikoli 27 sa 31 u 33 u l-Anness III tagħhom.

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU O2 03 — SKOLA EWROPEA TAL-AMMINISTRAZZJONI (EUROPEAN SCHOOL OF ADMINISTRATION, EUSA)

O2 03 01 Taħriġ maniġerjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1 326 000	1 326 000	1 627 231,19

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet għat-taħriġ għall-uffiċjali u persunal ieħor fmetodi ta' tmexxija (kwalità u tmexxija tal-persunal, strateġija).

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	142 000 3 2 0 2
---------------------	-----------------

Bażiguridika

Deċiżjoni 2005/119/KE tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tal-Kumitat tar-Regġuni u tar-Rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tas-26 ta' Jannar 2005 dwar l-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-Iskola Amministrattiva Ewropea (ĠU L 37, 10.2.2005, p. 17).

O2 03 02 Korsijiet tad-dħul

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
867 000	867 000	575 968,50

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet għat-taħriġ fl-ambjent tax-xogħol tal-Istituzzjonijiet kemm għall-uffiċjali ġodda kif ukoll għall-persunal li jkun għadu kemm ġie rreklutat.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	63 000 3 2 0 2
---------------------	----------------

Bażiguridika

Deċiżjoni 2005/119/KE tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tal-Kumitat tar-Regġuni u tar-Rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tas-26 ta' Jannar 2005 dwar l-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-Iskola Amministrattiva Ewropea (ĠU L 37, 10.2.2005, p. 17).

KAPITOLU O2 03 — SKOLA EWROPEA TAL-AMMINISTRAZZJONI (EUROPEAN SCHOOL OF ADMINISTRATION, EUSA) (ikompli)

O2 03 03 Taħriġ għaċ-ċerifikazzjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
561 000	561 000	550 800,31

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet għat-taħriġ ta' tħejjija għall-uffiċjali biex ikollhom ċertifikat li jkun jagħti xhieda tal-ħila tagħhom li jwettqu l-obbligi ta' amministratur bil-ħsieb li dawn jiġu ttrasferiti lejn grupp oġhla ta' funzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	48 200 3 2 0 2
---------------------	----------------

Bażiguridika

Deċiżjoni 2005/119/KE tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tal-Kumitat tar-Reġjuni u tar-Rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tas-26 ta' Jannar 2005 dwar l-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-Iskola Amministrattiva Ewropea (ĠU L 37, 10.2.2005, p. 17).

KAPITOLU O2 10 — RIŻERVI

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

O2 10 01 Appropriazzjonijiet proviżorji

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

L-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan il-kapitolu huma purament proviżorji u jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment tagħhom għal kapitoli oħra skont il-proċedura stabbilita għal dak il-għan fir-Regolament Finanzjarju.

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU O2 10 — RIŻERVI (ikompli)

O2 10 02 **Riżerva ta' kontinġenza**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-ħlas tal-intitolamenti Individwali

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

Dħul

TITOLU 3

DĦUL AMMINISTRATTIV

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL

Artikolu Partita	Intestatura	Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn	%2022/2024
	KAPITOLU 3 0				
3 0 0	Taxxi u imposti				
3 0 0 0	Taxxa fuq remunerazzjonijiet	2 135 000	2 287 000	1 809 831,93	84,77
3 0 0 1	Imposti speċjali fuq ir-remunerazzjonijiet	392 000	418 000	333 342,44	85,04
	<i>Artikolu 3 0 0 — Total</i>	2 527 000	2 705 000	2 143 174,37	84,81
3 0 1	Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjonijiet				
3 0 1 0	Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema ta' pensjoni	4 154 000	4 035 000	3 201 332,96	77,07
	<i>Artikolu 3 0 1 — Total</i>	4 154 000	4 035 000	3 201 332,96	77,07
	KAPITOLU 3 0 — TOTAL	6 681 000	6 740 000	5 344 507,33	80
	Titolu 3 — Total	6 681 000	6 740 000	5 344 507,33	80

TITOLU 3
DĦUL AMMINISTRATTIV

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL

3 0 0 **Taxxi u imposti**

3 0 0 0 Taxxa fuq remunerazzjonijiet

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
2 135 000	2 287 000	1 809 831,93

Kummenti

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

Atti ta' referenza

Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

3 0 0 1 Imposti speċjali fuq ir-remunerazzjonijiet

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
392 000	418 000	333 342,44

Kummenti

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-ħlas tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjeg li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-impjegati tal-Uffiċċju.

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL (*ikompli*)

3 0 1 Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjonijiet

3 0 1 0 Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema ta' pensjoni

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
4 154 000	4 035 000	3 201 332,96

Kummenti

Dan id-dħul huwa t-total tad-dħul kollu mill-kontribuzzjonijiet imnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-persunal tal-Uffiċċju skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u użat biex tiġi ffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

TITOLU 6

DĦUL, KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET RELATATI MAL-POLITIKI TAL-UNJONI

KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

6 6 8 Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra — Dħul assenjat

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul li ma jidhirx f'partijiet oħra tat-Titulu 6 u li jwassal għall-għotja ta' approprjazzjonijiet addizzjonali maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun allokat.

NEFQA

TITOLU O3

UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

KAPITOLU O3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
	KAPITOLU O3 01				
O3 01 01	Uffiċjali u persunal temporanju				
O3 01 01 01	Remunerazzjoni u gratifiki				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	17 493 000	18 020 000	15 368 880,62	87,86
O3 01 01 02	Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, mat-trasferimenti u mal-irtirar mis-servizz				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	103 000	101 000	118 453,37	115
O3 01 01 03	Politika u ġestjoni tal-persunal				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 286 000	2 360 000	2 093 107,—	91,56
	<i>Artikolu O3 01 01 — Total</i>	19 882 000	20 481 000	17 580 440,99	88,42
O3 01 02	Persunal estern				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	20 864 000	18 782 000	16 974 492,—	81,36
O3 01 03	Nefqa maniġerjali oħra				
O3 01 03 01	Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	88 000	88 000	85 160,—	96,77
O3 01 03 02	Laqgħat, gruppi ta' esperti u spejjeż tal-konferenzi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	9 000	10 400	0,—	
O3 01 03 03	Taħriġ ulterjuri u taħriġ maniġerjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	64 000	64 000	203 224,29	317,54

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

KAPITOLU O3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
O3 01 03	<i>(ikompli)</i>				
O3 01 03 04	Laqgħat interni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 000	3 200	35 665,—	1 188,83
	<i>Artikolu O3 01 03 — Total</i>	164 000	165 600	324 049,29	197,59
O3 01 04	Infrastruttura u loġistika				
O3 01 04 01	Kirjiet u xirjiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 660 000	2 378 000	2 287 000,—	85,98
O3 01 04 02	Nefqa relatata mal-binjiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 240 000	1 137 000	946 000,—	76,29
O3 01 04 03	Tagħmir u għamara				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	69 000	74 000	74 000,—	107,25
O3 01 04 04	Servizzi u nfiq operatorju ieħor				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	209 100	229 300	227 000,—	108,56
	<i>Artikolu O3 01 04 — Total</i>	4 178 100	3 818 300	3 534 000,—	84,58
O3 01 05	Nefqa għas-sigurtà u l-kontroll				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	675 000	684 000	675 000,—	100
O3 01 06	Nefqa għad-dokumentazzjoni u libreriji				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
O3 01 07	Politika tal-infrastruttura u maniġment				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
O3 01 08	Nefqa marbuta mal-aspett legali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	

KAPITOLU O3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)
KAPITOLU O3 10 — RIŻERVI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
O3 01 09	Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni				
O3 01 09 01	Sistemi tal-infommazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	6 200 000	5 116 999	5 366 014,72	86,55
O3 01 09 02	Post tax-xogħol diġitali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	839 000	912 000	750 000,—	89,39
O3 01 09 03	Servizzi ta' Ċentru tad-Data u networking				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 331 000	1 134 000	1 675 000,—	125,85
	<i>Artikolu O3 01 09 — Total</i>	8 370 000	7 162 999	7 791 014,72	93,08
	KAPITOLU O3 01 — TOTAL	54 133 100	51 093 899	46 878 997,—	86,60
	KAPITOLU O3 10				
O3 10 01	Approprjazzjonijiet provviżorji				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
O3 10 02	Riżerva ta' kontinġenza				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU O3 10 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu O3 — Total	54 133 100	51 093 899	46 878 997,—	86,60

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĠJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

TITOLU O3

UFFIĊĠJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

KAPITOLU O3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

O3 01 01 Uffiċjali u persunal temporanju

O3 01 01 01 Remunerazzjoni u gratifiki

Ċifri (*Approprjazzjonijiet mhux differenzjati*)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
17 493 000	18 020 000	15 368 880,62

Kummenti

Dan id-dħul huwa maħsub biex ikopri, fir-rigward tal-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkunu fil-pjan tal-istabbiliment:

- salarji, gratifiki u ħlasijiet marbuta mas-salarji,
- assigurazzjoni kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u pagamenti mill-istituzzjonijiet f'isem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn biex jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,
- gratifiki u għotjiet varji oħra,
- il-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għar-remunazzjoni ta' uffiċjali u persunal temporanju u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għall-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti għajr dak tal-impjeg,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	3 275 200 3 2 0 2
---------------------	-------------------

KAPITOLU O3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O3 01 01 (ikompli)

O3 01 01 02 Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, mat-trasferimenti u mal-irtirar mis-servizz

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
103 000	101 000	118 453,37

Kummenti

Dan id-dħul huwa maħsub biex ikopri, fir-rigward tal-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkunu fil-pjan tal-istabbiliment:

- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li għandhom jingħataw lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju (inklużi l-familji tagħhom) meta jibdew l-impjieg, meta jtemmu l-impjieg jew meta jiġu ttrasferiti f'post ieħor,
- gratifiki ta' stallazzjoni jew risistemazzjoni dovuti lill-uffiċjali li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta jibdew dmirijiethom, meta jittrasferixxu lejn post ġdid ta' impjieg u meta jitilqu definittivament mis-servizz u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,
- l-ispejjeż tal-ġarr dovuti lill-uffiċjali li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta jibdew dmirijiethom, meta jittrasferixxu lejn post ġdid ta' impjieg u meta jħallu definittivament l-istituzzjoni u jmorru jgħixu xi mkien ieħor.

O3 01 01 03 Politika u ġestjoni tal-persunal

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
2 286 000	2 360 000	2 093 107,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri din in-nefqa relatata mas-Servizz Mediku:

- in-nefqa mġarrba (remunerazzjoni, assigurazzjoni, eċċ.) minħabba l-użu ta' persunal estern u persunal ta' aġenzija b'kuntratti rregolati mid-dritt privat,
- il-kostijiet tal-persunal inklużi fil-kuntratti ta' servizz għas-sottokuntrattar tekniku u amministrattiv, l-assistenza supplimentari u l-forniment ta' servizzi intellettuali.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi li jinkuraġġixxu l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta' nazzjonalitajiet differenti li jaħdmu fl-Uffiċċju,
- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal,

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI**KAPITOLU O3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)**

O3 01 01 (ikompli)

O3 01 01 03 (ikompli)

- inċi, bħala parti minn politika favur nies b'diżabbiltà, għall-persuni li jkunu f'dawn il-kategoriji:
 - uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjeg attiv,
 - konjuġi ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjeg attiv,
 - it-tfal dipendenti kollha fis-sens tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-orijini jkun intalab, kull inċi mhux ta'natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta'xi diżabbiltà u li jkun iġġustifikat.

Dħul assenjat (orijini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	589 494 3 2 0 2
---------------------	-----------------

Bażiġuridika

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

O3 01 02 Persunal estern*Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)*

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
20 864 000	18 782 000	16 974 492,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġeja:

- ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjonijiet ta' dan il-persunal,
- in-nefqa mġarrba (ir-remunerazzjoni, l-assigurazzjoni, eċċ.) minħabba l-użu ta' persunal estern u ta' persunal ta' aġenzija b'kuntratti rregolati mid-dritt privat,
- il-kosti tal-persunal inklużi fil-kuntratti ta' servizz għas-sottokuntrattar tekniku u amministrattiv, l-assistenza supplimentari u l-forniment ta' servizzi intellettuali,

KAPITOLU O3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O3 01 02 (ikompli)

— il-kost marbut mas-sekondar jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll spejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-sekondar ta' uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,

— il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	4 938 100 3 2 0 2
---------------------	-------------------

Bażiġuridika

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

O3 01 03 Nefqa maniġerjali oħra

O3 01 03 01 Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
88 000	88 000	85 160,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż aċċillari jew eċċeżżjonali li jkunu saru b'rabta ma' missjonijiet tal-istaff Uffiċċjali u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew sekondati,

— rimborż tal-kostijiet imġarrba minn persuni li jkunu qegħdin jirrapreżentaw uffiċjalment lill-Uffiċċju (ir-rimborż mhux possibbli għal spejjeż imġarrba waqt it-twettiq ta' dmirijiet ta' rappreżentanza fejn jidħol il-persunal tal-Kummissjoni jew ta' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni).

Bażiġuridika

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

KAPITOLU O3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O3 01 03 (ikompli)

O3 01 03 02 Laqgħat, gruppi ta' esperti u spejjeż tal-konferenzi

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
9 000	10 400	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' sussistenza u spejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-kost għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew fl-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet li tieħdu mill-Kummissjoni),
- nefqa mixxellanja marbuta ma' konferenzi, kongressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju.

Bażiġuridika

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

O3 01 03 03 Taħriġ ulterjuri u taħriġ maniġerjali

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
64 000	64 000	203 224,29

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- nefqa marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:
 - tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tar-riżultati,
 - tariffi ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi organizzazzjonali, immaniġġar, strateġija, kwalità u mmaniġġar tal-ħaddiema,
 - il-kost biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,

KAPITOLU 03 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

03 01 03 (ikompli)

03 01 03 03 (ikompli)

- in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ispiża tal-ikliet u tal-akkomodazzjoni għall-parteciċipanti ta' korsijiet residenzjali,
- in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u taġħrif, ma' siti tal-internet relatati u max-xiri ta' taġħmir għat-taġħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal taġħlim b'distanza, ma' kotba, ma' prodotti stampati u ma' prodotti multimedjali,
- l-iffinanzjar ta' materjal pedagoġiku.

Bażiġuridika

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

03 01 03 04 Laqgħat interni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
3 000	3 200	35 665,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost ta' xorb u ikel servut f'okkażjonijiet speċjali matul laqgħat interni.

Bażiġuridika

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

03 01 04 *Infrastruttura u loġistika*

Bażiġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar id-dħul ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-kriterji minimi tas-sigurtà u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta' taġħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artiklu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

KAPITOLU O3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O3 01 04 (ikompli)

O3 01 04 01 Kirjiet u xirjiet

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
2 660 000	2 378 000	2 287 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-binjiet tal-Uffiċċju u nefqa oħra relatata, inkluż b'mod partikolari:

- il-kostijiet tax-xiri jew kiri b'lokazzjoni tal-binjiet jew il-kostruzzjoni tal-binjiet,
- kera u ċens, taxxi varji u l-eżerċizzju tal-opzjoni tax-xiri ta' binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati, kif ukoll il-kiri ta' swali tal-konferenzi, imħażen, arkivji, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ,

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	2 191 000	3 2 0 2
---------------------	-----------	---------

O3 01 04 02 Nefqa relatata mal-binjiet

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1 240 000	1 137 000	946 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-binjiet tal-Uffiċċju u nefqa oħra relatata, inkluż b'mod partikolari:

- il-primjums tal-assigurazzjoni fuq il-binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati mill-Uffiċċju,
- tariffi tal-ilma, gass, elettriku u tisħin tal-binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati mill-Uffiċċju,
- il-kostijiet għall-manutenzjoni, maħduma fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, tal-binjiet, il-liftijiet, it-tisħin ċentrali, it-tagħmir tal-arja kundizzjonata, eċċ.; in-nefqa li tirriżulta minn tindif regolari, ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għat-tindif, għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għad-dry cleaning, eċċ., u kif ukoll għal tibjid, tiswijiet u provvisti użati mill-uffiċċini tal-manutenzjoni,
- in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u r-rimi ta' skart,

KAPITOLU O3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O3 01 04 (ikompli)

O3 01 04 02 (ikompli)

— ir-rinnovament tal-bini, eż. alterazzjonijiet fit-tqassim, alterazzjonijiet fl-istallazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq is-serraturi, l-apparat elettriku, plumbing, tibjid u kisi tal-art, u l-kost ta' bidliet fis-sistema tal-kejbils marbuta ma' installazzjonijiet fissi, u l-kost tal-apparat neċessarju (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġġeddu jew jiġu konklużi, u bil-ħsieb li tkun razzjonalizzata n-nefqa, l-Uffiċċju jrid jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (il-prezz, il-valuta magħżula, l-indiċjar, id-durata, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili).

O3 01 04 03 Tagħmir u għamara

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
69 000	74 000	74 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-binjiet tal-Uffiċċju u nefqa oħra relatata, inkluż b'mod partikolari:

- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u r-rinovament ta' tagħmir u stallazzjonijiet tekniċi,
- ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,
- ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi,
- assigurazzjonijiet ta' diversi tipi (b'mod partikolari responsabbiltà ċivili u assigurazzjoni kontra s-serq),

O3 01 04 04 Servizzi u nfiq operatorju ieħor

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
209 100	229 300	227 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-binjiet tal-Uffiċċju u nefqa oħra relatata, inkluż b'mod partikolari:

- ġarr, riorganizzazzjonijiet u ġestjoni dipartimentali (teħid tal-konsenji, ħżin, konsenja) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

KAPITOLU O3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O3 01 04 (ikompli)

O3 01 04 04 (ikompli)

- il-kost tax-xiri ta' karti, envelops, provvisti tal-uffiċċju u provvisti oħra għall-uffiċċina tal-istampar, u ta' xi stampar li jiġi esternalizzat,
- nefqa għad-debiti tal-posta u spedizzjoni għall-posta ordinarja, għar-rapporti u pubblikazzjonijiet, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u bil-posta interna tal-Kummissjoni,
- in-nefqa fuq tagħmir tax-xogħol, u partikolarment:
 - xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,
 - ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għall-persunal tal-uffiċċina teknika u ta' persunal meħtieġa jagħmlu xogħol li għalih ikun meħtieġ protezzjoni kontra temp ħażin jew kesħa, tkagħbir u ħmieġ anormali,
 - xiri jew rimbors tal-kost ta' kwalunkwe tagħmir li jista' jkun meħtieġ bis-saħħa tad-Direttivi tal-Kunsill 89/391/KEE u 90/270/KEE,
- nefqa operatorja oħra mhux speċifikament dispost għaliha hawn fuq.

O3 01 05 Nefqa għas-sigurtà u l-kontroll

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
675 000	684 000	675 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-binjiet tal-Uffiċċju u nefqa oħra relatata, inkluż b'mod partikolari:

- l-ispejjeż relatati mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, l-aktar il-kuntratti marbuta mal-għassa tal-binjiet, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u x-xiri ta' oġġetti minuri ta' tagħmir,
- spejjeż relatati mas-saħħa u s-sikurezza tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, is-sostituzzjoni ta' tagħmir għall-gwardjani tan-nirien u l-kostijiet ta' spezzjonijiet mandatorji.

Qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili).

KAPITOLU O3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O3 01 05 (ikompli)

Bażiguridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'taġħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

O3 01 06 Nefqa għad-dokumentazzjoni u libreriji

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-produzzjoni u l-iżvilupp tas-sit intranet tal-Kummissjoni (My IntraComm), l-abbonamenti mas-servizzi ta' view-data, l-ispejjeż ta' legatura u spejjeż oħrajn meħtieġa għall-preservazzjoni ta' xogħlijiet u perjodiċi ta' referenza, in-nefqa għall-abbonamenti ma' ġurnali u ġurnali perjodiċi speċjalizzati, u x-xiri ta' pubblikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi konnessi mal-attivitajiet tal-Uffiċċju.

O3 01 07 Politika tal-infrastruttura u maniġment

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri l-kostijiet marbutin mat-tmexxija u tal-konverżjoni ta' ristoranti, kafetteriji u canteens.

O3 01 08 Nefqa marbuta mal-aspett legali

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

KAPITOLU O3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O3 01 08 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri d-danni li għandhom jitħallsu mill-Uffiċċju u dawk li jirriżultaw minn responsabbiltà ta' parti terza, u n-nefqa relatata ma' ċerti każijiet fejn, għal raġunijiet ta' ekwità, għandu jitħallas kumpens mingħajr ebda pretensjoni legali li tirriżulta minnu.

O3 01 09 *Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni*

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2018/559 tas-6 ta' April 2018 dwar l-istipular ta' regoli ta' implimentazzjoni għall-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 93, 11.4.2018, p. 4).

Il-kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif previst fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

O3 01 09 01 Sistemi tal-informazzjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
6 200 000	5 116 999	5 366 014,72

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sistemi tal-informazzjoni (jiġifieri l-applikazzjonijiet) tal-Uffiċċju u n-nefqa relatata. L-ambitu tagħha jinkludi l-kost tas-software tan-negożju u l-kostijiet għall-iżvilupp, il-ġestjoni u t-tħaddim tal-applikazzjonijiet għall-Uffiċċju. Din tkopri b'mod partikolari:

- l-iżvilupp ta' sistemi tal-informazzjoni: ir-riżorsi marbuta mall-analiżi, it-tfassil, l-iżvilupp, il-kodifikar, l-ittestjar u r-rilaxx ta' servizzi tal-imballaġġ assoċjati ma' proġetti tal-iżvilupp ta' applikazzjonijiet,
- l-appoġġ u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-informazzjoni: l-operazzjonijiet, l-appoġġ, it-tiswija u t-titjib żgħir assoċjati mal-applikazzjonijiet eżistenti,
- l-akkwizzizzjoni ta' software tan-negożju: nefqiet tas-software, inkluż il-liċenzjar, il-manutenzjoni u l-appoġġ relatat max-xiri ta' software disponibbli kummerċjalment,

KAPITOLU O3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O3 01 09 (ikompli)

O3 01 09 01 (ikompli)

— il-ġestjoni ta' sistemi tal-informazzjoni: kostijiet relatati mal-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-ippjanar tal-IT, inkluż in-nefqa għall-assistenza fuq il-ġestjoni eżekuttiva, il-ġestjoni strateġika, l-arkitettura tal-intrapriża, il-finanzi tal-IT u l-ġestjoni tal-bejjiegħa.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	3 055 000 3 2 0 2
---------------------	-------------------

O3 01 09 02 Post tax-xogħol diġitali

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
839 000	912 000	750 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-apparat tal-computing tal-utent finali u l-appoġġ lill-utenti finali. L-ambitu tagħha jinkludi l-kostijiet għax-xiri, il-bini, il-ġestjoni u t-tħaddim ta' apparat tal-computing tal-utent finali, u l-ġhoti ta' appoġġ ċentralizzati lill-utenti finali fl-Uffiċċju. Din tkopri b'mod partikolari:

- l-infrastruttura tal-computing personali: desktops fiżiċi komputazzjonali tal-klijenti (client compute), laptops portabbli, magni tħin client, periferali (inkluż monitors, apparati li jindikaw u printers personali mwaħħla) użati minn individwi biex iwettqu l-ħidma,
- l-apparat mobbli: tablets kompjutazzjonali tal-klijenti, smartphones u apps użati minn individwi biex iwettqu x-xogħol,
- is-software tal-utent finali: software relatat mal-klijenti użat għall-kitba, il-ħolqien, il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni ta' dokumenti u kontenut ieħor. bħall-emails, il-komunikazzjonijiet, il-messaġġi, il-word processing, l-ispreadsheets, il-preżentazzjonijiet, il-pubblikazzjonijiet desktop u l-grafika,
- il-printers f'network: fost l-eżempji hemm il-printers personali konnessi ma' network, il-printers inkjet, il-printers tal-laser, il-printers dipartimentali jew tal-copy-room,
- il-konferenzi u l-awdjo/vidjow: tagħmir tal-awdjo u tal-vidjokonferenzi użat tipikament fil-kmamar tal-konferenzi u fil-kmamar apposta għat-telepreżenza biex ikunu jistgħu jsiru komunikazzjonijiet tal-forza tax-xogħol,
- helpdesk tal-IT: riżorsi ċentralizzati ta' helpdesk tal-Grad 1 li jirċievi u jittratta talbiet tal-utenti, iwieġeb mistoqsijiet u jsolvi kwistjonijiet,
- appoġġ fuq il-post: riżorsi ta' appoġġ lokali li jipprovdu appoġġ fuq il-post għaċ-ċaqliq, żidiet, bidliet u riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet reali.

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

KAPITOLU O3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O3 01 09 (ikompli)

O3 01 09 03 Servizzi ta' Ċentru tad-Data u networking

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1 331 000	1 134 000	1 675 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet marbuta mal-faċilitajiet u l-servizzi ta' Ċentru tad-Data, u l-kostijiet relatati mas-sigurtà tal-IT u l-konformità. Din tkopri b'mod partikolari:

- il-faċilitajiet ta' Ċentru tad-Data: faċilitajiet ta' ċentri tad-data mibnija apposta biex iżommu u jiproteġu tagħmir kritiku tal-IT, inkluż l-ispazju, l-enerġija, il-kontrolli ambjentali, l-ixkafef, il-wajers u l-appoġġ "intelliġenti", din tinkludi faċilitajiet oħra bħall-kmamar tal-kompjuters u closets li jospitaw tagħmir tal-IT fi kwartieri korporattivi, ċentri telefoniċi jew binjiet ta' uffiċċji bi skop ġenerali ieħor,
- il-kompjutazzjoni fil-binja u bil-cloud; din tinkludi:
 - is-servers: is-servers fiżiċi u virtwali li jaħdmu fuq sistemi operattivi differenti; inkluż il-hardware, is-software u s-servizzi ta' appoġġ,
 - l-infrastruttura konverġenti: tagħmir mibni apposta li jipprovdi kapaċitajiet ta' komputazzjoni, ħażna u network f'kaxxa waħda,
 - il-mainframe: kompjuters mainframe tradizzjonali u operazzjonijiet li jħaddmu sistemi operattivi tradizzjonali,
- il-ħżin fil-binja u bil-cloud: il-ħżin ċentralizzat tad-data u ż-żamma sigura ta' informazzjoni u data li tkun meħtieġa aktar tard. Il-ħażna tista' tinkludi data għall-programmi tal-applikazzjoni u għall-kodiċi, il-bażijiet tad-data, il-fajls, il-midja, l-emails u forom oħra tal-informazzjoni. Din tinkludi t-tagħmir u s-software għall-ħżin online (għall-infrastruttura ta' komputazzjoni distribwita) u għall-ħżin offline (għal arkivju, riżerva u rkupru li jappoġġaw it-telf tad-data, il-korruzzjoni tad-data, irkupri minn diżastri u r-reqwiżiti tal-konformità),
- in-network: tagħmir tad-data u tal-vuċi flimkien mal-metodi tat-trasport għal konnessjoni ta' sistemi u persuni, u biex in-nies ikunu jistgħu jikkellmu; din tinkludi:
 - il-LAN/WAN: network lokali fiżiku u bla fili li jikkonnettja tagħmir fiċ-ċentri tad-data ewlenin u li jikkonnettja lill-utenti finali fiż-żoni tax-xogħol fl-uffiċċju man-networks usa' tal-organizzazzjoni u t-tagħmir tan-network taż-żona wiesgħa u s-servizzi ta' appoġġ li jikkonnettjaw direttament lil ċentri tad-data, uffiċċji u partijiet terzi,
 - il-vuċi: riżorsi tal-vuċi li jippermettu jew jiddistribwixxu servizzi bil-vuċi permezz ta' tagħmir fil-bini, inkluż il-PBX, il-VoIP, il-voicemail u l-handsets,

KAPITOLU O3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

O3 01 09 (ikompli)

O3 01 09 03 (ikompli)

- it-trasport: ċirkwiti tan-network tad-*data* u faċilitajiet u servizzi ta' aċċess assoċjati; dawn jinkludu networks tad-*data* apposta u virtwali, u l-aċċess għall-internet. Inkluż ukoll l-użu assoċjat mal-mobbiltà u ma' tranżitu oħrajn tad-*data* bbażati fuq kontijiet tal-użu u ċirkwiti tan-network tal-vuċi u faċilitajiet u servizzi ta' aċċess assoċjati u kif ukoll l-użu assoċjat ma' telefonati standard. Kemm it-trasport tal-vuċi u tad-*data* jistgħu jinkludu teknoloġiji terrestri u mhux terrestri (eż. bis-satellita),
- il-pjattaforma: il-kostijiet assoċjati ma' bażijiet tad-*data* distribwiti u tal-mainframe kif ukoll ma' sistemi ta' middleware. Il-kostijiet jinkludu s-software u l-għodod għall-ġestjoni tal-bażijiet tad-*data*, u s-servizzi esterni,
- it-twassil: il-kostijiet għall-monitoraġġ, l-appoġġ, il-ġestjoni, u t-tħaddim ta' operazzjonijiet tal-IT; din tinkludi:
 - il-ġestjoni tas-servizzi tal-IT: riżorsi marbuta mall-attivitajiet ta' ġestjoni ta' inċidenti, ta' problemi u ta' tibdil bħala parti mill-proċess ta' Ġestjoni tas-Servizz tal-IT (għajr il-helpdesk tal-Grad 1),
 - il-ġestjoni tal-programmi, tal-prodotti u tal-proġetti: riżorsi marbuta mall-ġestjoni u l-appoġġ ta' proġetti relatati mal-IT u/jew l-iżvilupp kontinwu ta' prodotti b'inizjattivi fost in-negozju u xprunati mill-IT,
 - il-ġestjoni tal-klijenti: riżorsi jew "maniġers tal-kontijiet" allinjati mal-linji tan-negozju biex jifhemu l-ħtiġijiet tan-negozju, jikkomunikaw prodotti, servizzi u status tal-IT ta' proġetti tal-IT,
 - iċ-ċentru tal-operazzjonijiet: riżorsi ċentralizzati taċ-ċentru tal-operazzjonijiet tal-IT, inkluż il-monitoraġġ u l-intervent, eż., l-NOC (iċ-ċentru tal-operazzjonijiet tan-network), il-GTĊ (iċ-ċentru tal-operazzjonijiet globali),
- is-sigurtà, il-konformità, l-irkupru minn diżastri: il-kostijiet biex jiġu definiti, stabbiliti, infurzati u mkejla s-sigurtà, il-konformità, u t-tħejjija għall-irkupru minn diżastri; din tinkludi:
 - is-sigurtà: politika għall-istabbiliment ta' riżorsi tas-Sigurtà tal-IT u taċ-ċibersigurtà, li tistabbilixxi proċess u mezzi, tistħarreġ il-konformità, u ttrirrispondi għal ksur tas-sigurtà, u ttipprovdi sigurtà operazzjonali f'ħin reali bħalma huma l-iskennjar għall-vulnerabbiltà, il-ġestjoni ta' firewalls, sistemi tal-prevenzjoni minn intrużjonijiet, u l-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-eventwalitajiet,
 - il-konformità: politika għall-istabbiliment ta' riżorsi tal-konformità tal-IT, li tistabbilixxi kontrolli u tistħarreġ il-konformità mar-rekwiżiti legali u ta' konformità rilevanti,
 - l-irkupru mid-diżastri: politika tal-irkupri mid-diżastri għall-istabbiliment ta' riżorsi tal-irkupru mid-diżastri tal-IT, li tistabbilixxi proċessi u mezzi, faċilitajiet apposta għall-kommutazzjoni awtomatika, it-twettiq ta' testjar,
- l-infrastruttura ta' ġestjoni tal-IT (inkluż il-loġistika): il-kostijiet relatati mal-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-ippjanar tal-infrastruttura tal-IT; din tinkludi n-nefqa għall-assistenza fuq il-ġestjoni eżekuttiva, il-ġestjoni strateġika, l-arkittettura tal-intrapriża, il-finanzi tal-IT u l-ġestjoni tal-bejjiegħa.

KAPITOLU O3 10 — RIŻERVI*Bażiguridika*

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĠJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

KAPITOLU O3 10 — RIŻERVI (ikompli)

O3 10 01 *Appropriazzjonijiet provviżorji*

Ċifri (*Appropriazzjonijiet mhux differenzjati*)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

L-appropriazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma purament provviżorji u jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment lejn kapitoli oħra skont il-proċedura rilevanti stipulata fir-Regolament Finanzjarju.

O3 10 02 *Riżerva ta' kontinġenza*

Ċifri (*Appropriazzjonijiet mhux differenzjati*)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

UFFIĊĠJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOGĠISTIKA — BRUSSELL

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

DĦUL

TITOLU 3

DĦUL AMMINISTRATTIV

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL

Artikolu Partita	Intestatura	Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn	%2022/2024
	KAPITOLU 3 0				
3 0 0	Taxxi u imposti				
3 0 0 0	Taxxi fuq remunerazzjonijiet	3 706 000	3 421 000	3 309 652,46	89,31
3 0 0 1	Imposti speċjali fuq ir-remunerazzjonijiet	659 000	627 000	587 999,74	89,23
	<i>Artikolu 3 0 0 — Total</i>	4 365 000	4 048 000	3 897 652,20	89,29
3 0 1	Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni				
3 0 1 0	Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni	7 576 000	6 518 000	6 167 363,80	81,41
	<i>Artikolu 3 0 1 — Total</i>	7 576 000	6 518 000	6 167 363,80	81,41
	KAPITOLU 3 0 — TOTAL	11 941 000	10 566 000	10 065 016,—	84,29
	Titolu 3 — Total	11 941 000	10 566 000	10 065 016,—	84,29

TITOLU 3
DĦUL AMMINISTRATTIV

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL

3 0 0 *Taxxi u imposti*

3 0 0 0 Taxxi fuq remunerazzjonijiet

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
3 706 000	3 421 000	3 309 652,46

Kummenti

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-persunal tal-Uffiċċju.

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

Atti ta' referenza

Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

3 0 0 1 Imposti speċjali fuq ir-remunerazzjonijiet

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
659 000	627 000	587 999,74

Kummenti

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mir-remunazzjoni tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjeg li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-persunal tal-Uffiċċju.

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL (*ikompli*)

3 0 1 Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni

3 0 1 0 Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
7 576 000	6 518 000	6 167 363,80

Kummenti

Dan id-dħul huwa t-total tad-dħul kollu mill-kontribuzzjonijiet imnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-persunal tal-Uffiċċju skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u użat biex tiġi ffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

TITOLU 6

DĦUL, KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET RELATATI MAL-POLITIKI TAL-UNJONI

KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

Artikolu Partita	Intestatura	Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn	%2022/2024
6 6 8	KAPITOLU 6 6				
	<i>Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra — Dħul assenjat</i>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 6 6 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 6 — Total	p.m.	p.m.	0,—	

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

TITOLU 6

DĦUL, KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET RELATATI MAL-POLITIKI TAL-UNJONI

KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

6 6 8 *Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra — Dħul assenjat*

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jakkomoda, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul li ma jidherx f'partijiet oħra tat-*Titolu 6* li jintuża biex jagħti approprjazzjonijiet addizzjonali biex tkun iffinanzjata n-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun assenjat.

NEFQA

TITOLU 04

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU 04 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
	KAPITOLU 04 01				
04 01 01	Uffiċjali u aġenti temporanji				
04 01 01 01	Remunerazzjoni u gratifiki				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	36 556 000	35 763 000	32 695 903,91	89,44
04 01 01 02	Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, mat-trasferimenti u mal-irtirar mis-servizz				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	248 000	263 000	50 498,82	20,36
04 01 01 03	Politika tal-persunal u maniġment				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	<i>Artikolu 04 01 01 — Total</i>	36 804 000	36 026 000	32 746 402,73	88,98
04 01 02	Persunal estern				
04 01 02 01	Persunal estern — OIB				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	27 236 000	22 874 000	21 046 325,59	77,27
04 01 02 02	Persunal estern — Faċilitajiet tat-tcharis tat-tfal				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	12 873 000	13 774 000	14 624 000,—	113,60
	<i>Artikolu 04 01 02 — Total</i>	40 109 000	36 648 000	35 670 325,59	88,93
04 01 03	Nefqa maniġerjali oħra				
04 01 03 01	Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	80 000	80 000	109 076,60	136,35

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU 04 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

Artikolu Partita	Intestatura	Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
04 01 03	<i>(ikompli)</i>				
04 01 03 02	Laqgħat, gruppi ta' esperti u spejjeż tal-konferenzi				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	1 000	800	4 088,32	408,83
04 01 03 03	Taħriġ ulterjuri u taħriġ maniġerjali				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	262 000	262 000	282 124,90	107,68
04 01 03 04	Laqgħat interni				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	8 000	8 000	22 508,46	281,36
	<i>Artikolu 04 01 03 — Total</i>	351 000	350 800	417 798,28	119,03
04 01 04	Infrastruttura u loġistika				
04 01 04 01	Kirjiet u xirjiet				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	6 056 000	6 336 000	4 236 000,—	69,95
04 01 04 02	Nefqa relatata mal-binjiet				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	1 990 000	1 945 000	3 807 295,45	191,32
04 01 04 03	Tagħmir u għamara				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	117 000	128 000	73 095,55	62,47
04 01 04 04	Servizzi u nfiq operatorju ieħor				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	628 000	668 000	247 781,82	39,46
	<i>Artikolu 04 01 04 — Total</i>	8 791 000	9 077 000	8 364 172,82	95,14
04 01 05	Nefqa għas-sigurtà u l-kontroll				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	1 136 000	1 136 000	1 075 000,—	94,63
04 01 06	Nefqa għad-dokumentazzjoni u libreriji				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	

KAPITOLU 04 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)
KAPITOLU 04 10 — RIŻERVI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
04 01 07	Politika tal-infrastruttura u maniġment				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
04 01 08	Nefqa marbuta mal-aspett legali				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
04 01 09	Teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni				
04 01 09 01	Sistemi ta' informazzjoni				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	3 093 493	2 593 493	2 685 059,15	86,80
04 01 09 02	Post tax-xogħol diġitali				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	1 697 000	1 875 000	1 652 245,76	97,36
04 01 09 03	Servizzi ta' ċentru tad-Data u networking				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	2 690 000	2 331 000	3 610 488,67	134,22
	<i>Artikolu 04 01 09 — Total</i>	7 480 493	6 799 493	7 947 793,58	106,25
	KAPITOLU 04 01 — TOTAL	94 671 493	90 037 293	86 221 493,—	91,07
	KAPITOLU 04 10				
04 10 01	Approprijazzjonijiet provviżorji				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
04 10 02	Riżerva ta' kontinġenza				
	Approprijazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 04 10 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 04 — Total	94 671 493	90 037 293	86 221 493,—	91,07

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĠJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

TITOLU 04

UFFIĊĠJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU 04 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

04 01 01 Uffiċjali u aġenti temporanji

04 01 01 01 Remunerazzjoni u gratifiki

Ċifri (*Appropriazzjonijiet mhux differenzjati*)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
36 556 000	35 763 000	32 695 903,91

Kummenti

Dan id-dħul huwa maħsub biex ikopri, fir-rigward tal-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkunu fil-pjan tal-istabbiliment:

- salarji, gratifiki u ħlasijiet marbuta mas-salarji,
- assigurazzjoni kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-persunal temporanju u pagamenti mill-istituzzjoni sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-orijini tagħhom,
- gratifiki u għotjiet varji oħra,
- il-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għar-remunazzjoni ta' uffiċjali u persunal temporanju u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għall-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti għajr dak tal-impjeg,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Dħul assenjat (orijini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	1 250 000 3 2 0 2
---------------------	-------------------

KAPITOLU 04 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

04 01 01 (ikompli)

04 01 01 02 Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, mat-trasferimenti u mal-irtirar mis-servizz

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
248 000	263 000	50 498,82

Kummenti

Dan id-dħul huwa maħsub biex ikopri, fir-rigward tal-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkunu fil-pjan tal-istabbiliment:

- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li għandhom jingħataw lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju (inklużi l-familji tagħhom) meta jibdew l-impjieg, meta jtemmu l-impjieg jew meta jiġu ttrasferiti f'post ieħor,
- gratifiki ta' stallazzjoni jew risistemazzjoni dovuti lill-uffiċjali li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta jibdew dmirijiethom, meta jittrasferixxu lejn post għdid ta' impjieg u meta jitilqu definittivament mis-servizz u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,
- l-ispejjeż tal-ġarr dovuti lill-uffiċjali li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta jibdew dmirijiethom, meta jittrasferixxu lejn post għdid ta' impjieg u meta jħallu definittivament l-istituzzjoni u jmorru jgħixu xi mkien ieħor.

04 01 01 03 Politika tal-persunal u maniġment

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-kostijiet taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet u inizjattivi oħra kulturali u sportivi li jipromwovu l-kuntatt soċjali bejn il-persunal ta' nazzjonalitajiet differenti,
- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-kostijiet tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal,
- in-nefqa bħala parti minn politika favur nies b'diżabbiltà, għall-persuni li jkunu f'dawn il-kategoriji:
 - uffiċjali u persunal temporanju f'impjieg attiv,
 - konjuġi ta' uffiċjali u persunal temporanju f'impjieg attiv,
 - it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal.

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU 04 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

04 01 01 (ikompli)

04 01 01 03 (ikompli)

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-orìġini jkun intalab, kull infiq mhux ta' natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta' xi diżabilità u li jkun iġġustifikat.

04 01 02 Persunal estern

04 01 02 01 Persunal estern — OIB

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
27 236 000	22 874 000	21 046 325,59

Kummenti

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri:

- ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjonijiet ta' dan il-persunal,
- in-nefqa mġarrba (ir-remunerazzjoni, l-assigurazzjoni, eċċ.) minħabba l-użu ta' persunal estern u ta' persunal ta' aġenzija b'kuntratti rregolati mid-dritt privat,
- il-kost tal-persunal inkluż fil-kuntratti ta' servizz għas-sottokuntrattar tekniku u amministrattiv, assistenza supplimentari u l-forniment ta' servizzi intellettuali,
- il-kost marbut mas-sekondar jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll spejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-sekondar ta' uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	4 885 000 3 2 0 2
---------------------	-------------------

Baziġuridika

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

KAPITOLU 04 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

04 01 02 (ikompli)

04 01 02 02 Persunal estern — Faċilitajiet tat-tħaris tat-tfal

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
12 873 000	13 774 000	14 624 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri:

- ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjonijiet ta' dan il-persunal,
- in-nefqa mġarrba (ir-remunerazzjoni, l-assigurazzjoni, eċċ.) minħabba l-użu ta' persunal estern u ta' persunal ta' aġenzija b'kuntratti rregolati mid-dritt privat,
- il-kost tal-persunal inkluż fil-kuntratti ta' servizz għas-sottokuntrattar tekniku u amministrattiv, assistenza supplimentari u l-forniment ta' servizzi intellettwali,
- il-kost marbut mas-sekondar jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll spejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-sekondar ta' uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	8 000 000	3 2 0 2
---------------------	-----------	---------

Bażiguridika

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

04 01 03 Nefqa maniġerjali oħra

04 01 03 01 Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
80 000	80 000	109 076,60

IL-KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU 04 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

04 01 03 (ikompli)

04 01 03 01 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż anċillari jew eċċezzjonali li jkunu saru b'rabta ma' missjonijiet tal-istaff Uffiċjali u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew sekondati,
- rimborż tal-kostijiet imġarrba minn persuni li jkunu qegħdin jirrappreżentaw uffiċjalment lill-Uffiċċju (ir-rimborż mhux possibbli għal spejjeż imġarrba waqt it-twettiq ta' dmirijiet ta' rappreżentanza fejn jidħol il-persunal tal-Kummissjoni jew ta' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni).

Bażiguridika

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

04 01 03 02 Laqgħat, gruppi ta' esperti u spejjeż tal-konferenzi

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1 000	800	4 088,32

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għajxien u spejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-kostijiet inkidentalni għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew fl-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi tad-deċizzjonijiet li tiegħu mill-Kummissjoni),
- nefqa mixxellanja marbuta ma' konferenzi, kongressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju,
- nefqa fuq studji u konsultazzjonijiet speċjalizzati li jsiru b'kuntratti ma' esperti bi kwalifiki għolja (persuni naturali jew ġuridiċi) jekk l-Uffiċċju ma għandux haċċiem disponibbli biex iwettqu dawn l-istudji, inklużi x-xiri ta' studji li diġà saru.

Bażiguridika

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

KAPITOLU 04 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA (ikompli)

04 01 03 (ikompli)

04 01 03 03 Taħriġ ulterjuri u taħriġ maniġerjali

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
262 000	262 000	282 124,90

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- nefqa marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:
 - tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-ewalwazzjoni u l-monitoraġġ tar-riżultati,
 - tariffi ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi organizzazzjonali, immaniġġjar, strateġija, kwalità u mmaniġġjar tal-ħaddiema,
 - il-kost biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,
- in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ispiża tal-ikliet u tal-akkomodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,
Id-data tal-ispazju tal-UE li tiġi minn Galileo u minn EGNOS se tkun fattur fundamentali li jippermetti din it-trasformazzjoni billi tiffaċilita l-informazzjoni ta' pożizzjonament affidabbli u robusta meħtieġa għal attivitajiet ta' tfittxija u salvataġġ aktar rapidi. Galileo se joffri (1) kanal ta' komunikazzjoni biex tkun tista' ssir attivazzjoni tas-sinjali ta' dawl u (2) sinjali ta' kejl tad-distanza biex titjeb il-preċiżjoni tal-pożizzjoni meta mqabbel mal-GPS, it-tnejn jippermettu lokalizzazzjoni aktar rapida u aktar preċiża tal-persuna f'diffikultà. Is-sistema ta' awmentazzjoni bis-satellita (EGNOS fl-Ewropa) se toffri korrezzjonijiet addizzjonali biex titjeb il-preċiżjoni u l-integrità tal-interess għall-implimentazzjoni fis-sikurezza tal-proċess ta' salvataġġ, wara l-lokalizzazzjoni tad-diffikultà meħtieġa, ngħidu aħna, mill-operazzjonijiet ta' emerġenza tal-ħelikopters.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI (ikompli)

PP 01 23 (ikompli)

PP 01 23 06 Proġett pilota — Premju għall-Intraprendituri Żgħażaġħ Ewropej — Il-Programm tal-UE għall-Aċċellerazzjoni u l-Investment għall-Imprendituri Żgħażaġħ

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
p.m.	245 000	350 000	87 500	

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

L-intraprenditorija hija wieħed mill-valuri ewlenin tal-Unjoni. L-imprendituri żgħażaġh, il-persuni li jħarsu 'l quddiem, u n-negozji ġodda huma s-sinsla u l-futur tal-innovazzjoni Ewropea. Il-Premju għall-Imprendituri Żgħażaġħ Ewropej (YEEA) għandu l-għan li jsir il-Programm tal-UE għall-Aċċellerazzjoni u l-Investment għall-imprendituri żgħażaġh mill-Ewropa kollha, filwaqt li jirrikonoxxi u jrawwem l-innovaturi eżistenti filwaqt li jipprovdi l-iżvilupp tal-ħiliet.

Il-YEEA hija prevista bħala proġett annwali, appoġġat kemm mill-Parlament Ewropew kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea, flimkien ma' networks rilevanti, bħall Business Angels Europe, il-Fond Ewropew għall-Angels, EBAN, EE-HUB, Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ, CEA-PME, EMEN u WEgate, fost partijiet ikkonċernati oħra. Fil-Parlament Ewropew, il-YEEA se jkun ospitat u organizzat taħt il-kappa tal-UE40, in-network tal-Membri Żgħażaġħ tal-Parlament Ewropew.

L-għan huwa li 100 imprenditur żagħżugħ u żagħżugħa japplikaw għall-Programm ta' Aċċellerazzjoni u Investment taż-Żgħażaġħ kull sena. Il-YEEA se tipprovdi "punt uniku ta' servizz" għall-fondi tal-Unjoni (il-Kummissjoni, il-Bank Ewropew tal-Investment, il-fond ta' tnedija tal-UE) u l-investituri privati. Barra minn hekk, l-aqwa 10 imprendituri żgħażaġh jibbenefikaw kull sena minn mentoring imfassal apposta minn konsulenti u/jew kumpaniji magħrufa, li joffru l-għarfien tagħhom bħala kontribuzzjoni in natura għall-programm. B'hekk, il-YEEA tkun tikkostitwixxi bord ta' sondaġġ għall-ilħna tal-innovaturi u l-intraprendituri żgħażaġh.

Il-Membri Żgħażaġħ tal-Parlament Ewropew se jkollhom rwol ċentrali fir-reklamar tal-premju u l-aċċeleratur madwar l-Ewropa u fi ħdan il-kostitwenzi tagħhom biex jiżguraw li s-sejħa pubblika lill-imprendituri żgħażaġh tkun mifruxa u aċċessibbli kemm jista' jkun. Il-Membri Żgħażaġħ tal-Parlament Ewropew se jkunu promoturi tal-inizjattiva u l-messaġġ tagħha, u se jkollhom rwol kruċjali fil-komunikazzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni politika u l-iżvilupp tal-kompetizzjoni. Il-Parlament Ewropew jista' jospita avveniment annwali (Jiem ta' Investment) biex jippromwovi u jagħti l-premju.

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI (ikompli)

PP 01 24 2024

PP 01 24 01 Proġett pilota — Inizjattiva ta' Appoġġ għad-Diplomazija taċ-Ċipep

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
990 000	247 500		

Kummenti

Is-Semikondutturi huma s-sinsla tal-ekonomija moderna, il-pedament tat-teknoloġiji emerġenti, u huma fiċ-ċentru tal-kompetizzjoni ġeopolitika. L-Ewropa ma tistax issir kompletament awtodipendenti iżda tiddependi fuq pajjiżi sħab tal-istess fehma biex tiddiversifika u tiżgura l-ktajjen tal-provvista tas-semikondutturi tagħha, filwaqt li tingrana l-piż diplomatiku tagħha bl-għan li timmitiga jew tipprevjeni kriżi u tikseb awtonomija strateġika. L-Istati Uniti diġà bdew alleanza Chips4 mingħajr ma involvew lill-Unjoni. Jekk l-Ewropa trid issir attur rilevanti fil-katina tal-valur taċ-ċipep, trid tinvesti wkoll fil-kompetittività tad-diplomazija taċ-ċipep tagħha u tagħmilha pedament tal-politika barranija tagħha.

Dan il-proġett pilota jstabbilixxi 2 djalogu bilaterali bejn il-partijiet ikkonċernati Ewropej u s-sħab strateġiċi biex jissaħħu l-koordinazzjoni u l-bini tal-fiduċja fuq kwistjonijiet strateġiċi, diplomatiċi, kummerċjali u ta' sigurtà fil-kuntest tas-semikondutturi u tat-teknoloġiji tas-semikondutturi, inkluż suġġetti bħal miżuri protettivi, kontrolli tal-esportazzjoni, protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, sigurtà tal-katina tal-provvista, standards, ċertifikazzjoni u innovazzjoni ekoloġika. Huwa se jappoġġja fehim aħjar tal-katina tal-valur tas-semikondutturi u l-evoluzzjoni tagħha kif ukoll ekosistema Ewropea aktar b'saħħitha permezz ta' sħubijiet internazzjonali. L-objettivi speċifiċi ta' dan il-proġett pilota huma li jikkontribwixxi għal:

- diplomazija track 2 biex jiżiedu l-kunsens u l-koordinazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati Ewropej mhux statali rilevanti kollha tal-ekosistema tas-semikondutturi u daww tal-pajjiżi sħab, permezz ta' fluss ta' ħidma ta' djalogu.
- fehim u analiżi aħjar tal-fatturi li jaffettwaw il-katina tal-valur tas-semikondutturi u l-evoluzzjoni tagħha, permezz ta' fluss ta' ħidma ta' riċerka.
- promozzjoni tal-bażi ekonomika, il-kompetittività, it-tkabbir, l-istandards u l-kontributi tal-Unjoni għall-katina tal-valur globali tas-semikondutturi u r-reżiljenza tagħha fil-pajjiżi sħab, permezz ta' fluss ta' ħidma ta' promozzjoni.

Sabiex jintlaħqu daww l-objettivi, jenħtieġ li jiġu stabbiliti tliet flussi ta' ħidma bil-lista indikattiva ta' attivitajiet li ġejja:

- Id-djalogu: Bħala l-attività ewlenija ta' dan il-proġett, l-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' konsultazzjoni track 2 ma' sħab globali ewlenin fil-kuntest ta' suġġetti tas-semikondutturi ta' interessi kondiviżi jew konverġenti. B'kuntrastr mad-diplomazija track 1 uffiċjali li diġà tista' titwettag, id-diplomazija track 2 mhijiex uffiċjali fin-natura tagħha, tinvolvi l-industrija u hija ffaċilitata minn organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili. Dan joffri kanali ta' komunikazzjoni aktar rapidi u informali mas-sħab strateġiċi.
- Ir-Riċerka: Laqgħat ta' informazzjoni u riċerka biex jiġu appoġġjati u infurmati l-konsultazzjonijiet u forom oħra ta' involviment, u inizjattivi ta' riċerka konġunti mal-partijiet ikkonċernati minn pajjiżi sħab biex jiġu infurmati l-isforzi ta' mmappjar u monitoraġġ tal-katina tal-valur.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI (ikompli)

PP 01 24 (ikompli)

PP 01 24 01 (ikompli)

- Il-Promozzjoni: Komunikazzjoni ddedikata u kanali ta' diplomazija pubblika biex ixerrdu u jippromwovu l-politiki, l-interessi u l-kisbiet tal-Unjoni dwar iċ-ċippa fl-Ewropa u lil hinn minnha, eż. f'konferenzi jew permezz tal-media soċjali, il-media tradizzjonali, il-pubblikazzjonijiet bil-miktub u kanali oħra.

Il-prijoritajiet u r-riżultati maħsuba huma:

- li tissaħħaħ id-diplomazija track 2, il-koordinazzjoni, l-involvement u l-promozzjoni Ewropej permezz ta' djalogi u konsultazzjonijiet regolari ma' sħab globali ewlenin dwar suġġetti tas-semikondutturi ta' interessi kondiviżi jew konverġenti;
- li jiżied il-kunsens mal-pajjiżi sħab dwar kif tissaħħaħ is-sigurtà tal-katina tal-provvista u programm ta' ċertifikazzjoni tal-fonderija fdat;
- li jissaħħu l-involvement ta' diversi partijiet ikkonċernati u l-bini tal-fiduċja bejn il-partijiet ikkonċernati mhux statali Ewropej fl-ekosistema tas-semikondutturi, u mal-pajjiżi sħab;
- li titħeġġeġ il-kooperazzjoni dwar ir-R&D u l-iżvilupp tal-forza tax-xogħol ma' sħab strateġiċi;
- li jissaħħaħ it-tixrid tal-aħjar prattiki tal-Unjoni fis-sigurtà tal-katina tal-provvista, ir-R&D jew suġġetti oħra ta' interessi konverġenti;
- li jiġu appoġġjati u informati d-djalogi u d-deċiżjonijiet governattivi uffiċjali track 1 b'għarfien mill-industrija rilevanti u l-atturi tas-soċjetà ċivili fl-ekosistema tas-semikondutturi;
- li tissaħħaħ il-konverġenza bejn l-istandards, il-politiki u l-aħjar prattiki tal-Unjoni u dawk tal-pajjiżi sħab;
- li l-partijiet ikkonċernati Ewropej jiġu offruti toroq għas-sinjalar ta' delegazzjonijiet oħra.
- li jiġu appoġġjati l-attivitajiet tal-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2023/1781 li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/694 (l-Att dwar iċ-Ċipep) (ĠU L 229, 18.9.2023, p. 1), b'mod partikolari dwar il-kooperazzjoni internazzjonali u l-immappjar u l-monitoraġġ tal-ktajjen tal-provvista u tal-valur.
- li jiġu appoġġjati l-attivitajiet previsti tal-Istrateġija ta' Sigurtà Ekonomika tal-Ewropa peress li jappartjenu għas-semikondutturi u t-teknoloġiji tas-semikondutturi.

PP 01 24 02 Proġett pilota — Żvilupp ta' metodoloġija tal-impronta ambjentali speċifika għas-settur spazjali

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
2 450 000	612 500		

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI (ikompli)

PP 01 24 (ikompli)

PP 01 24 02 (ikompli)

Kummenti

Bil-pubblikazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni stabbiliet l-oġettiv li l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima. L-għan huwa li s-setturi kollha tal-Unjoni jkunu kapaċi jilqgħu din l-isfida, inkluż is-settur spazjali tal-Unjoni. Filwaqt li l-Analiżi taċ-Ċiklu tal-Ħajja (LCA) hija rikonoxxuta bħala l-aktar metodoloġija xierqa biex jitkejlu l-impatti ambjentali u tittieħed azzjoni dwarhom, bħalissa ma hemm l-ebda metodoloġija speċifika għas-settur maqbula b'mod komuni, u lanqas ma teżisti data, filwaqt li diversi aspetti ambjentali importanti mhumiex koperti minn metodi standard ta' valutazzjoni tal-impatt tal-LCA.

L-oġettiv tal-proġett pilota huwa li joħloq metodoloġija speċifika għas-settur spazjali għal-LCA tal-attivitajiet spazjali, inklużi l-ispeċifikitajiet tal-impatti fuq l-ambjenti tad-Dinja u l-impatti fuq l-ambjent spazjali:

It-tliet benefiċċji ewlenin ta' tali metodoloġiji speċifiċi għas-settur spazjali huma:

- jippermettu l-komparabbiltà tal-prestazzjoni ambjentali ta' prodott ma' dik ta' prodotti simili fis-suq Ewropew;
- jiżguraw kompetizzjoni ġusta fost il-manifatturi u jtejbu l-komunikazzjoni permezz ta' approċċ standardizzat tal-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti;
- metodoloġija bbażata fuq l-Impronta Ambjentali tal-Prodott (PEF) tgħin biex wieħed jifhem, jipprijoritizza u jtejjeb il-katina tal-provvista u l-użu tar-riżorsi permezz ta' approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja. Dan jista' jgħin biex jiġu stabbiliti miżuri biex jiġu ffrankati r-riżorsi u jiffoka fuq oqsma li għandhom l-akbar impatt fuq il-prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-prodotti.

Il-katina tal-provvista spazjali tista' tinqasam f'żewġ oqsma: id-differenzjazzjoni bejn l-impatti fuq l-ambjenti tad-Dinja u l-impatti fuq l-ambjent spazjali.

L-impatt tal-attivitajiet spazjali fuq l-ambjent tad-Dinja jikkonċerna prinċipalment il-produzzjoni u l-operazzjonijiet ta' sistemi u lanċjaturi spazjali, l-attivitajiet ta' lanċjar għat-tqegħid fl-orbita tas-sistemi, il-komponenti tas-sistema spazjali li jibqgħu ħajjin mad-dħul mill-ġdid fl-atmosfera li jgorrju fjuwil u/jew materjal radjuattiv u l-periklu bijoloġiku minħabba r-ritorn ta' kampjuni minn korpi ċelesti oħra ta' missjonijiet ta' esplorazzjoni.

L-impatti mill-attivitajiet spazjali fuq l-ambjent spazjali ġejjin mill-ħolqien ta' residwi spazjali minħabba t-tqegħid fl-orbita tas-sistemi spazjali (eż. l-istadji superjuri tal-lanċjaturi, il-brackets tar-rilaxx tas-satelliti, il-propellanti u l-emissjonijiet tal-gass fl-ispazju) u/jew ir-rimi mhux adegwat ta' oġġetti spazjali fi tmiem il-ħajja operattiva tagħhom (eż. parkeġġ orbitali tal-graveyard, passivazzjoni ta' oġġetti spazjali, dħul mill-ġdid ikkontrollat), il-frammentazzjoni u l-proliferazzjoni ta' residwi minħabba kollizzjonijiet fl-orbita bejn satelliti attivi u oġġetti tar-residwi spazjali (inklużi satelliti inattivi jew komponenti tagħhom) u fost oġġetti ta' skart spazjali, b'potenzjal ta' reazzjoni katina u l-kontaminazzjoni ta' korpi ċeletiċi oħra minħabba attivajiet robotiċi u ta' esplorazzjoni umana. Għalkemm l-LCA ambjentali mhijiex ġdida fis-settur spazjali, huma ftit ħafna s-settijiet tad-data tal-inventarju assigurati tal-kwalità u interoperabbli li huma attwalment disponibbli. Bosta aspetti ambjentali potenzjalment importanti llum mhumiex koperti mill-mudelli tal-valutazzjoni tal-impatt jew ma jitqisux minħabba nuqqas ta' informazzjoni jew kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet. Barra minn hekk, ma hemmx ftehim komuni dwar regoli speċifiċi għas-settur li jikkonċernaw analiżijiet ibbażati fuq iċ-ċiklu tal-ħajja kondiviżi tul il-katina tal-valur u lanqas sistemi ta' referenza għal sistemi, proġetti jew programmi spazjali.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI (ikompli)

PP 01 24 (ikompli)

PP 01 24 03 Proġett pilota — L-istimolu ta' proġetti qrib iċ-ċittadini tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fil-livell lokali u f'dak reġjonali

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
1 450 000	362 500		

Kummenti

Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB) hija inizjattiva kreattiva u interdixiplinari li tgħaqqad il-Patt Ekoloġiku Ewropew mal-ispace u l-esperjenzi tal-għajxien. L-inizjattiva tappellalna lkoll biex nimmaġinaw u nibnu flimkien futur sostenibbli u inklużiv li huwa sabiħ għal għajnejna, moħħna u rwieħna.

Element ewlieni tar-rabta ta' dan l-approċċ mat-territorji u s-sħab lokali huwa l-organizzazzjoni tal-Laboratorju tan-NEB. Il-Laboratorju NEB huwa spazju ta' kokreazzjoni għas-servizz tal-komunita tal-NEB, għat-twettiq ta' proġetti sbieħ, sostenibbli u inklużivi biex intejbu l-ħajja tagħna ta' kuljum. Dan jiffoka fuq li jgħaqqad in-nies, fuq it-tagħlim minn xulxin u fuq l-użu tal-esperjenza ta' kulħadd.

Element importanti ieħor huwa l-'NEB Compass', għodda li tgħin lill-promoturi jifhmu sa liema punt proġett partikolari qed jinkorpora l-approċċ tal-NEB. L-għodda tispjega xi jfissru t-tliet valuri ewlenin tal-NEB — is-sostenibbiltà, l-inklużjoni u s-sbuħija — f'kuntesti speċifiċi; u kif jistgħu jiġu integrati u kkombinati mal-prinċipji ta' ħidma ta' parteċipazzjoni u transdixiplinarjeta.

Bis-saħħa tal-fondi minn programmi differenti tal-Unjoni, l-NEB bdiet timplimenta l-bidla fil-prattika, iżda hemm aktar xi jsir. Il-Parlament Ewropew enfasizza l-ħtieġa għal fondi ddedikati għall-NEB f'diversi okkażjonijiet u b'mod partikolari fir-rapport tiegħu dwar l-NEB. Jidher li hemm nuqqas fl-għoti ta' appoġġ finanzjarju lil benefiċjarji lokali u reġjonali iżgħar fl-Ewropa li jsibu diffikulta biex jaċċessaw ir-rotot standard għall-fondi mill-Unjoni.

L-għan ta' dan il-proġett pilota huwa għalhekk li jstimula u jappoġġa proġetti qrib iċ-ċittadini tal-NEB fil-livell lokali u dak reġjonali billi jiġi ffaċilitat l-appoġġ finanzjarju, speċjalment għall-promoturi ta' proġetti żgħar. Ir-riżultati u t-tagħlim minn dan il-proġett pilota jistgħu jikkontribwixxu għall-ħidma fuq il-finanzjament fit-tul tal-NEB.

Dan il-Proġett Pilota jipproponi approċċ komprensiv b'żewġ azzjonijiet komplementari li jippromwovu l-valuri u l-prinċipji ewlenin tal-NEB u jagħtu spinta lill-proġetti li jservu t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali: il-ħolqien ta' Ċentru ta' Konsulenza għall-Finanzjament tal-NEB u l-iżvilupp ta' Skema ta' Vawċers tal-Laboratorju NEB.

(a) Azzjoni A - Ċentru ta' Konsulenza għall-Finanzjament tal-NEB

Iċ-Ċentru ta' Konsulenza Innovattiv għall-Finanzjament tal-NEB ifittex u jimmapja l-opportunitajiet ta' fondi għal proġetti lokali allinjati mal-NEB, sabiex jistgħu jiksibu l-finanzjament inizjali. Iċ-Ċentru jkollu l-għan li jtejjeb il-veloċita u l-effiċjenza li bihom il-proġetti jistgħu jitqabblu mal-finanzjament, b'mod partikolari mill-filantropija u l-finanzjament kollettiv, iżda li jinkludu sorsi pubbliċi u privati oħra. L-ewwel stadju tal-implimentazzjoni ta' dan il-proġett pilota jista' jikkonsisti f'sensiela ta' attivitajiet, pereżempju:

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI (ikompli)

PP 01 24 (ikompli)

PP 01 24 03 (ikompli)

— il-*ħolqien ta' pjattaforma interattiva tal-IT fejn l-investituri tal-ekonomija soċjali, l-organizzazzjonijiet filantropiċi, kif ukoll kwalunkwe investitur ieħor, kemm jekk pubbliċi kif ukoll privati, ifasslu profil tagħhom infushom b'mod uniformi biex iħabbu r-rieda tagħhom li jappoġġaw liċ-Ċentru. Il-pjattaforma tal-IT tista' tinkludi wkoll pjattaforma ta' finanzjament kollettiv li taqdi l-finijiet taċ-Ċentru.*

— il-*ġbir u l-iskrinjar tal-applikazzjonijiet tal-proġetti allinjati mal-NEB. L-applikazzjonijiet tal-proġett jiġu skrinjati skont sett ta' kriterji oġġettivi biex jiġi żgurat l-allinjament mal-valuri u l-oġġettivi tal-NEB. Iċ-Ċentru jista' jipprovdi konsulenza u għarfien lill-promoturi tal-proġetti biex jimmassimizzaw il-possibbiltajiet li jattiraw fondi mill-privat.*

Fl-orizzont ta' terminu medju sa twil, iċ-Ċentru jista' jevolvi biex jipprovdi:

— *servizz għall-klijenti għal proġetti u promoturi — “punt uniku ta' servizz”;*

— *funzjoni ta' tiftix komprensiva u oġġettiva għall-investituri biex tiffaċilita l-ilħuq tal-aktar proġetti xierqa mill-perspettiva tagħhom stess u fis-settur speċifiku tagħhom stess.*

(b) *Azzjoni B - Skema ta' Vawċers tal-Laboratorju NEB*

L-*Iskema ta' Vawċers tal-Laboratorju NEB tkun tikkonsisti f'somom f'daqqa fil-forma ta' vawċers ipprovduti fuq bażi ta' allokkazzjoni kompetittiva u trasparenti għal proġetti qrib iċ-ċittadini fuq skala żgħira proposti kemm mill-awtoritajiet lokali u dawk reġjonali kif ukoll mill-organizzazzjonijiet tas-settur privat (speċjalment l-SMEs u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ).*

Din l-*azzjoni għandha l-għan li tappoġġa:*

— *l-użu u l-implimentazzjoni tal-valuri u l-prinċipji ewlenin tal-NEB (proċessi transdixxiplinarji, ta' involviment f'diversi livelli u parteċipatorji); kif ukoll*

— *proġetti b'impenn ċar ippruvat lejn il-valuri tal-NEB, filwaqt li tistimula u tappoġġa lill-komunità tal-NEB.*

L-*Iskema ta' Vawċers tal-Laboratorju NEB se tfittex li tippremja lil dawk l-atturi u l-proġetti b'impenni ppruvati għall-NEB, li jaħdmu b'mod inklużiv ta' governanza f'diversi livelli ffukat fuq l-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà, skont il-valuri tal-NEB.*

L-*Iskema ta' Vawċers tal-Laboratorju NEB ikollha ostakli għad-dħul baxxi biex tilħaq lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u postijiet li normalment ma jipparteċipawx f'tali proġetti u jiffinanzjaw proġetti tal-NEB (eż. EUR 30 000 - 50 000 għal kull vawċer), li jaħdmu lejn ir-riġenerazzjoni ekonomika, is-sostenibbiltà u l-koeżjoni tas-soċjetà, li jiffaċilitaw il-bidliet industrijali u soċjali, inklużi l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.*

It-twertiq tal-*Iskema ta' Vawċers tal-Laboratorju NEB jista' jingħaqad ukoll mal-ħidma li diġà qed issir mill-Komunità Bauhaus Ewropea l-Ġdida tal-EIT u jibni fuqha.*

L-*attivitajiet operattivi taħt dan il-proġett pilota jiġu implimentati miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), bis-sħubija mal-Kumitat tar-Regġuni.*

Il-JRC jikkoopera mas-sħab tal-Komunità tal-NEB, il-Komunità NEB tal-EIT, u jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni, bħad-DĠ REGIO, id-DĠ BUDG u d-DĠ ECFIN.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI (ikompli)

PP 01 24 (ikompli)

PP 01 24 04 Proġett pilota — It-Tishih taż-Żamma tat-Talenti għar-Riċerka fl-Ewropa

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
500 000	125 000		

Kummenti

It-tisħiħ tal-istabbiltà tal-mekkaniżmi ta' finanzjament u t-tnaqqis tal-prevalenza ta' kuntratti b'terminu fiss għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka huma pass kruċjali biex il-karrieri fir-riċerka jsiru aktar attraenti. Fit-13 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma dawk li għandhom talent fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-Ewropa (COM(2023) 436). Din il-proposta tintroduċi limitu ta' terz tal-kuntratti b'terminu fiss fir-riżorsi umani totali tar-riċerka ta' impjegatur partikolari u thegħeġ lill-impjegaturi li diġà joperaw taħt dan il-limitu biex jimmiraw għal rati saħansitra aktar baxxi. Bħalissa, madwar żewġ terzi tal-persunal xjentifiku tal-universitajiet u kważi l-kandidati kollha tal-PhD għandhom kuntratti temporanji, u dan jagħmel dan għan ambizzjuż ħafna. Anke malli tintlaħqu din il-mira, għadd sinifikanti ta' membri tal-persunal xorta se jkun fuq kuntratti temporanji.

Lil hinn mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta, hemm mertu friflessjoni tar-rwol tal-programm tal-Orizzont Ewropa fl-indirizzar ta' din l-isfida għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Orizzont Ewropa huwa l-akbar programm ta' riċerka fid-dinja u għalhekk għandu l-cloud biex imexxi t-triq lejn iż-ŻER li rridu.

Għalhekk, dan il-proġett pilota għandu dawn l-oġettivi:

(1) Jinkoraġġixxi lill-organizzazzjonijiet li jimpjegaw talent fir-riċerka b'finanzjament ibbażat fuq il-proġetti biex jimmaniġġjaw aħjar il-kapital uman tagħhom billi jaqilbu minn reklutaġġ u żamma bbażati fuq il-proġetti għal pożizzjonijiet ta' riċerka sostenibbli u fit-tul, u jipprovdu l-ħiliet u l-għarfien meħtieġa lill-persunal temporanju tagħhom għal proġetti futuri jew progressjoni fil-karriera fi ħdan l-istess organizzazzjoni;

(2) jappoġġa u jinkoraġġixxi lill-organizzazzjonijiet biex iħeju u jassistu b'mod proattiv lill-persunal temporanju tagħhom biex isibu opportunitajiet xierqa meta ma jkunx disponibbli aktar impjeg fl-istess organizzazzjoni.

Sabiex dawn l-oġettivi jintlaħqu, dan il-proġett pilota għandu:

(1) jikseb fehim komprensiv tal-istrateġiji tal-impjegaturi għall-offboarding tal-impjegati kif ukoll tal-prattiki nazzjonali biex jiġu identifikati strateġiji ta' suċċess li effettivament jinkoraġġixxu l-qgħad tar-riċerkaturi, b'mod partikolari dawk dipendenti fuq il-finanzjament tal-proġetti;

(2) jiżviluppa u jagħmel aċċessibbli l-aħjar Prattiki u għodod li jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet biex jgħammru lill-impjegati tagħhom bil-ħiliet u l-għarfien meħtieġa, filwaqt li jimminimizzaw l-impatt negattiv ikkawżat mit-tranżizzjonijiet tal-impjegati;

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI (ikompli)

PP 01 24 (ikompli)

PP 01 24 04 (ikompli)

(3) jinkoraġġixxi u jippromwovi l-użu tal-aħjar prattiki u għodod li jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet biex jgħammru lill-impjegati tagħhom bil-ħiliet u l-ġharfien meħtieġa, filwaqt li jimminimizzaw l-impatt negattiv ikkawżat mit-tranżizzjonijiet tal-impjegi, bħala strateġija ta' medjazzjoni meta ma jkunux jistgħu jiġu offruti kuntratti permanenti;

(4) jiżviluppa xenarji u jivvaluta l-fattibbiltà tagħhom fid-dawl ta' modalitajiet ġodda ta' finanzjament u kuntrattwali għall-proġetti tal-Orizzont Ewropa biex titrawwem il-bidla mixtieqa fil-prattiki ta' reklutaġġ u żamma tal-benefiċjarji tal-Orizzont Ewropa. Dawn ix-xenarji jistagħu jivvalutaw ukoll il-fattibbiltà ta' garanzija Ewropea offruta lill-organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka li jimpjegaw persunal ta' riċerka għall-implimentazzjoni ta' proġett Orizzont Ewropa b'kuntratt li jkun ferm itwal miż-żmien tal-operat tal-proġett.

Fl-aħħar nett, meta wieħed iqis l-interess ta' kull Stat Membru fil-prevenzjoni tal-qgħad tar-riċerkaturi, diġà hemm fis-seħħ prattiki nazzjonali. Għalhekk, komputu ewlieni ieħor huwa li dawn il-prattiki nazzjonali jiġu mmappjati u mqabbla biex jiġu identifikati strateġiji ta' suċċess li effettivament jiskoraġġixxu l-qgħad tar-riċerkaturi, b'mod partikolari dawk li jiddependu fuq il-finanzjament tal-proġetti.

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

Kummenti

L-appropriazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura sperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom. It-total tagħhom jikkorrispondi mal-livell tal-appropriazzjonijiet murija fl-Artikolu 02 20 01.

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2), il-punt (a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

PP 02 17 2017

PP 02 17 01 Proġett pilota — Is-sensibilizzazzjoni ta' alternattivi għal karozza privata

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	306 478	0,—	306 478,—

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA**KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ** (*ikompli*)PP 02 17 (*ikompli*)PP 02 17 01 (*ikompli*)*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 02 17 03 Proġett Pilota — Arkitettura tal-ispazju tal-ajru “Ajru Uniku Ewropew” (SES)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 02 18 2018

PP 02 18 02 Proġett pilota — Kampanja ta' sensibilizzazzjoni pan-Ewropea dwar is-sikurezza stradali

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	237 620,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (*ikompli*)

PP 02 19 2019

PP 02 19 02 Proġett pilota — L-avvanz tad-dekarbonizzazzjoni industrijali permezz ta' valutazzjoni tal-użu tal-enerġiji rinnovabbli fil-proċessi industrijali

Ċifri (*Approprjazzjonijiet differenzjati*)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 02 19 03 Proġett pilota — Patt tas-Sindki bħala strument għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku

Ċifri (*Approprjazzjonijiet differenzjati*)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	420 000	p.m.	1 134 649	0,—	1 109 649,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 02 19 04 Proġett pilota — Kuntest tal-lpprogrammar madwar l-UE

Ċifri (*Approprjazzjonijiet differenzjati*)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	494 718,03

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA**KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ** (ikompli)

PP 02 19 (ikompli)

PP 02 19 05 Proġett pilota — Pjattaforma ta' servizzi diġitali integrati għaċ-ċittadini u n-negozji

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	436 777,50

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 02 20 2020

PP 02 20 01 Proġett pilota — Mudelli ta' approċċi bbażati fuq l-impatt soċjali għall-akkomodazzjoni soċjali u l-emanċipazzjoni tar-Rom: l-ittestjar tal-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi għal eżiti soċjali aħjar

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	800 000	0,—	71 083,21

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti bil-proġetti pilota.

PP 02 20 02 Proġett pilota — Ekotikkettar għall-avjazzjoni / Proġett ta' dimostrazzjoni għall-introduzzjoni ta' sistema ta' ekotikketta volontarja fil-qasam tal-avjazzjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	96 900,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti bil-proġetti pilota.

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PP 02 20 (ikompli)

PP 02 20 05 Proġett pilota — Kapaċità ta' ekoloġizzazzjoni tal-portijiet marittimi Ewropej

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	162 000	0,—	107 924,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti bil-proġetti pilota.

PP 02 20 06 Proġett pilota — Repożitorju tal-komunitajiet tal-enerġija — Monitoraġġ u appoġġ għall-komunitajiet tal-enerġija fl-Unjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	49 153	p.m.	483 000	0,—	442 372,50

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti bil-proġetti pilota.

PP 02 20 07 Proġett pilota — L-involviment tal-kumpaniji fit-tranżizzjoni tal-enerġija

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	350 000	p.m.	688 000	0,—	344 151,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti bil-proġetti pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PP 02 20 (ikompli)

PP 02 20 08 Proġett pilota — Żvilupp ta' intelliġenza artifiċjali (AI) għad-dijanjożi u t-ttrattament tal-kanċer pedjatriku

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	650 126	p.m.	895 354	0,—	650 125,50

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti bil-proġetti pilota.

PP 02 20 09 Proġett pilota — Mobilità urbana intelliġenti li tinvolvi vetturi awtonomi

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	3 178	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti bil-proġetti pilota.

PP 02 20 10 Proġett pilota — L-iżvilupp ta' aġenda strateġika ta' riċerka, innovazzjoni u implimentazzjoni kif ukoll ta' pjan direzzjonali għal ugwaljanza lingwistika diġitali sħiħa fl-Ewropa sal-2030

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	500 000	0,—	799 862,94

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti bil-proġetti pilota.

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PP 02 20 (ikompli)

PP 02 20 11 Proġett pilota — Appoġġ għal kooperazzjoni akbar fost l-industrija, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u l-awtoritajiet tal-Istati Membri għat-tneħħija immedjata ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	522 144,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti bil-proġetti pilota.

PP 02 21 2021

PP 02 21 01 Proġett pilota — L-ikkompletar tat-tranżizzjoni ekoloġika u t-tranżizzjoni diġitali: Alleanza Diġitali Ekoloġika Ewropea

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	419 300	p.m.	450 000	0,—	179 700,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti bil-proġetti pilota.

PP 02 21 02 Proġett pilota — Il-promozzjoni tal-ġestjoni u l-iżvilupp sostenibbli tal-portijiet fil-baċir tar-Renu-Main-Danubju

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	920 000	p.m.	364 000	0,—	0,—

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PP 02 21 (ikompli)

PP 02 21 02 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti bil-proġetti pilota.

PP 02 21 03 Proġett pilota — It-trawwim tad-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku u t-tranżizzjoni ekoloġika fl-Ewropa permezz tal-użu ta' pjattaforma innovattiva Ewropea GovTech

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	539 980	p.m.	450 000	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti bil-proġetti pilota.

PP 02 21 04 Proġett pilota — RESTwithEU

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	353 646	p.m.	500 000	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti bil-proġetti pilota.

PP 02 21 05 Proġett pilota — Mobilità rurali sostenibbli għar-reżiljenza rigward il-COVID-19 u appoġġ għall-ekoturiżmu

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	640 006	p.m.	453 000	799 968,—	0,—

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PP 02 21 (ikompli)

PP 02 21 05 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 02 21 06 Proġett pilota — Soluzzjonijiet intelliġenti għat-telexogħol fl-industriji mhux diġitalizzati

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	275 000	0,—	158 100,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti bil-proġetti pilota.

PP 02 21 07 Proġett Pilota — Kuntratti Intelliġenti — Standards Ewropej għal protokoll ta' tranżazzjonijiet awtomatizzati li jeżegwixxu kuntratti

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	262 500	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti bil-proġetti pilota.

PP 02 21 08 Proġett Pilota — Żona Ferrovarja Unika Ewropea — Kuritur Prototip Munich-Verona

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	350 000	p.m.	316 000	790 500,—	0,—

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PP 02 21 (ikompli)

PP 02 21 08 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti bil-proġetti pilota.

PP 02 21 09 Proġett Pilota — Proġett IRS Bliet Intelliġenti: kunċett ġdid tal-istazzjon ferrovjarju għal bliet intelliġenti ekoloġiċi u soċjalment inklużivi

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	1 59 000	0,—	350 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti bil-proġetti pilota.

PP 02 21 10 Proġett pilota — L-effett ta' vetturi effiċjenti fl-enerġija u li jiġġeneraw l-enerġija solari fuq il-kapaċità tal-grilja u l-infrastruttura tal-iċċarġjar

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	668 844	p.m.	796 000	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti bil-proġetti pilota.

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PP 02 22 2022

PP 02 22 01 Proġett pilota — Forom ġodda ta' kuntratti fl-ekonomija diġitali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	295 250	p.m.	147 625	590 500,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 02 22 02 Proġett Pilota — Manwal komprensiv għall-ħolqien ta' ekosistemi lokali ta' Mobbiltà Urbana tal-Ajru (UAM) fl-Ewropa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	362 000	1 590 500,—	1 590 500,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 02 23 2023

PP 02 23 01 Proġett pilota — Spazju għall-Metavers

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti		
p.m.	400 000	800 000	200 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PP 02 23 (ikompli)

PP 02 23 01 (ikompli)

Il-metavers huwa l-konverġenza ta' ideat li issa ilhom jeżistu għal xi snin: ir-realtà virtwali (VR), ir-realtà awmentata (AR), u t-teknoloġija blockchain. Il-metavers jimplika network ta' ambjenti virtwali aċċessati permezz ta' apparati differenti fejn l-utenti jistgħu jinteraġixxu, jissoċjalizzaw, jaħdmu, jilagħbu u jikkunsmaw f'ambjent diġitali immersiv li jirrifletti ħafna mid-drawwiet tagħna fid-dinja reali.

Filwaqt li l-Kummissjoni qed tikkunsidra bir-reqqa r-regolamentazzjoni tal-metavers, l-għarfien ġenerali ta' x'tinvolti din it-teknoloġija emerġenti għadu limitat ħafna jew lil hinn mill-komprensjoni medja għas-soċjetà kollha kemm hi, u għal dawk li jfasslu l-politika u l-impjegati taċ-ċivili tal-Unjoni b'mod partikolari. Madankollu, huma jehtgħilhom jilleġiżlaw dwar din id-dinja diġitali li qed tevolvi, fost oqsma oħra, fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, il-protezzjoni tad-data, il-privatezza, kif ukoll il-livell ta' responsabbiltà tal-individwi meta jaġixxu fl-isfera virtwali. X'inhu l-metavers, kif jopera, x'esperjenzi ta' VR jista' joffri, x'inhuma l-implikazzjonijiet potenzjali tal-użu tiegħu u l-attivitajiet imwettqa f'dak l-ambjent, eċċ., huma mistoqsijiet li t-tweġibiet tagħhom għadhom vagi, tal-anqas, għall-maġġoranza.

Dan il-proġett pilota jippermetti jew joħloq spazju għall-metavers fi ħdan korp tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni b'invoviment leġiżlattiv determinanti biex iqarreb il-fenomenu lejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, jagħmlu aċċessibbli biex wieħed jifhem aħjar ir-riperkussjonijiet ta' din id-dinja diġitali futuristika, u biex iżid l-għarfien tiegħu għal leġiżlazzjoni aħjar dwaru, meta jasal iż-żmien.

L-ispatzju għall-metavers fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni ikun miftuħ għal interazzjonijiet ma' gruppi ta' ħidma, professjonisti, gruppi ta' riflessjoni, esperti tat-teknoloġija, xjentisti, ġuristi, psikologi soċjali, regolaturi tal-istat, u uffiċjali eletti - u r-riflessjonijiet tagħhom jikkontribwixxu biex jiġi elaborat qafas regolatorju eventwali dwar il-fenomenu tal-metavers.

PP 02 23 02 Proġett pilota — Aċċess mingħajr monopolju għall-applikazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
p.m.	250 000	500 000	125 000	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PP 02 23 (ikompli)

PP 02 23 02 (ikompli)

Ambjenti moderni ta' smartphone, tablet u (dejjem aktar) desktop stabbilixxew swieq, bħal Google Play Store jew Apple App Store, għall-installazzjoni u l-manutenzjoni tal-apps. Dawk il-postijiet tas-suq joffru apps konvenjenti u kkurati li jiġu akkost ta' ostaklu kbir għad-dħul fis-suq għal fornituri iżgħar u inqas għażla għall-konsumaturi. Każijiet reċenti ta' antitrust (AT.40437 Apple — App Store Practices (streaming ta' mużika)) enfasizzaw il-problema bl-app stores, u l-Kummissjoni pproponiet ir-Regolament dwar l-Atti dwar is-Swieq Diġitali sabiex tinħoloq aktar kompetizzjoni fis-suq. Minkejja l-leġiżlazzjoni u l-każijiet tal-antitrust, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni nfushom ma joffrux lill-konsumaturi għażla ħielsa biex jużaw jew jitbiegħdu mis-swieq dominanti. Pereżempju l-apps kollha tal-android rilaxxati mill-Kummissjoni, bħal Events@EU, EUROSTAT u myregion huma disponibbli biss fuq il-Google Play store.

Il-proġett pilota għandu l-għan li jestendi l-infrastruttura teknika tal-Unjoni biex jiġu rilaxxati, miżmuma u promossi l-applikazzjonijiet tal-Unjoni mingħajr ma tkompli tissaħħaħ il-pożizzjoni fis-suq tal-app stores tal-gwardjani. L-enfasi tal-proġett pilota tinkludi l-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jirrilaxxaw l-apps tagħhom fuq app stores alternattivi eżistenti, inkluż f-droid li għandha l-għan li tippromwovi apps rilaxxati taħt liċenzji b'sors miftuħ. Dan jinkludi wkoll ir-rilaxx tal-kodiċi sors tal-apps għan-nies biex jibnu l-apps waħedhom u biex jirrilaxxaw il-fajls APK għall-illowdjaw laterali mingħajr l-użu ta' app store. Dik il-ħidma hija konsistenti mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021)8759 dwar il-liċenzjar b'sors miftuħ u l-użu mill-ġdid tas-software tal-Kummissjoni u għanjiet ta' politika ġenerali oħra tal-Kummissjoni u tal-Parlament Ewropew.

PP 02 23 03 Proġett pilota — Żvilupp ta' studju biex tingħata spinta lill-intelliġenza artifiċjali ambjentalment sostenibbli fl-UE - IA Ekoloġika

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
p.m.	212 500	425 000	106 250	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Fil-White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) ippubblikata fi Frar 2020 mill-Kummissjoni Ewropea, is-sostenibbiltà ambjentali tissemma b'mod espliċitu bħala sfida għall-futur immedjat tal-Ewropa. Dan l-istudju jfittex li jallinja l-istrateġija Ewropea tal-IA u l-azzjonijiet tagħha mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex l-UE ssir waħda mir-reġjuni ewlenin fl-adozzjoni tal-aħjar prattiki fl-iżvilupp ta' mudelli sostenibbli tal-IA.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PP 02 23 (ikompli)

PP 02 23 03 (ikompli)

L-IA għandha potenzjal qawwi għal impatt ambjentali. Mil-lat pożittiv, l-IA u t-teknoloġiji analitiċi tad-data għandhom il-potenzjal li jaċċelleraw l-analiżi ta' volumi kbar ta' data, li jippermettu fehim aħjar tal-isfidi ambjentali u jipprovdu soluzzjonijiet għalihom. Dan se jipprovdi mekkaniżmi għal ippjanar ambjentali mtejjeb, teħid ta' deċiżjonijiet u monitoraġġ tat-theddid ambjentali. B'mod speċifiku, l-IA tista' tgħin biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u tar-riżorsi, tiġi promossa d-dekarbonizzazzjoni u tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari. Aspett interessanti ieħor huwa l-użu tal-IA biex jiġu analizzati r-riżultati ta' esperimenti xjentifiċi tal-passat u biex l-esperimenti futuri jirnexxu aktar.

Mil-lat negattiv, l-IA toħloq ukoll għadd ta' theddidiet ambjentali. L-użu ta' soluzzjonijiet tal-ICT jammonta għal 5-9 % tal-konsum tal-elettriku madwar id-dinja, u jista' jilħaq 20 % sal-2030, skont ir-rapport tal-Parlament Ewropew "The role of Artificial Intelligence in the European Green Deal" (Ir-rwol tal-Intelliġenza Artifiċjali fil-Patt Ekoloġiku Ewropew). Fil-prattika, dan irrappreżenta bejn 1 100 u 1 300 miljun tunnellata (Mt) ta' CO₂ fl-2020. Barra minn hekk, l-istudju "Etika għall-adozzjoni sostenibbli tal-IA li tgħaqqad l-IA u l-ESG" werja li l-emissjonijiet tal-karbonju għat-taħriġ ta' mudell uniku għall-ipproċessar tal-lingwa naturali kien ekwivalenti għal 125 titjira bir-ritorn bejn New York u Beijing. B'referenza speċifika għall-użu tal-IA, xi artikli xjentifiċi dwar l-impatt ambjentali tagħha jiddifferenzjaw bejn l-IA ħamra, jew l-IA intensiva fl-enerġija, u l-IA ekoloġika, imfassla skont il-parametri tal-effiċjenza enerġetika. Bħala eżempju, ta' min jinnota li r-riżorsi tal-computing meħtieġa għat-taħriġ tal-mudelli tal-IA ilhom jirdupjaw kull 3.4 xhur mill-2012, hekk kif qed jiġu mfittxija mudelli aktar preċiżi. Il-fatturi li jixprunaw din iż-żieda fil-konsum jistgħu jinġabru fil-qosor fi tlieta: il-kost tat-tħaddim ta' mudell tal-IA fiżolament, id-daqs tas-sett tad-data għat-taħriġ u l-għadd ta' esperimenti iperparametriċi mwettqa.

Il-qasam ta' prijorità 2021 tal-Pjan Ikkordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali "Bring AI in play for climate and environment" (Nużaw l-IA għall-klima u l-ambjent) jinkludi azzjonijiet li għandhom l-għan li javvanzaw IA aktar ekoloġika. Dawn l-azzjonijiet jinkludu l-appoġġ għar-riċerka dwar it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija tal-IA permezz tal-programm Orizzont Ewropa; u l-iżvilupp ta' proċessuri b'konsum baxx tal-enerġija għall-applikazzjonijiet tal-IA permezz ta' Orizzont Ewropa u s-Sħubija Ewropea istituzzjonalizzata dwar it-Teknoloġiji Diġitali Ewlenin. Madankollu, il-Pjan Ikkordinat ma jiffukax fuq l-inċentivar tal-iżviluppaturi biex jużaw IA ekoloġika.

F'dan il-kuntest, dan il-proġett pilota għandu l-għan li jwettaq studju biex jiddefinixxi elementi li jinċentivaw lill-iżviluppaturi tal-IA biex jaqilbu minn IA intensiva fl-enerġija għal IA ambjentalment sostenibbli (IA ekoloġika) li jippromwovi proċeduri għal effiċjenza aħjar u li jindika l-impronta tal-karbonju ta' sistema tal-IA, inkluż l-esplorazzjoni ta' "immarkar tal-effiċjenza enerġetika u tal-intensità tal-karbonju" u "tikkertta tal-IA ekoloġika". B'dan il-mod, dan l-istudju se jikkontribwixxi biex jiffirma l-biċċa l-kbira tal-attivitajiet meħtieġa għall-ekoloġizzazzjoni tal-IA sabiex ikun jista' jservi bħala bażi għal programm ta' algoritmi ekoloġiċi Ewropej potenzjali jew għal kwalunkwe leġiżlazzjoni dwar l-IA ekoloġika li tista' tiġi kkunsidrata fil-futur. Il-proposta għal Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali ma tinkludi l-ebda inċentiv jew obbligu biex jiġi kkalkulat u ssimulat l-impatt ambjentali tas-sistemi tal-IA, għalhekk dan l-istudju ma jkun qed jikkoinċidi ma' kwalunkwe azzjoni, programm jew liġi eżistenti attwali.

Implimentazzjoni

L-attivitajiet ewlenin tal-istudju jiffukaw fuq l-identifikazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri ta' soluzzjonijiet mhux teknoloġiċi biex jittaffa l-impatt ambjentali li jirriżulta mill-użu ta' soluzzjonijiet tal-IA, bħall-iżvilupp ta' proċeduri tal-aħjar Prattika, għodod u l-bażi ta' għarfien meħtieġa biex tiġi indirizzata din l-isfida.

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PP 02 23 (ikompli)

PP 02 23 03 (ikompli)

B'mod speċifiku, peress li l-konsum tal-enerġija u l-intensità tal-karbonju tas-sistemi tal-IA qed jiffaċċaw bħala l-problema ambjentali ewlenija, huma previsti l-attivitajiet li ġejjin sabiex l-iżviluppaturi/il-fornituri jiġu inċentivati jibdlu:

- l-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki u l-ġenerazzjoni ta' repożitorju li jinkludi eżempji ta' disinn u applikazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija li jistgħu jservu bħala prattiki tajba għan-negozji;
- abbażi ta' dan, l-iżvilupp ta' linji gwida u metodoloġija għal algoritmi effiċjenti, li jinkludu l-aħjar data identifikata u mudelli mħarrġa minn qabel mill-perspettiva tar-razzjonalizzazzjoni tal-attività ta' taħriġ. L-objettiv huwa li jiġu identifikati mudelli li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija billi jiġi bbilanċjat il-volum ta' data meħtieġa biex jitħarreġ mudell, l-ammont ta' ħin biex jitħarreġ u l-għadd ta' iterazzjonijiet biex jiġu ottimizzati l-parametri tagħha, u b'hekk titnaqqas l-intensità tal-karbonju tagħha. Minħabba l-fatt li bħalissa ma hemm l-ebda metodoloġija biex jiġi kkalkulat u ssimulat l-impatt ambjentali tas-sistemi jew tal-algoritmi tal-IA, dan l-istudju jistabbilixxi l-bażi għall-iżvilupp tagħhom u jħeġġeġ l-introduzzjoni tagħha;
- l-iżvilupp ta' "immarrar tal-effiċjenza enerġetika u tal-intensità tal-karbonju" għas-sistemi tal-IA, jiġifieri, immarrar li permezz tiegħu żviluppatur/fornitur jista' jindika l-impronta tal-karbonju ta' sistema tal-IA kkalkulata billi jiġi stmat il-konsum tal-enerġija tat-taħriġ u l-eżekuzzjoni tal-algoritmi, inkluż l-iżvelar ta' informazzjoni dwar is-sors tal-enerġija u l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Dan l-immarrar ikun jeħtieġ id-definizzjoni ta' standards minimi u skala ta' effiċjenza, kif ukoll metodoloġija u proċedura għall-iżvelar tal-informazzjoni;
- abbażi tal-"effiċjenza enerġetika u l-immarrar tal-intensità tal-karbonju", l-iżvilupp ta' "tikketta tal-IA ekoloġika", jiġifieri, tikketta li biha jiġu rikonnoxxuti s-sistemi tal-IA inqas intensivi fil-karbonju u l-aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li tippromwovi t-tekniki u l-proċeduri użati għal effiċjenza aħjar;
- l-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet oħra li jinċitaw bħala d-definizzjoni ta' indikaturi biex jitkejjel il-livell ta' sostenibbiltà tal-IA u l-użu tas-sostenibbiltà bħala kriterju ta' valutazzjoni fl-akkwist pubbliku;
- it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' kampanja ta' disseminazzjoni biex jiġu enfasizzati r-riżultati miksuba bl-istudju, li se sservi biex titqajjem kuxjenza dwar il-potenzjal tal-użu tal-IA ekoloġika bħala vettur għas-sostenibbiltà ambjentali.

PP 02 23 04 Proġett pilota — Żvilupp ta' għodod ta' interoperabbiltà fis-suq uniku diġitali

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
p.m.	200 000	400 000	100 000	

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PP 02 23 (ikompli)

PP 02 23 04 (ikompli)

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

L-internet iwassal għal tkabbir u innovazzjoni b'veloċitajiet bla preċedent. Iżda huwa fil-biċċa l-kbira minsi li wieħed mill-prinċipji arkitettoniċi oriġinali tiegħu kien l-interoperabbiltà. Servizzi bħall-Web u l-email huma bbażati fuq l-interoperabbiltà. Madankollu, illum, is-servizzi ta' sistema diversa u deċentralizzata bi standards miftuħa ġew sostitwiti b"“walled gardens” (ambjenti kkontrollati) b'utenti mwaħħlin minn għadd żgħir ta' kumpaniji, speċjalment is-servizzi tal-messenger u tal-media soċjali. Dan il-proġett pilota jista' jservi bħala l-ewwel pass biex tiġi indirizzata din id-dominanza tas-suq u b'hekk jikkontribwixxi biex jintlaħqu kundizzjonijiet ekwi fis-settur diġitali b'appoġġ għall-SMEs Ewropej. L-għan ta' dan il-proġett pilota jkun li jiġu identifikati l-għażliet għall-interoperabbiltà, il-vantaġġi, l-isfidi u s-soluzzjonijiet tekniċi potenzjali għas-servizzi tal-messenger u tal-media soċjali bħala l-ewwel pass lejn l-iżvilupp ta' standards ta' interoperabbiltà miftuħa. Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) (ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1) diġà jindirizza l-interoperabbiltà għas-servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri fl-Artikolu 7 u jitlob lill-Kummissjoni tevalwa jekk il-kamp ta' applikazzjoni għandux jiġi estiż għas-servizzi ta' networking soċjali online. Dan il-proġett pilota jista' jikkontribwixxi għal tali evalwazzjoni u għalhekk, jista' joħloq aktar kompetizzjoni fejn servizzi u prodotti kompatibbli jistgħu jipplaggjaw f'sistemi mdawra b"“walled gardens” u b'hekk jippermettu lil aktar kumpaniji jikkompetu ma' gwardjani diġitali. Għalhekk, dan jikkontribwixxi għall-alternattivi Ewropej, l-awtonomija strateġika Ewropea u jrawwem is-sovranià diġitali Ewropea. Sabiex dawk l-għodod jirnexxu, element ċentrali jkun li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tad-data, trasparenza u għażla tal-utenti.

PP 02 23 05 Proġett pilota — Korp Ewropew għall-istandards tal-fjuwil tal-ġettijiet u ċ-ċertifikazzjoni tas-sikurezza

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
990 000	247 500	1 000 000	250 000	

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

L-għan ta' dan il-proġett pilota hu li jippromwovi s-supremazija u l-awtonomija Ewropea fl-istandards tal-fjuwil għall-avjazzjoni. Bħalissa, l-Unjoni tistabbilixxi standards tal-fjuwil għal diversi modi ta' trasport għal raġunijiet ta' sikurezza u sostenibbiltà, iżda dan mhuwiex il-każ fis-settur tal-avjazzjoni. Dan jippreżenta sfidi f'termini ta' zġurar u promozzjoni tal-interessi tal-UE inkluż fis-supremazija teknoloġika u s-sostenibbiltà, kif ukoll fl-isforzi biex jiġu evitati ostakli fiċ-ċertifikazzjoni u jiġi żġurat li jinżamm l-interess pubbliku.

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (*ikompli*)

PP 02 23 (*ikompli*)

PP 02 23 05 (*ikompli*)

Sabiex ikun hemm konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-miri stabbiliti mir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jstabilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1), anke fis-settur tat-trasport b'mod ġenerali u l-avjazzjoni b'mod partikolari, hija meħtieġa evoluzzjoni kostanti lejn it-tnaqqis tal-impatt klimatiku u ambjentali tal-fjuwils tal-ġettijiet eżistenti u futuri. Fil-fatt, il-kompożizzjoni tiegħu ikollha impatt dirett fuq l-ammont ta' emissjonijiet ta' CO₂ għal kull passiġġier kull kilometru iżda anke fuq emissjonijiet non-CO₂, li l-impatt klimatiku tagħhom huwa stmat mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) li huwa d-doppju ta' dak tal-emissjonijiet tas-CO₂ waħedhom. Filwaqt li l-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli (SAFs), u b'mod aktar partikolari l-fjuwils sintetiċi, jgħinu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ billi jissostitwixxu dejjem aktar il-fjuwil konvenzjonali, fir-Regolament (UE) 2023/2405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwi għal transport bl-ajru sostenibbli (ReFuelEU Aviation) (ĠU L, 2023/2405, 31.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2405/oj>) għadu previst li għal ħafna snin il-fjuwil fossili tal-ġettijiet se jibqa' jkollu l-akbar sehem fit-taħlita ta' fjuwils tal-avjazzjoni. Barra minn hekk, hija preċiżament il-preżenza ta' aromatiċi u kubrit fil-pitrolju li tikkawża impatti non-CO₂, u din trid tiġi indirizzata b'urġenza.

Waħda mir-restrizzjonijiet esperjenzati hija l-fatt li l-proċess ta' standardizzazzjoni attwali għall-fjuwil tal-ġettijiet iseħħ kważi esklużivament fi ħdan ASTM International, organizzazzjoni privata bbażata fl-Istati Uniti li tgawdi pożizzjoni kważi monopolistika. L-istatus quo attwali jirriskja li eventwalment idewwem u jxekkel l-iżvilupp rapidu u l-adozzjoni ta' opportunitajiet potenzjali ta' innovazzjoni fil-kompożizzjoni tal-fjuwil tal-ġettijiet, inklużi s-sikurezza, il-minimizazzjoni tal-effetti non-CO₂, it-tniġġis u l-emissjonijiet tas-CO₂ mistennija fis-snin li ġejjin. Hemm bżonn li l-Unjoni tkun imħejjija bis-sħiħ sabiex ikollha l-awtonomija tagħha f'dan il-qasam, kif inhu l-każ f'ħafna setturi oħra, biex tkun tista' tkun minn tal-ewwel. Anke r-Renju Unit għandu korp ta' standardizzazzjoni għall-fjuwils tal-avjazzjoni, fatt li jħalli l-Unjoni waħedha f'dan ir-rigward u b'hekk idgħajef l-awtonomija tagħha.

Għalhekk, fid-dawl tal-bidliet previsti fil-qasam tal-fjuwil tal-ġettijiet, inklużi r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni ulterjuri tal-SAFs stabbiliti fir-Regolament (UE) 2023/2405, u minħabba l-bżonn li titrawwem l-innovazzjoni fil-qasam tal-emissjonijiet u t-tniġġis żero, huwa importanti li tiġi żgurata l-awtonomija strateġika tal-Unjoni. Dan il-proġett pilota jkun l-ewwel pass biex jippermetti għodda utli li tippovdi l-istrutturi meħtieġa biex l-Unjoni tiddeċiedi dwar standards u kriterji rigward il-fjuwils tal-avjazzjoni u l-kwalitajiet fit-taħlit. Aspett partikolari jkun li finalment isir progress fit-tnaqqis tal-limiti minimi għall-aromatiċi u l-kubrit, filwaqt li titrawwem l-evoluzzjoni fit-teknoloġiji tal-magni u titwitta t-triq biex il-ġettijiet joperaw bi fjuwils li jkunu komposti 100 % minn SAFs.

Minħabba l-implikazzjonijiet rilevanti tas-sikurezza għas-settur tal-avjazzjoni, ikun tajjeb li dan il-proġett pilota jesplora l-possibiltajiet u r-rekwiżiti għal entità bbażata fl-Unjoni, u f'dan is-sens jidentifika liema rwol jista' jkollha l-EASA f'dan il-proċess.

Fl-aħħar nett, jidher evidenti li dan il-proġett pilota jappoġġja diversi objettivi tal-Unjoni, fosthom dawk tal-awtonomija strateġika, is-supremazija teknoloġika, l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti, il-Programm tal-Avjazzjoni Sostenibbli tal-EASA, ir-Regolament (UE) 2023/2405, u diversi politiki tal-avjazzjoni u industrijali oħra. Barra minn hekk, jista' faċilment ifittex kollaborazzjoni ma' korpi u inizjattivi tal-avjazzjoni internazzjonali biex tiġi żgurata l-konsistenza u l-armonizzazzjoni fil-livell internazzjonali, mingħajr periklu għall-avjazzjoni internazzjonali, filwaqt li jippromwovi objettivi ta' sikurezza u sostenibbiltà akbar.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PP 02 23 (ikompli)

PP 02 23 06 Proġett pilota — Proposta għal Approċċ Ewropew Konġunt lejn l-Iskart Radjuattiv

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
p.m.	400 000	1 000 000	250 000	

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

L-invażjoni militari predatorja Russa mnedija fi Frar 2022 kontra l-istat sovrani tal-Ukrajna mhijiex biss attakk sfaċċat fuq l-istat tad-dritt u d-demokrazija iżda wkoll tfakkira li l-Unjoni teħtieġ tinvesti fl-awtonomija strateġika tagħha. Sakemm l-Unjoni ma jkollhiex sistema tal-enerġija reżiljenti, li tista' tiżgura biżżejjed is-sigurtà tal-provvista, se tibqa' vulnerabbli għal pressjonijiet ġeopolitiċi permezz ta' esportazzjonijiet tal-enerġija użata bħala armi.

L-enerġija nukleari hija rikonoxxuta biżżejjed bħala sors ta' enerġija sigur, affidabbli u dekarbonizzata. Għalhekk hemm potenzjal għal rwol akbar tal-enerġija nukleari fit-taħlita tal-enerġija tagħna bħala sors tal-enerġija dekarbonizzata li jista' jnaqqas drastikament il-ħtieġa tagħna għall-importazzjonijiet u b'hekk isahha l-awtonomija strateġika tal-Unjoni.

Il-valutazzjoni teknika tal-enerġija nukleari mwettqa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka fl-2021 ikkonfermat il-kunsens tekniku u xjentifiku wiesa' dwar formazzjonijiet ġeoloġiċi profondi bħala mod xieraq, sikur u fattibbli biex jintrema l-iskart radjuattiv tul perjodi ta' żmien twal ħafna. Barra minn hekk, il-proċeduri attwali ta' ħżin għal fjuwil nukleari użat u tipi oħra ta' skart intermedju u ta' livell għoli li jinfirxu faċilment ma kinux maħsuba biex ikunu sostenibbli fit-tul.

Barra minn hekk, l-abbozz tal-att delegat komplementari dwar l-inklużjoni tal-enerġija nukleari għat-tassonomija, kif propost mill-Kummissjoni, jiddikjara li l-Istati Membri jeħtieġ li jkollhom "pjan b'passi dettaljati biex, sal-2050, ikun hemm faċilità tar-rimi għall-iskart radjuattiv ta' livell għoli".

Il-qafas legali attwali dwar il-ġestjoni u l-vjeġġi tal-iskart nukleari għandu l-bażi tiegħu fit-Trattat Euratom u huwa żviluppat aktar kemm permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad- 19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv (ĠU L 199, 2.8.2011, p. 48) kif ukoll permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/117/Euratom ta' l- 20 ta' Novembru 2006 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli nukleari eżawrit (ĠU L 337, 5.12.2006, p. 21). Kif inhu bħalissa, l-iskart radjuattiv huwa kwistjoni nazzjonali u r-rimi tiegħu huwa kompetenza li taqa' esklussivament f'kull wieħed mill-Istati Membri. B'mod aktar speċifiku, id-Direttiva 2011/70/Euratom tirrikjedi li l-Istati Membri jstabbilixxu u jżommu qafas leġiżlattiv, regolatorju u organizzattiv nazzjonali (l-Artikolu 5) li jinkludi l-adozzjoni ta' programm nazzjonali għall-ġestjoni ta' fjuwil użat u skart radjuattiv, li jkopri t-tipi kollha ta' fjuwil użat u skart radjuattiv taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu u l-istadji kollha tal-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv mill-ġenerazzjoni sar-rimi (l-Artikolu 11).

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (*ikompli*)PP 02 23 (*ikompli*)PP 02 23 06 (*ikompli*)

Il-vjeġġi ta' skart radjuattiv lejn faċilità komuni ta' rimi fil-livell tal-Unjoni jkunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fil-Kapitolu 2 tad-Direttiva 2006/117/Euratom, li jitratta l-"vjeġġi intra-Komunitarji". Għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-Kummissjoni waqqfet grupp ta' esperti dwar l-aspetti finanzjarji tal-back-end nukleari, inkluża faċilità ta' rimi ġeoloġiku fil-fond, biex tappoġġja lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-elementi ta' spejjeż, finanzjament u fondi ta' faċilitajiet bħal dawn. L-attivitajiet taħt dak il-programm ta' ħidma tal-grupp ta' esperti jenħtieġ li jitqiesu bħala komplementari għal xi wħud mill-attivitajiet proposti taħt dan il-proġett.

Filwaqt li r-rimi ta' skart radjuattiv fi Stat Membru ieħor huwa permess, l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/70/Euratom jistipula li kull Stat Membru għandu jkollu r-responsabbiltà aħħarija għall-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv iġġenerat fih. Il-possibbiltà tar-rimi ta' skart radjuattiv fi Stat Membru ieħor hija rregolata mill-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2011/70/Euratom, li jgħid hekk: "L-iskart radjuattiv għandu jintrema fl-Istat Membru fejn kien iġġenerat, sakemm fiż-żmien tal-vjeġġ ma jkunx daħal fis-seħħ ftehim [...] bejn l-Istat Membru kkonċernat u Stat Membru ieħor [...] biex tintuża faċilità tar-rimi fwiehed minnhom". Tali ftehimiet għandhom b'hekk jiġu inklużi fil-programm nazzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 12(1), il-punt (k), skont liema: "Il-programmi nazzjonali [...] għandhom jinkludu: [...] (k) jekk hemm, il-ftehim(iet) konkluż(i)".

Fl-istess ħin, l-Istati Membri huma mħeġġa jipplanaw fit-tul u jinkludu repożitorji tal-iskart nukleari ġeoloġiċi profondi fil-pjanijiet nazzjonali rispettivi tagħhom.

Mil-lum, l-ebda pajjiż madwar id-dinja ma għandu repożitorju ġeoloġiku fil-fond għall-fjuwil nukleari użat li qed jopera. Bħalissa, il-Finlandja qed tibni wieħed u l-Iżvezja u Franza biss għandhom pjanijiet realistiċi għal repożitorji ġeoloġiċi fil-fond tal-iskart biex ikunu disponibbli kmieni fl-2030ijiet. Il-bqija tal-Istati Membri għad m'għandhomx tali kunċetti sabiex il-proġetti futuri possibbli xorta jdmu għexieren ta' snin biex isiru operazzjonali. Madankollu, il-pjanijiet ta' disinn Franċiż iqisu biss il-kapaċitajiet ta' rimi għal kwalunkwe skart radjuattiv Franċiż li jeżisti jew li huwa previst minn issa.

Filwaqt li l-impjanti tal-enerġija nukleari huma l-aktar ovvj, ċertament mhumiex l-uniku sors ta' skart radjuattiv. L-industrija, l-isptarijiet u t-tagħmir mediku, iċ-ċentri ta' riċerka u l-universitajiet, kollha jipproduċu skart radjuattiv. L-Istati Membri kollha, irrispettivament mill-fatt li jkollu l-enerġija nukleari fit-taħlita tal-enerġija tiegħu jew le, jipproduċi u jkollu jitratta xi tip ta' skart radjuattiv. Aħna nemmnu li l-isforzi finanzjarji u ta' inġinerija enormi meħtieġa, minbarra l-perjodi ta' kostruzzjoni estremament twal, jagħmlu d-duplikazzjoni ta' diversi repożitorji ġeoloġiċi profondi mxerrda madwar l-Unjoni tidher estremament ineffiċjenti.

Għalhekk, se jitnieda l-proġett pilota, f'kooperazzjoni mad-DĠ ENER, u, jekk jirnexxi, jitkompla permezz ta' azzjoni preparatorja (AP). Dak il-proċess jista' jieħu l-forma ta' studju ta' fattibbiltà dwar repożitorju ġeoloġiku profond tal-iskart nukleari ta' użu komuni Ewropew imwettaq minn, pereżempju iżda mhux limitat għal, il-"Pjattaforma tat-Teknoloġija tal-Implimentazzjoni tar-Rimi Ġeoloġiku tal-Iskart Radjuattiv": l-għarfien maħluq mill-(IGD-TP) se jkun ta' rilevanza kbira.

L-għan ta' studju bħal dan ikun li jippermetti lil dawk li jfasslu l-politika jivvalutaw id-data inkwistjoni, jekk teknikament, finanzjarjament u f'termini ta' effiċjenza ġenerali, il-ġbir flimkien tar-riżorsi Ewropej biex jittrattaw l-iskart radjuattiv jagħmilx sens u jiddetermina jekk ikunx meħtieġ rieżami tal-leġiżlazzjoni attwali li tippermetti tali approċċ Ewropew konġunt għall-ġestjoni tal-iskart radjuattiv.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PP 02 23 (ikompli)

PP 02 23 06 (ikompli)

L-enfasi primarja għandha tkun fuq l-azzjonijiet abilitanti meħtieġa, b'mod partikolari sistema komuni ta' klassifikazzjoni tal-iskart radjuattiv fl-Unjoni, segwita minn definizzjoni tal-allokkazzjoni tar-responsabbiltajiet, is-sjeda/titlu u l-obbligi finanzjarji bejn il-ġeneraturi tal-iskart, l-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tal-iskart (fejn relevanti) u l-Istati Membri li jipparteċipaw fi proġett ta' repożitorju ġeoloġiku fil-fond reġjonali. Is-salvagwardji nukleari għandhom jitqiesu fil-bidu tal-analiżi flimkien mal-aspetti ta' sikurezza u sigurtà.

PP 02 24 2024

PP 02 24 02 Proġett pilota — L-iżvilupp ta' infrastruttura transfruntiera tal-korsiji għaċ-ċiklisti

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
800 000	200 000		

Kummenti

Iċ-ċikliżmu huwa mezz ta' trasport tajjeb għas-saħħa, b'emissjonijiet żero u relattivament irħis u li jista' jnaqqas id-dipendenza fuq it-trasport dipendenti fuq il-fjuwils fossili.

Dan iżid l-attrawenza taż-żoni urbani, joħloq struttura għda ta' mobbiltà lokali u jnaqqas it-traffiku.

B'konsegwenza taż-żieda fil-prezz tal-fjuwils fossili mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina, iċ-ċikliżmu riċentament sar iktar popolari.

Il-bini ta' korsiji ġodda transfruntiera għaċ-ċiklisti jiffaċilita l-mobbiltà taċ-ċittadini affettwati mill-faqar fit-trasport filwaqt li jħeġġu liż-żgħażaġh bi stil ta' ħajja sedentaru biex jiprattikaw iċ-ċikliżmu.

Il-korsiji għaċ-ċiklisti jistgħu jinbnew fuq is-sit ta' ferroviji li m'għadhomx jintużaw jew, jekk ikun possibbli, jistgħu jinbnew f'żoni għall-mixi tul l-ilmijiet, u f'żoni inaċċessibbli għall-karozzi sabiex ma jixxekklix it-traffiku fit-toroq.

Madankollu, sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal taċ-ċikliżmu u l-għan li jiġi rduppat l-għadd ta' kilometri koperti miċ-ċiklisti fl-Ewropa sal-2030, huwa importanti li tinkiseb ħarsa ġenerali aħjar tas-sitwazzjoni kurrenti fl-Istati Membri. Tali ħarsa ġenerali bħal din tippermetti li ssir analiżi infurmata ta' kemm hemm bżonn ta' infrastruttura taċ-ċikliżmu.

Għalhekk, dan il-proġett pilota se jservi biex:

- tiġi definita l-metodoloġija għall-ġbir tad-data rilevanti dwar iċ-ċikliżmu, u
- tinġabar data dwar għadd ta' kilometri ta' infrastruttura eżistenti taċ-ċikliżmu fl-Istati Membri, il-kwalità tal-infrastruttura kif ukoll dwar is-sehem modali taċ-ċikliżmu.

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PP 02 24 (ikompli)

PP 02 24 02 (ikompli)

L-għan ewlieni se jkun li tiġi pprovduta bażi solida għall-valutazzjonijiet sussegwenti fuq kemm mill-infrastruttura eżistenti taċ-ċikliżmu fl-Unjoni tkun teħtieġ li tiġi estiża.

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU

Kummenti

L-approprijazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura sperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom. It-total tagħhom jikkorrispondi għal-livell ta' approprijazzjonijiet li jidhru taħt l-Artikolu 03 20 01.

Bażiguridika

L-Artikolu 58(2), il-punt (a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

PP 03 17 2017

PP 03 17 03 Proġett pilota — monitoraġġ ambjentali tal-użu tal-pestiċidi permezz tan-naħal tal-għasel

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	388 143,32

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PP 03 18 2018

PP 03 18 01 Proġett pilota — Tisħiħ tal-kapaċità ta' internazzjonalizzazzjoni permezz ta' networks Ewropej ta' SMEs

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	105 192,90

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 18 02 Proġett pilota — Ittestjar indipendenti emissjonijiet f'sewqan reali (RDE) fit-triq biex jiġu żgurati informazzjoni wiesgħa u trasparenza għal sorveljanza aħjar tas-suq

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	983 812,40

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 18 03 Proġett pilota — Valutazzjoni tad-differenzi allegati fil-kwalità tal-prodotti mibjugħin fis-suq uniku

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti tal-proġett pilota.

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PP 03 19 2019

PP 03 19 01 Proġett pilota — Il-kwalità tas-servizzi fit-turiżmu

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjali)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	125 970,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 19 02 Proġett pilota — Access għall-internet b'banda wiesgħa bis-satellita lill-iskejjel mhux konnessi biex jiksbu kontenuti multimedjali edukattivi

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjali)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti tal-proġett pilota.

PP 03 19 03 Proġett pilota — Eliminazzjoni tal-lakuni fid-*data* u l-istabbiliment ta' miżuri pan-Ewropej għas-sikurezza kontra n-nirien

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjali)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	251 340,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA**KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU (ikompli)**

PP 03 19 (ikompli)

PP 03 19 06 Proġett pilota — Limitazzjoni tal-kwalità doppja u t-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi fl-Unjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjali)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	67 378,07

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 20 2020

PP 03 20 01 Proġett pilota — Destinazzjonijiet "Intelliġenti"

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjali)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	697 000	0,—	118 800,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 20 02 Proġett pilota — Valutazzjoni tal-isfidi u l-opportunitajiet relatati mal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq b'rabta mat-teknoloġiji l-ġodda u l-katina tal-provvista diġitali

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjali)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	57 069	0,—	199 457,80

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PP 03 20 (ikompli)

PP 03 20 03 Proġett pilota - Studju ta' fattibbiltà ta' reġistru Ewropew tal-assi fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-evażjoni tat-taxxa

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	189 950	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 20 04 Proġett pilota — Il-benessri tal-baqar tal-ħalib, inklużi miżuri għall-protezzjoni ta' għoġġiela tal-ħalib mhux miftuma u annimali li jkunu waslu fi tmiem il-karriera tagħhom

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	343 725	p.m.	206 235	0,—	383 442,50

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 20 05 Proġett pilota — L-aħjar prattiki għal tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni tal-bajd mingħajr gaġeġ u b'benessri aħjar

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	417 193	0,—	182 007,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PP 03 21 2021

PP 03 21 01 Proġett pilota — Forum Ewropew dwar il-ħela tal-ikel fil-livell tal-konsumatur

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	250 000	p.m.	450 000	250 000,—	62 500,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 03 21 02 Proġett pilota — Monitoraġġ tas-sjieda tal-midja

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	149 236	p.m.	599 680	0,—	460 882,43

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 21 03 Proġett pilota — Monitoraġġ tal-impatti ta' żoni ta' kummerċ ħieles u linji gwida għall-modernizzazzjoni futura fid-dawl tal-Patt Ekoloġiku Ewropew

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	177 150,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PP 03 22 2022

PP 03 22 01 Proġett pilota — Superviżjoni integrata ta' istituzzjonijiet u attivitajiet finanzjarji deċentralizzati

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	1 25 000	250 000,—	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 03 22 02 Proġett Pilota — L-appoġġ għall-ekoturiżmu Ewropew fil-kuntest tal-kriżi kkawżata mill-COVID-19

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	682 850	p.m.	292 650	975 500,—	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 03 22 03 Proġett Pilota — Żona Unika Ewropea għall-Infurzar Diġitali

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	p.m.	260 000	990 500,—	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA**KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU (ikompli)**

PP 03 22 (ikompli)

PP 03 22 04 Proġett Pilota — Ir-rwol tal-liġijiet dwar id-drittijiet tal-awtur fl-iffaċilitar tal-edukazzjoni u r-riċerka mill-bogħod

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	695 250	700 000	175 000	690 500,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 03 23 2023

PP 03 23 01 Proġett pilota — Bini ta' Kapaċità għall-Ekosistema tat-Turiżmu – Access għall-fondi tal-Unjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
p.m.	p.m.	3 000 000	750 000	

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti tal-proġett pilota.

L-ekosistema tat-turiżmu hija rappreżentata fil-livell ta' 99,9 % minn SMEs u partijiet ikkonċernati żgħar oħra. Il-proporzjon ta' kumpaniji mikro u żgħar huwa partikolarment għoli fil-lukandi, il-bars u r-ristoranti, fejn ħafna sidien joperaw b'mod indipendenti jew taħt franchise minn gruppi kbar. Sfida komuni mqajma mill-komunità tat-turiżmu fl-aqgħat differenti tat-Task Force dwar it-Turiżmu fil-Kumitat TRAN hija dik tal-aċċess għall-fondi tal-Unjoni. Il-magħgoranza tal-partijiet ikkonċernati fit-turiżmu jemmnu fl-importanza li tinħoloq linja baġitarja xierqa għat-turiżmu, iżda sakemm din ma ssirx realtà, l-ekosistema tat-turiżmu trid titgħallem kif tikseb aċċess għall-14-il programm differenti li għaddejjin bħalissa fil-qafas pluriennali.

Il-gwida li nħarġet dan l-aħħar dwar il-fondi tal-Unjoni għat-turiżmu għandha l-għan li tgħin lill-ekosistema tat-turiżmu ssib opportunitajiet. Il-mistoqsija hi: kif tista' l-Unjoni tibni kapaċità biex il-komunità tat-turiżmu u partijiet oħra tal-ekosistema tat-turiżmu jiksbu aċċess għal dawk is-sejħiet differenti kollha? Dan hu l-aħħar pass biex il-mikrointrapriżi u l-SMEs jingħataw is-setgħa u biex l-ekosistema tat-turiżmu tkun konxja mill-fondi tal-Unjonidisponibbli, tikseb aċċess għalihom u ssib sħubijiet u Konsorzji, l-aħjar Prattiki u għodod oħra.

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU (*ikompli*)

PP 03 23 (*ikompli*)

PP 03 23 01 (*ikompli*)

Mir-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri bit-titlu "Appoġġ mill-UE lit-turiżmu: Ħtieġa għal orjentazzjoni strateġika ġdida u approċċ ta' finanzjament aħjar" joħroġ li, matul il-qafas finanzjarju pluriennali preċedenti, l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni b'appoġġ għall-ekosistema tat-turiżmu tal-Unjoni kienu parzjalment effettivi.

Il-perkors ta' tranżizzjoni għat-turiżmu enfasizza wkoll il-bżonn li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-fondi tal-Unjoni, il-bżonn li tinbena l-kapaċità, l-appoġġ permezz ta' assistenza teknika u l-finanzjament biex jiġu ssodisfati dawn l-esiġenzi.

Fid-dawl ta' dan, il-proġett pilota għandu l-għan li:

- jiffaċilita l-aċċess għall-fondi tal-Unjoni għall-intrapriżi tat-turiżmu u l-komunità tat-turiżmu b'mod ġenerali billi jiġu identifikati d-diffikultajiet u jinħolqu l-ġhodod xierqa biex jizjed is-sehem tal-ekosistema tat-turiżmu u tal-ivvjaġġar fl-użu totali tal-fondi, li jikkomplementa l-bażi tad-data eżistenti ta' proġetti ffinanzjati mill-Unjoni;
- janalizza liema programmi tal-gwida huma xierqa għall-implimentazzjoni tal-miri tal-perkorsi ta' tranżizzjoni tat-turiżmu skont il-profil tal-partijiet ikkonċernati u l-maturità fl-ideat tal-proġetti;
- jiġbed l-attenzjoni għal prattiki tajbin ta' proġetti turistiċi ffinanzjati minn fondi tal-Unjoni;
- jikkapitalizza fuq proġetti li rnexxew u oħrajn li ma rnexxewx: jistimula t-trasferiment u jevita d-duplikazzjoni;
- iressaq lill-intrapriżi u l-komunità tat-turiżmu flimkien għat-tisħiħ tan-networks eżistenti u javvicinathom lejn punti ta' kuntatt li jistgħu jgħinuhom;
- jiżviluppa linji gwida għall-kumpaniji u partijiet oħra tal-ekosistema tat-turiżmu dwar kif japplikaw b'suċċess għall-fondi tal-Unjoni, fi djalogu mal-istrutturi eżistenti;
- jara liema proġetti ġew aġġudikati u kif tkun sejra l-implimentazzjoni, id f'id mal-awtoritajiet maniġerjali.

L-oġġettivi ta' din il-proġett pilota huma konformi mal-istrategġija għall-SMEs, l-istrategġija industrijali aġġornata u r-rapport dwar l-istabbiliment ta' strategġija tal-Unjoni għal turiżmu sostenibbli. Il-ħsieb hu li tingħata aktar għajnuna lill-SMEs u lil atturi oħra fl-ekosistema tat-turiżmu biex jiksbu aċċess għall-fondi tal-Unjoni, filwaqt li jiġu ċċarati ċerti aspetti kumplessi.

L-informazzjoni ġġenerata minn din il-proġett pilota tkun ta' valur miżjud sinifikanti utilizzabbli mill-amplifikaturi tal-informazzjoni istituzzjonali biex jimmassimizzaw is-sensibilizzazzjoni fl-Unjoni.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PP 03 23 (ikompli)

PP 03 23 02 Proġett pilota — Network Ewropew ta' investituri konxji dwar kwistjonijiet ta' ġeneru

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
p.m.	300 000	1 000 000	250 000	

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti tal-proġett pilota.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi network Ewropew ta' investituri konxji dwar kwistjonijiet ta' ġeneru. Tali network għandu jqajjem kuxjenza u jipprevjeni d-diskrepanza fl-investment bejn il-ġeneri billi jistieden lill-investituri pubbliċi kif ukoll privati u lill-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej jimpenjaw ruħhom favur ċerti għanijiet ta' diversità volontarji bħall-implimentazzjoni ta' politiki dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-diversità u l-inklużjoni kif ukoll il-kejl u t-traċċar tar-rappreżentanza tal-ġeneri, u jipubblikaw id-data kull sena.

Network ta' investituri konxji dwar kwistjonijiet ta' ġeneru fil-livell tal-Unjoni fl-istess ħin jista' jiffoka fuq, u jkun jista' jgħin ukoll biex jtkissru, il-ħafna ostakli li jeżistu bejn l-industriji jew b'perċentwal għoli ħafna inkella b'perċentwal baxx ħafna ta' nisa. Dan huwa partikolarment il-każ fir-rigward tal-pożizzjonijiet ta' investitur u ta' finanzjament fejn in-nisa huma sottorappreżentati, li hija sfida għall-ekosistema intraprenditorjali minħabba li diversi studji juru li l-manigġers tal-investment għandhom it-tendenza jipprovdu kapital u jimpjegaw lil dawk li huma simili għalihom infushom.

In-network għandu jkun ta' ispirazzjoni, iżid l-għarfien tal-fatti u jippermetti l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fir-rigward tal-prevenzjoni u t-tnaqqis tad-diskrepanza fl-investment bejn il-ġeneri kif ukoll jipprovdi lill-kumpaniji mmexxija min-nisa b'konnessjonijiet, networks u opportunitajiet ta' finanzjament rilevanti f'kollaborazzjoni ma' networks oħra bħal WEgate.

Permezz tas-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni ta' parteċipazzjoni akbar tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-investment, dan jikkontribwixxi wkoll biex tintlaħaq il-mira tad-diversità tal-ġeneru stabbilita fl-ambitu ta' InvestEU (mill-inqas 25 % tal-fondi appoġġati minn InvestEU għandu jkollhom nisa fil-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet).

Barra minn hekk, jista' jikkontribwixxi biex isir iktar faċli għall-impredituri nisa li jsibu l-investituri t-tajba li qiegħdu fil-mira l-ideat ta' negozju tan-nisa u ta' timijiet diversi, li joħloq valur addizzjonali permezz ta' relazzjonijiet u inizjattivi transfruntieri u transindustrijali.

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PP 03 24 2024

PP 03 24 01 Proġett pilota — Studju komparattiv dwar l-aħjar prattiki għal infurzar tas-sanzjonijiet tal-UE aktar b'saħħtu

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
500 000	125 000		

Kummenti

Il-miżuri restrittivi (sanzjonijiet) huma għodda essenzjali għall-promozzjoni tal-oġġettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni. L-oġġettivi tagħhom jinkludu s-salvagwardja tal-valuri tal-Unjoni, iż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali, il-konsolidazzjoni u l-appoġġ tad-demokrazzja, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. Is-sanzjonijiet jibqgħu l-istrument ewlieni fis-sett ta' għodod tal-Unjoni biex din tiskoraġġixxi, tipprevjeni u tikkundanna l-imġiba aggressiva u illiberali tal-pajjiżi terzi. Filwaqt li għandhom l-impatt diplomatiku u ekonomiku tagħhom fuq ir-reġimi mmirati, huma jirrappreżentaw ukoll sforz addizzjonali għall-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri, li mhux kollha għandhom l-istess kapaċitajiet biex jindirizzaw l-isfidi tal-infurzar tas-sanzjonijiet. Meta jitqies li n-nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sanzjonijiet, kif ukoll l-inkonsistenzi fil-ġuriżdizzjonijiet differenti tal-Unjoni, jirrappreżentaw ukoll riskju għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni u għas-sistemi finanzjarji nazzjonali, huwa importanti li jiġi żgurat li s-sanzjonijiet tal-Unjoni jiġu implimentati b'mod ugwali madwar l-Unjoni. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet tal-Unjoni kontra r-Russja, li sussegwentement ġew adottati mill-2014. It-Task Force "Iffriżar u Sekwestru" stabbilita bil-kooperazzjoni ta' diversi Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni hija konfigurazzjoni importanti biex tissorvelja l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet. Madankollu, l-isfida tikkonsisti fil-fatt li s-sanzjonijiet jeħtieġ li jiġu implimentati b'mod uniformi fil-konfigurazzjonijiet ta' diversi awtoritajiet nazzjonali kompetenti tas-27 Stat Membru.

Sabiex titrażżan iċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri jiġu assistiti fil-kompiti tagħhom ta' implimentazzjoni tas-sanzjonijiet, dan il-proġett pilota jikkonċerna studju dwar l-aħjar prattiki u sinerġiji li jkun ta' benefiċċju għall-politika ta' sanzjonijiet tal-Unjoni, filwaqt li jqis l-eżempji tal-Uffiċċju tal-Kontroll tal-Assi Barranin (OFAC) tal-Istati Uniti u l-awtorità tal-infurzar tas-sanzjonijiet tar-Renju Unit (OFSI). Peress li huma korpi ċentralizzati li jissorveljaw u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet fil-ġuriżdizzjonijiet rispettivi kollha tagħhom, l-eżempji tal-OFAC u l-OFSI jistgħu jkun strumenti għal infurzar aħjar tas-sanzjonijiet madwar l-Unjoni kollha. Barra minn hekk, l-istudju għandu jikkonċentra fuq il-funzjoni tal-konfigurazzjonijiet eżistenti tal-korpi tal-infurzar tas-sanzjonijiet f'kull Stat Membru. Dan jgħin biex jiġu identifikati s-similaritajiet, id-disparitajiet, l-aħjar prattiki u l-elementi neqsin fil-ġuriżdizzjonijiet kollha tal-Unjoni.

Meta jitqies li kull Stat Membru jinnomina sett u għadd differenti ħafna ta' awtoritajiet nazzjonali għall-infurzar tas-sanzjonijiet tal-Unjoni (attwalment mill-inqas 160 uffiċjalment nominati), ikun utli li wieħed jara sa liema punt korpi ċentralizzati għall-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet ikun ta' benefiċċju għall-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet tal-Unjoni, meta mqabbel ma' network ta' korpi nazzjonali mxerrda. Studju bħal dan jgħin biex jiġi identifikat mod kif titnaqqas l-evażjoni "evitabbli" tas-sanzjonijiet, jiġifieri f'termini ta' ffrizjar u konfiska tal-assi u projbizzjonijiet fuq il-viżi u l-ivvjaġġar.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PP 03 24 (ikompli)

PP 03 24 01 (ikompli)

Kontribut meħtieġ ieħor tal-istudju jkun jikkonsisti f'paragun bejn ir-riżorsi baġitarji intiżi għall-infurzar tas-sanzjonijiet fil-qafas tas-sanzjonijiet eżistenti tal-Unjoni u r-riżorsi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-OFAC u l-OFSI. Din l-analiżi komparattiva tgħin biex jiġu stmati ż-żidiet meħtieġa fil-linji baġitarji relatati mal-infurzar tas-sanzjonijiet tal-Unjoni.

Abbażi ta' dawn ir-riżultati, l-istudju jista' jiddeskrivi l-valur miżjud ta' approċċ ċentralizzat għall-infurzar tas-sanzjonijiet bl-għajjnuna ta' istituzzjoni speċjalizzata. Ir-riżultati tal-istudju jistgħu għalhekk iservu bħala bażi għall-ħolqien u l-funzjonament possibbli ta' korp ta' implimentazzjoni ta' sanzjonijiet tal-Unjoni futur. L-istudju għandu jiddeskrivi wkoll il-modalitajiet ta' kooperazzjoni mal-OFAC u l-OFSI fil-kundizzjonijiet attwali u fil-perspettiva tal-istabbiliment ta' korp ta' implimentazzjoni tas-sanzjonijiet.

L-istudju jidentifika wkoll il-modi biex jiġu ottimizzati u mnaqqsa l-ispejjeż amministrattivi u finanzjarji tal-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet.

Fil-kuntest attwali, fejn huwa stmat li r-riżorsi Russi jippermettu lir-Russja tiffinanzja l-gwerra għal diversi snin oħra, hija kwistjoni ta' urġenza li s-sanzjonijiet tal-Unjoni adottati jiġu applikati sal-massimu tagħhom u li jiġi evitat kwalunkwe tentattiv ta' evażjoni tas-sanzjonijiet. Din l-urġenza tapplika sa ċertu punt ukoll għal sanzjonijiet tematiċi u bbażati fuq il-pajjiż oħra adottati mill-Unjoni.

PP 03 24 02 Proġett pilota — Introduzzjoni ta' kumpaniji u ta' partijiet ikkonċernati fil-prattika Ewropea ta' rappurtar dwar is-sostenibbiltà

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
3 240 000	810 000		

Kummenti

L-istandards Ewropej tar-Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà (ESRSs), introdotti bid-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022, li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rappurtar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15) għandhom jilħqu l-oġġettivi prevalenti tagħhom filwaqt li jkunu faċli biex jiġu applikati għall-kumpaniji, mingħajr rekwiżiti u kostijiet amministrattivi mhux meħtieġa. L-iżvilupp tal-ESRSs għandu jqis l-oġġettiv li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tagħhom mill-bidu nett. Il-proġett pilota għandu l-għan li jsaħħaħ il-proċess xieraq tal-iżvilupp ta' standards tar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà b'dan l-oġġettiv bħala bażi.

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PP 03 24 (ikompli)

PP 03 24 02 (ikompli)

Dan jirrikjedi l-kontribut attiv tal-esperti u l-partijiet ikkonċernati fil-prattika, inklużi l-klijenti tal-kumpaniji, il-fornituri, l-investituri, is-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali, u t-trade unions fl-iżvilupp tal-ESRSs. Il-proġett pilota għandu jittestja azzjonijiet innovattivi biex l-ewwel jimmobilizzahom permezz tas-sensibilizzazzjoni, jappoġġahom permezz tal-informazzjoni u l-edukazzjoni, u mbagħad jinvolvihom fit-tħejjija tal-abbozz tal-ESRSs. L-għan huwa li tinkiseb rappreżentanza bbilanċjata ta' sorsi differenti ta' għarfien expert u bilanċ ġeografiku wiesa'. Sfidi partikolari li l-kumpaniji għandhom fl-applikazzjoni tal-ESRSs għandhom jiġu identifikati u indirizzati. Possibbiltajiet ġodda ta' involviment fl-iżvilupp kontinwu tal-ESRSs diġà għandhom jiġu pprovduti bħala parti mill-proġett pilota.

PP 03 24 03 Proġett pilota — Ċentru ta' Sostituzzjoni tal-UE — Provvista ta' appoġġ lin-negozji biex jissostitwixxu l-użu tagħhom ta' sustanzi kimiċi perikolużi permezz ta' kollaborazzjoni, innovazzjoni, riċerka u assistenza diretta

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
1 550 000	387 500		

Kummenti

L-iffaċilitar tas-sostituzzjoni effettiva u effiċjenti ta' sustanzi perikolużi b'alternattivi aktar sikuri huwa parti integrali mir-regolamenti tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi u huwa essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet ambizzjużi tal-Unjoni għall-prevenzjoni tat-tniġġis, il-protezzjoni tal-bijodiversità, u s-salvagwardja tal-klima, inklużi l-oġġettivi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 bit-titolu 'Strateġija tas-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà' (COM(2020) 667 finali) biex jiġu protetti aħjar is-saħħa u l-ambjent billi nimxu lejn sustanzi kimiċi li huma sikuri u sostenibbli mid-disinn, neliminaw gradwalment l-użu ta' Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs) u nappoġġaw il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Frar 2021 bit-titolu "Il-Pjan Ewropew biex jingħeleb il-Kanċer" (COM (2021) 44 final)billi jiġi mminimizzat l-esponiment għall-karċinoġeni.

Filwaqt li Regolamenti tal-UE huma ta' ispirazzjoni kbira u influwenti ħafna, ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1) u Regolamenti oħra tal-Unjoni għandhom ma ppermettewx is-sostituzzjoni wiesgħa u sistematika ta' sustanzi perikolużi b'sustanzi kimiċi aktar sikuri u alternattivi mhux kimiċi. Hemm bżonn li n-negozji u l-ktajjen tal-valur kollha jiġu megħjuna fil-vjaġġ ta' sostituzzjoni tagħhom biex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tkun tista' tilħaq l-oġġettivi maħsuba.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PP 03 24 (ikompli)

PP 03 24 03 (ikompli)

Il-possibbiltà li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jaslu għas-sostituzzjoni hija ħtieġa partikolarment akuta, minħabba l-aċċess aktar limitat tagħhom għal riżorsi tekniċi u finanzjarji għas-sostituzzjoni meta mqabbla ma' entitajiet akbar. Mingħajr aċċess għall-assistenza teknika t-tajba, il-kumpaniji jsibu diffikultà bis-sostituzzjoni, u dan iwassal għal każijiet frustranti ta' "sostituzzjoni sfortunata", fejn utent kimiku jissostitwixxi periklu wieħed għall-istess proprjetà perikoluża jew għal proprjetà perikoluża differenti, bħas-sostituzzjoni ta' newrotossina b'karċinoġenu. Minbarra li l-SMEs jiġu appoġġati aħjar bis-sostituzzjoni tagħhom, jeħtieġ b'mod evidenti jiġu assistiti n-negozji li jinsabu f'hotspots ta' tniġġis tossiku u pajjiżi b'inqas aċċess għal riżorsi tekniċi u finanzjarji jekk irridu navvanzaw il-prinċipji tal-ekwità u l-ugwaljanza, u li noħolqu kundizzjonijiet ekwi.

Minkejja rekord xejn impressjonanti ta' regolamentazzjoni kimika fil-livell nazzjonali, fl-Istati Uniti għadd żgħir ta' stati appoġġaw b'suċċess is-sostituzzjoni. Il-Massachusetts aktarx jipprovdi l-aktar mudell konvinċenti li jippermetti s-sostituzzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi. Fl-1989, il-leġislatura Massachusetts ħolqot istituzzjoni rivoluzzjonarja li tgħin biex tippermetti s-sostituzzjoni ta' sustanzi kimiċi tossiċi b'alternattivi aktar sikuri — l-Istitut għat-Tnaqqis tal-Użu tat-Tossiċi (TURI). Ibbażat fl-Università ta' Massachusetts-Lowell, il-persunal tat-TURI irnexxielu jgħin lill-kumpaniji, b'mod partikolari lill-SMEs, biex jissostitwixxu sustanzi kimiċi perikolużi b'alternattivi aktar sikuri permezz ta' kollaborazzjoni u innovazzjoni, inkluża r-riċerka, l-assistenza teknika u finanzjarja diretta, u b'enfasi fuq is-sejbien ta' alternattivi li jissodisfaw ir-restrizzjonijiet fiskali u tal-prestazzjoni tal-utent.

Għal dan l-għan, se johlq pjattaforma unika ta' streaming għall-kontenut tal-aħbarijiet bit-televiżjoni u bil-vidjo, direttament aċċessibbli għall-udjenzi u ċ-ċittadini Ewropej, u dan jippermettilhom ifittxu l-kontenut kollu pprovdut mill-media pubblika u privata rreġistrata fl-Istati Membri, filmat li jipprovdi sottotitoli tradotti fil-lingwi kollha tal-Unjoni ta' dawk l-aħbarijiet u dawk id-dokumentarji. Il-Portal Ewropew tal-Aħbarijiet bit-Televiżjoni u bil-Vidjo taċ-Ċittadini mhux se jkun stazzjon tat-televiżjoni, iżda pjattaforma newtrali fis-sens fundamentali tal-kelma. Għalhekk, mhux se jipprovdi servizzi editorjali u se jkun purament orjentat lejn l-infrastruttura u t-teknoloġija, peress li l-kontenut li għandu jiġi mxandar fuq il-Portal se jiġi pprovdut mill-produzzjonijiet proprji rikki u varjati ta' aħbarijiet u dokumentarji mill-ħafna media rreġistrata fl-Istati Membri. Għal dan l-għan, se jfittex li jistabbilixxi alleanza teknoloġika u alleanza tal-kontenut fost l-atturi tal-media interessati fl-Istati Membri. Filwaqt li hemm għadd ta' azzjonijiet tal-Unjoni mmirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċitajiet editorjali u l-ħolqien tal-kontenut, dan il-proġett pilota jfittex li jindirizza angolu ieħor. Il-Portal se jindirizza liċ-ċittadini u se jkun newtrali fis-sens li mhu se jehu l-ebda deċizzjoni editorjali dwar il-kontenut ipprovdut mill-media pubblika u privata akkreditata tal-Istati Membri. Il-kontenut iġġenerat mill-utenti u tal-produtturi indipendenti se jkun disponibbli fuq il-pjattaforma mill-bidu nett, sa fejn tali kontenut ikun ġie trażmess qabel minn media pubblika jew privata akkreditata fl-Unjoni. Fit-tieni stadju, il-proċeduri u r-regoli għandhom jtfasslu u jiġu ttestjati biex jippermettu lill-kreaturi indipendenti u lill-UGC jikkontribwixxu direttament għall-Portal, filwaqt li jinżamm il-prinċipju li ma jitwettaq l-ebda kontroll editorjali mill-Portal. Dan il-prinċipju huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-kwalità, l-affidabbiltà u l-indipendenza tal-Portal, kif ukoll in-newtralità tiegħu. Kontenut Akkreditat jiġi eskluż biss mit-trażmissjonijiet fuq il-Portal jekk ma jikkonformawx mal-prinċipji relatati mal-valuri tal-Unjoni, u se jiġu stabbiliti l-mekkaniżmi meħtieġa biex tiġi ssalvagwardjata l-indipendenza tal-kontenut.

Il-Portal għandha ttiprovdi biss l-infrastruttura u t-teknoloġija meħtieġa għall-aggregazzjoni, l-iskoperta u t-tiftix tal-kontenut b'sistema ta' rakkomandazzjoni li tiffunzjona f'konformità mal-valuri demokratiċi u Ewropej tat-Trattati, sistema għat-traduzzjoni awtomatika u servizz ta' streaming, u b'hekk ttiprovdi stampa pluralistika tal-kontenut. Is-sistema ta' rakkomandazzjoni għalhekk la se jkollha l-għan li timmassimizza l-ħin tat-tele spettaturi permezz ta' użu ta' skandalizzazzjoni dejjem akbar, u lanqas mhi se tibbaża r-rakkomandazzjonijiet tagħha kompletament fuq l-interess minn qabel u l-profil tal-imġiba tat-tele spettaturi, bħal fis-servizzi tal-istreaming iffanzjati mir-reklamar. Se jkollha kontenut strettament ibbażat fuq kliem ta' tiftix użati miċ-ċittadini u tifsiriet ta' kliem relatati, u dan fil-lingwi kollha, u b'hekk fil-każijiet kollha ttiprovdi stampa diversa tal-aħbarijiet.

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI (ikompli)

PP 07 23 (ikompli)

PP 07 23 01 (ikompli)

It-teknoloġiji kollha meħtieġa għat-tweġiq ta' dan il-proġett huma disponibbli u sempliċiment jeħtieġ li jinġiebu flimkien u jiġu integrati f'sistema waħda. Għalhekk huwa fattibbli li jitwettaq dan il-pass addizzjonali importanti lejn dan l-element vitali tal-integrazzjoni u d-demokrazija Ewropea. Ikkun hemm demokrazija Ewropea sostenibbli fl-era tad-diġitalizzazzjoni biss jekk tkun tista' tiġi stabbilita sfera pubblika Ewropea li toffri informazzjoni vverifikata u perspettivi differenti dwar l-avvenimenti attwali liċ-ċittadini kollha bejn il-fruntieri lingwistiċi u kulturali. Fi sfera pubblika Ewropea reali u sostenibbli, iċ-ċittadini ta' pajjiżi iżgħar u gruppi lingwistiċi jew li jgħixu fi Stati Membri b'inqas varjetà jew inqas indipendenza tal-media jrid ikollhom ukoll aċċess sħiħ għad-diversità tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-aħbarijiet bit-televiżjoni u bil-vidjo li tkun ġiet prodotta fl-Ewropa minn media akkreditata, spiss iffinanzjata minn fondi pubbliċi.

Dan il-proġett pilota se jindirizza l-ħtieġa li eventwalment jiġi organizzat fil-forma ta' persuna ġuridika — mhux ikkontrollat mill-Istati Membri jew mill-Istituzzjonijiet tal-UE u lanqas minn oġġettivi, ta' profitt iżda jiġi pprovdut servizz pubbliku indipendenti b'finanzjament pubbliku.

Il-Portal Ewropew tal-Aħbarijiet bit-Televiżjoni u bil-Vidjo għaċ-Ċittadini huwa idea bla preċedent, peress li bħalissa ma hemm l-ebda pjattaforma tal-istreaming diġitali fil-forma ta' punt uniku ta' aċċess għad-diversità vasta tal-beni kulturali Ewropej fil-forma ta' aħbarijiet bit-televiżjoni u bil-vidjo u dokumentarji politiċi bbażati fuq sistema ta' rakkomandazzjoni ġusta u standards imfassla f'konformità mad-drittijiet u l-valuri Ewropej. Il-Portal se jagħmel it-taħlita rikka kulturali u demokratika tat-televiżjoni pubblika u privata u l-aħbarijiet bil-vidjo u l-produzzjoni tad-dokumentarji minn media akkreditata fl-Istati Membri kollha aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni. Se jkun pedament — ibbażat fuq l-infrastruttura — fit-triq lejn il-ħolqien ta' Sfera Pubblika Diġitali Ewropea li tiffunzjona u żżid ma' proġetti eżistenti oħra, tindirizza n-nuqqas ta' sfera pubblika fejn jiġu kkontestati kwistjonijiet Ewropej komuni u tkun opportunità biex tmexxi 'l quddiem l-integrazzjoni u d-demokrazija Ewropea.

Dan il-proġett huwa kongruenti mal-pjanijiet eżistenti tal-Kummissjoni, iżda ma jfittixx li jsaħħaħ il-kapaċitajiet editorjali tal-kontributori. Il-Portal se jkun f'sinerġija ma' Proġetti oħra tal-Unjoni li jtejbu l-kapaċità tal-produtturi tal-Aħbarijiet Ewropej li joħolqu kontenut bħall-pjattaformi tal-Media Ewropea u l-isparju tad-data għall-media.

Madankollu, din il-proposta se tiffoka esklużivament fuq l-infrastruttura u t-teknoloġija u b'hekk jiġi permess aċċess dirett taċ-ċittadini għal varjetà ta' kontenut eżistenti, mhux fuq il-produzzjoni ta' kontenut ġdid.

Dan il-proġett pilota se jexplora sinerġiji potenzjali f'termini ta' kondiviżjoni u skambju tad-data mal-isparju tad-data tal-media.

Il-Portal jeħtieġ li jipprovi vidjo HQ b'wisa' tal-banda għolja u latenza baxxa u jista' jiġi implimentat f'diversi fażijiet. Għall-ewwel sena, l-identifikazzjoni, inkluż permezz ta' studju ta' fattibbiltà — tar-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet teknoloġiċi u infrastrutturali meħtieġa, it-tfassil tal-pjan ta' azzjoni ta' rakkomandazzjoni u l-ħtiġijiet futuri ta' finanzjament se jkollhom ikunu prijorità. Se jkun meħtieġ ukoll li titfassal l-istruttura legali biex tirregola l-pjattaforma futura u biex tibda tinbena alleanza ta' media privata u pubblika akkreditata fl-Istati Membri li jixtiequ jikkontribwixxu l-kontenut tagħhom. Fit-tieni sena, l-ewwel dimostratur għandu jifassal fuq dik il-bażi u għandhom jiġu mistiedna kontributori oħra biex jingħaqdu mal-Portal.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI (ikompli)

PP 07 23 (ikompli)

PP 07 23 02 Proġett pilota — Dokumentazzjoni tal-aħjar prattiki minn esperjenzi li jikkonċernaw l-organizzazzjoni u t-tnaqqis tal-ħin tax-xogħol fl-Ewropa

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
1 500 000	375 000	250 000	62 500	

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti tal-proġett pilota.

Il-ġimgħa ta' ħidma ta' 4 jjiem tista' tindirizza wħud mill-aktar problemi urġenti fid-dinja tax-xogħol tas-seklu 21? Din kienet il-mistoqsija li tqajmet waqt panel ta' diskussjoni f'Davos fid-19 ta' Jannar 2023. Fost vantaġġi oħra mressqa, il-Ministru Netherlandiż tax-Xogħol, Karien van Gennip, spjegat li minflok il-biċċa l-kbira tan-nisa jaħdmu tlett jjiem u l-biċċa l-kbira tal-irġiel ħamest jjiem [fin-Netherlands], ġimgħa ta' 4 jjiem x'aktarx tipprovdi bilanċ aħjar. Bloomberg enfasizza l-konklużjoni tal-panel skont it-termini "il-ġimgħa ta' Ħidma ta' 4 jjiem tista' tkun ir-riċetta biex jiġi evitat l-eżawriment u tingħata spinta lill-produttività". Fl-2021, il-gvern Spanjol iddeċieda li jniedi esperiment b'kumpaniji volontarji biex jittestja l-effett fuq il-ħolqien tal-impjiegi, il-kwalità tal-ħajja u l-produttività meta wieħed jaqleb għal ġimgħa tax-xogħol b'4 jjiem. Spanja mhijiex eċċezzjoni: id-dibattitu qed jżied f'diversi pajjiżi li qed jiffaċċjaw kemm diffikultajiet ta' reklutaġġ f'ħafna setturi kif ukoll il-persistenza tal-qgħad tal-massa.

L-għan ta' dan il-proġett pilota huwa għalhekk li tinġabar data dwar esperjenzi konkreti ta' tnaqqis u riorganizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol sabiex jiġu evalwati l-vantaġġi kif ukoll l-iżvantaġġi tagħhom u li dan irendi d-data disponibbli lis-sħab soċjali.

Għandu jkun hemm bilanċ adegwat bejn il-finanzjament ta' attivitajiet ta' riċerka taħt il-proġett pilota u l-finanzjament ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni.

Il-finanzjament tar-riċerka għandu jippermetti analiżi dettaljata tal-letteratura dwar l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tat-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol. Il-finanzjament għal attivitajiet u avvenimenti ta' komunikazzjoni mhux se jkun ogħla minn dak għall-attivitajiet ta' riċerka u l-allokazzjoni ta' mezzi suffiċjenti għal riċerka ta' kwalità hija prijorità. Iż-żieda se tippermetti baġit addizzjonali sostanzjali għall-attivitajiet ta' riċerka u possibbilment għal riżultati addizzjonali tar-riċerka, jekk is-sejbiet jidentifikaw hteġġa għal riżultati addizzjonali.

Peress li l-“ġimgħa ta' 4 jjiem” tista' tfisser politiki u prattiki sostanzjalment differenti, il-proġett pilota se jħares lejn mudelli differenti ta' prattiki u politiki, filwaqt li jiddistingwi b'mod ċar bejn il-mudelli differenti bħal dan li ġej (1) ġimgħa ta' 4 jjiem bi tnaqqis sostanzjali fis-siġhat tax-xogħol (pereżempju 32 siegħa fil-ġimgħa fejn il-medja hija ta' 38 siegħa, kif sar fi Franza bil-“loi Robien” fl-1997), bil-ħolqien ta' impjiegi u t-tnaqqis tal-miri tal-output individwali, (2) ġimgħa ta' 4 jjiem bi tnaqqis sostanzjali fis-siġhat tax-xogħol iżda l-ebda tnaqqis fil-miri tal-output individwali u l-ebda skop ta' ħolqien ta' impjiegi (kif sar fil-biċċa l-kbira tal-provi ta' ġimgħat ta' 4 jjiem iwettqa fl-Irlanda u fi Spanja fis-snin reċenti), u (3) b'mod inqas, peress li dawn il-politiki fil-verità ma jikkostitwixxux tnaqqis fil-ħinijiet tax-xogħol, ġimgħa ta' 4 jjiem mingħajr tnaqqis sostanzjali tas-siġhat tax-xogħol (pereżempju il-politiku u l-provi mwettqa reċentement fil-Belġu u Franza).

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI (*ikompli*)

PP 07 23 (*ikompli*)

PP 07 23 02 (*ikompli*)

L-attivitajiet ta' komunikazzjoni taħt il-proġett pilota se jirrappreżentaw b'mod adegwat is-sejbiet tar-riċerka, bħall-kobor mistenni tal-impatti tat-tnaqqis tal-ħin tax-xogħol fuq l-eżiti ekonomiċi u soċjali. Dawn se jkunu ffukati fuq il-vantaġġi u l-iżvantaġġi potenzjali tat-tipi differenti ta' politiki ta' tnaqqis tal-ħin tax-xogħol u l-ġimgħa ta' 4 ijiem, abbażi tar-riżultati tar-riċerka mwettqa fil-qafas tal-proġett pilota.

Barra minn hekk, il-panorama tal-prattiki differenti u l-immappjar fil-fond tal-politiki tal-gvern li jinfluwenzaw il-prattiki tal-kumpaniji fil-qasam tat-tnaqqis tal-ħin tax-xogħol u l-oqfsa legali differenti f'kull Stat Membru se jwasslu għall-formulazzjoni ta' pariri għall-implimentazzjoni ta' arranġamenti innovattivi tal-ħin tax-xogħol, kemm għas-sħab soċjali kif ukoll għal dawk li jfasslu l-politika.

L-objettivi segwiti mill-kumpaniji li esperimentaw arranġament ġdid tal-ħin tax-xogħol huma varjati ħafna:

- bilanċ aħjar bejn il-ħajja tal-familja u dik tax-xogħol;
- l-iffaċilitar tar-reklutaġġ f'setturi li jesperjenzaw diffikultajiet biex jirreklutaw;
- it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol;
- it-titjib tas-saħħa tal-impjegati u t-tnaqqis tal-istress tagħhom;
- l-iffaċilitar ta' karrieri itwal;
- il-ħolqien ta' impjegi ġodda;
- it-tiġdid tal-piramida tal-età fil-kumpanija;
- l-implimentazzjoni ta' organizzazzjonijiet li jikkwalifikaw u ż-żieda fir-responsabbiltajiet tal-ħaddiema kollha (peress li l-manigiers tagħhom ukoll ġeneralment jaħdmu inqas, dan jagħti l-opportunità lill-ħaddiema kollha biex iżidu r-responsabbiltajiet tagħhom);
- it-titjib tal-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja (b'mod partikolari fl-SMEs);
- żieda fl-użu tal-aktar magni għaljin kif ukoll żieda fl-amplitudni fis-siegħa tal-ħinijiet tal-ftuħ għall-klijenti.

L-ewwel sena tal-proġett pilota, fl-2023, kellha tipproduċi r-riżultati għal studji ta' bejn 12 sa 15-il każ. Għall-passi li jmiss tal-proġett pilota, l-għadd ta' studji ta' każijiet għandu jżied. Dan ikun jista' jiġi implimentat għadd adegwat ta' studji ta' każijiet addizzjonali, biex tiġi żgurata r-rappreżentattività tar-riċerka. Ir-rappreżentattività tar-riċerka tista' tiġi żgurata billi jiġu inklużi studji ta' każijiet tal-kumpaniji fi Stati Membri, setturi u daqsijiet ta' ditti differenti li jipprovdi sustanza għal sħab soċjali li tista' tkun utli biex jitrawwem id-djalogo soċjali, jekk jixtiequ jinkludu dan f'negozjati futuri.

X'inhu r-riżultat ta' dawn l-esperjenzi? X'kienu s-suċċessi tagħhom? X'kienu l-fallimenti tagħhom?

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI (ikompli)

PP 07 23 (ikompli)

PP 07 23 02 (ikompli)

Dan il-proġett pilota se jwassal għall-ħolqien ta' valutazzjoni komprensiva ta' esperimenti li jikkonċernaw arranġamenti ġodda tal-ħin tax-xogħol kif ukoll għall-immappjar tal-prattiki differenti u l-oqfsa legali eżistenti differenti tal-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol fl-Istati Membri kollha. F'xi pajjiżi, dan is-suġġett jista' xi kultant iwassal għal tensjonijiet soċjali. Din il-valutazzjoni, ibbażata fuq esperjenzi konkreti ffirxa wiesgħa ta' setturi (SMEs u kumpaniji kbar, pubbliċi u privati, ekonomija soċjali, eċċ...), tista' jekk ikun xieraq trawwem djalogu prammatiku u sod bejn min iħaddem, l-impjegati u partijiet interessati oħra. Tabilħaqq, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-effetti ta' arranġamenti ġodda tal-ħin tax-xogħol f'kuntast ta' kompetittività globali diffiċli għall-ekonomiji Ewropej. L-analiżi tar-riżultati tal-esperimenti ta' ġimgħa ta' 4 ijiem se tgħin ukoll lill-Unjoni ssaħħa it-tmien prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali: Id-djalogu soċjali u l-involvement tal-ħaddiema, skont jekk is-sħab soċjali jkunux iridu jinkludu dawn is-sejbiet fil-prijoritajiet tagħhom.

L-ewalwazzjoni se tiġi ppreżentata lis-sħab soċjali kif ukoll lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet sabiex tkun disponibbli għad-djalogu soċjali f'materjali edukattivi differenti: ir-rapport u s-sommarju tiegħu, l-infografika u l-fuljetti kif ukoll il-vidjos, il-podcasts eċċ. L-attivitajiet ta' komunikazzjoni għandhom jiddependu fuq ir-riċerka mwettqa fil-qafas tal-proġett pilota. Is-sejbiet interim tal-proġett pilota, ibbażati fuq il-ħidma li għaddejja, diġà se jiġu ppubblikati matul l-2024 u r-riżultati finali li jibbenefikaw ukoll mill-finanzjament supplimentari sostanzjali mitlub u r-riċerka addizzjonali tal-istudju ta' każijiet se tiġi konkluża fl-2025 jew fl-2026.

L-impatt ta' dan il-proġett pilota se jitkejjel mill-kwalità tas-sejbiet tar-riċerka, eż. il-kwalità tal-evidenza tal-istudju ta' każijiet, l-attivitajiet ta' riċerka ulterjuri li jikkontribwixxu għar-rapport finali tar-riċerka, il-kwalità tar-rapport finali, u l-kwalità tal-materjali ta' komunikazzjoni meħuda minn din ir-riċerka, u se jiġu allokat i mezzi suffiċjenti biex jiġi żgurat li dawn id-diversi sejbiet tar-riċerka u l-materjali edukattivi prodotti abbażi tas-sejbiet ikollhom udjenza kbira. Sabiex is-sejbiet ikunu disponibbli għas-sħab soċjali, għal dawk li jfasslu l-politika u għad-dibattitu pubbliku madwar l-Ewropa kollha, huwa kruċjali li l-baġit intiż għall-komunikazzjoni tar-riżultati tar-rapport bl-aktar mod aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali, u għal dawn il-miri speċifiċi, jiġi ffinanzjat b'mod adegwat.

Il-baġit taż-żieda għandu naturalment ikun iddedikat ukoll biex jiffinanzja l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni tar-riżultati tar-riċerka fil-forma ta' rapport finali tar-riċerka.

Sabiex jikkontribwixxu għar-rapport finali u jikkonfrontaw ir-riżultati tar-riċerka għall-esperjenza ta' varjetà ta' partijiet ikkonċernati, se jiġu organizzati diskussjonijiet tal-abbozz tas-sejbiet tar-riċerka bbażati fuq l-evidenza tal-istudju ta' każijiet ma' partijiet ikkonċernati differenti (eż. min iħaddem, il-ħaddiema, it-trade unionists, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, l-akkademiċi). Diskussjonijiet differenti b'fokus tematiku differenti għandhom isiru fi Stati Membri differenti, sabiex ikunu jistgħu jiġu koperti kemm jista' jkun kuntesti lokali/nazzjonali speċifiċi. Aspetti distinti tas-suġġett jistgħu jkunu l-enfasi ta' dawn l-avvenimenti distinti fi Stati Membri differenti, pereżempju l-impatti fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, fuq it-tagħlim tul il-ħajja, fuq is-saħħa (mentali) tal-ħaddiema, il-liv minħabba mard, ir-rati ta' riżenja eċċ.

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI (ikompli)

PP 07 23 (ikompli)

PP 07 23 02 (ikompli)

Fl-2021, il-Kummissjoni u l-Presidenza Portugiża taw bidu għal Pjattaforma Ewropea dwar il-Ġlieda kontra l-Kundizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar sabiex jappoġġaw skambji permanenti bejn dawk li jfasslu l-politika u l-atturi soċjali biex ixerrdu u jippromwovu prattika tajba, biex iqajmu kuxjenza dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-Unjoni u biex jipubblicizzaw il-progress li jkun sar. Bl-istess mod, fl-2025 jew fl-2026, dan il-proġett pilota għandu jagħmilha possibbli li ssir riflessjoni dwar il-benefiċċji potenzjali tal-ħolqien (jew le) ta' pjattaforma Ewropea ddedikata għal arranġamenti ġodda tal-ħin tax-xogħol li għandhom l-għan li jrawmu l-moviment lejn livell massimu ta' impjiegi, il-ġlieda kontra l-prekarjetà u l-aċċess permanenti għat-taħriġ u l-benesseri tal-ħaddiema. Riżultat konkret għal dan l-ewwel pass lejn pjattaforma Ewropea ġdida potenzjali jista' jkun "nota ta' għażliet" li tesplora l-kamp ta' applikazzjoni u t-tipi possibbli ta' attivitajiet li pjattaforma ipotetika tista' twettaq.

Dan se jkun komplementari għal riżultati addizzjonali possibbli li joħorġu mill-attivitajiet ta' riċerka.

PP 07 23 03 Proġett pilota — Appoġġ għall-Isport — azzjonijiet sportivi ta' emerġenza għaż-żgħażaġh

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
2 000 000	1 760 000	2 000 000	500 000	

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti tal-proġett pilota.

L-għan ta' dan il-proġett pilota huwa li joħloq programmi ta' emerġenza tal-isport fil-kuntest ta' kriżi umanitarja bħall-gwerra, sabiex jiffaċilita s-superament tat-traumi, l-adattament għal ambjenti ġodda u l-ħolqien ta' rabtiet mal-komunitajiet ospitanti temporanji.

Permezz ta' attivitajiet u interventi sportivi, dan il-proġett pilota se jiffoka fuq l-inkoraġġiment tal-integrazzjoni komunitarja tat-tfal u ż-żgħażaġh. Billi jtejbu l-benesseri mentali tagħhom billi jattendu sessjonijiet sportivi, l-individwi eventwalment se jkunu lesti li jaġġustaw għall-ambjent il-ġdid tagħhom. L-isport, bis-setgħa tiegħu li jlaqqa' lin-nies flimkien, se jgħin fl-interazzjoni mal-komunità ospitanti, integrazzjoni aktar faċli fis-sistema edukattiva jew id-dħul fis-suq tax-xogħol.

Biex jinkisbu l-aħjar riżultati, dawk il-programmi jeħtieġ li jiġu organizzati fil-livell lokali, tad-dilettanti, prinċipalment permezz ta' klabbs sportivi tad-dilettanti. L-attivitajiet, il-logħob u l-isport iridu jtfasslu sabiex jilhqnu għanijiet soċjali u psikosoċjali speċifiċi. Jeħtieġ li jkunu adatti għall-età, kulturalment xierqa u jiġu kkunsidrati fir-rigward tar-rwoli tal-ġeneri fil-komunità. Filwaqt li jibnu fuq il-kapaċitajiet fiżiċi eżistenti tal-parteċipanti, kowċis b'esperjenza se jgħinuhom iħossuhom komdi billi jinkoraġġuhom jużaw il-ħiliet li diġà għandhom. Għalhekk, il-kooperazzjoni bejn il-klabbs u ċ-ċentri sportivi tal-massa li jistgħu joffru appoġġ soċjali, psikoloġiku jew pedagoġiku tkun importanti u meħtieġa. Dan il-proġett jinvolvi wkoll, prinċipalment bħala faċilitaturi, il-federazzjonijiet sportivi. Barra minn hekk, l-iskop ta' din il-proposta huwa li tispira lil klabbs sportivi oħra biex jistabbilixxu programmi ta' appoġġ billi jipubblikaw u jippromwovu esperjenzi u prattiki tajba.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI (ikompli)

PP 07 23 (ikompli)

PP 07 23 03 (ikompli)

Il-grupp ewlieni fil-mira huwa t-tfal u ż-żgħażaġh affettwati minn kriżijiet umanitarji u proċessi ta' migrazzjoni tal-massa fil-kuntest tal-gwerra. Dan il-proġett pilota jiġġenera wkoll l-inklużjoni fl-ispazju pubbliku u jippromwovi l-iskambju ta' kulturi u tradizzjonijiet ta' gruppi etniċi differenti.

PP 07 23 04 Proġett pilota — L-Unjoni Ewropea — il-hub tal-libertà tal-media

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
2 940 000	2 235 000	3 000 000	750 000	

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti tal-proġett pilota.

Il-gwerra mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja fl-Ukrajna, il-qerda sussegwenti tal-media indipendenti fir-Russja, u s-sitwazzjoni ġeopolitika usa' fil-fruntieri tagħna, inkluż iż-żarmar totali tal-media indipendenti fil-Belarusjsja f'dawn l-aħħar ftit snin, jipprovdu opportunità unika u responsabbiltà għall-Unjoni biex tieħu t-tmexxija għas-salvagwardja tal-pluralità u l-indipendenza tal-media fil-kuntest reġjonali usa'.

Minkejja l-isfidi esterni u interni fil-qasam tal-libertà tal-istampa, l-Unjoni tibqa' l-aktar post sikur fid-dinja għall-media u l-ġurnalisti biex jagħmlu xogħolhom. Peress li l-libertà tal-espressjoni hija wieħed mill-valuri fundamentali tal-Unjoni, l-Unjoni għandha l-opportunità li ssir hub ewlieni għal dawk li qed jistinkaw għal-libertà tal-espressjoni u d-demokrazija.

Ġurnalisti indipendenti u kmamar tal-aħbarijiet editorjali sħaħ mir-Russja u l-Belarusjsja diġà ħarbu jew qed jirrilokaw lejn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea. Huma qed jittamaw li jkomplu l-ħidma tagħhom fil-ġlieda għad-demokrazija tal-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, iżda minn żona sikura fl-Unjoni, fejn mhumiex f'riskju ta' ripressjonijiet brutali, ritaljazzjoni u priġunerija imminenti talli jirrakkontaw il-verità. Fl-istess ħin, jeħtieġ li nappoġġaw lill-media Ukrena u lill-persunal tagħha li ġew fl-Unjoni flimkien mal-għadd dejjem jikber ta' rifugiati tal-gwerra mill-Ukrajna.

Dawn l-organizzazzjonijiet tal-media jiffaċċjaw nuqqas immedjat ta' riżorsi biex ikomplu bl-attivajiet tagħhom, iżda wkoll l-isfidi li jstabbilixxu mudelli ta' negozju vijabbli fid-dawl ta' għeluq u restrizzjonijiet dejjem akbar fl-ispazju ta' informazzjoni u fiżiku tar-Russja u l-Belarusjsja, kif ukoll tnaqqis ġenerali fil-kapaċità tal-akkwist tan-nies b'riżultat tal-gwerra. Għall-kuntrarju ta' soluzzjonijiet ta' emerġenza, fejn sħab tal-istess fehma għandhom rwol ewlieni fis-soluzzjoni ta' problemi finanzjarji u ta' riżorsi akuti ta' rilokazzjoni tal-media lejn l-Unjoni fi kwistjoni tal-ewwel xhur, dan il-proġett pilota għandu l-għan li joffri mekkaniżmu ta' appoġġ prevedibbli li jipprovdi appoġġ ewlieni, opportunitajiet għall-innovazzjoni u żvilupp fit-tul.

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI (ikompli)

PP 07 23 (ikompli)

PP 07 23 04 (ikompli)

L-għan tal-proġett pilota huwa li jippromwovi l-preservazzjoni ta' ambjent tal-media pluralistiku tal-pajjiżi affettwati, filwaqt li l-għurnalisti u l-media qed jaħdmu mill-eżilju. L-għan usa' huwa li l-Ewropa ssir post aktar sikur billi l-popli ta' dawn il-pajjiżi jiġu megħjuna fl-aspirazzjonijiet demokratiċi tagħhom, fejn il-media indipendenti għandha rwol indispensabbli.

Il-proġett pilota għandu l-għan li jespjora ħtiġijiet ta' appoġġ preċiżi u sussegwentement jipprovdi appoġġ xieraq għall-media indipendenti u l-għurnalisti mill-Ukrajna, ir-Russja u l-Belarusja li rrilokaw u li qed jaħdmu mill-Istati Membri billi:

- isiru riċerka u mmappjar tal-ħtiġijiet u l-isfidi tal-kmamar tal-aħbarijiet indipendenti u tal-għurnalisti professjonali li rrilokaw l-oferazzjonijiet tagħhom;
- jiġu stabbiliti networks ta' appoġġ f'diversi Stati Membri, sabiex jiġi pprovdut appoġġ imfassal apposta u aġġustat għall-kmamar tal-aħbarijiet u l-għurnalisti eżiljati. B'mod ġenerali, l-appoġġ jiffoka fuq l-għajnuna biex jiġu introdotti mudelli ta' negozju vijabbli u soluzzjonijiet ta' format tekniku u tal-kontenut innovattivi sabiex jintlaħqu l-udjenzi (inklużi dawk b'aċċess possibbilment limitat għall-internet u riżorsi oħra), kif ukoll ifittxu sinerġiji u jippromwovu l-kondiviżjoni tal-aħjar prattika u n-networking (b'mod partikolari fost il-media eżiljata) filwaqt li jiżguraw l-indipendenza tal-media u jrawmu l-pluralità.

PP 07 23 05 Proġett pilota — Studju ta' fattibbiltà għal użu mill-ġdid soċjali tal-assi ffriżati u kkonfiskati bħala riżultat tas-sanzjonijiet tal-UE adottati wara l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
p.m.	375 000	500 000	125 000	

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti tal-proġett pilota.

Dan l-istudju tal-fattibbiltà jwitti t-triq biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tas-sanzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni adottati kontra persuni u entitajiet marbuta mal-Kremlin. L-istudju se jipprovdi analiżi legali tal-oqfsa leġiżlattivi nazzjonali finali tal-Unjoni biex jespjora sa liema punt il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri hija koerenti u adattata għall-implimentazzjoni taċ-ċiklu ta' politika għall-irkupru tal-assi relatat mas-sanzjonijiet. L-istudju se jkopri aspetti bħall-adozzjoni ta' sanzjonijiet, l-iffriżar tal-assi, il-konfiska tal-assi, l-introduzzjoni mill-ġdid tal-assi konfiskati fl-ekonomija nazzjonali għal użu soċjali, kif ukoll fil-baġit tal-Unjoni għall-infiq pubbliku fl-Ukrajna. Fil-kuntest ta' din ir-riċerka, assi t'fisser kull proprjetà monetizzabbli tal-oligarki u l-eliti tan-negozju Russi sanzjonati, bħal kontijiet bankarji, kriptovaluti, proprjetà immobbli, proprjetà lussuża, inklużi jottijiet, biċċiet tal-arti, djamanti, dehbijiet. L-istudju se jistħarreġ ukoll l-assi sovrani Russi. "Użu soċjali" t'fisser finanzjament mill-Istati Membri tal-azzjonijiet kollha relatati mal-protezzjoni tar-refuġjati Ukreni li jilqgħu f'pajjiżhom, bħal proċeduri amministrattivi, akkomodazzjoni soċjali, trasport, edukazzjoni, assigurazzjoni medika, u kull użu mill-ġdid possibbli biex tiġi ffinanzjata l-għajnuna umanitarja u tal-iżvilupp tal-Unjoni fl-Ukrajna jew, b'mod aktar ġenerali, għall-bini mill-ġdid u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI (ikompli)

PP 07 23 (ikompli)

PP 07 23 05 (ikompli)

L-istudju se janalizza d-disinn, l-ambitu u l-isfidi għal azzjoni bħal din fl-Unjoni li jkollha l-għan terġa' tintroduċi l-assi konfiskati fl-użu pubbliku. Għal dan l-għan, se jissuġġerixxi modi legali biex tiġi stabbilita l-konnessjoni bejn il-proprjetà ta' individwi u entitajiet sanzjonati fuq naħa, u r-reat li jkunu wettqu fuq in-naħa l-oħra. Ir-relazzjoni stabbilita bejn ir-reat u l-proprjetà mqiegħda fis-suq intern tal-Unjoni għandha sservi bħala bażi legali għal mekkaniżmu leġislattiv ġdid, skont is-sejbiet tal-istudju.

Ir-riżultati tal-istudju jservu ta' kontribut għat-tfassil tal-liġijiet nazzjonali u wara jistgħu jikkontribwixxu għal inizjattiva ta' politika futura tal-Unjoni. Tali rabta bejn l-assi miksuba illegalment u r-reat tal-attakk tar-Russja fuq l-Ukrajna tista' sservi wkoll bħala bażi għall-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet oħra adottati fil-konfront ta' individwi u entitajiet oħra ta' pajjiżi terzi.

L-irkupru u l-użu mill-ġdid tal-assi li ġew iffriżati bis-saħħa tas-sanzjonijiet tal-Unjoni adottati wara l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna se jilhq bosta għanijiet u objettivi tal-Unjoni. L-ewwel nett, din l-azzjoni se tippermetti l-implimentazzjoni effiċjenti tar-reġim tas-sanzjonijiet tal-Unjoni, li tmur lil hinn mill-adozzjoni simbolika. It-tieni, se tagħti spinta lir-riżorsi pubbliċi tal-Istati Membri li jospitaw komunitajiet kbar ta' rifuġjati Ukreni. It-tielet, se tippermetti li parti mill-assi rkuprati tingħadda lejn il-baġit tal-Unjoni għall-finanzjament tar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, li sservi *de facto* bħala riżorsa għall-Fond tar-Rikostruzzjoni tal-Ukrajna. Tali Fond jista' jinkludi wkoll, minbarra l-assi rkuprati, ir-riżorsi baġitarji tal-Unjoni, ir-riparazzjonijiet tar-Russja u diversi donazzjonijiet. Ir-raba', se ttaffi l-piż tal-finanzjament tal-infiq li jirriżulta mill-attakk tar-Russja fuq l-Ukrajna, il-piż attwalment kondiviż mill-Unjoni u l-Istati Membri. Il-ħames, se ssaħħaħ il-potenzjal ġeopolitiku tas-sanzjonijiet tal-Unjoni u sservi bħala miżura dissuważiva għal sidien oħra ta' assi minn pajjiżi terzi, li mhumiex fil-lista tas-sanzjonijiet, iżda li jistgħu jkunu soġġetti għal sanzjonijiet jekk jinvolvu ruħhom f'attivitajiet li jiksru d-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tad-demokrazija.

B'riżultat ta' dan, dan l-istudju se jindika perkorsi legali fi ħdan il-qafas legali eżistenti tal-Unjoni eżistenti għall-irkupru effettiv tal-assi f'għadd definit ta' każijiet, bħal aggressjoni militari mhux provokata. Fl-aħħar mill-aħħar, l-azzjonijiet ta' politika bbażati fuq dan l-istudju se jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-valuri tal-Unjoni, it-tisħiħ tal-Istat tad-Dritt u t-tmiem tal-impunità.

PP 07 24 2024

PP 07 24 01 Proġett pilota — Mezzi tekniċi biex l-unitajiet domestiċi Russi jingħataw informazzjoni affidabbli

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
2 600 000	650 000		

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĠJALI U FIL-VALURI (ikompli)

PP 07 24 (ikompli)

PP 07 24 01 (ikompli)

Kummenti

Fid-dawl tal-invażjoni brutali tal-Ukrajna minn Putin, u l-għadd kbir ta' delitti tal-gwerra, attacchi fatali fuq sptarjiet Ukreni, swali tal-maternità, faċilitajiet nukleari, nisa u tfal, fatt wieħed huwa ċar għal ħafna: li kieku r-Russi setgħu jaraw il-verità dwar x'qed jgħri, allura l-affarijiet jistgħu jkunu differenti.

Il-media indipendenti Russa wriet reżiljenza kbira wara r-rilokazzjoni lejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien. Iċ-ċifri jenfasizzaw il-kapaċità tagħhom li jintlaħqu l-udjenzi b'mod kontinwu. It-trażmissjonijiet fuq l-internet xi drabi jistgħu jippenetraw il-firewall tal-Kremlin, iżda jistgħu wkoll jiġu mblukkati faċilment, kif normalment ikun il-każ meta jiksbu livell ta' suċċess. Sa mill-bidu tal-gwerra, l-għassies tal-komunikazzjoni tar-Russja Roskomnadzor imblokka jew ħassar aktar minn 138 000 sit web, inkluż is-Servizz Dinji tal-BBC. YouTube u Telegram issa jintużaw ħafna biex jikkomunikaw aħbarijiet alternattivi fir-Russja, iżda dawn il-kanali jistgħu faċilment jiġu mblukkati mill-gvern. Għalhekk, huwa importanti li jkun hemm forom alternattivi ta' komunikazzjonijiet barra l-għażliet ibbażati fuq l-internet.

It-televiżjoni tirrappreżenta l-aktar mezz effettiv ta' propaganda Russa. Ħafna mix-xandiriet jippromwovu ideat kriminali bħall-ġenoċidju tal-poplu Ukren, il-qtil tal-politiċi tal-Punent, in-normalizzazzjoni tal-gwerra nukleari, il-qtil ta' tfal Ukreni, u aktar. L-istħarriġ jindika li 69 % tar-Russi jippreferu jiksbu l-aħbarijiet tagħhom permezz ta' stazzjonijiet tax-xandir tradizzjonali, u għandhom it-tendenza li jaraw it-televiżjoni b'mod kostanti. Bħalissa ma hemm l-ebda pjattaforma ta' xandir sinifikanti għal vuċijiet pluralistiċi li għandhom jinstemgħu fir-Russja. 41 % tal-unitajiet domestiċi Russi jużaw is-satellita bħala l-forma ewlenija tagħhom ta' riċezzjoni televiżiva. Dak in-numru huwa mistenni li jikber għal 48 % sal-2025 (Omdia 2021).

Id-distribuzzjoni tat-televiżjoni bis-satellita hija l-punt dgħajef fil-lockdown tal-media tal-Kremlin, u għad trid tiġi sfruttata b'mod effettiv għal messaġġi alternattivi. Kif muri mir-riċerka mill-Kumitat Denis Diderot, ħafna satelliti fuq ir-Russja huma proprjetà ta' kumpaniji tal-Punent, inklużi wħud mill-aktar pożizzjonijiet satellitari popolari. Din il-kapaċità ħolqot udjenza ristretta għat-trażmissjonijiet bil-vidjo bil-parametri tekniċi xierqa u tista' tintuża biex twassal mezzi alternattivi ta' messaġġi u ta' oppożizzjoni lill-popolazzjoni Russa.

Il-proġett pilota għandu l-għan li jipprovdi aċċess għal pjattaforma teknika attwalment mhux disponibbli, televiżjoni, li huwa l-mod kif l-aktar Russi jippreferu jaraw programmi tal-aħbarijiet. Dan jista' jsir b'żewġ modi:

- billi jwassal il-kontenut tal-ġurnaliżmu indipendenti fil-format ta' stazzjon televiżiv tradizzjonali.

- billi jipprovdi xandir bis-satellita ta' massimu ta' 25 stazzjon ġdid u eżistenti (radju u televiżjoni), fis-suq Russu

Reporters sans frontières u s-sieħeb tiegħu, il-Kumitat Denis Diderot, involvew ruħhom fi studju estensiv ta' fattibbiltà, li wassal biex tiġi kkonfermata l-possibbiltà teknika tat-tixrid ta' tali kontenut lill-unitajiet domestiċi Russi. Hemm interess kbir mill-pjattaformi tal-ġurnaliżmu indipendenti Russi ewlenin inklużi Meduza, Echo Moska u Holod Media biex iwasslu l-materjal tagħhom lir-Russi. Barra minn hekk, ix-xandar nazzjonali Ġermaniż Deutsche Welle kkonferma l-interess tiegħu li joħloq stazzjon televiżiv speċifikament bl-użu tal-kontenut tal-lingwa Russa. Stazzjonijiet oħra eventwalemnt jagħmlu l-istess. Il-kumpaniji satellitari indikaw l-interess tagħhom fi proġett tax-xandir u huma lesti li jipprovdu l-kapaċità.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTAKAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI (*ikompli*)PP 07 24 (*ikompli*)PP 07 24 01 (*ikompli*)

Dan il-proġett pilota se jgħin biex jiġi żgurat li dawn il-ġurnalisti indipendenti li jaħdmu fl-eżilju jkollhom il-mezzi tekniċi biex iwasslu xogħolhom lill-udjenza Russa permezz tat-televiżjoni bis-satellita. Dan se johlq il-mezzi tekniċi li dawn il-ġurnalisti jistgħu jużaw biex ixandru l-kontenut tagħhom b'mod effettiv fir-Russja. Bl-għajjnuna ta' dan il-proġett pilota, il-kontenut maħluq mhux biss minn ġurnalisti indipendenti iżda wkoll minn stazzjonijiet internazzjonali se jiġi formlat mill-ġdid u mwassal lill-poplu Russu, li jgħix f'nuqqas totali ta' aċċess għal informazzjoni pluralista. Dan il-proġett pilota m'għandux l-għan li johlq xi kontenut jew li jappoġġa finanzjarjament lill-ġurnalisti.

Hemm potenzjal kbir ta' kollaborazzjoni mal-proġett pilota PP 07 23 04 li diġà għaddej bħalissa "L-Unjoni Ewropea – iċ-ċentru tal-libertà tal-midja" li jiffoka fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet finanzjarji u ta' ġestjoni tal-media indipendenti Russa. Dan il-proġett pilota huwa komplementari għalih peress li jiffoka fuq l-iffaċilitar tal-kapaċitajiet tekniċi għat-tixrid mhux biss tal-kontenut prodott permezz taċ-ċentri tal-media, iżda wkoll tal-analiżi tal-aħbarijiet internazzjonali fir-Russja.

Ir-Russja strumentalizzat l-apparat ta' distribuzzjoni tat-televiżjoni tagħha filwaqt li l-Punent s'issa fil-biċċa l-kbira qagħad lura minn tentattivi sinifikanti biex iġib aċċess għal informazzjoni ħielsa lill-Federazzjoni tar-Russja. Il-proġett jista' jipprovi tama u verità lil miljuni ta' Russi.

KAPITOLU PP 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura sperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom. It-total tagħhom jikkorrispondi għal-livell ta' appropriazzjonijiet li jidhru taħt l-artikolu 08 20 01.

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2), il-punt (a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KAPITOLU PP 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA (ikompli)

PP 08 18 2018

PP 08 18 01 Proġett pilota — Għarfien dwar l-Oċeani għal Kulħadd

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	506 748,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 08 19 2019

PP 08 19 01 Proġett pilota — L-iżvilupp ta' sett ta' għodda għall-bdiewa ta' prattiki ta' ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara mill-Unjoni kollha

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	458 750	p.m.	917 500	0,—	1 662 823,75

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 08 19 02 Proġett Pilota — L-istabbiliment ta' programm operazzjonali: l-istrutturar tas-setturi agroalimentari biex jiġi ssalvagwardjata t-trażmissjoni tal-irziezet tal-familja u s-sostenibbiltà tal-agrikoltura lokali

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	845 000	0,—	422 500,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA (ikompli)

PP 08 22 2022

PP 08 22 01 Proġett pilota — Il-ħolqien ta' libreriġa miftuħa li jkun fiha katalogu diġitali ikkontrollat u li qed jikber kontinwament ta' senjaturi akustiċi individwali mill-ambjent akustiku ta' taħt il-baħar f'ibħra baxxi

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	745 250	p.m.	558 938	1 490 500,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 08 23 2023

PP 08 23 01 Proġett pilota – Titjib tal-post tal-prodotti organiċi fil-catering kollettiv

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
p.m.	750 000	1 500 000	375 000	

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-sena preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-kwistjonijiet tal-ikel huma fil-qalba tat-tranżizzjoni għal Unjoni aktar sostenibbli. Fl-ambitu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt tenfasizza li t-tranżizzjoni għal sistema tal-ikel san, sostenibbli u reżiljenti mhux se tinkiseb jekk ma jinbidlux id-dieti taċ-ċittadini, li qed kulma jmur jitħassbu iżjed dwar kwistjonijiet ambjentali, sanitarji, soċjali u etiċi u dwar il-valur tal-ikel tagħhom. F'dan il-kuntest, il-promozzjoni tal-ikel organiku hi għodda importanti. Fil-livell nazzjonali, diversi Stati Membri stabbilew miri dwar il-persentaġġi tal-prodotti organiċi fil-canteens biex iħeġġu lill-partijiet ikkonċernati lokali jaġixxu.

Dawk l-inizjattivi jwasslu għal trasformazzjoni tal-prattiki fil-canteens pubbliċi, speċjalment fil-livell lokali, u spiss ikollhom implikazzjonijiet pożittivi għat-territorji. Madankollu, dawn huma kkaratterizzati minn disparitajiet kbar bejn l-Istati Membri minħabba d-differenza fil-funzjonament tal-istrutturi, id-distribuzzjoni tal-kompetenzi, u l-livelli differenti ta' ambizzjoni tal-esperimenti mwettqa.

KAPITOLU PP 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA (*ikompli*)

PP 08 23 (*ikompli*)

PP 08 23 01 (*ikompli*)

Sal-lum, ma hemmx *data* li tippermettilna nkejlu dawn it-tranżizzjonijiet fil-qasam tal-catering kollettiv, għalkemm din l-informazzjoni tkun utli għall-iżvilupp ta' lingwa komuni u għall-iskambju ta' prattiki tajba bejn l-atturi territorjali Ewropej dwar dawn il-kwistjonijiet. Dan jippermetti mhux biss l-identifikazzjoni tal-imblokki attwali iżda wkoll l-ingranaġġi, l-għodod u l-mezzi possibbli biex it-tranżizzjoni tal-ikel tirnexxi.

Għal dan il-għan, il-proġett pilota jipproponi għodda prattika bbażata fuq tliet assi:

(1) Il-ħolqien ta' osservatorju Ewropew, aġli kemm jista' jkun biex jiġbor malajr il-prattiki u l-proġetti emerġenti fil-qasam tal-catering kollettiv madwar l-Unjoni kollha. Dak il-ġbir għandu jidentifika l-imblokki u tiffaċilita l-għarfien dwar il-bidliet li qed jiġru fit-territorji li għażlu li jintegraw il-prodotti organiċi fil-canteens tagħhom. Dan għandu jippermetti:

- evalwazzjoni ta' kif il-leġiżlazzjoni dwar l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku tħalli impatt fuq is-settur tal-biedja u l-ikel organiċi.
- l-istudju tal-prattiki u l-approċċi tal-awtoritajiet lokali biex jiġu kkaratterizzati t-tranżizzjonijiet u jiġu identifikati l-innovazzjonijiet (inkluż dawk edukattivi, b'mod partikolari fl-iskejjel) u l-kwistjonijiet emerġenti.
- l-għoti ta' informazzjoni siewja dwar l-approċċ finanzjarju li jħaddmu l-komunitajiet u l-awtoritajiet lokali biex jintroduċu l-ikel organiku fil-canteens (b'mod partikolari kif jintegraw u jtaffu l-kostijiet).
- it-titjib tal-programmi edukattivi dwar l-ikel organiku fl-iskejjel billi jissaħħaħ il-komponent tal-informazzjoni u tal-edukazzjoni tagħhom dwar in-nutrizzjoni tajba
- evalwazzjoni tar-rabta bejn it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel u l-introduzzjoni tal-ikel organiku fil-canteens pubbliċi
- is-segwitu tal-kwistjonijiet u l-opportunitajiet rigward il-kwalità nutrizzjonali tal-iklet organiċi jew iklet b'ingredjenti organiċi
- il-kejl tal-involviment tal-atturi lokali fl-organizzazzjoni tal-catering kollettiv, inkluż il-bdiewa

(2) Il-ħolqien ta' "klabb Ewropew tat-territorji" li joffri spazju għal uffiċjali eletti u partijiet ikkonċernati lokali biex jiskambjaw u jaqsmu bejniethom esperjenzi dwar l-introduzzjoni tal-ikel organiku fil-canteens.

(3) Il-ħolqien ta' gwida prattika għall-uffiċjali eletti u l-partijiet ikkonċernati lokali dwar kif l-aħjar jiġu organizzati lokalment biex jiġi introdott l-ikel organiku fil-canteens, biex il-prattiki fil-canteens jinbidlu favur aktar sostenibbiltà, u biex il-partijiet ikkonċernati lokali jingħataw lura r-riedni f'idejhom fejn tidħol is-sistema tal-ikel.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA (ikompli)

PP 08 24 2024

PP 08 24 01 Proġett pilota — L-istrutturi u l-organizzazzjonijiet tal-azjendi agrikoli: Ix-xejriet, id-definizzjoni u l-protezzjoni tal-mudell agrikolu tal-UE

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
750 000	187 500		

Kummenti

It-tnaqqis fin-numru ta' azjendi agrikoli jista' jiġi osservat partikolarment għal azjendi agrikoli żgħar (inqas minn 2 ettari). Fl-istess waqt, in-numru ta' azjendi agrikoli akbar (100 ettaru jew aktar) żdied, għalkemm in-numru assolut xorta jibqa' limitat. Il-bidliet strutturali u organizzattivi jqajmu għadd ta' mistoqsijiet dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-PAK li jridu jiġu studjati fil-kuntest tal-politika agrikola komuni (PAK) wara l-2027:

- Liema xejriet huma osservati fl-Istati Membri u s-setturi differenti f'termini ta' strutturi tal-azjendi agrikoli, inklużi l-irziezet tar-raħħala, it-tip ta' impjeg agrikolu, l-organizzazzjonijiet tal-azjendi agrikoli, filwaqt li jitqiesu wkoll l-età, is-sess, u l-edukazzjoni, il-livell ta' kapitalizzazzjoni fuq l-azjendi agrikoli, b'mod partikolari fuq il-mekkanizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-forom legali disponibbli fl-Istati Membri?
- X'influenza kellha l-PAK, permezz tal-għodod u l-miżuri differenti tagħha, fuq l-iżvilupp tal-istrutturi u l-organizzazzjonijiet agrikoli fl-Ewropa?
- Kif jistgħu modi ġodda tal-organizzazzjoni tax-xogħol u tad-distribuzzjoni tal-kapital jgħinu biex tintlaħaq (jew ma jirnexxilhiex tintlaħaq) l-isfida tat-tiġdid ta' ġenerazzjonijiet tal-bdiewa?
- Liema adattament/limitazzjoni fl-għodod eżistenti jew għodod ġodda u liema miżuri jeħtieġ li jiddaħħlu fis-seħħ biex jappoġġjaw il-modi identifikati kif jitmexxew l-oġettivi ekonomiċi tal-azjenda agrikola, għat-tiġdid ġenerazzjonali u għall-protezzjoni tal-mudell tal-biedja tal-familja u l-biedja fuq skala żgħira ("raħħala")?

Dan il-proġett pilota għandu l-għan li jalimenta r-riflessjoni ġenerali fuq il-PAK, kemm fil-kuntest tal-implimentazzjoni attwali tagħha kif ukoll fil-fehma tar-reviżjoni tagħha wara l-2027.

PP 08 24 02 Proġett pilota — Trawwim tat-tranżizzjoni tal-enerġija fis-settur tas-sajd

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
2 200 000	550 000		

KAPITOLU PP 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA (ikompli)

PP 08 24 (ikompli)

PP 08 24 02 (ikompli)

Kummenti

Il-kuntest

It-tibdil fil-klima qed iġiegħel lil kull settur ekonomiku jadatta u jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tiegħu. Is-settur tas-sajd irid ukoll jagħmel sforzi biex inaqqas l-impronta tal-karbonju tiegħu. Barra minn hekk, il-volatilità u ż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwils fossili minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna joħolqu inċertezza u jnaqqsu l-profittabbiltà tal-kumpaniji tas-sajd. Il-fjuwil tal-bastimenti tas-sajd ma jistax jibqa' bbażat biss fuq il-fjuwils fossili. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Frar 2023 dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE (COM(2023) 100 final) tiddikjara li huwa essenzjali "li jiġu promossi l-ittestjar u l-validazzjoni xjentifika ta' teknoloġiji ġodda u eżistenti għall-applikazzjoni tagħhom fis-sajd", u tiddikjara wkoll li "l-Kummissjoni se twettaq studju madwar l-UE kollha dwar it-teknoloġiji disponibbli għat-tranżizzjoni tal-enerġija fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura u l-kostijiet u l-benefiċċji rispettivi tagħhom". F'dan il-kuntest, dan il-proġett pilota li jiżviluppa bastiment tas-sajd ta' dimostrazzjoni li jittestja teknoloġiji innovattivi ta' propulsjoni hija rilevanti.

Il-flotta tas-sajd Ewropea qed tixjeh; il-prestazzjoni enerġetika tal-bastimenti tas-sajd mhijiex sodisfaċenti. Il-finanzjament ta' bastiment tas-sajd dimostratur jippermetti l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi ta' propulsjoni adattati għas-sajd. L-għan huwa li jiġu ttestjati d-disinn tal-buq, it-teknoloġiji ta' propulsjoni u l-enerġija differenti użati abbord li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-mezzi ta' propulsjoni użati mis-sajjeda llum u li jitwessgħu l-possibbiltajiet offruti lis-sajjeda biex jiffrankaw l-enerġija u jibdeu it-tranżizzjoni tal-enerġija tal-bastimenti tas-sajd.

I. Bastiment tas-sajd dimostratur li jittestja teknoloġiji innovattivi ta' propulsjoni

L-objettiv ta' dan il-proġett pilota jkun li jiffinanzja l-adattament ta' bastiment tas-sajd dimostratur abbażi ta' valutazzjoni tal-fattibbiltà u l-ambitu tat-test u l-baġit allokat iddedikat għal dan il-proġett pilota.

II. Valutazzjoni tal-fattibbiltà u l-kamp ta' applikazzjoni tat-test

- Valutazzjoni tal-fattibilità u l-ambitu tat-test se tidentifika l-karatteristiċi tal-bastiment tas-sajd (id-disinn tal-buq, it-teknoloġiji tal-propulsjoni u l-enerġija użata abbord).

Dik il-valutazzjoni se tidentifika wkoll it-tip differenti ta' testijiet meħtieġa fuq bastiment retrofitted.

Abbażi tal-valutazzjoni tal-fattibbiltà, se jitwettqu testijiet biex jiġi ddeterminat l-iffrankar tal-enerġija tal-bastiment, is-sikurezza u l-prestazzjoni ambjentali b'irkapti tas-sajd u kundizzjonijiet tat-temp differenti.

III. Informazzjoni addizzjonali

L-għan ta' dan il-proġett pilota huwa li tiġi ttestjata l-kompatibilità ta' mezz wieħed jew aktar ta' propulsjoni li jista' jnaqqas b'mod sinifikanti l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-konsum tal-enerġija tal-bastiment b'tipi differenti ta' rkaptu tas-sajd. Huwa fidejn il-manijer tal-proġett (entità pubblika jew privata) li jipproponi l-aktar kombinazzjonijiet xierqa.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA (ikompli)

PP 08 24 (ikompli)

PP 08 24 02 (ikompli)

Il-proġett pilota għandu jippermetti lis-sajjieda jieħdu sehem fl-istadji kollha tiegħu u jipprovdu feedback. Il-Kummissjoni se tkun tista' ssegwi wkoll l-istadji varji tat-testijiet. Il-maniġer tal-proġett irid jipproponi "raison għall-eżistenza" għall-bastiment ladarba l-objettivi tal-proġett pilota jkunu ntlaħqu, pereżempju promozzjoni tal-ivvjaġġar tar-riżultati tal-proġett pilota fil-portijiet tas-sajd Ewropej jew li jsir bastiment tat-taħriġ għas-sajjieda żgħażaġh madwar l-Unjoni.

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI (ikompli)

PA 01 23 (ikompli)

PA 01 23 04 Azzjoni preparatorja — Servizz ta' appoġġ għal proġetti ta' rinnovazzjoni mmexxija miċ-ċittadini

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
2 500 000	3 125 000	5 000 000	1 250 000	

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Din l-azzjoni preparatorja hija l-kontinwazzjoni ta' proġett pilota PP 01 21 02 li kien ġie approvat għal sentejn konsekuttivi u għandha l-għan li tegħleb l-ostakli finanzjarji, ġuridiċi u tekniċi għall-proġetti ta' rinnovazzjoni mmexxija miċ-ċittadini. Din tinvolvi l-ħolqien ta' servizz ta' appoġġ speċifiku tal-Unjoni għall-atturi l-ġodda tal-Komunitajiet tal-Enerġija taċ-Ċittadini (CEC) u tal-Komunitajiet tal-Enerġija Rinnovabbli (REC) stabbilit fil-leġislazzjoni tal-Unjoni li kapaċi jikkatalizzaw l-involviment taċ-ċittadini f'diversi aspetti tat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi proġetti ta' rinnovazzjoni. Il-ħolqien ta' tali servizz jista' jibni fuq l-esperjenza tal-kooperattivi li jirnexxilhom jgħaqqdu l-proġetti fuq skala ta' viċinat. Is-servizz ta' appoġġ għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rabtiet fi ħdan il-komunitajiet u jespandi u jirriproduċi programmi li kellhom suċċess. Din għandha tinkludi:

1. Pjattaforma għall-kondiviżjoni tal-esperjenzi u tal-mudelli, sabiex tinbena dinamika komunitarja b'saħħitha biex jiġu mobilizzati ċ-ċittadini tal-Unjoni madwar rinnovazzjoni integrata tal-bini u l-użu tal-enerġija rinnovabbli (permezz tal-komunitajiet tal-enerġija).
2. L-appoġġ għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' investiment, peress li l-identifikazzjoni tal-għażliet ta' finanzjament hija element kruċjali għall-ħolqien ta' riżervi ta' proġetti. (Tfittxija ta' punti komuni biex jitwessa' l-iżvilupp ta' proġetti mmexxija miċ-ċittadini. L-istudju tal-iżvilupp ta' mudelli li jappoġġaw ir-rinnovazzjoni flimkien mal-użu tal-enerġija rinnovabbli.)
3. L-għoti ta' provi u indikaturi sabiex jiġu sensibilizzati l-komunitajiet tal-enerġija eżistenti dwar il-valur tar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija.
4. L-għoti ta' assistenza teknika u kkwocjar lil gruppi ta' ċittadini, organizzazzjonijiet komunitarji eżistenti kif ukoll awtoritajiet lokali biex jistabbilixxu CEC u REC li jitttrattaw ir-rinnovazzjoni tal-bini, l-aċċess għas-sjeda tad-djar u l-faqar enerġetiku.
5. Il-monitoraġġ u l-appoġġ ta' traspożizzjoni rigoruża tad-dispożizzjonijiet tal-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa li jikkonċernaw CECs u RECs, li għandhom iservu ta' opportunità għall-Istati Membri biex isaħħu r-rwol taċ-ċittadini fit-tranżizzjoni enerġetika.

L-għan tal-azzjoni preparatorja se jkun li jħarreġ il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u dawk taċ-ċittadini permezz tal-proċess tal-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' tranżizzjoni territorjali.

KAPITOLU PA 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI (ikompli)

PA 01 24 2024

PA 01 24 01 Azzjoni preparatorja — Azzjoni preparatorja — FOSSEPS 2

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
2 500 000	625 000		

Kummenti

Il-proġett pilota attwali PP 01 24 “Soluzzjonijiet madwar l-Ewropa kollha għall-użu ta’ softwer liberu u b’sors miftuħ mis-servizzi pubbliċi fl-Unjoni (FOSSEPS)” mhux biss avvanza b’mod sinifikanti l-idea ta’ kooperazzjoni madwar l-Ewropa kollha dwar sors miftuħ, iżda għamel dan permezz ta’ tliet azzjonijiet konkreti: (i) il-bini tal-ewwel Katalogu ta’ Soluzzjonijiet b’Sorsi Miftuħa madwar l-Ewropa kollha għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, (ii) l-identifikazzjoni ta’ software kritiku użat mis-servizzi pubbliċi Ewropej, u (iii) l-istabbiliment ta’ grupp ta’ utenti tas-servizzi pubbliċi Ewropej dwar sors miftuħ.

Il-kapaċità tagħna madwar l-Ewropa kollha li nużaw b’mod strateġiku u nimplimentaw b’mod operazzjonali software liberu u b’sors miftuħ (FOSS) hija pedament tal-istrateġiji biex jinkisbu s-sovranià diġitali, iż-żieda fil-kompetittività tas-swieq diġitali, l-innovazzjoni, u ċ-ċibersigurtà. Il-proġett pilota inizjali kien suċċess kbir. Hemm xogħol mhux mitmum u interess ulterjuri f’kull wieħed mit-tliet pilastri tal-proġett. It-tliet azzjonijiet elenkati hawn taħt jibnu fuq kisbiet preċedenti u jipproponu azzjonijiet ewlenin li l-azzjoni preparatorja tiegħu biex tissodisfa b’mod ċentrali u fl-istess ħin ukoll id-domanda mis-servizzi pubbliċi Ewropej.

(i) Katalogu Ewropew tal-Applikazzjonijiet

Il-benefiċċji diġà ppruvati relatati mal-iffrankar fil-ħin u l-kostijiet ikkawżati mill-użu mill-ġdid tal-applikazzjonijiet b’sors miftuħ elenkati fil-katalogi nazzjonali, jindikaw iffrankar enormi mill-fatt li jkun hemm Katalogu Ewropew ta’ Soluzzjonijiet b’Sorsi Miftuħa li jiffunzjona bis-sħiħ. Il-prodott minimu vijabbli inizjali tal-katalogu tal-applikazzjonijiet Ewropej maħluq mill-proġett pilota jeħtieġ li jiġi estiż ħafna mill-azzjoni preparatorja biex jippermetti li aktar data tal-Istati Membri tiġi assorbita, filwaqt li xorta tiġi riflessa fil-katalogi nazzjonali proprijji (approċċ federat għall-ġbir tad-data). Fil-fatt, ħafna Stati Membri għad ma għandhomx katalogi ta’ soluzzjonijiet ta’ software b’sors miftuħ, u dawk li għandhom, għandhom diffikultajiet tekniċi biex xogħolhom ikun federat. Hija meħtieġa aktar ħidma biex jiġu akkomodati standards differenti tad-data użati mill-Istati Membri, kif ukoll biex l-Istati Membri jiġu meġhjna joħlqu entrati aktar maturi fil-katalogi nazzjonali tagħhom, u mbagħad fil-Katalogu Ewropew tal-Applikazzjonijiet. Din l-azzjoni preparatorja se jkollha l-għan li tikseb informazzjoni dwar soluzzjonijiet b’sors miftuħ minn tal-inqas 14-il Stat Membru (50 %) permezz ta’ ħidma ta’ standards, il-kummerċjalizzazzjoni, komunikazzjoni aħjar, u billi turi l-iffrankar massiv li għandu jinkiseb. Il-kontenut tad-data għal kull Applikazzjoni elenkata jeħtieġ armonizzazzjoni sabiex it-tfittxijiet tal-utent jagħtu riżultati sinifikanti u jipprovdu kontenut komparattiv utli. Barra minn hekk, il-prodott minimu vijabbli inizjali tal-proġett pilota jeħtieġ ukoll fondi ta’ manutenzjoni kontinwi biex jissodisfa l-Katalogu Ewropew tal-Applikazzjonijiet li qed jevolvi. Minbarra t-titjib tal-Katalogu li jirriżulta mill-proġett pilota, jeħtieġ li nallokaw parti mill-finanzjament biex intejbu l-katalogi nazzjonali u l-kompatibbiltà tagħhom ma’ dak Ewropew.

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI (ikompli)

PA 01 24 (ikompli)

PA 01 24 01 (ikompli)

(ii) Inventarju ta' Software Kritiku

Minbarra li kiseb tiffir għall-indirizzar ta' din il-kwistjoni urġenti (eż. il-kwistjoni reċenti Log4j), il-proġett pilota wera n-nuqqas kbir ta' għarfien dwar software kritiku fi ħdan is-servizzi pubbliċi Ewropej. Il-proġett pilota pprova dik is-sensibilizzazzjoni, iżda s-sensibilizzazzjoni mhijiex biżżejjed, peress li s-servizzi pubbliċi Ewropej ma għandhomx l-għodod biex jidentifikaw software kritiku. Għalhekk huwa ċar li s-servizzi pubbliċi Ewropej ma jistgħux jitrattaw din il-kwistjoni waħedhom. Tal-anqas jeħtieġu għodod biex joħolqu lista ta' materjali tas-software (SBOM) għal kull software li jużaw. Dan huwa għaliex biex l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u s-servizzi pubbliċi Ewropej għandhom jiġbru flimkien ir-riżorsi tagħhom għal proġett li jkompli jidentifika u jsewwi software kritiku. Hemm hteieġa għal impenn u kooperazzjoni ma' atturi oħra tal-industrija sabiex dak l-isforz jiġi sostnut. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-inventarju għandu jiġi estż biex jaqbel mal-użu akbar tas-software liberu u b'sors miftuħ fl-amministrazzjonijiet pubbliċi, kif ukoll mill-bejjieġha li jipprovdu soluzzjonijiet ta' software lis-settur pubbliku. Bħala parti mill-iżvilupp tal-inventarju, it-tim tal-FOSSEPS għandu jiżviluppa strateġija ta' manutenzjoni madwar l-Unjoni kollha għas-software identifikat f'kollaborazzjoni mal-atturi tas-software liberu u b'sors miftuħ li bħalissa qed iżommuh. Din l-istrateġija ta' mitigazzjoni u l-finanzjament tagħha se jiġu elaborati f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri. L-għan ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li fl-aħħar mill-aħħar l-Istati Membri jżidu b'mod kollaborattiv u awtonomu l-kapaċità tagħhom li jidentifikaw software kritiku u jimmitigaw kwalunkwe riskju potenzjali għaċ-ċibersigurtà. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-identifikazzjoni ta' mekkaniżmu għas-sostenibbiltà ta' soluzzjonijiet għal software kritiku. Dan se jsaħħaħ u jestendi l-attivitajiet attwali taċ-ċentri ta' għarfien espert dwar sors miftuħ fis-servizz pubbliku fl-Istati Membri u l-Kummissjoni, bl-użu ta' finanzjament mill-azzjoni preparatorja.

(iii) Kooperazzjoni Ewropea dwar sors miftuħ

L-azzjoni preparatorja se tibni fuq il-ħidma li bdiet mill-proġett pilota biex tħeġġeġ lis-servizzi pubbliċi Ewropej jiffurmaw network jew grupp ta' utenti ta' sors miftuħ. L-azzjoni preparatorja se tinvolvi b'mod attiv is-servizzi pubbliċi Ewropej madwar l-Istati Membri biex issaħħaħ l-għarfien espert f'dan in-network, u tippermettilu jespandi, u jdaħħal membri ġodda. Wieħed mill-eżiti prattiki possibbli ta' din iż-żieda fil-kapaċità, li għandha titħejja fl-azzjoni preparatorja, huwa li jinstabu modi għaċ-ċentri ta' għarfien espert dwar sors miftuħ fis-servizz pubbliku fl-Istati Membri biex jiġbru flimkien ir-riżorsi tagħhom biex ikunu jistgħu jtejbu b'mod kollettiv is-sostenibbiltà u l-governanza tal-komponenti essenzjali b'sors miftuħ. Din l-inizjattiva se tippermetti lis-servizzi pubbliċi Ewropej jimmaniġġjaw il-kwistjonijiet ta' sors miftuħ tagħhom stess u b'mod kollettiv jiprovdu soluzzjonijiet, biex b'hekk ikunu jistgħu jsiru diġitalment sovrani f'dan il-qasam, filwaqt li titrawwem l-ekosistema Ewropea b'sors miftuħ ta' atturi zġhar ta' sors miftuħ.

(iv) Iċ-Ċibersigurtà u s-sostenibbiltà ta' sorsi miftuħa

Hemm bżonn li jitwettqu analiżijiet tas-sigurtà u tas-sostenibbiltà fuq software b'sors miftuħ użat b'mod komuni fi ħdan is-servizzi pubbliċi Ewropej. L-azzjoni preparatorja se twettaq sensiela ta' premijiet għas-sejbien ta' bugs u hackathons biex tidentifika u ssolvi l-kritikalitajiet u tgħin biex is-software kritiku jsir aktar sostenibbli billi tinforza jew issaħħaħ is-software bażi. Tali attivitajiet se jgħinu wkoll biex jipromwovu l-użu ta' sors miftuħ fl-Unjoni.

KAPITOLU PA 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI (ikompli)

PA 01 24 (ikompli)

PA 01 24 01 (ikompli)

(v) Definizzjoni ta' strateġiji għall-promozzjoni tal-użu mill-ġdid ta' software żviluppat mis-servizzi pubbliċi jew għalihom:

B'mod partikolari, din l-azzjoni preparatorja se tippromwovi l-użu mill-ġdid tas-software bl-użu ta' sensiela ta' inċentivi (premjijiet) permezz ta' kompetizzjonijiet, biex ttipprovi, minbarra premjijiet finanzjarji, appoġġ prattiku (eż. konsulenza, żvilupp, appoġġ għall-ittestjar) u tgħin lil dawn is-servizzi pubbliċi jindirizzaw kwistjonijiet ta' software li jipprevjenu s-soluzzjonijiet tagħhom milli jintużaw minn amministrazzjonijiet pubbliċi oħra fi Stati Membri oħra (eż. l-internazzjonalizzazzjoni u l-lokalizzazzjoni, l-integrazzjoni u l-personalizzazzjoni).

PA 01 24 02 Azzjoni preparatorja — Implimentazzjoni tal-SDGs fir-reġjuni tal-UE — mill-monitoraġġ għall-azzjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
1 800 000	450 000		

Kummenti

Filwaqt li sar xi progress lejn il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), għad fadal ħafna sfidi fil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom fl-Ewropa, peress li d-disparitajiet huma evidenti kemm fost l-Istati Membri kif ukoll fost ir-reġjuni tal-Unjoni.

Dan huwa ta' importanza partikolari meta titqies il-ħtieġa li l-SDGs jiġu lokalizzati f'livelli sottonazzjonali differenti sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tagħhom fid-dawl tal-isfidi u l-oġettivi lokali.

Waħda mill-isfidi ewlenin fil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-SDGs hija t-tfassil u l-iżvilupp ta' politiki integrati u koerenti li jqisu l-interkonnessjonijiet fost l-SDGs u l-miri tagħhom. Sfidi oħra jinkludu finanzjament inadegwat, mekkaniżmi mhux suffiċjenti tad-data u tal-monitoraġġ, u kapaċitajiet istituzzjonali differenti fir-reġjuni Ewropej.

Din l-azzjoni preparatorja għandha l-għan li tinforma t-tfassil tal-politika tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali b'rakkomandazzjonijiet konkreti dwar aspetti relatati mal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livell reġjonali, filwaqt li tibni fuq l-eżitu tal-proġett pilota PP 01 22 06 "Monitoraġġ tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fir-reġjuni tal-Unjoni - It-tneħħija tal-lakuni fid-data" inkluż is-sett kożviluppat ta' indikaturi u data.

L-azzjoni preparatorja għandha l-għan li tistabbilixxi mekkaniżmu għall-monitoraġġ reġjonali regolari tal-progress lejn il-kisba tal-SDGs. Il-mekkaniżmu se jaħdem fuq il-ġbir, l-analiżi u l-interpretazzjoni tad-data ta' indikaturi prodotti fil-livell reġjonali (NUTS2).

Din l-azzjoni preparatorja għandha tiġi implimentata fuq sentejn.

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI (ikompli)

PA 01 24 (ikompli)

PA 01 24 02 (ikompli)

Il-passi li għandhom jittieħdu għall-implimentazzjoni tal-azzjoni preparatorja huma:

- l-espansjoni tal-Proġett Pilota Monitoraġġ tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fir-reġjuni tal-Unjoni — It-tneħħija tal-lakuni fid-data (PP 2022) sett ta' indikaturi reġjonali biex jiġu indirizzati l-miri kollha tal-SDGs (mill-55 sal-169)
- validazzjoni tas-sett ta' indikaturi reġjonali permezz ta' stħarriġ fuq skala kbira mmirat lejn ir-reġjuni Ewropej
- l-istabbiliment u t-tixrid tas-sett ta' indikaturi reġjonali Ewropej għall-monitoraġġ tal-SDGs bl-aktar data aġġornata
- il-kooperazzjoni mas-sistemi nazzjonali tal-istatistika dwar il-għbir u d-disseminazzjoni sistematiki ta' data tal-SDGs reġjonali
- l-inferenza ta' assoċjazzjonijiet fil-forma ta' interkonnessjonijiet komplementari u ta' compromess għal azzjonijiet ta' politika li jindirizzaw l-SDGs fil-livell sottonazzjonali
- l-ittestjar tal-komplementarjetà ta' sensiela ta' politiki Ewropej attwali (il-Patt Ekoloġiku tal-Ewropa, il-Politika ta' Koeżjoni Ewropea, il-Politika Agrikola Komuni) fir-rigward tal-kisba ta' ċerti SDGs fil-livell reġjonali
- l-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika għall-Kummissjoni dwar kif ir-reġjuni Ewropej jimmonitorjaw l-SDGs, u x'jimplikaw l-interkonnessjonijiet tal-SDGs għall-azzjonijiet tat-tfassil tal-politika

PA 01 24 03 Azzjoni preparatorja — Sħubijiet għall-Innovazzjoni Reġjonali

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
1 000 000	250 000		

Kummenti

1. Sħubijiet għall-Innovazzjoni Reġjonali: ir-rilevanza tal-politika u l-passi li jmiss

L-innovazzjoni hija faċilitatur essenzjali biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika tal-Unjoni, b'mod partikolari t-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali, u biex jinkisbu awtonomija strateġika miftuħa kif ukoll l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. L-innovazzjoni hija essenzjali wkoll biex tixpruna l-kompetittività tal-Ewropa, tibni reżiljenza f'oqsma strateġiċi u tnaqqas id-dipendenzi u l-vulnerabbiltajiet li ġabu magħhom il-kriżijiet ta' dan l-aħħar.

It-trasformazzjonijiet profondi tas-sistemi tal-produzzjoni u tal-konsum wasslu għat-tranżizzjoni lejn sistema ġdida tal-enerġija ekoloġika, mir-rwol mifruq tat-teknoloġiji diġitali, u mill-isfidi li l-kriżi tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tal-gwerra tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina jitolbu investimenti ambizzjużi fl-innovazzjoni. Madankollu, riżultati verament trasformattivi x'aktarx li ma jiġux iġġenerati minn aktar fondi f'approċċ tan-negozju ta' żamma tal-istatus quo.

KAPITOLU PA 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI (*ikompli*)PA 01 24 (*ikompli*)PA 01 24 03 (*ikompli*)

Politiki ġodda ta' innovazzjoni jridu jindirizzaw żewġ prerekwiżiti importanti: involviment sinifikanti tal-partijiet ikkonċernati lokali u reġjonali inklużi ċ-ċittadini, l-intrapriżi, l-istituzzjonijiet tal-għarfien u l-awtoritajiet lokali; u innovazzjoni trasformattiva u fil-livell tas-sistema li tinfluwenza u tispira l-politiki industrijali, klimatiċi, tal-impjiegi u soċjali, fost l-oħrajn. Dawn il-politiki għandhom iqisu wkoll il-ħidma ta' mmudellar reċenti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) dwar id-diversifikazzjoni ekonomika reġjonali, miksuba permezz tal-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda, ħidma li tikkonkludi li d-diversifikazzjoni relatata għandha potenzjal akbar għal reġjuni aktar periferiċi u inqas żviluppatti milli għar-reġjuni aktar żviluppatti li għandhom pjuttost isegwu modi aktar rivoluzzjonarji għall-innovazzjoni.

Fl-2022, il-Kummissjoni u l-Kumitat tar-Reġjuni nedew is-Sħubijiet għall-Innovazzjoni Reġjonali (PRI). L-approċċ tal-PRI ġie approvat mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Lulju 2020 imsemmija "Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni".

Il-PRI huma rispons għas-sejħa urġenti tal-Patt Ekoloġiku Ewropew biex tiġi indirizzata l-isfida bla preċedent li ħoloq it-tibdil fil-klima, rispons għall-hteġa urġenti li tinkiseb awtonomija strateġika miftuħa u biex jiġi żgurat li l-Ewropa tirnexxi fl-ekonomija ekoloġika u diġitali tal-futur, filwaqt li tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali u territorjali f'era ta' polikriżi globali.

Il-PRI ġew żviluppatti fil-JRC. Dawn jibnu fuq esperjenzi pożittivi bi strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u jfittxu li jindirizzaw il-frammentazzjoni tal-istrumenti u l-politiki ta' finanzjament fit-territorji, u l-allinjamenti ħżiena bejn l-inizjattivi reġjonali, nazzjonali u dawk tal-Unjoni, filwaqt li jesploraw approċċi ġodda mfasla biex jgħaqqdu l-isforzi bejn il-gvernijiet u l-partijiet ikkonċernati, jiżviluppaw sħubijiet u jampifikaw l-impatt.

L-ewwel Playbook tal-PRI ġie żviluppat u offrut lit-territorji li jipparteċipaw fil-proġett pilota, bil-ħsieb li jiggwida l-implimentazzjoni tal-proġett pilota.

Il-proġett pilota tal-PRI ta' sena bdiet fis-17 ta' Mejju 2022, tinvolvi 74 territorju u għandha żewġ objettivi ewlenin. L-ewwel wieħed huwa li jiġi ttestjat bir-reqqa u żviluppat aktar il-Playbook PRI, u permezz tiegħu l-kunċett kollu tal-PRI It-tieni objettiv ewlieni huwa li tibda tingħata aktar viżibbiltà lil opportunitajiet għal territorji pilota, u li dawn l-opportunitajiet jiġu żviluppatti b'mod konġunt, biex jgħaqqdu u jibdeu kollaborazzjoni interreġjonali dwar suġġetti b'appoġġ għal widien tal-innovazzjoni reġjonali futuri fil-qafas tal-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni, l-artikolazzjoni lokali konġunta tal-Missjonijiet tal-Unjoni, il-kooperazzjoni interreġjonali fi ktajjen tal-valur sostenibbli ġodda, l-iżvilupp tal-ħiliet kollaborattivi, jew oqsma ulterjuri li huma l-aktar importanti għat-territorji.

2. Azzjoni preparatorja dwar il-PRI: objettivi, ambitu, u attivitajiet

Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, l-azzjoni preparatorja:

- tiftaħ l-esperimentazzjoni tal-PRI għal sett akbar ta' territorji minn dak involut fl-azzjoni inizjali,
- tittestja l-PRI bħala pont bejn l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti lokali u l-użu tal-missjoni ta' adattament għall-klima tal-Unjoni fir-reġjuni u l-komunitajiet,
- tappoġġa l-parteċipazzjoni tat-territorji fi ktajjen tal-valur ġodda tal-Unjoni marbuta mal-użu tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali,
- tittestja l-vijabbiltà fit-tul tal-PRI,
- trawwem it-trazzjoni politika tagħha,

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI (ikompli)

PA 01 24 (ikompli)

PA 01 24 03 (ikompli)

- tappoġġa l-użu u l-implimentazzjoni tal-kunċett ta' PRI b'appoġġ għall-politiki industrijali, ta' koeżjoni u ta' riċerka u innovazzjoni tal-Unjoni,
- torbot il-PRI mal-approċċ tal-NEB jekk ikun xieraq,
- tindirizza l-isfidi u l-ħtiġijiet ta' komunitajiet u territorji iżgħar jew inqas innovattivi biex jittaffew ir-riskji ta' żieda fid-distakk fl-innovazzjoni fl-Unjoni,
- toħloq komunità ta' prattikanti tal-PRI.

PA 01 24 04 Azzjoni preparatorja — Forum tal-istartup villages u widien tal-innovazzjoni rurali

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
1 800 000	450 000		

Kummenti

Din l-azzjoni preparatorja għandha l-għanijiet li ġejjin:

- Analiżi ta' studji ta' każijiet ta' Startup Villages;
- Tfassil ta' rapport finali b'rakkomandazzjonijiet ta' politika li għandu jitmieda f'avveniment pubbliku.

M'hemm l-ebda bażi ġuridika għal għbir fil-fond ta' indikaturi u metriċi fir-rigward tal-użu tal-innovazzjoni u speċifikament l-intraprenditorija innovattiva f'żoni rurali, u f'it hemm disponibbiltà ta' data u statistika xierqa, kif ukoll evidenza skarsa ta' kif in-negozji ġodda jistgħu jfeġġu u jkbr u b'suċċess f'żoni rurali. Għalhekk, il-bażi tal-għarfien jeħtieġ li tissaħħaħ u titwessa' sabiex tinfexx l-azzjoni ta' politika b'appoġġ xjentifiku.

Barra minn hekk, ma hemm l-ebda azzjoni speċifika li taqbel mal-innovazzjoni, in-negozji ġodda u l-intraprenditorija fil-qafas wiesa' attwali tal-programmi ta' politika tal-Unjoni mmirati lejn iż-żoni rurali. Il-politiki differenti li jkollhom impatt fuq iż-żoni rurali (il-politiki tal-iżvilupp rurali, il-politika reġjonali, il-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni) jużaw għadd ta' azzjonijiet rilevanti, iżda jeżisti nuqqas ta' sinteżi u għalhekk hemm il-ħtieġa li jingħaqdu l-punti u jiġu estratti rakkomandazzjonijiet rilevanti biex jimtela dan il-vojt f'azzjoni futura.

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

Kummenti

L-approprijazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jifinanzjaw l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-applikazzjoni tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri. It-total tagħhom jikkorrispondi mal-livell tal-approprijazzjonijiet li jidhru taħt l-Artikolu 02 20 02.

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2) tar-Regolament, il-punt (b), (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

PA 02 18 2018

PA 02 18 01 Azzjoni preparatorja — Nistabbilixxu appoġġ komprensiv għal reġjuni fi tranżizzjoni intensivi fil-faħam u l-karbonju

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 911 429	p.m.	4 000 000	0,—	3 840 762,50

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' thejġġja.

PA 02 19 2019

PA 02 19 01 Azzjoni preparatorja — Strument informattiv faċli li jintuża dwar l-iskemi ta' regolamentazzjoni tal-aċċess għaż-żoni urbani u reġjonali tal-vetturi

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	316 000	0,—	989 886,80

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' thejġġja.

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PA 02 20 2020

PA 02 20 01 Azzjoni preparatorja — Tagħlim għall-awtoritajiet u l-komunitajiet tal-gżejjer biex jitgħallmu kif isiru l-offerti għal proġett tal-enerġija rinnovabbli

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	268 305	p.m.	460 000	0,—	702 382,85

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni preparatorja.

PA 02 20 02 Azzjoni preparatorja — Tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar l-azzjoni għall-klima bejn l-irħula fl-Unjoni u lil hinn permezz tal-ħolqien ta' identità rurali tal-Patt tas-Sindki

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	767 614	p.m.	1 000 000	0,—	575 710,80

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

PA 02 20 03 Azzjoni preparatorja — Intelliġenza Artifiċjali u Big Data fit-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Ewropa: pjattaforma tal-Ewropea tar-reġjuni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	170 000	0,—	255 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PA 02 20 (ikompli)

PA 02 20 04 Azzjoni preparatorja — Amministrazzjoni lokali intelliġenti li tuża l-Internet tal-Oġġetti, l-intelliġenza artifiċjali, ir-realtà virtwali u l-għodod ta' tagħlim awtomatiku biex tkun eqreb lejn iċ-ċittadin

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	82 982	p.m.	500 007	0,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

PA 02 22 2022

PA 02 22 01 Azzjoni preparatorja — Skambju tas-Sikurezza tat-Toroq tal-UE +

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	270 000	p.m.	205 000	894 350,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

EU Road Safety Exchange + (EURSE) (II) se jikkonsolida l-ħidma dwar l-iskambju tal-ġharfien u l-aħjar prattika tal-proġett pilota u jespandi l-ambitu għal numru aktar ta' Stati Membri. Programm fit-tul jiżgura appoġġ kontinwu minn pari, li huwa essenzjali biex jinkisbu kemm miri nazzjonali kif ukoll Ewropej ħalli jitnaqqsu l-imwiet u l-korrimenti serji kkawżati minn inċidenti fit-toroq, kif ukoll livell għoli ta' viżibbiltà u sjeda għas-sikurezza tat-toroq fl-Istati Membri. Dan jipprovd i għodda u soluzzjonijiet ġodda bbażati fuq il-prattika internazzjonali tajba u jstabbilixxi sħubija konsistenti bejn il-pajjiżi. Azzjoni mmirata fuq suġġetti ewlenin se tgħin fit-tnaqqis tad-differenza sinifikanti fil-prestazzjoni relatata mas-sikurezza tat-toroq bejn l-Istati Membri.

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PA 02 22 (ikompli)

PA 02 22 01 (ikompli)

L-azzjoni preparatorja se żżid in-numru ta' parteċipanti tal-proġett tal-Iskambju tas-Sikurezza tat-Toroq tal-UE u se tidentifika l-pajjiżi parteċipanti abbażi tal-potenzjal tagħhom li jiksbu titjib sinifikanti fis-sikurezza tat-toroq. Esperti fil-qasam tal-ġemellaġġ se jintgħażlu abbażi tal-esperjenza sostanzjata tagħhom fl-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi ta' sikurezza tat-toroq fis-setturi ta' interess. L-azzjoni preparatorja se tistabbilixxi mekkaniżmu ġdid għall-iskambju u s-segwitu sistematiku bil-ħsieb li l-professjonisti fl-Istati Membri parteċipanti jkollhom l-għarfien u l-għodod neċċessarji biex jintroduċu riformi fit-tul fis-sikurezza tat-toroq, b'mod konformi mal-pjanijiet nazzjonali ta' reżiljenza u rkupru. L-attivitajiet previsti jinkludu gruppi ta' ħidma tematiċi online, żjarat ta' studji fil-post, kif ukoll segwitu sistematiku u konferenza finali biex jiġu kondiviżi l-għarfien u l-esperjenza ma' udjenza usa'.

PA 02 22 02 Azzjoni preparatorja — Data Spazjali tal-UE għal bastimenti awtonomi fil-passaġġi fuq l-ilma interni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	550 000	p.m.	455 000	2 000 000,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

It-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni qed jinbidel u jibbenefika minn teknoloġiji emerġenti li jwasslu għal settur aktar sikur, diġitali u aktar sostenibbli. L-operazzjonijiet tal-bastimenti awtonomi se jifethu opportunitajiet ġodda ta' negozju, kif ukoll sfidi ġodda, li jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni u l-isfidi tas-sostenibbiltà tal-Unjoni. Id-data Spazjali tal-UE minn Galileo, EGNOS u Copernicus se tkun faċilitatur ewlieni ta' din it-trasformazzjoni, billi tiffaċilita informazzjoni affidabbli u robusta dwar il-pożizzjonament u immaġnijiet armonizzati tal-kanali navigabbli u tal-ambjent, meħtieġa għal operazzjonijiet awtonomi sikuri u ekoloġiċi.

Il-ħtieġa għal pożizzjonament preċiż ħafna u reżiljenti hija miftiehma għal operazzjonijiet bħal: navigazzjoni f'kanali navigabbli dojoq, passaġġi minn pontijiet, magħlaq tal-passaġġi fuq l-ilma interni, irmiġġ awtomatiku u operazzjonijiet ta' rmiġġ simultanji. Awtomazzjoni ulterjuri (mingħajr l-intervent tal-bniedem) tilqa' karatteristiċi addizzjonali li se jiġu pprovduti minn differenzjaturi ta' Galileo, li għadhom ma ġewx ingranati, bħall-awtentikazzjoni u l-integrità fil-pożizzjoni.

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (*ikompli*)PA 02 22 (*ikompli*)PA 02 22 02 (*ikompli*)

Id-definizzjoni ta' operazzjoni awtonoma tista' sserraħ fuq immaġnijiet robusti taż-żona li għandha tiġi nnavigata. Illum, l-operaturi u l-manifatturi jiddependu fuq diversi sorsi ta' data bħal din li twassal għal approċċ mhux armonizzat. Madankollu, l-immaġnijiet ta' Copernicus se jiżguraw approċċ omoġenju tal-Unjoni, li jappoġġa l-integrazzjoni sikura ta' operazzjonijiet awtonomi simultanji kif ukoll l-integrazzjoni mat-traffiku bl-ekwipaġġ. L-azzjoni preparatorja għandha tiffoka fuq:

- attendenza fi gruppi ta' ħidma eżistenti li jindirizzaw soluzzjonijiet għal bastimenti awtonomi, inklużi pjattaformi pubbliċi/privati differenti u intervistar ta' partijiet ikkonċernati industrijali ewlenin, bħal assoċjazzjonijiet tat-tbaħħir, operaturi tal-portijiet, awtoritajiet rilevanti tat-Trasport Marittimu u tal-Passaġġi fuq l-Ilma Interni;
- kontribuzzjoni għall-ħidma ta' standardizzazzjoni fi ħdan il-Comité Européen pour l'Élaboration de Standards dans le Domaine de Navigation Intérieure (CESNI);
- identifikazzjoni tar-rekwiżiti tal-utent għan-navigazzjoni sikura fil-passaġġi fuq l-ilma interni fejn bastimenti awtonomi, ppilotati mill-bogħod u ppilotati manwalment se jeżistu flimkien;
- definizzjoni tal-kunċett ta' operazzjonijiet u l-ħtiġijiet tal-prestazzjoni tal-pożizzjonament għal operazzjonijiet differenti ta' bastimenti awtonomi;
- l-identifikazzjoni tal-isfidi ewlenin li jridu jingħelbu biex jiġi żgurat tħaddim sikur u pożizzjonament reżiljenti;
- identifikazzjoni u analiżi tal-ostakli tekniċi u regolatorji (eż. nuqqas ta' standards u regolamentazzjoni), katina tal-valur tal-industrija u mudelli kummerċjali ġodda li jistgħu jitfaċċaw fin-navigazzjoni tal-passaġġi fuq l-ilma interni filwaqt li jittieħed vantaġġ mis-sinerġiji tridimensjonali bejn in-navigazzjoni bis-satellita, l-immaġni u t-telekomunikazzjoni;
- identifikazzjoni tal-azzjonijiet possibbli fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali biex tingħata spinta lill-iżvilupp tan-negozju, u jiġu appoġġati l-SMEs/negozji ġodda biex jipprovdu soluzzjonijiet ibbażati fuq l-ispażju tal-Unjoni biex iwettqu l-kapaċità futura tal-bastimenti awtonomi tal-Unjoni għall-passaġġi fuq l-ilma interni;
- ħolqien ta' prototipi ta' tagħmir abbord li juża d-differenzjatur Galileo biex jindirizza l-ħtiġijiet ewlenin mhux koperti s'issa minn tagħmir eżistenti, b'enfasi fuq l-użu tal-awtentikazzjoni Galileo biex jipprevjeni l-ispoofing jew l-użu ta' sinjali foloz, u jipprevjenu inċidenti. Prototipi ta' tagħmir żviluppatti fi ħdan din l-azzjoni preparatorja għandhom ikunu bbażati, meta disponibbli, fuq komponenti kummerċjali eżistenti li jinsabu fuq l-ixkaffa;
- disinn ta' każ ta' sikurezza b'immaġnijiet ta' Copernicus biex jiġu definiti l-passaġġi fuq l-ilma li għandhom jiġu ttestjati;
- analiżi ta' kemm hemm bżonn li tiġi trażmessa informazzjoni biex ikun hemm mapep għan-navigazzjoni interna elettronika aġġornati u l-veloċità minima ta' komunikazzjoni biex tiggarrantixxi operazzjoni sikura, inkluż jekk il-bastiment ikollux bżonn iniżżel l-informazzjoni tal-kanal navigabbli fil-port jew jekk jistax jagħmel dan waqt in-navigazzjoni;
- l-implimentazzjoni ta' diversi dimostrazzjonijiet tul passaġġi tal-ilma interni magħżula fejn huwa mistenni li fil-futur il-bastimenti awtonomi se jeżistu flimkien ma' bastimenti ppilotati manwalment. L-għan huwa li tintwera l-fattibbiltà u l-valur miżjud f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar Vapuri Marittimi Awtonomi tal-Wieċ (MASS)

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PA 02 22 (ikompli)

PA 02 22 02 (ikompli)

Il-bastimenti fid-dimostrazzjoni għandhom ikunu mgħammra mill-inqas bi:

- riċevituri GNSS ta' livell għoli li jinkludu l-awtentikazzjoni ta' Galileo u l-EGNOS.
- mezzi ta' komunikazzjoni b'bandwidth għolja:
 - biex iniżżlu l-informazzjoni minn Copernicus relatata mal-kanal navigabbli;
 - biex iniżżlu l-informazzjoni tal-kontorn tal-buq tal-bastimenti kollha li jinnavigaw fl-istess passaġġ fuq l-ilma intern;
 - biex jibagħtu liċ-ċentru ta' monitoraġġ l-informazzjoni kollha tas-sensuri;
 - biex jirċievu miċ-ċentru ta' monitoraġġ l-inputs tal-kontroll f'każ li jkun hemm il-ħtieġa li l-bastiment jitħaddem mill-bogħod.
- Kontribut għall-abbozzar ta' standard ġdid għar-reqwiziti minimi għad-Data Spazjali tal-UE biex tiġi garantita navigazzjoni awtonoma sikura tal-bastimenti fil-passaġġi fuq l-ilma interni b'apport għal inizjattivi regolatorji futuri.

PA 02 24 2024

PA 02 24 01 Azzjoni preparatorja — Tikkettar Ambjentali għall-Avjazzjoni II

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjali)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
3 000 000	750 000		

Kummenti

Il-Kummissjoni implimentat il-proġett pilota PP 02 20 02 Eko-tikkettar għall-avjazzjoni / Proġett ta' dimostrazzjoni għall-introduzzjoni ta' sistema volontarja ta' Green Label fl-avjazzjoni. Dan il-proġett pilota sar ukoll parti mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2020 imsemmija "Istrateġija ta' Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti - it-tqegħid tat-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur" (COM(2020) 789 final) taħt il-Pjazza 5 "Ipprezzar tal-Karbonju u jipprovdu inċentivi aħjar għall-utenti". Parti mir-riżultati huwa dimostratur ta' tikketta ffinalizzat fir-raba' kwart tal-2022 akkumpanjat minn rapport ta' prova tal-kunċett li kellu jitwassal fl-ewwel kwart tal-2023. Ix-xogħol imwettaq taħt il-proġett pilota wera biċ-ċar il-fattibilità teknika u operattiva tas-sistema tat-tikkettar għal l-avjazzjoni.

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PA 02 24 (ikompli)

PA 02 24 01 (ikompli)

L-objettiv ewlieni tas-sistema ta' tikkettar ambjentali għall-avjazzjoni huwa li titnaqqas l-impronta ambjentali tal-avjazzjoni billi jiġu ffaċilitati għażliet aktar sostenibbli għall-konsumaturi u l-investituri abbażi ta' informazzjoni affidabbli, armonizzata u aċċessibbli. Qed jiġi kkunsidrat approċċ olistiku billi wieħed iħares lejn il-komponenti ewlenin tas-sistema tal-avjazzjoni, bħall-prestazzjoni tat-titjiriet, u informazzjoni komplementari dwar it-teknoloġija tal-inġenji tal-ajru. Tali approċċ jinċentiva l-industrija tal-avjazzjoni biex tnaqqas l-impatt ambjentali tagħha billi jitqiesu kemm is-soluzzjonijiet faċilment disponibbli u t-teknoloġiji futuri.

Il-proġett pilota żviluppa l-metodoloġiji u l-oqfsa tad-distribuzzjoni diġitali rilevanti li jidentifikaw il-kriterji tekniċi biex jiġu vvalutati l-operazzjonijiet tal-linji tal-ajru u t-teknoloġija tal-inġenji tal-ajru użati, u għamel hekk f'konformità mal-politiki, l-inizjattivi u l-metodoloġiji applikabbli żviluppatti mill-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-proġett pilota jinkludi parteċipazzjoni wiesgħa min-naħa tal-partijiet ikkonċernati b'atturi ewlenin mill-industrija tal-avjazzjoni (25+ linja tal-ajru, manifatturi tal-magni u tal-inġenji tal-ajru, ajruporti) u l-industrija tal-ivvjaġġar (Amadeus, Google, Skyscanner, Travalyst), l-Istati Membri, kif ukoll NGOs (UECNA, BEUC, T+E).

Abbażi tal-eżiti pożittivi tal-proġett pilota, azzjoni preparatorja ta' segwitu tippermetti aktar żvilupp tal-proġett għall-benefiċċju dirett taċ-ċittadini tal-Unjoni billi tippovdi bażi legali potenzjali. F'dan ir-rigward aktar ħidma hija antiċipata biex tiġi esplorata l-inklużjoni tal-impatti klimatiċi mhux tas-CO₂ mill-avjazzjoni fil-metodu ta' valutazzjoni tat-tikketta. Tali ħidma tista' tinkludi il-ħidma ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja li se tippermetti t-tqabbil tal-mod tat-trasport, kif ukoll il-ħidma xjentifika meħtieġa biex jiġu allinjati d-diskrepanzi metodoloġiċi. Meta jitqies li t-tikketta għandha l-għan li tippovdi valutazzjoni totali tal-impatt ambjentali tal-avjazzjoni, għandha ssir valutazzjoni bir-reqqa fir-rigward tal-iżvilupp ta' każijiet ta' użu addizzjonali li jkopru metodi ta' trasparenza ambjentali għall-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (ANSP), għall-linji tal-ajru, u għall-manifatturi tal-inġenji tal-ajru.

PA 02 24 02 Azzjoni preparatorja — Stabbiliment ta' skema ta' ċertifikati negozjabbli għall-SAF

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
3 000 000	750 000		

Kummenti

L-azzjoni preparatorja għandu jkollha l-għan li tistabbilixxi skema ta' ċertifikati negozjabbli għas-settur tal-avjazzjoni fl-Unjoni sabiex tiffaċilita d-distribuzzjoni kosteffettiva u l-użu usa' ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli (SAF) fis-suq tal-Unjoni billi tisepara x-xiri tal-SAF mit-twassil u l-użu fiżiċi tiegħu. Il-ħolqien ta' sinjali trasparenti ta' provvista/domanda fi ħdan l-iskema ta' ċertifikati negozjabbli għal tipi differenti ta' SAF kif stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2023/0405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli (ReFuelEU Aviation) (ĠU L, 2023/2405, 31.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2405/oj>), jagħti spinta lis-suq tal-produzzjoni tal-SAF b'mod kosteffettiv, b'benefiċċji ambjentali massimi, filwaqt li tiġi ppreservata l-kompetittività tas-settur tal-avjazzjoni Ewropew u kundizzjonijiet ekwi għall-fornituri tal-fjuwil u għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru. L-azzjoni preparatorja trid tiffoka fuq l-iżvilupp ta' sistema li tgħannaq il-benefiċċji ambjentali mal-ħtiġijiet ekonomiċi.

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PA 02 24 (ikompli)

PA 02 24 02 (ikompli)

L-azzjoni preparatorja għandha ssir fil-fażijiet li ġejjin:

1. Analiżi tal-qafas leġislattiv eżistenti, inklużi d-dispożizzjonijiet rilevanti fi ħdan id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82), id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li jstabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fi ħdan l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32), ir-Regolament (UE) 2023/2405 kif ukoll kwalunkwe leġiżlazzjoni rilevanti oħra. Tali analiżi għandha ttiprovdi l-bażi għal skema ta' ċertifikati negozjabbli li tiffunzjona tajjeb fil-livell tal-Unjoni li:

- tiżgura l-konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001 u r-Regolament 2023/2405, kif ukoll tiffaċilita t-talba skont l-EU ETS minħabba ċirkolazzjoni xierqa ta-ċertifikati maħruġa għall-partijiet involuti abbażi tal-prova tas-sostenibbiltà skont id-Direttiva (UE) 2018/2001;
- issegwi perjodu ta' żmien speċifiku f'konformità mal-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2023/2405, iċ-ċiklu ta' konformità skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-fornituri tal-fjuwil u ċ-ċiklu ta' konformità għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru skont id-Direttiva 2003/87/KE.

2. Disinn tal-arkitektura tal-IT tal-iskema ta' ċertifikati negozjabbli, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Bażi tad-Data eżistenti tal-Unjoni skont id-Direttiva 2009/28/KE. It-tfassil tas-sistema għandu jipproponi soluzzjonijiet effettivi biex jiġu evitati l-irregolaritajiet u l-frodi, kif ukoll biex jiġi indirizzat riskju potenzjali ta' għadd doppju.

3. Implimentazzjoni tal-iskema ta' ċertifikati negozjabbli f'ajruporti magħżula tal-Unjoni, ibbażata fuq it-traffiku tal-ajru, il-provvista u d-domanda potenzjali tal-SAF, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-bilanċ ġeografiku fl-Unjoni, possibbilment inkluż iżda mhux limitat għall-Ajruport Internazzjonali ta' Frankfurt am Main, l-Ajruport Internazzjonali Charles de Gaulle, l-Ajruport Internazzjonali Henri Coandă, l-Ajruport Humberto Delgado, l-Ajruport Internazzjonali Cristiano Ronaldo, l-Ajruport Internazzjonali Leonardo da Vinci, l-Ajruport Chopin ta' Varsavja, l-Ajruport ta' Palma de Mallorca u l-Ajruport ta' Stokkolma. Tali implimentazzjoni ta' prova għandha tidħol fis-seħħ bl-aħjar mod fil-qafas tal-ewwel għan stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2023/2405.

PA 02 24 03 Azzjoni preparatorja — Thejġija tal-qafas regolatorju tal-UE għal Operazzjonijiet tal-Ispazju tal-Ajru Ogħla.

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
2 000 000	500 000		

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (*ikompli*)

PA 02 24 (*ikompli*)

PA 02 24 03 (*ikompli*)

Kummenti

Kif muri mit-titjira reċenti ta' ballun tal-arja Ċiniż fl-ispazju tal-ajru tal-Istati Uniti u tal-Kanada, diġà qed iseħħu operazzjonijiet fl-ispazju tal-ajru ogħla, jiġifieri f'altitudni ta' aktar minn 20 km, u dan iwassal għal sfidi kritiċi. Il-Kummissjoni pproduċiet “Pjan Direzzjonali dwar l-Operazzjonijiet tal-Ispazju tal-Ajru Ogħla (HAO)” li jesplora l-kwistjonijiet regolatorji dwar l-iżvilupp ta' dawn l-operazzjonijiet fl-Unjoni u li jirrakkomanda għadd ta' azzjonijiet ta' segwitu. Dawn l-azzjonijiet għandhom l-għan li nifhmu aħjar dawn l-operazzjonijiet futuri tal-ajru ogħla u l-isfidi assoċjati, sabiex inħejju u nipprovdu qafas regolatorju adegwat tal-Unjoni, u jikkonsistu minn:

- studji u riċerka
- valutazzjonijiet tas-sikurezza, tal-ambjent u taċ-ċibersigurtà
- l-iżvilupp tal-kunċett ta' “ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja” biex jiġu aċċellerati t-testijiet u d-dimostrazzjonijiet tal-industrija

L-għan ġenerali f'dan il-qasam ikun li tippermetti implimentazzjoni sikura, sigura, effiċjenti u sostenibbli tal-operazzjonijiet tal-ajru ogħla fl-Ewropa u li tikkontribwixxi għall-bini ta' approċċ globali permezz tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) billi tiġi stabbilita pożizzjoni Ewropea b'saħħitha.

Din l-azzjoni Preparatorja għandha tippermetti l-bini ta' għarfien imsaħħaħ ta' dawn l-operazzjonijiet futuri u l-ambjent tagħhom, biex inħejju għal inizzjattivi regolatorji futuri u nibnu ekosistema utli li tappoġġa l-iżviluppi industrijali. Bis-saħħa tal-esperjenza rikonossuta u l-eċċellenza tagħha fl-oqsma tal-avjazzjoni u tal-ispazju, l-Ewropa jista' jkollha rwol ewlieni f'din l-industrija futura. Se jkun importanti wkoll li jiġi żgurat li l-aspetti tas-sigurtà u d-difiża jitqiesu kif xieraq biex tiġi protetta s-sovraniżat fl-ispazju tal-ajru Ewropew.

L-għanijiet ewlenin ta' din l-azzjoni preparatorja ikunu li tappoġġa l-linji ta' azzjoni li ġejjin:

- Jingħata bidu għal studji xjentifiċi dwar il-kundizzjonijiet f'altitudni għolja li jaffettwaw it-titjiriet u l-persuni abbord (it-temp, ir-reqwiżiti mediċi, l-ispettru, is-sorveljanza, il-komunikazzjonijiet, il-propulsjoni, eċċ.)
- Jingħata appoġġ għall-iżvilupp industrijali, pereżempju permezz ta' kundizzjonijiet speċjali ta' ċertifikazzjoni u ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja
- Jitwettqu valutazzjonijiet legali u regolatorji (inklużi valutazzjonijiet tal-impatt tas-sikurezza u ambjentali), kif ukoll analiżi tal-lakuni
- Jiġi sfruttati s-sinerġiji ma' politiki oħra tal-Unjoni (l-ispazju, id-difiża, is-sigurtà, il-konnettività, eċċ.)
- Tiġi żgurata l-interoperabbiltà reġjonali u globali, prinċipalment permezz tal-ICAO
- Jinbena għarfien Ewropew u titqajjem kuxjenza dwar dan

L-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni preparatorja se tkompli fl-2024 -2025. Ir-riżultati mill-azzjonijiet kif ukoll mill-ewwel testijiet u dimostrazzjonijiet fl-Ewropa huma mmirati biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' qafas regolatorju mill-2026.

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PA 02 24 (ikompli)

PA 02 24 04 Azzjoni preparatorja — Ċentru tal-Mobbiltà tal-Ajru Innovattiva Sostenibbli II

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
2 000 000	500 000		

Kummenti

Il-Kummissjoni implimentat il-Proġett Pilota PP 02 22 02 Manwal komprensiv għall-bini ta' ekosistema lokali tal-Mobbiltà tal-Ajru Urbana (UAM) fl-Ewropa: Hub Innovattiv tal-Mobbiltà tal-Ajru (IAM).

Dak il-proġett pilota huwa azzjoni ewlenija 7 skont il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 2022 imsemmija "Strateġija tad-Drones 2.0 għal Eko-Sistema ta' Inġenji tal-Ajru Bla Ekwipaġġ Intelliġenti u Sostenibbli fl-Ewropa" Strateġija tad-Drone 2.0 (COM(2022) 652 final). L-implimentazzjoni bdiet fl-istess xahar bl-objettiv li tiġi pprovduta l-ewwel verżjoni tal-pjattaforma sa tmiem l-2023 għall-ittestjar.

L-objettiv ġenerali huwa li tiġi permessa implimentazzjoni tal-IAM sikura, sigura, effiċjenti u sostenibbli fl-Ewropa kif previst fl-Istrateġija 2.0 tad-Droni billi tiġi pprovduta pjattaforma interattiva online ("Ċentru IAM") għall-ekosistemi tal-IAM.

B'mod partikolari, il-proġett pilota bħalissa:

- qed jiġbor il-ħtiġijiet tal-utenti mill-ekosistema tal-IAM
- qed jiddefinixxi r-rekwiżiti funzjonali u tekniċi
- qed jiddefinixxi l-istruttura tad-data
- qed jiddefinixxi l-kontenut inizjali tas-sistema fir-rigward tas-sikurezza, il-privatezza, l-istorbju u s-sostenibbiltà.

Barra minn hekk il-proġett pilota jinkludi governanza komprensiva tal-partijiet interessati ("IAM Hub Task Force") b'atturi ewlenin mill-ekosistema IAM (operaturi, manifatturi, ajruporti, operaturi tal-vertiport, NAAs u municiplitalitajiet).

Ibbażat fuq ir-riżultati pożittivi tal-implimentazzjoni tal-Proġett Pilota u l-feedback inizjali mit-Task Force tal-Partijiet Interessati, Azzjoni Preparatorja ta' segwitu tippermetti li jiġi żviluppat aktar il-proġett għall-benefiċċju dirett ta' ċittadini tal-Unjoni u l-industrija emerġenti tal-IAM. L-Unjoni għandha rwol ewleni f'din l-industrija futura. L-IAM Hub jista' jgħin biex iżomm dan it-tmexxija billi jippermetti implimentazzjoni bla xkiel fil-livelli kollha tal-ekosistema.

L-objettivi ewlenin tal-azzjoni preparatorja jkun:

- It-twessigħ tal-aċċessibbiltà u tal-funzjonalitajiet tal-iskema għal aktar muniċipalitajiet u użi oħra

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PA 02 24 (ikompli)

PA 02 24 04 (ikompli)

- Iż-żieda tas-sinerġiji bejn l-Awtorità Ewropea għas-sikurezza tal-avjazzjoni (EASA) u l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Avjazzjoni;
- Iż-żieda tas-sinerġiji ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni eż. CIVITAS (City-Vitality-Sustainability, jiġifieri Network-City Network-Urban Mobility Transport Programme mill-Kummissjoni fi ħdan l-Unjoni u lil hinn), il-proġetti SESAR.
- Id-definizzjoni tal-bażi ġuridika taċ-Ċentru IAM bħala mezz għall-kollaborazzjoni fl-ekosistema li tiffaċilita l-konformità mar-regolamenti Drones/eVTOL kif ukoll kwistjonijiet ta' sikurezza, ambjentali, ċibernetiċi u tal-istorbju.

L-azzjoni preparatorja għandha tibbenefika minn Avvenimenti ta' Viżibilità Għolja (eż. Logħob Olimpiku tax-Xitwa ta' Milan 2026) u tintegra t-tagħlim fis-sistema.

PA 02 24 05 Azzjoni preparatorja — Il-Koalizzjoni Diġitali Ekoloġika Ewropea tgħaddi għall-azzjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
2 000 000	500 000		

Kummenti

It-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali ġiet identifikata bħala qasam ta' politika ta' prijarità biex jintlaħqu l-oġġettivi kemm tal-Patt Ekoloġiku tal-Ewropa kif ukoll tal-Istrateġija Diġitali tal-Ewropa kif espressi fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 imsemmija "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa" (COM(2020) 67 final), fid-Dikjarazzjoni Ewropew dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali (COM(2022) 28 final) u fid-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi l-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali 2023 (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4).

Il-potenzjal tas-soluzzjonijiet diġitali huwa li l-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra jitnaqqsu b' 20 %, jekk is-soluzzjonijiet diġitali jitfasslu, jintużaw u jiġu rregolati kif xieraq. Il-passi meħtieġa biex jintlaħaq dan il-potenzjal jinkludu:

- i) Metriċi biex jiġi kkwantifikat l-impatt nett tad-diġitalizzazzjoni u linji gwida biex jiġi massimizzat il-faċilitatur diġitali, jiġifieri, metriċi bbażati fuq ix-xjenza biex jitkejjel l-impatt ambjentali tad-diġitalizzazzjoni. Tali metriċi huma essenzjali biex jiġu żviluppati aktar linji gwida għal żvilupp, implimentazzjoni u governanza konsistenti ta' "soluzzjonijiet diġitali ekoloġiċi" li jimmassimizzaw il-benefiċċji għas-sostenibbiltà u jimminimizzaw l-effetti negattivi (rebound).

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (ikompli)

PA 02 24 (ikompli)

PA 02 24 05 (ikompli)

ii) L-adozzjoni u l-użu ta' dawn il-metriċi u l-linji gwida mis-setturi kollha tal-ekonomija tal-Unjoni. Is-setturi ewlenin tal-ekonomija tagħna fl-isforzi ta' diġitalizzazzjoni tagħhom se jiġu appoġġati mil-linji gwida mfassla apposta għas-settur tagħhom dwar kif għandhom jużaw is-soluzzjonijiet diġitali ekoloġiċi. Il-metriċi se jintużaw biex jiġu kkwantifikati l-benefiċċji (eż. emissjonijiet evitati) sabiex dawn is-setturi jkunu jistgħu jiġu appoġġati fit-trajettorji maħsuba tagħhom ta' zero netti u jirrapportaw il-progress skont dan. Programmi ddedikati tal-Unjoni kollha, bħall-Programm ta' Politika tad-Deċennju Diġitali (DDPP), se jgħinu wkoll biex jiġu introdotti soluzzjonijiet u infrastrutturi diġitali sostenibbli fuq skala kbira fl-Istati Membri u jappoġġaw dawn l-isforzi b'titjib tal-ħiliet xieraq tal-forza tax-xogħol.

iii) Abbażi tal-evidenza fuq skala kbira ta' tali benefiċċji, biex jiġu appoġġati s-settur finanzjarju u l-akkwirenti pubbliċi jeħtieġ li jiżviluppaw indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) u metriċi ċari u konsistenti għall-finanzjament sostenibbli ta' tali soluzzjonijiet diġitali ekoloġiċi, kif ukoll kriterji għal akkwisti pubbliċi ekoloġiċi, rispettivament. Programmi u inizzjattivi ewlenin tal-Unjoni, bħan-NextGenerationEU u l-Programm ta' Politika tad-Deċennju Diġitali, se jibbenefikaw ukoll minn dawn il-metriċi.

Biex jindirizza l-punt (i), il-Parlament Ewropew ħa l-inizzjattiva fl-2021, wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2020 imsemmi "id-Diġitalizzazzjoni għall-benefiċċji tal-ambjent, biex jitlob proġett pilota". Il-Kummissjoni aċċettat dik il-proposta u nediet proġett Pilota ta' sentejn European Green Digital Coalition (EGDC) li beda f'nofs Diċembru 2021. L-għan ta' dan il-proġett pilota kien li jappoġġa lill-Membri tal-Koalizzjoni Diġitali Ekoloġika, li nediet mill-Kummissarju Breton f' Marzu 2021. Jiġifieri, biex jiġu żviluppati metodoloġiji ta' valutazzjoni bbażati fuq ix-xjenza (metriċi, KPIs) biex jiġi kkwantifikat l-impatt ambjentali nett tas-soluzzjonijiet diġitali, u, biex jiġu żviluppati linji gwida għall-partijiet interessati fis-setturi ekonomiċi ewlenin biex jużaw dawn il-metodi b'mod konsistenti. Il-metodoloġija se tkun ibbażata fuq standards internazzjonali u Ewropej, u l-linji gwida kienu mistennija li jiġu żviluppati sal-aħħar tal-2023 jew il-bidu tal-2024. Is-sħubija tal-EGDC tinkludi 37 kumpanija kbira tal-ICT, 45 SMEs u bosta msieħba ta' appoġġ.

L-azzjoni preparatorja tindirizza l-punti (ii) u (iii) billi testendi l-Koalizzjoni Diġitali Ekoloġika Ewropea biex tinkludi atturi settorjali mill-enerġija, it-trasport, il-kostruzzjoni, l-agrikoltura, u setturi ewlenin oħra li se jużaw soluzzjonijiet diġitali bil-gwida żviluppata fl-EGDC u jimmonitorjaw il-benefiċċji bil-metodi standardizzati żviluppati mill-EGDC.

B'mod partikolari, din l-azzjoni preparatorja se

1. Taħdem ma' mill-inqas 30 attur settorjali ewlenin bħal atturi ekonomiċi ewlenin fl-Unjoni fis-setturi msemmija hawn fuq biex soluzzjonijiet diġitali ppruvati jintużaw fuq skala kbira bl-appoġġ tal-linji gwida settorjali speċifiċi u biex jiġi monitorjat b'mod konsistenti l-impatt ambjentali nett ta' tali diġitalizzazzjoni. Bħala għan, dik l-azzjoni preparatorja ser tistabbilixxi li tikseb mill-inqas 1 Gigaton ta' tnaqqis ta' CO₂e iċċifilitat diġitalment, idealment sa tmiem dik l-azzjoni preparatorja;

2. Taħdem mill-inqas mal-istituzzjonijiet finanzjarji u mal-livell internazzjonali, nazzjonali u reġjonali u lokali biex jiġu adottati KPIs sempliċi li jippermettu finanzjament sostenibbli tad-diġitalizzazzjoni li juri li għandu impatt pożittiv fuq l-ambjent u l-klima;

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ (*ikompli*)

PA 02 24 (*ikompli*)

PA 02 24 05 (*ikompli*)

3. Tiżviluppa kriterji tekniċi u metodi ta' verifika ċari u sempliċi bħala proposta għat-tassonomija tal-Unjoni meta r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139 tal-4 ta' Ġunju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jstabbilixxi l-kriterji ta' skringing tekniku għad-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet li taħtom attività ekonomika tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-klima. il-mitigazzjoni tal-bidla jew l-adattament għat-tibdil fil-klima u biex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika ma tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-għanijiet ambjentali l-oħra (ĠU L 442, 9.12.2021, p. 1) jkun soġġett għal reviżjoni, u biex tappoġġa l-iżvilupp ta' kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku fl-Unjoni kollha;

4. Li taħdem ma' inizjattivi simili u komplementari bħal Digital with Purpose u CODES biex jiġu żgurati l-kontinwazzjoni, is-sostenibbiltà u l-impatt globali futuri ta' din l-azzjoni preparatorja;

5. Li taħdem mal-komunitajiet u l-awtoritajiet lokali biex dawn jimplementaw il-metriċi u l-metodoloġija fil-livell lokali.

Din l-azzjoni preparatorja se tinkludi mhux biss l-ICT u l-partijiet ikkonċernati vertikali tal-industrija, iżda wkoll l-SMEs, dawk li jfasslu l-politika minn rappreżentanti lokali u reġjonali, organizzazzjonijiet professjonali u NGOs ambjentali. Se jinbena ambjent kooperattiv affidabbli biex jiġu vvalutati u mmonitorjati l-impjenji u l-implimentazzjoni tagħhom, jiġu kondiviżi prattiki tajbin u jkunu jistgħu jespandu għal setturi oħra u reġjuni oħra tad-dinja. Filwaqt li jibni fuq il-proġett pilota, l-appropriazzjonijiet tal-azzjoni preparatorja se jiffinanzjaw Segretarjat iddedikat għall-implimentazzjoni tagħha . Il-kontinwità mas-Segretarjat attwali tkun ideali, speċjalment jekk il-kuntratt tas-sejħa għall-offerti jista' jiġi estiż biex ikopri l-perjodu tal-azzjoni preparatorja.

Avvenimenti ta' livell għoli se jiġu organizzati mill-azzjoni preparatorja tal-EGDC taħt l-awspiċi tal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mas-sħab lokali. Dawn jistgħu jsiru fi Stati Membri differenti, b'enfasi fuq oqsma ta' politika kruċjali li jorbtu l-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji diġitali u industrijali l-ġodda tal-Unjoni. L-avvenimenti għandhom jixxandru fuq l-internet biex tiġi żgurata kopertura pubblika wiesgħa u aċċessibbiltà għall-akbar numru possibbli ta' ċittadini tal-Unjoni. L-eżiti tal-avvenimenti jikkontribwixxu għall-iżvilupp u l-evalwazzjoni tal-politika fil-livell tal-Unjoni u lil hinn.

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU

Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-applikazzjoni tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri. It-total tagħhom jikkorrispondi għal-livell ta' appropriazzjonijiet li jidhru taħt l-Artikolu 03 20 02.

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

Baziġuridika

L-Artikolu 58(2) tar-Regolament, il-punt (b), (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

PA 03 18 2018

PA 03 18 02 Azzjoni preparatorja — Turiżmu li Jgħaqqad id-Dinja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	295 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

PA 03 18 04 Azzjoni preparatorja — Tħaffif tal-modernizzazzjoni industrijali bit-titjib tal-appoġġ għall-faċilitajiet ta' dimostrazzjoni pan-Ewropea – l-istampar 3D

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	239 706,36

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

PA 03 18 05 Azzjoni preparatorja — Cir©Lean: Netwerk favorevoli għan-negozju biex l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) fl-Unjoni jużaw l-opportunitajiet kummerċjali tal-ekonomija ċirkolari

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	476 540,—

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PA 03 18 (ikompli)

PA 03 18 05 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

PA 03 19 2019

PA 03 19 01 Azzjoni preparatorja — Tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażaġh — twaqqif ta' kooperattivi biex jissaħħu l-opportunitajiet ta' xogħol fl-Unjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	405 190,04

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

PA 03 20 2020

PA 03 20 01 Azzjoni preparatorja — Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ Global / Achieve Leadership in Entrepreneurship and Cooperation Opportunities

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	598 340	p.m.	797 786	0,—	394 825,62

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PA 03 20 (ikompli)

PA 03 20 02 Azzjoni preparatorja — Ittestjar indipendenti tal-emissjonijiet fsewqan reali (RDE) fit-triq biex jiġu żgurati informazzjoni wiesgħa u trasparenza għal sorveljanza aħjar tas-suq

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	399 872,40

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

PA 03 20 04 Azzjoni preparatorja — Osservatorju tal-UE għar-Reati Fiskali u Finanzjarji – Bini ta' kapaċità b'appoġġ għat-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tat-tassazzjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	900 000	p.m.	600 000	1 200 000,—	489 421,98

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

PA 03 20 05 Azzjoni preparatorja — Valutazzjoni tad-differenzi allegati fil-kwalità tal-prodotti mibjugħin fis-suq intern

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PA 03 21 2021

PA 03 21 01 Proġett pilota — L-iżvilupp ta' metodi ta' sturdament li ma jikkawżawx avverżjoni għall-majjali

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	467 922	p.m.	p.m.	0,—	935 843,49

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

PA 03 22 2022

PA 03 22 01 Azzjoni preparatorja — Analiżi tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-binjiet tal-Unjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	449 805	p.m.	450 000	1 499 350,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Il-binjiet huwa responsabbli għal madwar 40 % tal-konsum tal-enerġija tal-Unjoni u għal 36 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG) minħabba l-konsum tal-enerġija tagħhom. Madankollu, matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom huma jikkunsmaw iktar enerġija minn hekk. Huwa stmat li l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-binjiet bħalissa jammontaw għal xi ħaġa eqreb għal 50 % tat-total tal-UE, iżda ma hemm l-ebda ċifra preċiża fil-livell tal-Unjoni.

Għalhekk, il-kunċett tal-karbonju tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta' binja għandu jintuża biex jiġi kkunsidrat bis-sħiħ l-ammont totali ta' emissjonijiet tal-karbonju operattivi u inkorporati matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha. Dan jinkludi erba' fażijiet ewlenin: Il-produzzjoni, il-proċess tal-kostruzzjoni, l-operat u t-tmiem tal-ħajja.

Hemm *data* disponibbli dwar l-emissjonijiet mill-industriji relatati mal-kostruzzjoni (eż. il-manifattura tal-azzar u tal-ħġieġ), madankollu, din hija biss parti waħda mill-istampa u approċċi oħrajn huma rilevanti wkoll biex jinftiehem bis-sħiħ l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-binjiet. Eżempji jinkludu l-estrazzjoni urbana u l-użu mill-ġdid ta' prodotti tal-kostruzzjoni, użu aktar effiċjenti tal-ispazji mibnija, azzjoni biex tittawwal il-ħajja operattiva tal-binjiet, u l-aħjar użu tal-materjali b'livell baxx ta' karbonju. Mingħajr ma wieħed jifhem l-iskala preċiża tal-kwistjoni fl-ekosistema kollha tal-kostruzzjoni, huwa diffiċli li jtfasslu risponsi ta' politika effettivi li kieku jiksbu tnaqqis massimu ta' gassijiet b'effett ta' serra b'mod kosteffettiv.

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU (*ikompli*)PA 03 22 (*ikompli*)PA 03 22 01 (*ikompli*)

Hemm diversi sorsi ta' *data* potenzjali li jistgħu jippermettu li studju jikkalkula stima tal-emissjonijiet inkorporati tal-binjiet fil-livell tal-Unjoni. Tipikament, kalkolu bħal dan ikun jeħtieġ stimi tal-volum tax-xogħol ta' kostruzzjoni mwettaq, liema materjali ġew manifatturati u użati fil-kostruzzjoni, liema tipi ta' binjiet inbnew/ġew rinnovati, l-erja tal-art u l-għoli/il-volumi mibnija, u kemm bogħod il-materjali ġew ittrasportati lejn is-sit. Iżda s-sorsi ta' tali *data* huma differenti, u ħadd ma wettaq tali kalkoli fil-livell tal-UE jew fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri. L-użu ta' tipoloġiji ta' binjiet ta' referenza jkun ta' għajjnuna kbira għal dawn il-kalkoli, u jippermetti wkoll l-immudellar ta' xenarji li huma bbażati fuq binjiet tipiċi.

Din l-Azzjoni Preparatorja għandha l-għan li tfassal u tpoġġi fil-prattika metodoloġija biex tinġabar *data* ġdida u eżistenti dwar l-emissjonijiet inkorporati tal-istokk tal-bini tal-Unjoni.

L-azzjoni preparatorja se tagħmel użu mit-tipoloġiji tal-binjiet ta' referenza biex jimmudella:

- stampa sħiħa tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra attwali tal-istokk tal-bini tal-Unjoni; u
- l-impatt tax-xenarji ta' żieda fl-attività, bħal rati aċċellerati ta' rinnovazzjoni u l-adozzjoni ta' approċċi aktar ċirkolari fil-kostruzzjoni.

L-azzjoni preparatorja se tagħmel użu minn diversi sorsi ta' *data* disponibbli minn inizjattivi nazzjonali eżistenti, u jivvaluta l-utilità ta' sorsi oħrajn ta' *data*. Eżempji ta' sorsi bħal dawn jinkludu l-Osservatorju tal-Istokkijiet tal-Bini tal-UE, l-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Eurostat, *data* nazzjonali (pereżempju dwar l-output tad-djar u tal-kostruzzjoni), informazzjoni li tinsab fiċ-Ċertifikati tal-Prestazzjoni tal-Enerġija (eż. karatteristiċi tal-kostruzzjoni, dati tal-kostruzzjoni/rinnovazzjoni, erja/dimensjonijiet tal-art tal-bini), u xogħol ta' riċerka inkluż stħarriġ ġdid fejn meħtieġ.

Eżitu mistenni:

- Id-*data* miġbura dwar l-emissjonijiet inkorporati tal-istokk tal-bini tal-Unjoni se tipprovdi bażi għal interventi futuri, inkluża l-leġiżlazzjoni, fl-oqsma tal-efiċjenza fl-użu tar-riżorsi, il-politiki dwar l-enerġija u l-klima, kif ukoll il-ħolqien ta' riżorsa prezzjuża għal aktar riċerka.
- L-azzjoni preparatorja se jiżviluppa metodoloġija biex jintegra u jagħmel użu mis-sorsi ta' *data* eżistenti dwar il-karbonju inkorporat fil-binjiet, jidentifika l-lakuni u jiġbor sorsi ġodda ta' *data*, u jippermetti l-komparabbiltà u l-interoperabbiltà tad-*data* tant meħtieġa.
- B'hekk se jipprovdi *data* ġdida dwar l-emissjonijiet GHG inkorporati fid-diversi fażijiet taċ-ċiklu tal-ħajja tal-binjiet, għal kull Stat Membru fl-istokk tal-bini kollu tal-Unjoni.

Kontribut għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni:

- L-azzjoni preparatorja tikkontribwixxi bil-kbir għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-oġġettivi tiegħu li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fis-settur tal-bini.

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PA 03 22 (ikompli)

PA 03 22 01 (ikompli)

- Din l-azzjoni preparatorja tikkontribwixxi għall-azzjoni tal-”Mewġa ta’ Rinnovazzjoni” ”bl-iżvilupp ta’ pjan direzzjonali tal-prestazzjoni tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu għall-2050 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju mill-binjiet u l-avvanz fil-valutazzjoni komparattiva nazzjonali flimkien mal-Istati Membri”, li huwa mistenni sal-2023.
- Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta’ Marzu 2011 li jstabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5), id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 19 ta’ Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3), u d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Mejju 2010 dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13) se jibbenefikaw mir-riżultati ta’ din l-azzjoni preparatorja.
- Fil-futur tista’ tiġi prevista leġislazzjoni ġdida biex tindirizza b’mod speċifiku l-emissjonijiet kollha tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-binjiet tal-Unjoni.

PA 03 22 02 Azzjoni preparatorja — L-iżvilupp ta’ sistema għall-kejl awtomatizzat tat-tul tad-dnub u tal-leżjonijiet fi dnub il-ħnieżer fil-katina tat-tbiċċir

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	450 000	1 500 000,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Minkejja l-isforzi sostanzjali tal-Kummissjoni u tal-Parlament Ewropew biex ixerrdu l-informazzjoni u l-aħjar prattika dwar iż-żamma tal-majjali b’denbhom intatt, il-qtugħ regolari tad-denb għadu prattikat fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, bi ksur tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta’ Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali (ĠU L 47, 18.2.2009, p. 5). Sabiex isir progress lejn il-konformità mad-dispożizzjonijiet ta’ dik id-Direttiva, huwa ta’ importanza kruċjali li jiġu mmonitorjati b’mod affidabbli u kosteffettiv il-livelli tal-qtugħ tad-dnub u tal-leżjonijiet fid-dnub fl-irziezet tal-majjali kollha. Tali *data* tkun estremament utli għal finijiet konsultattivi, ta’ valutazzjoni komparattiva u ta’ infurzar potenzjali. Id-detezzjoni awtomatika tat-tul ta’ dnub il-majjali u tal-leżjonijiet fil-biċċerija tipprovdi l-aktar għodda promettenti għall-monitoraġġ uniformi u ġust tal-kundizzjoni tad-dnub fil-biċċerija u fl-Istati Membri kollha. Diversi biċċeriji u Stati Membri huma interessati li jadottaw sistemi awtomatizzati biex ikunu jistgħu jkejlu t-tul ta’ dnub il-majjali u l-ħsara waqt il-qatla, iżda r-redditu fuq l-investiment s’issa għadu ma ġiex meqjus bħala għoli biżżejjed, speċjalment peress li ma hemm l-ebda sistema lesta għal applikazzjoni kummerċjali.

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PA 03 22 (ikompli)

PA 03 22 02 (ikompli)

Din l-azzjoni preparatorja tikkonsisti fi sforz konġunt bejn ir-riċerkaturi, il-gvernijiet, is-sħab tal-industrija u l-NGOs fl-Istati Membri kollha biex tinħoloq sistema vvalidata, armonizzata u ġusta ta' valutazzjoni tat-tul tad-denb u tal-feriti permezz tal-kejl awtomatiku tal-leżjonijiet fil-biċċerija. Dan se jikkonsisti fil-pakketti ta' ħidma li ġejjin: a) l-iżvilupp, il-kalibrazzjoni u l-ittestjar ta' sistema awtomatizzata bbażata fuq l-analiżi ta' filmati mill-kamera fil-biċċeriji kkaratterizzati minn kundizzjonijiet u livelli ta' qtugħ differenti; b) l-iżvilupp tas-software biex is-sistema tiġi konnessa mas-sistema tal-ICT tal-biċċeriji parteċipanti, u l-konverżjoni awtomatika tad-*data* frapporti; c) il-validazzjoni tas-sistema u tqabbil tal-eżiti ma' sorsi oħra ta' *data*, bħal valutazzjonijiet viżivi minn assessuri mħarrġa; d) il-valutazzjoni tal-funzjonalità u l-impatt tas-sistema (inkluż il-kostijiet) billi r-riżultati jiġu diskussi mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u e) l-ittestjar tas-sistema fil-prattika, l-ewwel nett bħala għajnuna għall-bdiewa biex ikompli jirfinaw il-ġestjoni tal-azjendi agrikoli tagħhom biex jipprevjenu l-gdim tad-dnub u jevitaw il-qtugħ regolari tad-dnub.

PA 03 22 03 Azzjoni preparatorja — L-iżvilupp ta' għodod għad-diġitalizzazzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	314 286	p.m.	450 000	900 000,—	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

L-objettiv tal-azzjoni preparatorja huwa li tappoġġa l-isfruttament ta' teknoloġiji ġodda biex jittejjbu l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, anke bil-ħsieb li jingħelbu l-isfidi maħluqa mit-teknoloġiji l-ġodda u l-kummerċ elettroniku. Filwaqt li tibni fuq il-proġett pilota "Valutazzjoni tal-isfidi u l-opportunitajiet relatati mal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq b'rabta mat-teknoloġiji l-ġodda u l-katina tal-provvista diġitali" u l-istudju finali tiegħu, l-għan ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li tgħin fl-iżvilupp ta' teknoloġiji, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, li għandhom l-ogħla potenzjal li jappoġġaw lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fil-kompiti ta' kuljum tagħhom. Eżempju wieħed huwa l-iżvilupp ta' għodda ta' kontroll tal-konformità tat-trekkjar tal-prodotti, li tippermetti lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jiksbu b'mod diġitali l-informazzjoni dwar il-prodott meħtieġa biex iwettqu l-ispezzjonijiet tagħhom billi jużaw sistema ta' skennjar li taqra l-ID tal-prodott. L-azzjoni preparatorja tista' tgħin ukoll il-finanzjament tal-iżvilupp ta' sistemi ta' sorveljanza tal-kummerċ elettroniku.

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PA 03 22 (ikompli)

PA 03 22 04 Azzjoni preparatorja — Stabbiliment ta' bażi għal politika komuni għat-turiżmu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 500 000	p.m.	1 000 000	4 000 000,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

L-ambitu ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li tħejji proposti bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' azzjonijiet futuri għall-ħolqien tal-baży għal politika komuni futura għat-turiżmu, li tibni fuq il-ħidma li qed issir fil-kuntest tal-proġett pilota għall-kwalità tal-akkomodazzjoni turistika.

Trid tiġi żviluppata politika komprensiva Ewropea għat-turiżmu li tappoġġja l-ħolqien tal-Unjoni Ewropea tat-Turiżmu. Din il-politika għandha tiffaċilita t-turiżmu biex ikun hemm allinjament mal-Aġenda Diġitali u mal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Biex tinħoloq il-baży għal politika komuni għat-turiżmu, l-azzjoni preparatorja se tesplora għażliet biex jiġu żviluppati strumenti differenti bħal dawn li ġejjin: il-baży tad-*data* għal dawk li jfasslu l-politika, il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki, l-appoġġ tekniku u amministrattiv għall-SMEs tat-turiżmu, id-diversifikazzjoni tal-prodott tat-turiżmu Ewropew bħat-turiżmu kulturali u sostenibbli, l-agroturiżmu, it-turiżmu tal-fawna selvaġġa, l-ekoturiżmu, ir-regoli komuni għat-turiżmu eċċessiv, mekkaniżmu għall-ġestjoni tal-kriżijiet, l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-attivitajiet kollha tat-turiżmu inklużi l-ħiliet u l-kwalifiki, skema Ewropea ta' garanzija tal-ivvjaġġar, il-promozzjoni tal-marka Ewropea f'pajjiżi terzi

L-azzjonijiet jinkludu:

- l-iżvilupp ta' aġenda tat-turiżmu bbażata fuq it-tagħlimiet meħuda minn nuqqasijiet skoperti mill-pandemija tal-COVID-19;
- l-istabbiliment ta' kodiċi ta' Prattiki tajba relatati mas-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-istilel tal-lukandi;
- żieda fis-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar l-inkonsistenzi bejn is-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-istilel tal-lukandi u bejn il-klassifikazzjoni tal-istilel u l-kwalità tas-servizzi;
- qafas komuni għall-pjattaformi ta' akkomodazzjoni online relatat mal-volum u l-format tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet ikkonċernati;
- qafas komuni għall-pjattaformi ta' akkomodazzjoni online sabiex il-konsumaturi jkun jistgħu jikkombinaw il-klassifikazzjonijiet u r-reċensjonijiet u jqabblu l-lukandi differenti;
- għodda online biex tikkombina l-kritika tal-kljenti u l-klassifikazzjonijiet tal-istilel;

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PA 03 22 (ikompli)

PA 03 22 04 (ikompli)

- l-istabbiliment ta' qafas komuni ta' kriterji u proċeduri għal sistema ta' klassifikazzjoni tal-istilel tal-lukandi fil-livell tal-Unjoni;
- il-ħolqien ta' pjattaforma b'diversi partijiet ikkonċernati biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jevalwaw il-kwalità tas-servizzi offruti abbażi tal-iskemi ta' kritika u ta' klassifikazzjoni tal-konsumaturi.

PA 03 22 05 Azzjoni preparatorja — L-operat tat-Tourism of Tomorrow Lab (Laboratorju tat-Turizmu ta' Ghada - To of To Lab)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024		Approprjazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	750 000	3 000 000,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

It-Tourism of Tomorrow Lab (To of To Lab) għandu l-għan li joħloq ċentru Ewropew ta' informazzjoni imprenditorjali għat-turiżmu. Dan huwa sħubija pubblika-privata tar-reġjuni, id-destinazzjonijiet, il-fornituri ta' servizzi ta' vjaġġar teknoloġiji, l-aġenziji ta' vjaġġar u aġenti oħra. Dan huwa pjattaforma ta' kooperazzjoni bejn id-destinazzjonijiet u għall-aġenti tat-turiżmu Ewropew mal-fornituri tad-*data* (*big data*, *intermedjarji*).

Hekk kif tfaċċat il-pandemija, dan il-proġett sar saħansitra aktar neċessarju fis-sitwazzjoni tal-ġestjoni tal-impatti tal-pandemija u l-irkupru tat-turiżmu kif ukoll tal-ippjanifikar tal-irkupru tat-turiżmu wara l-pandemija. Permezz tal-għodod xierqa sabiex jiġi evalwat l-impatt tal-COVID-19 fuq is-settur tat-turiżmu, id-destinazzjonijiet jistgħu jippreparaw ruħhom għax-xenarji possibbli mistennija. Ladarba d-destinazzjonijiet jifhmu s-sitwazzjonijiet differenti fil-ġejjieni, ikun utli li tiġi ttestjata l-evoluzzjoni tas-swieq prinċipali ta' oriġini tat-turiżmu u jiġu identifikati fi żmien utli s-sinjali ta' riattivazzjoni fuq livell dinji, nazzjonali, reġjonali u saħansitra lokali.

Il-proċess deċiżjonali diġà jintegra d-*data* tradizzjonali, għalkemm b'mod limitat ħafna (għal dijanjożi inizjali, għal azzjoni speċifika ta' politika jew għal analiżi finali). Il-*big data*, madankollu, tinvolvi kost għoli għal ħafna mis-soluzzjonijiet disponibbli, teħtieġ infrastruttura teknika u tim tekniku b'kwalifiki għolja, mhux biss biex jinġema' l-ammont kbir tad-*data* biex din tkun tista' tinqara, iżda wkoll analisti tad-*data* li jkunu jistgħu jagħtu sens għal din id-*data*. Il-*big data* hija frammentata u teħtieġ ħidma normattiva kunsiderevoli ta' kunċettwalizzazzjoni u kejl.

Il-biċċa l-kbiratal-organizzazzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni tad-destinazzjoni huma involuti f'relazzjoni (kummerċjali) mal-atturi tal-*big data*. It-Tourism of Tomorrow Lab se jikkomplementa u jsaħħaħ dawn ir-relazzjonijiet. Qed jiġi implimentati ħafna soluzzjonijiet tal-*big data*, iżda minħabba l-kost għoli tagħhom, dawn huma biss esperjenza "ta' darba", u ħafna drabi mhumiex użati biex isolvu problema reali jew biex jagħmlu mistoqsija speċifika.

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PA 03 22 (ikompli)

PA 03 22 05 (ikompli)

Din l-azzjoni preparatorja se tappoġġa l-aggregazzjoni tad-*data* frammentata biex tipproduċi informazzjoni affidabbli b'mod koerenti, sabiex din id-*data* tkun tista' tintuża għat-tfassil ta' politika bbażat fuq evidenza.

Inkwantu tali, it-To of To Lab se jipprovi servizzi bħala dipartiment komuni ta' *data* għal kull destinazzjoni involuta b'mod kooperattiv. Se joffri spazju għall-kompetizzjoni kooperativa. Mhux se jkun maħżen ta' *data* fejn id-destinazzjonijiet ikunu jistgħu jiksbu kwalunkwe *big data* jew *data* tradizzjonali, iżda post fejn id-*data* tradizzjonali u l-*big data* jagħmlu sens flimkien sabiex jiġu solvuti problemi reali, jkun hemm adattament għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Liġi dwar il-Klima tal-UE, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u jingħata kontribut għall-kisba tan-newtralità għall-klima sal-2050.

Barra minn hekk, ir-rapport dwar l-istabiliment ta' strateġija tal-Unjoni għal turiżmu sostenibbli adottat f'Marzu 2021 mill-Parlament Ewropew appella għal Aġenzija Ewropea għat-Turiżmu fit-tul jew bħala soluzzjoni għal żmien qasir - il-ħolqien ta' dipartiment tat-turiżmu f'waħda mill-aġenziji eżekuttivi eżistenti. L-għan, fost oħrajn, huwa li l-Unjoni u l-Istati membri tagħha jiġu provduti bid-*data* li ikunu jistgħu implimentaw strateġiji informati. Din l-azzjoni preparatorja hija l-ewwel fażi għall-implimentazzjoni ta' dan l-oġettiv. Hija wkoll konformi mal-Istrateġija Ewropea għad-*Data* u l-appell biex il-Kummissjoni tinkorpora t-turiżmu fil-qafas ta' governanza għall-ispazji komuni tad-*data*.

Għalhekk, l-azzjoni preparatorja se tikkonsisti f'li trendi possibbli t-tnedija operazzjonali tat-To of To permezz:

1. Ir-reklutaġġ tat-tim;
2. Il-ġabra tal-utenti - investituri u atturi pubbliċi u privati oħra fl-organizzazzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni tad-destinazzjoni u atturi involuti fit-teknoloġiji tal-ivvjaġġar;
3. L-iżgurar tal-konnessjoni sistematika mal-entitajiet statistiċi uffiċjali biex il-metodoloġija To of To Lab tiddaħħal fil-prinċipji ta' kejl tat-turiżmu sostenibbli u fis-Sistema Ewropea ta' Indikaturi tat-Turizm, diġà stabbiliti sew;
4. Il-ħolqien ta' metodoloġija komuni li tfittex il-koerenza u tappoġġa d-destinazzjonijiet fil-monitoraġġ tal-SDG u l-Patt Ekoloġiku Ewropew;
5. L-implimentazzjoni tal-metodoloġija permezz ta' eżerċizzju pilota li jinvolvi d-destinazzjonijiet u li juża *data* reali.

PA 03 22 06 Azzjoni preparatorja – It-trasparenza fl-akkwist pubbliku

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023		2022 out-turn	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	765 600	p.m.	1 000 000	2 000 000,—	234 400,—

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PA 03 22 (ikompli)

PA 03 22 06 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Ammont sinifikanti ta' investiment pubbliku jintefaq permezz tal-akkwist pubbliku, u l-akkwist elettroniku kien ta' benefiċċju fil-ġlieda kontra l-frodi, u dan irriżulta fi ffrankar għall-partijiet kollha, żieda fit-trasparenza u proċessi simplifikati u mqassra. F'dan il-kuntest, il-ħolqien ta' qafas Ewropew għat-tisħiħ tat-trasparenza fl-akkwist pubbliku jkun pass kruċjali 'l quddiem. Qafas bħal dan jista' jiġi implimentat permezz tas-sit web Tenders Electronic Daily (TED), li diġà jippermetti aċċess għal avviżi ta' akkwist pubbliku u jista' jsir għodda siewja biex tiġi analizzata u murija *data* dwar l-akkwist (eż. valuri ta' kuntratti mogħtija għal kull pajjiż, għal kull kumpanija, skont is-settur ta' attivitá, eċċ.; l-għadd ta' offerti għal kull proċedura; informazzjoni dwar is-sottokuntrattar, jiġifieri lejn pajjiżi terzi).

Din l-azzjoni preparatorja se tiffoka fuq it-titjib tan-normalizzazzjoni, l-aċċessibbiltà u t-trasparenza tad-*data*:

- irkupru, proċessar u ħżin tad-*data* kif xieraq li tinsab fl-avviżi pubblikati, għal tiftix u ġenerazzjoni mtejba ta' rapportar predefinit u personalizzat;
- implimentar ta' viżwalizzazzjoni faċli għall-utent, ċara u evidenti tad-*data* rilevanti fit-TED, bl-użu ta' grafika, għodod dinamiċi u traduzzjoni awtomatika;
- awtomattizzar ulterjuri tal-iskambju u l-validazzjoni tad-*data* bejn l-awtoritajiet nazzjonali u t-TED sabiex jiġu limitati d-diskrepanzi u l-erruri, titnaqqas il-burokrazija u jiġi ffaċilitat ir-riutilizzar;
- privileġġar tal-użu ta' informazzjoni normalizzata, jiġifieri listi predefiniti ta' valuri aktar milli deskrizzjonijiet b'test liberu, u promozzjoni tal-użu ta' identifikaturi ewlenin, eż. xerrej, bejjiegħ;
- għbir ta' għarfien espert biex jinstabu mudelli u jiġu definiti regoli li għandhom jintużaw fil-bini ta' sistemi awtomattizzati ta' esperti għad-detezzjoni ta' ksur/frodi abbażi ta' *data* tat-TED;
- għbir tal-aħjar Prattiki rigward l-iskambju awtomattizzat tad-*data* fil-fluss tal-operat tal-akkwist fl-Istati Membri u bejniethom, f'kooperazzjoni mal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri;
- promozzjoni ta' proġetti innovattivi biex tiżdied il-kompletezza, l-akkuratezza, l-aċċessibbiltà u l-leġġibbiltà tad-*data* tat-TED.

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PA 03 23 2023

PA 03 23 01 Azzjoni preparatorja — Żvilupp ta’ metodoloġija u standards ta’ sostenibbiltà għall-mitigazzjoni tal-impatt ambjentali tal-kriptoassi

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023		2022 out-turn
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
p.m.	p.m.	800 000	200 000	

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti tal-azzjoni preparatorja.

L-azzjoni preparatorja proposta għandha l-għan li tiżviluppa metodoloġija biex tkejjel l-impatt klimatiku u ambjentali tal-mekkaniżmi ta’ kunsens użati mill-kriptoassi u tivvaluta l-fattibbiltà tal-istabbiliment ta’ standards ta’ sostenibbiltà ambjentali għall-kriptoassi bil-ħsieb tal-adozzjoni ta’ azzjoni leġiżlattiva futura fil-qasam tar-regolamentazzjoni finanzjarja dwar il-kriptoassi.

L-azzjoni preparatorja hija mistennija li tiffoka fuq it-tliet objettivi li ġejjin:

(a) tiżviluppa metodoloġija robusta bbażata fuq ix-xjenza biex tkejjel l-impatt klimatiku u ambjentali tal-protokoll tal-mekkaniżmu ta’ kunsens użati mill-kriptoassi, inklużi kriterji kwalitattivi u stimi kwantitattivi tal-ammont totali ta’ emissjonijiet tal-karbonju prodotti, il-konsum tal-enerġija u tar-riżorsi, u l-iskart elettroniku prodott min-network kollu ta’ kriptoassi partikolari u mill-ekosistema tal-kriptoassi ta’ dak il-kriptoassi b’mod ġenerali, fuq livell globali;

(b) twettaq immappjar komprensiv tal-mekkaniżmi ta’ kunsens użati mill-kriptoassi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-impatt klimatiku u ambjentali tagħhom, inkluża analiżi tal-kompromessi potenzjali;

(c) tivvaluta l-impatt usa’ fuq il-fatturi ESG, b’mod partikolari l-esternalitajiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali rilevanti ġġenerati mill-kriptomminar, inkluż l-impatt fuq il-provvista ta’ ċipep b’domanda għolja, it-tniġġis akustiku, il-konsum ta’ elettriku skars kif ukoll l-impatt u r-riskji finanzjarji fuq l-utilitajiet pubbliċi Ewropej tal-enerġija;

(d) tidentifika alternattiva sostenibbli għall-kriptomminar fis-suq u l-aħjar Prattiki għall-iżvilupp ta’ protokoll ta’ mekkaniżmu ta’ kunsens li jkunu inqas intensivi fl-użu tal-enerġija u li ma jikkawżaw l-ebda ħsara sinifikanti lill-objettivi klimatiċi u ambjentali u lill-miri tal-enerġija tal-Unjoni;

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PA 03 23 (ikompli)

PA 03 23 01 (ikompli)

(e) tiddekrivi għażliet ta' politika differenti biex itaffi l-impatt ambjentali ta' ċerti kryptoassi u biex taċċellera l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ekoloġiċi alternattivi;

(f) tivvaluta l-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' standards ta' sostenibbiltà għall-kriptoassi.

Għall-fini tal-iżvilupp tal-metodoloġija u tal-istandards tas-sostenibbiltà, għandha ssir enfasi speċjali fuq diversi fatturi li jikkonċernaw in-network kollu ta' kryptoassi, b'mod partikolari l-konsum tal-enerġija, l-użu ta' riżorsi reali, l-impronta tal-karbonju, kwalunkwe skart elettroniku prodott bl-użu tal-hardware, l-istruttura tal-inċentivi u d-disinn tal-protokoll, il-kapitalizzazzjoni tas-suq u l-iskala tal-operat tal-kriptoassi kkonċernati.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kuntrattur ikollu l-għarfien espert u l-ħiliet kollha meħtieġa biex jimplementa l-azzjoni preparatorja u b'mod partikolari biex jiżviluppa metodoloġija bbażata fuq ix-xjenza. Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li kwalunkwe kuntrattur li jkollu interessi professjonali eżistenti jew potenzjali jiġi eskluż mill-proċess ta' akkwist.

PA 03 24 2024

PA 03 24 01 Azzjoni preparatorja — Ħolqien ta' Kapitali Ewropea tal-Bejgħ bl-Imnut Żgħir (ECSR)

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
3 000 000	750 000		

Kummenti

L-azzjoni preparatorja tipproponi l-ħolqien ta' Kapitali Ewropea tal-Bejgħ bl-Imnut Żgħir (ECSR), ibbażata fuq il-mudell tal-Kapitali Ewropea għat-Turiżmu Intelliġenti. L-idea tressqet permezz ta' petizzjoni lill-Parlament Ewropew u hija appoġġata b'unanimità mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet.

L-għan tal-azzjoni preparatorja huwa li tippromwovi l-valur u l-apprezzament tal-bejgħ bl-imnut żgħir u li tikkontribwixxi għal għarfien kollettiv tal-importanza ekonomika tagħha għall-komunitajiet lokali, b'mod partikolari f'termini ta' impjiegi, kif ukoll ir-rwol ewlieni tagħha bħala parti min-nisġa soċjali taż-żoni urbani u rurali. Għandha l-għan ukoll li tenfasizza r-rwol tal-bejgħ bl-imnut żgħir fil-preservazzjoni tal-istil ta' ħajja Ewropew u l-mudell, il-forma u l-essenza tal-bliet u l-komunitajiet rurali fl-Unjoni, u li turi kif il-bejgħ bl-imnut żgħir huwa parti importanti mill-identità Ewropea.

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PA 03 24 (ikompli)

PA 03 24 01 (ikompli)

Dan l-azzjoni preparatorja hija intiż li tmur lil hinn mis-sensibilizzazzjoni u biex tiegħu azzjonijiet li jkollhom impatt dejjiemi. L-azzjoni preparatorja għandha ttejjeg id-diġitalizzazzjoni tal-bejgħ bl-imnut żgħir u tippermetti li jħaddnu għodod diġitali għall-operazzjonijiet tagħhom stess, fir-relazzjonijiet tagħhom bejn in-negozji u fir-relazzjonijiet tagħhom mal-klijenti. L-azzjoni għandha tappoġġa wkoll it-tranżizzjoni ekoloġika tal-bejgħ bl-imnut żgħir. Dwar dawn l-aspetti kollha, il-ħolqien ta' ECSR għandu jikkomplementa l-inizjattiva #RevitaliseRetail tal-Kummissjoni. Fuq skala akbar, l-ECSR tindirizza l-ħtieġa dejjem tikber li nħaffu t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-ekonomija tal-Unjoni, inżidu r-reżiljenza tagħha u nappoġġaw il-kompetittività tagħha.

It-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Bejgħ bl-Imnut Żgħir jingħata perjodikament lil belt Ewropea waħda jew aktar. Il-modalitajiet tal-proċess ta' selezzjoni se jiġu elaborati ulterjorment.

PA 03 24 02 Azzjoni preparatorja — Statistika armonizzata dwar in-nirien bħala għodda għat-tisħiħ tal-isforzi pan-Ewropej għas-sikurezza kontra n-nirien

Ċifri (Appropriazzjonijiet differenzjali)

Appropriazzjonijiet 2024		Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
1 500 000	375 000		

Kummenti

Il-fatalitajiet min-nirien jirrappreżentaw madwar 2 % tal-imwiet aċċidentali fl-Unjoni (studju tal-Kummissjoni biex tevalwa l-ħtieġa li tirregola fi ħdan il-qafas tar-Regolament (UE) 305/2011 dwar it-tossiċità tad-duħħan prodott mill-prodotti tal-konstruzzjoni fin-nirien). Nuqqas importanti fid-data dwar is-sikurezza kontra n-nirien u dwar il-vittmi ta' nirien f'binjiet, u nuqqas ta' metodoloġija tal-għbir tad-data tal-Unjoni, kienu ġew identifikati minn dak l-istudju tal-Kummissjoni. Ambjent mibni ġust u sikur huwa wieħed mill-elementi kostitwenti tal-perkors ta' Tranżizzjoni għall-konstruzzjoni ppreżentat mill-Kummissjoni tal-15 ta' Marzu 2023. Il-mogħdija tirrikonoxxi tipi ġodda ta' riskji ta' nirien ikkawżati minn materjali, prodotti u teknoloġiji ġodda użati għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Is-sikurezza kontra n-nirien hija wkoll kunsiderazzjoni importanti għall-mewġa ta' rinnovazzjoni u indirizzata mid-Direttiva 2018/844/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 75). In-nuqqas ta' data huwa ostaklu għal politiki ta' suċċess u l-ewwel pass kbir biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni nkiseb mill-EU FireStat, Proġett Pilota konkluż fl-2022. Din l-azzjoni preparatorja hija segwitu għas-suċċess tal-proġett pilota tal-UE dwar il-FireStat biex jiġi implimentat approċċ armonizzat tal-Unjoni għall-istatistika dwar in-nirien.

L-implimentazzjoni tal-proġett pilota PP 03 19 03 "L-għeluq tal-lakuni fid-data u t-twittija tat-triq għal sforzi pan-Ewropej għas-sikurezza kontra n-nirien" (UE FireStat) għamlitha possibbli li jinkisbu l-għanijiet kollha preżunti u mixtieqa ħafna:

— l-immappjar tat-terminoloġija użata u d-data miġbura mill-Istati Membri rigward avvenimenti ta' nirien,

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PA 03 24 (ikompli)

PA 03 24 02 (ikompli)

— il-proposta ta' terminoloġija u metodu komuni biex tinġabar id-data meħtieġa f'kull Stat Membru bl-għan li jinkisbu settijiet ta' data b'sinifikat (abbażi ta' termini u definizzjonijiet standardizzati).

Il-proposta żviluppata ta' approċċ armonizzat tal-Unjoni għall-għbir tal-istatistika dwar in-nirien hija appoġġata mill-professjonisti kollha tat-tifi tan-nar fl-Unjoni u mill-awtoritajiet rilevanti minn mill-inqas 19-il Stat Membru li esprimew interess fl-implimentazzjoni tagħha.

Din l-azzjoni preparatorja għandha l-għan li tappoġġa lil dawn l-awtoritajiet fl-ittestjar tal-implimentazzjoni Prattika u tħejji t-triq għall-introduzzjoni sħiħa tal-metodu u l-għbir effettiv tad-data fil-livell tal-Unjoni. Dan se jippermetti li jiġu identifikati l-aħjar miżuri u politiki biex tittejjeb is-sikurezza kontra n-nirien taċ-ċittadini tal-Unjoni fir-rigward tal-politiki differenti nazzjonali u tal-Unjoni (madwar 5 000 mewt u għadd kbir ta' korrimenti għadhom qed jiġu rreġistrati kull sena fl-Istati Membri minħabba nirien fil-binjiet).

L-azzjoni preparatorja se tkun tista' tappoġġa wkoll il-ħidma tal-Pjattaforma għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar in-Nirien (FIEP) immexxija mill-Kummissjoni billi taqşam l-esperjenzi, l-għarfien u l-aħjar Prattiki fir-rigward tat-titjib tas-sikurezza tal-ambjent mibni madwar l-Ewropa kollha, u tan-In-Network ta' Għarfien tal-Unjoni dwar il-Protezzjoni Ċivili mmexxi mill-Kummissjoni biex jiġi kondiviż l-għarfien bejn l-Istati Membri kollha u pajjiżi terzi involuti fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.

L-Azzjoni Preparatorja se tiffinanzja l-appoġġ tekniku għal sett ta' Stati Membri li se jipparteċipaw fil-proġett pilota tal-implimentazzjoni tal-metodoloġija tal-UE dwar il-FireStat, l-analiżi tat-tagħlim u t-titjib possibbli fil-metodi, u l-iżvilupp ta' għodod għall-għbir u l-konsolidazzjoni tad-data. Dan se jikkonkludi frakkmandazzjonijiet għal dan li ġej:

- il-metodoloġija armonizzata finali tal-Unjoni
- it-tnejja tal-metodoloġija fl-Istati Membri kollha
- il-konsolidazzjoni u l-ġestjoni tad-data fil-livell tal-Unjoni.

PA 03 24 03 Azzjoni preparatorja — Titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tal-Ekosistema tat-Turiżmu I Ċentru tal-Għarfien dwar it-Turiżmu u Spazju tad-Data dwar it-Turiżmu

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
1 000 000	250 000		

Kummenti

Ir-rapport dwar l-istabbiliment ta' strateġija tal-Unjoni għal turiżmu sostenibbli adottat fl-24 ta' Marzu 2021 mill-Parlament Ewropew talab l-implimentazzjoni ta' spazju tad-data tal-Unjoni dwar it-turiżmu, li kien imsemmi wkoll fil-Perkorsi ta' Tranżizzjoni tat-Turiżmu mwassla mill-Kummissjoni.

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU (ikompli)

PA 03 24 (ikompli)

PA 03 24 03 (ikompli)

F'konformità mal-azzjoni preparatorja, intitolata "Laboratorju tat-Turiżmu ta' Għada" (PA 03 22 05), din l-azzjoni preparatorja għandha l-għan li tappoġġja organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tad-destinazzjoni, SMEs u partijiet interessati oħra tat-turiżmu biex jipparteċipaw bis-sħiħ fit-tħejjija tal-ispazju tad-dejta tat-turiżmu, u ċ-ċentru tal-Għarfien tat-Turiżmu billi jħaffef l-aċċess tagħhom permezz tal-ħolqien ta' għodod multipli. Dan il-proġett iqis ukoll is-Skills Partnership għall-Ekosistema tat-Turiżmu. Dan l-oġettiv jista' jitqies bħala l-ewwel fażi għall-implimentazzjoni futura ta' Aġenzija Ewropea għat-Turiżmu.

Fid-dawl ta' dak hawn fuq, din l-azzjoni preparatorja għandha l-intenzjoni li tiżviluppa linji gwida dwar kif tipparteċipa u tuża t-Turiżmu tal-Għarfien hub u l-ispazju tad-dejta tat-Turiżmu.

KAPITOLU PA 04 — SPAZJU

Kummenti

Kapitolu ġdid

L-approprijazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam ta' applikazzjoni tat-TFUE u t-Trattat Euratom, imfassla biex iħejju proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri. It-total tagħhom jikkorrispondi għal-livell ta' approprijazzjonijiet murija taħt l-Artikolu 04 20 02.

Bażiguridika

L-Artikolu 58(2), punt (b), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li tħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

PA 04 24 2024

PA 04 24 01 Azzjoni preparatorja — Innovazzjoni revoluzzjonarja għal soluzzjonijiet ta' llanċjar Ewropej

Ċifri (Approprijazzjonijiet differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024		Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
Impenji	Pagamenti		
5 000 000	1 250 000		

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 04 — SPAZJU (ikompli)

PA 04 24 (ikompli)

PA 04 24 01 (ikompli)

Kummenti

L-azzjoni għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp rapidu ta' innovazzjonijiet revoluzzjonarji u li għandhom il-potenzjal li jirrivoluzzjonaw il-futur tal-aċċess għall-ispazju u jtejbju l-kompetittività tal-industrija spazjali Ewropea. L-aċċess għall-ispazju huwa element indispensabbli tal-ekosistema spazjali, li mingħajru ma jista' jkun hemm l-ebda politika spazjali tal-UE, li jappoġġa ħafna prijoritajiet politiċi.

L-azzjoni preparatorja hija mistennija li tiffoka fuq it-tliet objettivi li ġejjin:

- tippermetti l-iżvilupp ta' innovazzjonijiet revoluzzjonarji għal soluzzjonijiet ta' llanċjar Ewropej, filwaqt li tadotta metodu innovattiv ta' implimentazzjoni, billi tappoġġa ċ-ċikli differenti ta' żvilupp tat-teknoloġija u turi r-rieda li dawn it-teknoloġiji jintużaw b'mod konkret fuq lanċjaturi futuri.
- tiffaċilita l-inizjattiva tal-industrija biex tipproponi teknoloġiji fixkiela. L-industrija għandha tipproponi soluzzjonijiet innovattivi għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' aċċess għall-ispazju orħos, aktar sostenibbli, aġli u reżiljenti. Huma għandhom jagħmlu dan billi jiffukaw fuq innovazzjonijiet ambizzjużi li għadhom mhumiex disponibbli, u li jmorru lil hinn mill-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fil-pipelines internazzjonali għall-aċċess għall-ispazju.

L-azzjoni preparatorja għandha tiġi implimentata permezz ta' approċċ progressiv għal sejħiet kompetittivi li jibdw b'fażi ta' prova tal-kunċett fl-2024.

F'din l-ewwel fażi, il-Kummissjoni Ewropea għandha tniedi sejħa miftuħa biex tidentifika u tattribwixxi għotjiet biex twettaq studju dwar il-prova tal-kunċett għal kull waħda mill-ħames innovazzjonijiet l-aktar fixkiela u revoluzzjonarji.

Bħala segwitu, azzjoni preparatorja sussegwenti tista' tiġi kkunsidrata fl-2025, biex jintgħażlu l-aħjar tliet innovazzjonijiet identifikati fil-fażi preċedenti, u jiġu attribwiti għotjiet għall-iżvilupp teknoloġiku tagħhom.

AFM 2011: b'segwitu għall-ftehim ta' self iffirmat mill-Montenegro fid-9 ta' Frar 2010 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/784/KE tat-2 ta' Ottubru 2008 li tistabbilixxi passiv separat ta' Montenegro u tnaqqas proporzjonalment il-passiv tas-Serbja fir-rigward ta' self fit-tul mogħti mill-Komunità lill-Unjoni tal-Istati tas-Serbja u l-Montenegro (magħrufa qabel bħala r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja) skont id-Deċiżjonijiet 2001/549/KE u 2002/882/KE (ĠU L 269, 10.10.2008, p. 8), is-self inizjalment mogħti lis-Serbja u lill-Montenegro fl-2001, l-2003 u l-2005 ġie mibdi mill-ġdid b'data inizjali virtwali fl-2011 sabiex jiġi implimentat il-qsim tal-pajjiżi.

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

C. PREŻENTAZZJONI FIL-QOSOR TAD-DIVERSI KATEGORIJI TA' OPERAZZJONIJIET MUTWARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI

U TEĦID B'SELF RELATAT BIEX TINGĦATA ASSISTENZA FINANZJARJA LIL PAJJIŻI TERZI

I. PROGRAMMI TA' SELF IKKUNTRATTATI MILL-UNJONI BIEX JIPPROVDU ASSISTENZA MAKRO-FINANZJARJA LIL PAJJIŻI TERZI MEDITERRANJI

1. Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1351/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 4).

Id-Deċiżjoni Nru 534/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 151, 21.5.2014, p. 9).

Id-Deċiżjoni (UE) 2016/1112 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar l-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lit-Tuneżija (ĠU L 186, 09.7.2016, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2016/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li tippredvi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 352, 23.12.2016, p. 18).

Id-Deċiżjoni (UE) 2020/33 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2020 li tippredvi aktar assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 14, 17.01.2020, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2020/701 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar il-forniment ta' assistenza makrofinanzjarja lis-sħab tat-tkabbir u tal-viċinat fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 165, 27.5.2020, p. 31).

2. Deskrizzjoni

Fil-11 ta' Diċembru 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għall-Ġordan assistenza makrofinanzjarja fil-forma ta' self għal ammont massimu ta' EUR 180 000 000 u b'maturità massima ta' 15-il sena, biex ikopru l-ħtiġijiet ta' bilanċ ta' ħlas tal-Ġordan kif identifikati fil-programm tal-FMI. L-faċilità ġiet żborżata kompletament f'żewġ porzjonijiet indaqs fl-2015.

Fil-15 ta' Mejju 2014, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għat-Tunesija għajnuna makrofinanzjarja fis-sura ta' self għal ammont massimu ta' EUR 300 000 000 u b'maturità massima ta' 15-il sena, biex ikunu koperti l-ħtiġijiet ta' bilanċ ta' ħlas tat-Tuneżija kif identifikati fil-programm tal-FMI. L-ewwel żewġ porzjonijiet, kull wieħed ta' EUR 100 000 000, it-tnejn ġew żborżati fl-2015 u t-tielet porzjon f'Lulju 2017.

Fis-6 ta' Lulju 2016, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu għajnuna makrofinanzjarja ulterjuri lit-Tuneżija fil-forma ta' self għal ammont massimu ta' EUR 500 000 000 (tliet rati ta' self ta' EUR 200 000 000, EUR 150 000 000 u EUR 150 000 000). L-ewwel porzjon ta' EUR 200 000 000 ġie żborżat f'Ottubru 2017, it-tieni porzjon ta' EUR 150 000 000 ġie żborżat f'Lulju 2019 u t-tielet u l-aħħar porzjon ta' EUR 150 000 000 ġie żborżat f'Novembru 2019.

Fil-14 ta' Diċembru 2016, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu għajnuna makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġordan fil-forma ta' self għal ammont massimu ta' EUR 200 000 000 (żewġ pagamenti ta' self ta' EUR 100 000 000). L-ewwel porzjon ta' EUR 100 000 000 ġie żborżat f'Ottubru 2017 u t-tieni u l-aħħar porzjon ta' EUR 100 000 000 ġie żborżat f'Lulju 2019.

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI
(B'MOD INDIKATTIV)

Fil-15 ta' Jannar 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu għajnuna makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġordan fil-forma ta' self għal ammont massimu ta' EUR 500 000 000 f'żewġ porzjonijiet b'ammonti prinċipali ta' EUR 250 000 000 u EUR 250 000 000 rispettivament. Fil-25 ta' Mejju 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġordan għal ammont totali massimu ta' EUR 200 000 000 fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi ekonomiċi assoċjati. L-ewwel porzjon ta' EUR 250 000 000 tħallas f'Novembru 2020 u t-tieni porzjon ta' EUR 250 000 000 tħallas f'Lulju 2021.

Fil-25 ta' Mejju 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġordan u lit-Tuneżija fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi ekonomiċi assoċjati. L-assistenza kienet provduta fil-forma ta' self għal ammont totali massimu ta' EUR 600 000 000 (żewġ porzjonijiet ta' self ta' EUR 300 000 000). L-ewwel pagament ta' EUR 300 000 000 ġie żborżat f'Ġunju 2021 u t-tieni pagament li jifdal ta' EUR 300 000 000 ġie żborżat f'Mejju 2022.

3. Effett fuq il-baġit

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jstabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli. Skont l-Artikolu 32(9) tar-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1). L-assi netti fil-31 ta' Lulju 2021 tal-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni kellhom jiġu ttrasferiti fil-finanzjament komuni ta' proviżjonament. Dan it-trasferiment seħħ fl-1 ta' Awwissu 2021.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond ta' Garanzija sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti.

Fil-każ ta' inadempjenzi mill-benefiċjarji tas-self, il-pagamenti għad-dejn tal-Unjoni relatati mal-AMF huma koperti sa livell ta' 9 % tal-ammont totali dovut mill-fond ta' proviżjonament komuni. F'każ li l-fond ta' proviżjonament komuni jintuża kollu, il-baġit tal-Unjoni jrid jirrikostitwixxi l-fond ta' proviżjonament għar-rata minima ta' proviżjonament ta' 9 %.

II. PROGRAMMI TA' SELF IKKUNTRATTATI MILL-UNJONI BIEX JIPPROVDU ASSISTENZA MACRO-FINANCIAL LIL PAJJIŻI TERZI FL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT

1. Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/787/KE tas-17 ta' Novembru 1997, li tipprovdi għal assistenza finanzjarja eċċezzjonali għall-Armenja u l-Georgia (ĠU L 322, 25.11.1997, p. 37).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/639/KE tat-12 ta' Lulju 2002 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja supplimentari lill-Ukrajna (ĠU L 209, 6.8.2002, p. 22).

Id-Deċiżjoni Nru 388/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja għall-Ukrajna (ĠU L 179, 14.7.2010, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 778/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Georgia (ĠU L 218, 14.8.2013, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/215/UE tal-14 ta' April 2014 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna (ĠU L 111, 15.4.2014, p. 85).

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni (UE) 2015/601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' April 2015 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna (ĠU L 100, 17.4.2015, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1565 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2017 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 242, 20.9.2017, p. 14).

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/598 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Georgia (ĠU L 103, 23.4.2018, p. 8).

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ukrajna (ĠU L 171, 6.7.2018, p. 11).

Id-Deċiżjoni (UE) 2020/701 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar il-forniment ta' assistenza makrofinanzjarja lis-sħab tat-tkabbir u tal-viċinat fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 165, 27.5.2020, p. 31).

Id-Deċiżjoni (UE) 2022/313 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ukrajna (ĠU L 55, 28.2.2022, p. 4).

Id-Deċiżjoni (UE) 2022/563 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 109, 8.4.2022, p. 6–12).

Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ukrajna (ĠU L 186, 13.7.2022, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2022 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna, li ssaħħaħ il-fond ta' proviżjonament komuni permezz ta' garanziji mill-Istati Membri u permezz ta' proviżjonament speċifiku għal xi obligazzjonijiet finanzjarji relatati mal-Ukrajna ggarantiti skont id-Deċiżjoni 466/2014/UE, u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 (ĠU L 245, 22.9.2022, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2022/2463 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li jstabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +) (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 1).

2. Deskrizzjoni

Fis-17 ta' Novembru 1997, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-operazzjoni eċċezzjonali mutwatarja u mutwanti lill-Georgia għal ammont massimu ta' EUR 142 000 000 għal perjodu massimu ta' 15-il sena.

L-ewwel porzjon ta' EUR 110 000 000 tħallas lill-Georgia fl-24 ta' Lulju 1998. It-tieni porzjon ma għandux isir aktar.

Fit-12 ta' Lulju 2002, il-Kunsill iddeċieda li jagħmel disponibbli għall-Ukrajna faċilità ta' self għal żmien twil tal-ammont massimu ta' EUR 110 000 000 b'maturità massima ta' 15-il sena, bil-għan li tiġi żgurata sitwazzjoni ta' bilanċ ta' pagamenti sostenibbli, filwaqt li tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' riżerva tal-pajjiż u tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali meħtieġa. Fl-2014 ġie żborżat l-ammont totali tal-faċilità.

Fis-7 ta' Lulju 2010, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għall-Ukrajna faċilità ta' self għal żmien twil ta' ammont massimu ta' EUR 500 000 000 b'maturità massima ta' 15-il sena, bl-għan li tiġi assicurata sitwazzjoni ta' bilanċ ta' pagamenti sostenibbli. Il-faċilità ġiet żborżata kompletament f'żewġ porzjonijiet indaqs fl-2014 u l-2015.

Fit-12 ta' Awwissu 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għall-Georgia assistenza makrofinanzjarja li tammonta għal massimu ta' EUR 46 000 000 (sa EUR 23 000 000 fil-forma ta' għoti u sa EUR 23 000 000 fil-forma ta' self) b'maturità massima ta' 15-il sena. L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000 ġie żborżat f'April 2015 u t-tieni porzjon ta' EUR 13 000 000 ġie żborżat f'Mejju 2017.

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI
(B'MOD INDIKATTIV)

Fl-14 ta' April 2014, il-Kunsill iddeċieda li jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Ukrajna assistenza makrofinanzjarja fis-sura ta' self ta' ammont massimu ta' EUR 1 000 000 000 u b'maturità massima ta' 15-il sena, biex ikopri l-ħtiġijiet urġenti ta' bilanċ ta' ħlas tal-Ukrajna kif identifikati fil-programm tal-FMI. L-ammont totali ta' EUR 1 000 000 000 ġie żborżat fl-2014.

Fil-15 ta' April 2015, il-Kunsill iddeċieda li jagħmel disponibbli għall-Ukrajna assistenza makrofinanzjarja ta' ammont massimu ta' EUR 1 800 000 000 u b'maturità massima ta' 15-il sena, biex jappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Ukrajna u aġenda ta' riforma sostantiva. L-assistenza tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-bilanċ tal-ħlasijiet tal-Ukrajna kif identifikati fil-programm tal-FMI. L-ewwel porzjon ta' EUR 600 000 000 ġie żborżat f'Lulju 2015 u t-tieni porzjon ta' EUR 600 000 000 ġie żborżat f'Marzu 2017.

Fit-18 ta' April 2018, il-Kunsill iddeċieda li jagħmel disponibbli għall-Georgia assistenza makrofinanzjarja ta' ammont massimu ta' EUR 45 000 000, bil-ħsieb li jappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Georgia u aġenda ta' riforma sostantiva. Minn dak l-ammont massimu, sa EUR 35 000 000 għandhom jiġu pprovduti fil-forma ta' self u sa EUR 10 000 000 fil-forma ta' għotjiet. Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni huwa soġġett fuq l-approvazzjoni tal-baġit tal-Unjoni għas-sena rilevanti mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. L-għajnuna għandha tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-bilanċ tal-ħlasijiet ta' Georgia kif identifikati fil-programm tal-FMI. L-ewwel porzjon ta' EUR 15 000 000 ġie żborżat f'Diċembru 2018 u l-porzjon li jifdal ta' EUR 20 000 000 ġie żborżat f'Novembru 2020 (flimkien mal-ewwel porzjon ta' EUR 75 000 000 għall-Georgia taħt il-programm speċjali tal-MFA COVID-19).

Fl-4 ta' Lulju 2018, il-Kunsill iddeċieda li jagħmel disponibbli għall-Ukrajna assistenza makrofinanzjarja ta' ammont massimu ta' EUR 1 000 000 000, bil-għan li jappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Ukrajna u aġenda ta' riforma sostantiva. Din l-assistenza għandha tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-bilanċ tal-ħlasijiet tal-Ukrajna kif identifikati fil-programm tal-FMI. L-ewwel porzjon ta' EUR 500 000 000 ġie żborżat f'Diċembru 2018 u t-tieni porzjon ta' EUR 500 000 000 ġie żborżat f'Ġunju 2020.

Fil-25 ta' Mejju 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Georgia u l-Ukrajna fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi ekonomiċi assoċjati. L-assistenza se tingħata fil-forma ta' self għal ammont totali massimu ta' EUR 150 000 000 għall-Georgia (żewġ porzjonijiet ta' self ta' EUR 75 000 000) u EUR 1 200 000 000 għall-Ukrajna (żewġ porzjonijiet ta' self ta' EUR 600 000 000). L-ewwel porzjon ta' EUR 75 000 000 għall-Georgia ġie żborżat f'Novembru 2020. Għall-Ukrajna, L-ewwel porzjon ta' EUR 600 000 000 ġie żborżat f'Diċembru 2020 u t-tieni porzjon ta' EUR 600 000 000 ġie żborżat f'Ottubru 2021.

Fl-24 ta' Frar 2022, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ukrajna ta' ammont massimu ta' EUR 1 200 000 000, bil-ħsieb li jappoġġaw l-istabbilizzazzjoni ekonomika u l-aġenda ta' riforma sostantiva tal-Ukrajna. L-assistenza għandha tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-bilanċ tal-pagamenti tal-Ukrajna kif identifikati fil-programm tal-FMI. L-ewwel porzjon ta' EUR 600 000 000 kien imqassam f'żewġ porzjonijiet ta' EUR 300 000 000 li ġew żborżati f'Marzu 2022. It-tieni pagament ta' EUR 600 000 000 ġie żborżat f'Mejju 2022.

Fis-6 ta' April 2022, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Moldova ta' EUR 150 miljun (EUR 120 000 000 f'self fuq terminu medju b'termini konċessjonali u EUR 30 000 000 f'għotjiet). L-AMF daħlet fis-seħħ fit-18 ta' Lulju għal sentejn u nofs biex tiġi żborżata fi tliet porzjonijiet ta' EUR 50 000 000 kull wieħed. L-ewwel porzjon ta' EUR 50 000 000 ġie żborżat fl-1 ta' Awwissu 2022.

Fit-12 ta' Lulju 2022, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ukrajna ta' ammont massimu ta' EUR 1 000 000 000 bil-ħsieb li jappoġġaw l-istabbiltà makrofinanzjarja tal-Ukrajna. L-ammont kien maqsum f'żewġ pagamenti u t-tnejn ġew żborżati f'Awwissu tal-2022.

Fl-20 ta' Settembru 2022, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ukrajna ta' ammont massimu ta' EUR 5 000 000 000 bil-ħsieb li jappoġġaw l-istabbiltà makrofinanzjarja tal-Ukrajna. L-ewwel pagament ta' EUR 2 500 000 000 ġie żborżat f'Ottubru 2022, it-tieni pagament parzjali ta' EUR 2 000 000 000 ġie żborżat f'Novembru 2022 u t-tielet pagament parzjali ta' EUR 500 000 000 ġie żborżat f'Diċembru 2022.

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Fl-14 ta' Diċembru 2022, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu EUR 18-il biljun ta' appoġġ fil-forma ta' self lill-Ukraina għall-2023 permezz ta' strument ta' assistenza makrofinanzjarja+ (MFA+). L-għan ġenerali tal-Istrument huwa li jipprovdi għajjnuna finanzjarja għal żmien qasir lill-Ukraina b'mod prevedibbli, kontinwu, ordnat u f'waqtu, finanzjament ta' riabilitazzjoni u appoġġ inizjali għar-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra, fejn xieraq, bil-ħsieb li tappoġġa lill-Ukraina fuq tagħha. triq lejn l-integrazzjoni Ewropea. Dan jiġi fil-forma ta' self konċessjonali ħafna, li jinħareġ f'pagamenti regolari mill-2023.

3. Effett fuq il-baġit

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli. Skont l-Artikolu 32(9) tar-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1). l-assi netti fil-31 ta' Lulju 2021 tal-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni kellhom jiġu ttrasferiti fil-finanzjament komuni ta' proviżjonament. Dan it-trasferiment seħħ fl-1 ta' Awwissu 2021.

Skont l-Artikolu 212(1) tar-Regolament Finanzjarju, id-dispożizzjonijiet li saru biex ikopru l-obbligazzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw minn strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji jew assistenza finanzjarja għandhom jinżammu f'fond ta' proviżjonament komuni (CPF).

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal pagament annwali wieħed lil jew, eċċezzjonalment, minn kull kompartment rilevanti tas-CPF biex jinżamm l-ammont fil-mira tiegħu.

Fil-każ ta' inadempjenzi mill-benefiċjarji tas-self, il-pagamenti għad-dejn tal-Unjoni relatati mal-AMF huma koperti sa livell ta' 9 % tal-ammont totali dovut mill-fond ta' proviżjonament komuni. F'każ li l-fond ta' proviżjonament komuni jintuża kollu, il-baġit tal-Unjoni jrid jirrikostitwixxi l-fond ta' proviżjonament għar-rata minima ta' proviżjonament ta' 9 %.

L-assistenza makrofinanzjarja sa EUR 1 biljun skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 u sa EUR 5 biljun skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1628 tikkostitwixxi obbligazzjoni finanzjarja għall-Unjoni fi ħdan il-volum globali tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna skont ir-Regolament (UE) 2021/947.

L-ammont totali sa EUR 6 biljun ta' self ta' assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni lill-Ukraina skont id-Deċiżjonijiet (UE) 2022/1201 u (UE) 2022/1628 jibbenefika minn 9 % ta' proviżjonament imħallas disponibbli għal self ta' assistenza makrofinanzjarja taħt il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna u minn garanziji mill-Istati Membri (sa 61 %). L-ammont ta' proviżjonament għandu jiġi ffinanzjat mill-pakkett finanzjarju pprogrammat għall-assistenza makrofinanzjarja skont ir-Regolament (UE) 2021/947 għal ammont totali ta' EUR 540 miljun. Dak l-ammont għandu jiġi impenjat u mħallas fil-fond ta' proviżjonament komuni skont il-qafas finanzjarju pluriennali 2021–2027, stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433, I, 22.12.2020, p. 11). Barra minn hekk, matul il-perjodu mill-2021 sal-2027, wara talba mill-Ukraina, is-sussidju tar-rata tal-imgħax għas-self skont dawk id-deċiżjonijiet għandu jitħallas mill-pakkett finanzjarju msemmi fl-Artikolu 6(2), il-punt (a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament (UE) 2021/947.

Fir-rigward tal-kopertura tal-obbligazzjoni finanzjarja li tirriżulta mit-EUR 18-il biljun ta' appoġġ fil-forma ta' self lill-Ukraina għall-2023 permezz tal-istrument tal-AMF +, ir-Regolament (UE Euratom) 2020/2093 ġie emendat biex jippermetti, bħala garanzija, il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi baġitarji lil hinn mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali u sal-limiti massimi msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1). Barra minn hekk, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2027, dak ir-Regolament jipprevedi sussidju tar-rata tal-imgħax mill-Unjoni għas-self skont dak ir-Regolament. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet għas-sussidju tar-rata tal-imgħax. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont l-Artikolu 21(2), punt (a)(ii), tar-Regolament Finanzjarju.

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

III. PROGRAMMI TA' SELF IKKUNTRATTATI MILL-UNJONI BIEX JIPPROVDU ASSISTENZA MACRO-FINANCIAL LILL-PAJJIŻI TAL-COMMONWEALTH TA' STATI INDIPENDENTI U L-MONGOLJA

1. Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/787/KE tas-17 ta' Novembru 1997, li tipprovdi għal assistenza finanzjarja eċċezzjonali għall-Armenja u l-Georgia (ĠU L 322, 25.11.1997, p. 37).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/890/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi l-għajjnuna makrofinanzjarja lill-Armenja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 3).

Id-Deċiżjoni Nru 1025/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Kirgiża (ĠU L 283, 25.10.2013, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1565 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2017 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 242, 20.9.2017, p. 14).

Id-Deċiżjoni (UE) 2020/701 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar il-forniment ta' assistenza makrofinanzjarja lis-sħab tat-tkabbir u tal-viċinat fil-kuntast tal-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 165, 27.5.2020, p. 31).

Id-Deċiżjoni (UE) 2022/563 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 109, 8.4.2022, p. 6).

2. Deskrizzjoni

Fis-17 ta' Novembru 1997, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-operazzjoni eċċezzjonali mutwatarja u mutwanti lill-Armenja għal ammont massimu ta' EUR 28 000 000 għal perjodu massimu ta' 15-il sena.

Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-operazzjoni mutwatarja u mutwanti għall-Armenja fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 65 000 000 fi prinċipal għal perjodu massimu ta' 15-il sena. L-ewwel porzjon ta' EUR 26 000 000 ġie żborżat fl-2011, it-tieni u l-aħħar wieħed fl-2012.

Fit-22 ta' Ottubru 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għar-Repubblika Kirgiża assistenza makrofinanzjarja ta' ammont massimu ta' EUR 30 000 000 (sa EUR 15 000 000 fil-forma ta' għotjiet u sa EUR 15 000 000 fil-forma ta' self) b'maturità massima ta' 15-il sena. L-ewwel porzjon ta' EUR 5 000 000 ġie żborżat fl-2015 u t-tieni porzjon f'April 2016.

Fit-13 ta' Settembru 2017, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għall-Moldova assistenza makrofinanzjarja ta' ammont massimu ta' EUR 100 000 000 (sa EUR 40 000 000 fil-forma ta' għotjiet u sa EUR 60 000 000 fil-forma ta' self b'maturità massima ta' 15-il sena), bil-għan li tappoġġja l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Moldova u aġenda ta' riforma sostantiva. L-ewwel porzjon ta' EUR 20 000 000 ġie żborżat f'Ottubru 2019.

Fil-25 ta' Mejju 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Georgia u l-Ukrajna fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi ekonomiċi assoċjati. L-assistenza kienet provduta fil-forma ta' self għal ammont totali massimu ta' EUR 100 000 000 (żewġ porzjonijiet ta' self ta' EUR 50 000 000). L-ewwel porzjon ta' EUR 50 000 000 ġie żborżat f'Novembru 2020 u t-tieni porzjon ta' EUR 50 000 000 ġie żborżat f'Ottubru 2021.

Fis-06 ta' April 2022, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Moldova ta' ammont massimu ta' EUR 150 000 000, bil-ħsieb li jappoġġaw l-istabbilizzazzjoni ekonomika u l-aġenda ta' riforma sostantiva tal-Moldova. Minn dak l-ammont massimu, sa EUR 120 000 000 għandhom jiġu pprovduti fil-forma ta' self u sa EUR 30 000 000 fil-forma ta' għotjiet. L-assistenza għandha tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-bilanċ tal-pagamenti tal-Moldova kif identifikati fil-programm tal-FMI. L-ewwel porzjon ta' EUR 35 000 000 ġie żborżat f'Awwissu 2022.

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

3. Effett fuq il-baġit

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jstabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli. Skont l-Artikolu 32(9) tar-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1). L-assi netti fil-31 ta' Lulju 2021 tal-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni kellhom jiġu ttrasferiti fil-finanzjament komuni ta' proviżjonament. Dan it-trasferiment seħħ fl-1 ta' Awwissu 2021.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond ta' Garanzija sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti.

Fil-każ ta' inadempjenzi mill-benefiċjarji tas-self, il-pagamenti għad-dejn tal-Unjoni relatati mal-AMF huma koperti sa livell ta' 9 % tal-ammont totali dovut mill-fond ta' proviżjonament komuni. F'każ li l-fond ta' proviżjonament komuni jintuża kollu, il-baġit tal-Unjoni jrid jirrikostitwixxi l-fond ta' proviżjonament għar-rata minima ta' proviżjonament ta' 9 %.

IV. PROGRAMMI TA' SELF IKKUNTRATTATI MILL-UNJONI BIEX JIPPROVDU ASSISTENZA MACRO-FINANCIAL GĦALL-PAJJIŻI TAL-BALKANI TAL-PUNENT

1. Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/325/KE tal-10 ta' Mejju 1999, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Bożnija-Herzegovina (ĠU L 123, 13.5.1999, p. 57).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/733/KE tat-8 Novembru 1999 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja supplimentari lil dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 294, 16.11.1999, p. 31).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/549/KE tas-16 ta' Lulju 2001, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 38).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/882/KE tal-5 ta' Novembru 2002 li tipprovdi aktar għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 308, 9.11.2002, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/883/KE tal-5 ta' Novembru 2002, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Bosnja-Herzegovina (ĠU L 308, 9.11.2002, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/580/KE tad-29 ta' April 2004 li tipprovdi assistenza makro-finanzjarja lill-Albanija u li tirrevoka id-Deċiżjoni 1999/282/KE (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 116).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/784/KE tat-2 ta' Ottubru 2008 li tistabbilixxi passiv separat ta' Montenegro u tnaqqas proporzjonalment il-passiv tas-Serbja fir-rigward ta' self fit-tul mogħti mill-Komunità lill-Unjoni tal-Istati tas-Serbja u Montenegro (magħrufa qabel bħala r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja) skont id-Deċiżjonijiet 2001/549/KE u 2002/882/KE (ĠU L 269, 10.10.2008, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/891/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lill-Bożnija-Herzegovina (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 6).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/892/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lis-Serbja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 9).

Id-Deċiżjoni (UE) 2020/701 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar il-forniment ta' assistenza makrofinanzjarja lis-sħab tat-tkabbir u tal-viċinat fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 165, 27.5.2020, p. 31).

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

2. Deskrizzjoni

Fil-10 ta' Mejju 1999, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-operazzjoni mutwatarja u mutwanti għall-il-Bożnija-Herzegovina fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 20 000 000 f'kapital għal perjodu massimu ta' 15-il sena (Bożnija I).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal perjodu massimu ta' 15-il sena, tħallas lill-Bożnija-Herzegovina fil-21 ta' Diċembru 1999. It-tieni porzjon ta' EUR 10 000 000 tħallas fl-2001.

Fil-8 ta' Novembru 1999, il-Kunsill reġa' ddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni mutwatarja u mutwanti lill-dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 50 000 000 f'kapital għal perjodu massimu ta' 15-il sena (FYROM II).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallas lill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja f'Janjar 2001, it-tieni porzjon ta' EUR 12 000 000 f'Janjar 2002, it-tielet porzjon ta' EUR 10 000 000 f'Ġunju 2003 u r-raba' porzjon ta' EUR 18 000 000 f'Diċembru 2003.

Fil-16 ta' Lulju 2001, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni mutwatarja u mutwanti lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja u Montenegro I) fil-forma ta' self fit-tul ta' EUR 225 000 000 f'kapital għal perjodu massimu ta' 15-il sena. Is-self tħallas f'porzjon wieħed f'Ottubru 2001.

Fil-5 ta' Novembru 2002, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni mutwatarja u mutwanti lill-Bożnija-Herzegovina fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 20 000 000 f'kapital għal perjodu massimu ta' 15-il sena (Bożnija II).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallas lill-Bosnja-Herzegovina fl-2004 u t-tieni porzjon ta' EUR 10 000 000 fl-2006.

Fil-5 ta' Novembru 2002, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni mutwatarja u mutwanti lis-Serbja u Montenegro (Serbja u Montenegro II) fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 55 000 000 f'kapital għal perjodu massimu ta' 15-il sena.

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000 u t-tieni porzjon ta' EUR 30 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallsu lis-Serbja u Montenegro fl-2003 u t-tielet porzjon ta' EUR 15 000 000 tħallas fl-2005.

Is-self lill-Albanija IV ta' EUR 9 000 000, għal perjodu massimu ta' 15-il sena, ġie żborżat kompletament fl-2006.

Fil-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lill-Unjoni Ewropea garanzija għal operazzjoni mutwatarja u mutwanti għas-Serbja fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 200 000 000 f'kapital għal perjodu massimu ta' 8 snin. L-ewwel porzjon ta' EUR 100 000 000 tħallas fl-2011.

Fil-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lill-Unjoni Ewropea garanzija għal operazzjoni mutwatarja u mutwanti għas-Serbja fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 100 000 000 f'kapital għal perjodu massimu ta' 15-il sena. Iż-żewġ porzjonijiet ta' EUR 50 000 000 tħallsu t-tnejn fl-2013.

Fil-25 ta' Mejju 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Albanija, lill-Bożnija-Herzegovina, lill-Kosovo, lill-Montenegro u l-Maċedonja ta' Fuq fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi ekonomiċi assoċjati. L-assistenza se tingħata fil-forma ta' self għal ammont totali massimu ta' EUR 180 000 000 għall-Albanija (żewġ porzjonijiet ta' self ta' EUR 90 000 000), EUR 250 000 000 għall-Bożnija-Herzegovina (żewġ porzjonijiet ta' self ta' EUR 125 000 000), EUR 100 000 000 għall-Kosovo (żewġ porzjonijiet ta' self ta' EUR 50 000 000), EUR 60 000 000 għall-Montenegro (żewġ porzjonijiet ta' self ta' EUR 30 000 000), u EUR 160 000 000 għall-Maċedonja ta' Fuq (żewġ porzjonijiet ta' self ta' EUR 80 000 000).

Għall-Albanija, l-ewwel porzjon ta' EUR 90 000 000 ġie żborżat f'Marzu 2021 u t-tieni porzjon ta' EUR 90 000 000 ġie żborżat f'Novembru 2021.

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Għall-Kosovo, il-Montenegro u l-Maċedonja ta' Fuq, l-ewwel porzjonijiet ġew żborżati f'Novembru 2020 u t-tieni porzjonijiet f'Ġunju 2021.

Għall-Bożnija-Herzegovina, l-ewwel porzjon ta' EUR 125 000 000 ġie żborżat f'Ottubru 2021.

3. Effett fuq il-baġit

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jstabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli. Skont l-Artikolu 32(9) tar-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1). L-assi netti fil-31 ta' Lulju 2021 tal-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni kellhom jiġu ttrasferiti fil-finanzjament komuni ta' proviżjonament. Dan it-trasferiment seħħ fl-1 ta' Awwissu 2021.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond ta' Garanzija sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti.

Fil-każ ta' inadempjenzi mill-benefiċjarji tas-self, il-pagamenti għad-dejn tal-Unjoni relatati mal-AMF huma koperti sa livell ta' 9 % tal-ammont totali dovut mill-fond ta' proviżjonament komuni. F'każ li l-fond ta' proviżjonament komuni jintuża kollu, il-baġit tal-Unjoni jrid jirrikostitwixxi l-fond ta' proviżjonament għar-rata minima ta' proviżjonament ta' 9 %.

V. SELF TAL-EURATOM GĦAT-TITJIB TAL-LIVELL TA' EFFIĠJENZA U SIKUREZZA TAL-IMPJANTI TAL-ENERĠIJA NUKLEARI FIL-PAJJIŻI TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT U L-COMMONWEALTH TA' STATI INDIPENDENTI

1. Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self ta' l-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nuklejari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9).

2. Deskrizzjoni

Skont id-Deċiżjoni 94/179/Euratom (ĠU L 84, 29.3.1994, p. 41), l-Unjoni Ewropea testendi l-ambitu ta' self mill-Euratom taħt id-Deċiżjoni 77/270/Euratom għat-titjib tal-grad ta' effiċjenza u sikurezza tal-power stations nukleari fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-Lvant u tal-Commonwealth tal-Istati Indipendenti.

L-ammont massimu ta' self Euratom għall-Istati Membri u pajjiżi terzi jibqqa' stabbli għal EUR 4 000 000 000.

Fl-2000, il-Kummissjoni ddeċidiet dwar self għal Kozlodoy fil-Bulgarija (EUR 212 500 000) u l-aħħar pagament parzjali kien fl-2006. Fl-2000, il-Kummissjoni ħarġet self lil K2R4 fl-Ukrajna iżda naqqset l-ammont tas-self għall-ekwivalenti f'EUR ta' USD 83 000 000 fl-2004. K2R4 ingħata self ta' EUR 39 000 000 (l-ewwel porzjon) fl-2007, USD 22 000 000 fl-2008, u USD 10 335 000 fl-2009 skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2004. Fl-2004, il-Kummissjoni ddeċidiet dwar self għal Cernavodă fir-Rumanija (EUR 223 500 000). L-ewwel pagament ta' EUR 100 000 000 u t-tieni wieħed ta' EUR 90 000 000 ġew żborżati fl-2005 u l-aħħar wieħed ta' EUR 33 500 000 fl-2006.

Fl-2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħti self lil Energoatom, l-Ukrajna, ta' EUR 300 000 000 għall-programm ta' titjib fis-sigurtà tal-impjanti għall-enerġija nukleari. Is-self se jiġi pprovdut f'kooperazzjoni mal-BERŻ, li b'mod parallel, jipprovdi self ieħor ta' EUR 300 000 000. Il-kundizzjonijiet li jippreċedu d-disponibbiltà inizjali tas-self ġew ivvalutati bħala totalment milħuqin fl-2015 u s-self ġie ddikjarat bħala effettiv.

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI
(B'MOD INDIKATTIV)

Fis-27 ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni awtorizzat żborżi skont il-ftehim ta' self tal-Euratom lil Energoatom fl-ammont sa EUR 100 000 000, bil-kundizzjoni li Energoatom tkun ġibdet l-ammont tas-self mogħti mill-BERŻ f'ammont mhux inqas minn EUR 50 000 000. Dan is-self jibbenefika minn garanzija tal-Istat li jkopru 100 % tal-ammonti pendenti fl-aħħar tas-sena. L-ewwel porzjon ta' EUR 50 000 000 ġie żborżat f'Mejju 2017 u t-tieni porzjon ta' EUR 50 000 000 ġie żborżat f'Lulju 2018. It-tielet porzjon ta' EUR 100 000 000 ġie żborżat f'Lulju 2020 u l-porzjon finali ta' EUR 100 000 000 ġie żborżat f'Diċembru 2021.

3. Effett fuq il-baġit

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jstabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement mibdul bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jstabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) emendat mir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli. Skont l-Artikolu 32(9) tar-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1) li ħa post ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 480/2009, l-assi netti fil-31 ta' Lulju 2021 tal-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni kellhom jiġu ttrasferiti fil-finanzjament komuni ta' proviżjonament. Dan it-trasferiment seħħ fl-1 ta' Awwissu 2021.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond ta' Garanzija sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti.

Fil-każ ta' inadempjenzi mill-benefiċjarji tas-self, il-pagamenti għad-dejn tal-Unjoni relatati mal-AMF huma koperti sa livell ta' 9 % tal-ammont totali dovut mill-fond ta' proviżjonament komuni. F'każ li l-fond ta' proviżjonament komuni jintuża kollu, il-baġit tal-UE jrid jirrikostitwixxi l-fond ta' proviżjonament għar-rata minima ta' proviżjonament ta' 9 %.

Mill-1 ta' Jannar 2007, is-self mal-Bulgarija u mar-Rumanija ma baqgħux azzjonijiet esterni (ara l-Artikolu 1, it-tielet paragrafu tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2728/94) u għaldaqstant huma koperti direttament mill-baġit tal-Unjoni u mhux aktar mill-Fond ta' Garanzija.

U TEĦID B'SELF RELATAT BIEX TIĠI PPROVDUTA ASSISTENZA FINANZJARJA LILL-ISTATI MEMBRI

VI. FAĊILITÀ UNIKA LI TIPPROVDI ASSISTENZA FINANZJARJA TA' TERMINU MEDJU GĦALL-BILANĊI TA' PAGAMENTI TAL-ISTATI MEMBRI

1. Bażi ġuridika

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jstabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi tal-pagamenti tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/290/KE tal-20 ta' Jannar 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja Komunitarja lil-Latvja għal medda medja ta' żmien (ĠU L 79, 25.3.2009, p. 39).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/459/KE tas-6 ta' Mejju 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-Komunità lir-Rumanija fuq medda medja ta' żmien (ĠU L 150, 13.6.2009, p. 8).

2. Deskrizzjoni

Skont ir-Regolament (KE) Nru 332/2002, l-Unjoni għandha s-setgħa tagħti self lill-Istati Membri li għandhom, jew li huma serjament mhedda b'diffikultajiet relatati mal-bilanċ tal-pagamenti tagħhom preżenti jew tal-movimenti tal-kapital. L-Istati Membri li ma adottawx l-euro biss jistgħu jibbenefikaw minn din il-faċilità. L-ammont pendenti ta' self kien limitat għal EUR 12 000 000 000 bħala kapital.

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Fit-2 ta' Diċembru 2008, il-Kunsill iddeċieda jestendi l-faċilità sa EUR 25 000 000 000.

Fl-20 ta' Jannar 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti għajna finanzjarja Komunitarja lil-Latvja fil-forma ta' self fuq terminu medju ta' kapital sa EUR 3 100 000 000 għal maturità medja massima ta' 7 snin.

Fis-6 ta' Mejju 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti għajna finanzjarja Komunitarja lir-Rumanija fil-forma ta' self fuq terminu medju ta' kapital sa EUR 5 000 000 000 għal maturità medja massima ta' 5 snin.

Fit-18 ta' Mejju 2009, il-Kunsill iddeċieda jestendi l-faċilità sa EUR 50 000 000 000.

3. Effett fuq il-baġit

Peress li ż-żewġ partijiet ta' dawn l-operazzjonijiet ta' teħid u għoti b'self jitwettqu b'termini identiċi, dawn jaffettwaw il-baġit tal-Unjoni biss fil-każ improbabbli ħafna li Stat Membru ma jissodisfax l-obbligi ta' pagament skedati tiegħu, fejn il-pagamenti għat-titoli ta' dejn tal-Unjoni relatati mal-BoP se jkunu koperti mill-marġni ta' manuvra disponibbli taħt il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji. Fil-31 ta' Diċembru 2022, l-ammont ta' kapital pendenti taħt dan l-istrument huwa ta' EUR 200 000 000.

VII. Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni għal assistenza finanzjarja fl-ambitu tal-mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja

1. Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jstabilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1).

L-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE tas-7 ta' Diċembru 2010 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34).

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE tas-30 ta' Mejju 2011 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 159, 17.6.2011, p. 88).

2. Deskrizzjoni

L-Artikolu 122(2) TFUE jiddisponi l-possibbiltà li tingħata assistenza finanzjarja mill-Unjoni lil Stat Membru li jsib ruħu f'diffikultajiet jew ikun mhedded minn diffikultajiet serji kkawżati minn, *inter alia*, ċirkostanzi eċċezzjonali li ma jkollux kontroll fuqhom.

Il-garanzija mogħtija mill-Unjoni hija għal self mogħti fuq is-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji.

Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 407/2010, l-ammont pendenti ta' self u linji ta' kreditu mogħtija lill-Istati Membri taħt il-mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja għandu jkun limitat għall-marġni disponibbli taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji tal-Unjoni għal approprazzjonijiet ta' pagament.

Din il-partita tikkostitwixxi l-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-Unjoni. Għandha tippermetti li l-Kummissjoni tisservizzja d-dejn fil-każ tal-inadempjenza tad-debituri.

Sabiex tonora l-obbligi tagħha, il-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi tagħha fi flus biex tħallas id-dejn provviżorjament. Għandu japplika l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplementa d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

Fis-7 ta' Diċembru 2010, l-Unjoni ddeċidiet li tagħmel disponibbli għall-Irlanda selfa li tammonta għal massimu ta' EUR 22 500 000 000, b'massimu ta' maturità medja ta' 7,5 snin (ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34).

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI
(B'MOD INDIKATTIV)

Fit-30 ta' Mejju 2011, l-Unjoni ddeċidiet li tagħmel disponibbli għall-Portugall selfa li tammonta għal massimu ta' EUR 26 000 000 000 (ĠU L 159, 17.6.2011, p. 88).

Fil-11 ta' Ottubru 2011, il-Kunsill iddeċieda li jemenda d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE u 2011/344/UE billi jestendi l-maturitajiet u japplika t-tnaqqis tal-marġni tar-rata tal-imgħax għall-porzjonijiet kollha li diġà ġew żborżati (Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2011/682/UE u 2011/683/UE).

Fil-21 ta' Ġunju 2013, il-Kunsill iddeċieda li jemenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE billi jestendi l-maturità medja tas-self u jipprovdi l-possibbiltà li jiġu estiżi l-maturitajiet tal-pagamenti parzjali fuq it-talba tal-Irlanda (Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/313/UE).

Fil-21 ta' Ġunju 2013, il-Kunsill iddeċieda li jemenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE billi jestendi l-maturità medja tas-self u jipprovdi l-possibbiltà li jiġu estiżi l-maturitajiet tal-pagamenti parzjali fuq it-talba tal-Portugall. Barra minn hekk, ġew speċifikati l-miżuri li jridu jiġu adottati mill-pajjiż, f'konformità mal-ispeċifikazzjoni fil-Memorandum ta' Fehim (Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/323/UE).

Fit-22 ta' Ottubru 2013, il-Kunsill iddeċieda li jemenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE billi jestendi d-disponibbiltà tal-assistenza finanzjarja mogħtija lill-Irlanda (Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/525/UE).

3. Effett fuq il-baġit

Peress li ż-żewġ partijiet ta' dawn l-operazzjonijiet ta' teħid u għoti b'self jitwettqu b'termini identiċi, dawn jaffettwaw il-baġit biss fil-każ improbabbli ħafna li Stat Membru ma jissodisfax l-obbligi ta' pagament skedati tiegħu, fejn il-pagamenti għat-titoli ta' dejn tal-Unjoni relatati mal-EFSM se jkunu koperti mill-marġni ta' manuvra disponibbli taħt il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji. Fil-31 ta' Diċembru 2022, l-ammont ta' kapital pendenti taħt dan l-istrument huwa ta' EUR 46 300 000 000.

VIII. STRUMENT EWROPEW GĦAL APPOĠĠ TEMPORANJU BIEX JITTAFFEW IR-RISKJI TA' QGĦAD F'EMERĠENZA (SURE)

1. Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1342 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Renju tal-Belġju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 4).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1343 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Bulgarija biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 10).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1344 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika ta' Ċipru biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 13).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1345 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika Ċeka biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 17).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-infiq għas-servizzi tal-interpreti (kemm dawk indipendenti kif ukoll dawk offruti minn xi istituzzjoni oħra) pprovdut lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew waqt laqgħat wiċċ imb wiċċ, ibrida jew virtwali. Tali spejjeż jinkludu t-tariffi ta' tagħhom, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-indennizzi ta' sussistenza, u, fir-rigward ta' laqgħat ibridi u virtwali, l-użu tal-pjattaforma installata fis-swali tal-konferenzi tal-Kumitat biex tkun tista' ssir interpretazzjoni simultanja mill-bogħod.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

KAPITOLU 2 6 — KOMMUNIKAZZJONI, PUBBLIKAZZJONIJIET U AKKWIST TA' DOKUMENTAZZJONI

2 6 0 **Kommunikazzjoni, informazzjoni u pubblikazzjonijiet**

2 6 0 0 Kommunikazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
864 500	845 000	869 835,96

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta mal-inizjattivi ta' komunikazzjoni u l-informazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kemm jekk huma relatati mal-iskopijiet kif ukoll ma' l-attivitajiet tal-Kumitat, attivitajiet ta' informazzjoni mmirati lejn il-pubbliku ġenerali, jew organizzazzjonijiet soċjoprofessionali, rappurtaġġ mill-mezzi tax-xandir ta'avvenimenti pubbliċi importanti, inizjattivi kulturali jew attivitajiet oħra varji tal-Kumitat, inkluż il-premjura għas-soċjetà ċivili organizzata. Hija tkopri wkoll il-materjali, s-servizzi, oġġetti għall-konsum u provvisti marbuta ma' dawn l-avvenimenti. Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta ma' iżjed fis-sensibilizzazzjoni u s-segwitu tal-attivitajiet u l-opinjoni tal-Kumitat.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

KAPITOLU 2 6 — KOMMUNIKAZZJONI, PUBBLIKAZZJONIJIET U AKKWIST TA' DOKUMENTAZZJONI (ikompli)

2 6 0 (ikompli)

2 6 0 2 Pubblikazzjonijiet u l-promozzjoni tagħhom

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
756 100	426 000	855 453,53

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefġiet tal-pubblikazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fuq il-mezzi kollha tax-xandir.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 6 0 4 Il-Ġurnal Uffiċjali

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' stampar għall-pubblikazzjonijiet f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll ta' pustaġġ u nefġiet assoċjati.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 6 2 **Dokumentazzjoni, diġitalizzazzjoni u studji**

2 6 2 0 Studji ta' prospettiva, studji ġenerali u riċerka

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
300 000	300 000	221 850,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża tas-seduti mal-esperti f'oqsma speċifiċi, kif ukoll l-istudji ta' prospettiva u l-istudji ġenerali kkuntrattati lil esperti u istituti ta' riċerka.

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 2 6 — KOMMUNIKAZZJONI, PUBBLIKAZZJONIJIET U AKKWIST TA' DOKUMENTAZZJONI (ikompli)

2 6 2 (ikompli)

2 6 2 2 Riżorsi ta' dokumentazzjoni u informazzjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
203 700	194 500	226 462,70

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- it-tkabbir u t-tiġdid ta' xogħlijiet ta' referenza ġenerali u pubblikazzjonijiet oħra relatati u l-aġġornament tal-volum ta' kotba tal-librerija,
- l-abbonament f'ġurnali, perjodiċi, u aġenziji ta' tagħrif u l-pubblikazzjoni tagħhom u s-servizzi online, inklużi d-drittijiet tal-awtur għar-riproduzzjoni u t-tixrid permezz tal-kitba jew elettronikament ta' dawn l-abbonamenti u l-kuntratti tas-servizz għall-analiżi tal-istampa u artikoli meħudin mill-istampa,
- l-abbonamenti jew il-kuntratti tas-servizzi għall-forniment ta' taqsiriet u ta' analiżi tal-kontenut ta' perjodiċi jew il-ħżin fuq mezzi ottiċi ta' artikoli meħudin minn dawn il-perjodiċi,
- l-użu ta' bażijiet tad-data esterni diġitali, ta' dokumenti u ta' statistika, (minbarra materjal tal-kompjuters u nefqiet għat-telekomunikazzjoni),
- l-obbligi li jassumi l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fil-qafas tal-kooperazzjoni internazzjonali jew interstituzzjonali,
- ix-xiri jew il-kiri ta' software u materjali speċjali, inklużi faċilitajiet u/jew is-sistemi elettriċi, elettroniċi jew informatiċi għal-librerija, għad-dokumentazzjoni u sistemi u tagħmir multi-medjatiku, kif ukoll ta' servizzi esterni għall-akkwist, l-iżvilupp, l-istallazzjoni, l-użu u l-manutenzjoni ta' dawn il-faċilitajiet u sistemi,
- in-nefqiet għas-servizzi marbuta mal-attivitajiet tal-librerija b'mod partikolari dawk provduti lill-utenti tagħha (tiftix, analiżi), is-sistema tal-amministrazzjoni tal-kwalità, eċċ.,
- il-materjal u t-tagħmir għal-legatura u għall-konservazzjoni għal-librerija, għad-dokumentazzjoni u għal-librerija tal-midja,
- in-nefqiet, inklużi għall-materjal għall-pubblikazzjonijiet interni (brochures, studji, eċċ.) inkluż tagħmir għall-komunikazzjoni (bulletini, vidjows, CD-ROMs, eċċ.),
- ix-xiri ta' dizżjunarji u glossarji u xogħlijiet oħra għas-servizzi lingwistiċi.

L-ammont ta' dħul allokati skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 6 2 4 Ġestjoni u diġitalizzazzjoni tad-dokumenti

KAPITOLU 2 6 — KOMMUNIKAZZJONI, PUBBLIKAZZJONIJIET U AKKWIST TA' DOKUMENTAZZJONI (ikompli)

2 6 2 (ikompli)

2 6 2 4 (ikompli)

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
113 095	92 018	235 018,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- in-nefqa għal-legatura tad-dokumenti u fuljetti,
- in-nefqa għas-servizz tal-arkivjar estern, inklużi konsulenza dwar l-arkivjar, analiżi marbutin mal-arkivjar u l-ipproċessar tal-arkivji (inventarju tal-arkivji, valutazzjoni, klassifikazzjoni, reġistrazzjoni, analiżi tal-arkivji, deskrizzjoni u servizzi loġistiċi),
- in-nefqa għas-servizzi ta' diġitalizzazzjoni,
- in-nefqa għas-software relatat mal-arkivji,
- in-nefqa għal sistemi ta' ħżin ta' arkivji elettroniċi,
- in-nefqa għal materjali għall-preservazzjoni tal-arkivji (provvisi bħal kaxxi ħielsa mill-aċidu jew b'linjin baxxa, fowlders u materjali speċjali oħra) għall-formati fuq il-karta, elettroniċi u tal-midja (mikrofilm, diski, cassettes, eċċ.),
- l-obbligi li jassumi l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fil-qafas tal-kooperazzjoni internazzjonali jew interstituzzjonali.

L-ammont ta' dħul allokati skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

TITOLU 10
INFIQ IEĦOR

KAPITOLU 10 0 — APPROPJAZZJONIJIET PROVIŻORJI
KAPITOLU 10 1 — RIŻERVA TA' KONTINĠENZA
KAPITOLU 10 2 — RIŻERVA GĦALL-AKKWIST TA' BINI

Artikolu Partita	Intestatura	Appropjazzjonijiet 2024	Appropjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
	KAPITOLU 10 0	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 0 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 1	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 1 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 2	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 2 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 10 — Total	p.m.	p.m.	0,—	

TITOLU 10
INFIQ IEĦOR**KAPITOLU 10 0 — APPROPJAZZJONIJIET PROVIŻORJI***Ċifri (Appropjazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropjazzjonijiet 2024	Appropjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

KAPITOLU 10 1 — RIŻERVA TA' KONTINĠENZA*Ċifri (Appropjazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropjazzjonijiet 2024	Appropjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

KAPITOLU 10 2 — RIŻERVA GĦALL-AKKWIST TA' BINI*Ċifri (Appropjazzjonijiet mhux differenzjati)*

Appropjazzjonijiet 2024	Appropjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊĠALI EWROPEW

IL-PERSUNAL

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Grupp ta' funzjoni u grad	2024		2023	
	Karigi permanenti	Karigi temporanji	Karigi permanenti	Karigi temporanji
	Li mhumiex kategoriji	—	1	—
AD 16	1	—	1	—
AD 15	6	—	6	—
AD 14	22	1	22	1
AD 13	17	3	17	3
AD 12	55	4	55	3
AD 11	38	3	35	3
AD 10	51	3	50	4
AD 9	44	2	47	2
AD 8	21	4	23	2
AD 7	20	2	20	3
AD 6	11	4	14	1
AD 5	30	—	27	1
Sub-total AD	316	26	317	23
AST 11	4	—	4	—
AST 10	6	—	6	—
AST 9	36	2	36	1
AST 8	30	3	31	4
AST 7	39	3	39	3
AST 6	49	4	49	4
AST 5	49	2	50	1
AST 4	25	1	25	2
AST 3	25	1	26	1
AST 2	3	—	3	—
AST 1	3	—	3	—
Sub-total AST	269	16	272	16
AST/SC 6	—	—	—	—
AST/SC 5	1	—	—	—
AST/SC 4	5	—	2	—
AST/SC 3	11	—	13	—
AST/SC 2	12	3	13	3
AST/SC 1	10	—	11	—
Sub-total AST/SC	39	3	39	3
Total	624	46	628	43
Gran Total	670		671	

TAQSIMA VII
KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

DĦUL**Kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tan-nefqa tal-Kumitat
tar-Reġjuni għas-sena finanzjarja 2024**

Intestatura	Ammont
Nefqa	121 878 345
Riżorsi proprji	- 13 544 447
Kontribuzzjoni dovuta	108 333 898

DĦUL

TITOLU 3

DĦUL AMMINISTRATTIV

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL
KAPITOLU 3 1 — DĦUL MARBUT MA' PROPRJETÀ

Artikolu Partita	Intestatura	Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn	%2022/2024
	KAPITOLU 3 0				
3 0 0	Taxxi u imposti				
3 0 0 0	Taxxa fuq remunerazzjonijiet	5 838 830	5 458 225	5 063 226,68	86,72
3 0 0 1	Imposti speċjali fuq ir-remunerazzjonijiet	1 160 936	1 085 260	1 009 444,01	86,95
	<i>Artikolu 3 0 0 — Total</i>	6 999 766	6 543 485	6 072 670,69	86,76
3 0 1	Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni				
3 0 1 0	Kontribuzzjonijiet tal-istaff għall-iskema tal-pensjoni	6 544 681	5 566 887	5 092 060,52	77,80
3 0 1 1	Trasferiment jew xiri ta' drittijiet tal-pensjonijiet mill-istaff	p.m.	p.m.	47 516,56	
3 0 1 2	Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni mill-persunal fuq il-leave	p.m.	p.m.	0,—	
	<i>Artikolu 3 0 1 — Total</i>	6 544 681	5 566 887	5 139 577,08	78,53
	KAPITOLU 3 0 — TOTAL	13 544 447	12 110 372	11 212 247,77	82,78
	KAPITOLU 3 1				
3 1 0	Bejgħ ta' proprjetà immobbli — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
3 1 1	Bejgħ ta' proprjetà oħra	p.m.	p.m.	0,—	
3 1 2	Lokazzjonijiet u sullokazzjonijiet ta' proprjetà immobbli — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 3 1 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	

KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 3 2 — DĦUL MINN PROVVISTA TA' OĠĠETTI, SERVIZZI U XOGĦOL — DĦUL ASSENJAT
KAPITOLU 3 3 — DĦUL AMMINISTRATTIV IEĦOR

Artikolu Partita	Intestatura	Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn	%2022/2024
	KAPITOLU 3 2				
3 2 0	Dħul minn provvista ta' oġġetti, servizzi u xogħol — Dħul assenjat				
3 2 0 2	Dħul minn provvista ta' oġġetti, servizzi u xogħol għal istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħra tal-Unjoni — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	2 397 617,73	
	Artikolu 3 2 0 — Total	p.m.	p.m.	2 397 617,73	
3 2 1	Rifużjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi oħra ta' allowances għall-missjonijiet — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
3 2 2	Dħul minn partijiet terzi rigward oġġetti, servizzi u xogħol — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 3 2 — TOTAL	p.m.	p.m.	2 397 617,73	
	KAPITOLU 3 3				
3 3 0	Ħlas lura ta' ammonti li ma kellhomx jitħallsu — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	11 576,02	
3 3 1	Dħul għal skop speċifiku (dħul minn fondazzjonijiet, sussidji, rigali u legati) — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
3 3 3	Ħlasijiet li waslu mill-assigurazzjoni — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
3 3 8	Dħul ieħor mill-operat amministrattiv — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	23 395,86	
3 3 9	Dħul ieħor mill-operat amministrattiv	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 3 3 — TOTAL	p.m.	p.m.	34 971,88	
	Titolu 3 — Total	13 544 447	12 110 372	13 644 837,38	100,74

TITOLU 3
DĦUL AMMINISTRATTIV

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL

3 0 0 Taxxi u imposti

3 0 0 0 Taxxa fuq remunerazzjonijiet

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
5 838 830	5 458 225	5 063 226,68

Bażiguridika

Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jstipula l-kundizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

3 0 0 1 Imposti speċjali fuq ir-remunerazzjonijiet

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
1 160 936	1 085 260	1 009 444,01

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

3 0 1 Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni

3 0 1 0 Kontribuzzjonijiet tal-istaff għall-iskema tal-pensjoni

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
6 544 681	5 566 887	5 092 060,52

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 83(2) tagħhom.

KUMITAT EWROPEW TAR-REĠĠJUNI

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL (*ikompli*)**3 0 1** (*ikompli*)

3 0 1 1 Trasferiment jew xiri ta' drittijiet tal-pensjonijiet mill-istaff

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	47 516,56

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) u l-Artikoli 17 sa 48 tal-Anness VIII tagħhom.

3 0 1 2 Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni mill-persunal fuq il-leave

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 40(3) u l-Artikolu 83(2) tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 41 u 43 tagħhom.

KAPITOLU 3 1 — DĦUL MARBUT MA' PROPRJETÀ**3 1 0** *Bejgħ ta' proprjetà immobbli — Dħul assenjat*

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra d-dħul mill-bejgħ ta' proprjetà immobbli li hija tal-istituzzjoni.

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

3 1 1 *Bejgħ ta' proprjetà oħra*

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

KAPITOLU 3 1 — DĦUL MARBUT MA' PROPRJETA' (ikompli)

3 1 1 (ikompli)

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jiġi reġistrat dħul li ġej mill-bejgħ jew tpartit parzjali ta' proprjeta' oħra, li hija proprjeta' tal-istituzzjoni.

3 1 2 Lokazzjonijiet u sullokazzjonijiet ta' proprjeta' immobbli — Dħul assenjat

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

KAPITOLU 3 2 — DĦUL MINN PROVVISTA TA' OĠĠETTI, SERVIZZI U XOGĦOL — DĦUL ASSENJAT

3 2 0 Dħul minn provvista ta' oġġetti, servizzi u xogħol — Dħul assenjat

3 2 0 2 Dħul minn provvista ta' oġġetti, servizzi u xogħol għal istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħra tal-Unjoni — Dħul assenjat

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	2 397 617,73

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

3 2 1 Rifużjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi oħra ta' allowances għall-missjonijiet — Dħul assenjat

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 3 2 — DĦUL MINN PROVVISATA TA' OĠĠETTI, SERVIZZI U XOGĦOL — DĦUL ASSENJAT (ikompli)

3 2 1 (ikompli)

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

3 2 2 **Dħul minn partijiet terzi rigward oġġetti, servizzi u xogħol — Dħul assenjat**

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

KAPITOLU 3 3 — DĦUL AMMINISTRATTIV IEĦOR

3 3 0 **Ħlas lura ta' ammonti li ma kellhomx jitħallsu — Dħul assenjat**

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	11 576,02

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

3 3 1 **Dħul għal skop speċifiku (dħul minn fondazzjonijiet, sussidji, rigali u legati) — Dħul assenjat**

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

KAPITOLU 3 3 — DĦUL AMMINISTRATTIV IEĦOR (ikompli)

3 3 3 Ħlasijiet li waslu mill-assigurazzjoni — Dħul assenjat

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprijazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

Dan l-artikolu jinkludi wkoll rimbors minn kumpaniji ta' assigurazzjoni tas-salarji ta' uffiċjali involuti f'inċidenti.

3 3 8 Dħul ieħor mill-operat amministrattiv — Dħul assenjat

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	23 395,86

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub li jirreġistra kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra marbutin mal-operati amministrattivi tal-istitutazzjoni.

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprijazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

3 3 9 Dħul ieħor mill-operat amministrattiv

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub li jirreġistra dħul ieħor mill-operat amministrattiv.

KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

TITOLU 4

DĦUL FINANZJARJU, IMGĦAX TA' INADEMPJENZA, U MULTI

KAPITOLU 4 0 — DĦUL MINN INVESTIMENTI U KONTABILITÀ

KAPITOLU 4 1 — IMGĦAX TA' INADEMPJENZA

Artikolu Partita	Intestatura	Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn	%2022/2024
	KAPITOLU 4 0				
4 0 0	<i>Dħul minn investimenti, self mogħti u kontijiet bankarji</i>	p.m.	p.m.	0,—	
4 0 1	<i>Imgħax minn prefinanzjament</i>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 4 1				
4 1 9	<i>Imgħax ta' inadempjenza ieħor</i>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 4 1 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 4 — Total	p.m.	p.m.	0,—	

TITOLU 4
DĦUL FINANZJARJU, IMGĦAX TA' INADEMPJENZA, U MULTI

KAPITOLU 4 0 — DĦUL MINN INVESTIMENTI U KONTABILITÀ

4 0 0 Dħul minn investimenti, self mogħti u kontijiet bankarji

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra dħul minn investiment, self mogħti u interessi tal-bank jew oħrajn fuq il-kontijiet tal-istituzzjoni.

4 0 1 Imgħax minn prefinanzjament

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra dħul minn interess fuq prefinanzjament.

KAPITOLU 4 1 — IMGĦAX TA' INADEMPJENZA

4 1 9 Imgħax ta' inadempjenza ieħor

Estimu 2024	Estimu 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Bażiguridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), b'mod partikolari l-Artikolu 98(4) tiegħu.

KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

NEFQA

Riassunt ġenerali tal-appropriazzjonijiet (2024 u 2023) u eżitu (2022)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1	PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI			
1 0	MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI	9 183 136	9 390 750	8 333 927,—
1 2	UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU	69 028 203	64 849 684	60 032 885,72
1 4	STAFF IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI	11 603 897	11 348 746	8 507 167,88
1 6	INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI	1 837 875	1 708 258	1 611 507,72
	Titolu 1 — Total	91 653 111	87 297 438	78 485 488,32
2	BINJIET, GĦAMARA, TAGĦMIR U NFIQ VARJU GĦALL-OPERAT			
2 0	BINJIET U NEFQIET RELATATI	18 217 196	17 633 143	18 915 678,26
2 1	PROĊESSAR TA' DATA, XIRI, KIRI U MANUTENZJONI TA' TAGĦMIR U GĦAMARA	7 464 232	7 171 271	7 455 607,71
2 3	NEFQA AMMINISTRATTIVA	350 358	364 414	321 998,67
2 5	LAQGĦAT U KONFERENZI	633 329	626 132	505 600,55
2 6	GĦARFIEN SPEĊJALIZZAT U INFORMAZZJONI, AKKWIST, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISTRIBUZZJONI	3 560 119	3 582 994	3 418 263,91
	Titolu 2 — Total	30 225 234	29 377 954	30 617 149,10
10	INFIQ IEĦOR			
10 0	APPROPRJAZZJONIJET PROVIŻORJI	p.m.	p.m.	0,—
10 1	RIŻERVA TA' KONTINĠENZA	p.m.	p.m.	0,—
10 2	RIŻERVA GĦALL-AKKWIST TA' BINJIET	p.m.	p.m.	0,—
	Titolu 10 — Total	p.m.	p.m.	0,—
	GRAN TOTAL	121 878 345	116 675 392	109 102 637,42

TITOLU 1
PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 1 0 — MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI
KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
	KAPITOLU 1 0				
1 0 0	Salarji, allowances u pagamenti				
1 0 0 0	Spejjeż tal-uffiċċju tal-Membri				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	162 421	159 236	158 760,—	97,75
1 0 0 4	Allowances għall-ivvjaġġar u għas-sussistenza, assistenza għall-laqgħat u nfiq assoċjat				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	8 990 715	9 201 514	8 145 167,—	90,60
	<i>Artikolu 1 0 0 — Total</i>	9 153 136	9 360 750	8 303 927,—	90,72
1 0 5	Korsijiet għall-membri tal-istituzzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	30 000	30 000	30 000,—	100
	KAPITOLU 1 0 — TOTAL	9 183 136	9 390 750	8 333 927,—	90,75
	KAPITOLU 1 2				
1 2 0	Rimunerazzjoni u jeddijiet oħra				
1 2 0 0	Rimunerazzjoni u allowances				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	68 434 203	64 260 799	59 477 486,99	86,91
1 2 0 2	Sahra bi ħlas				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	29 000	29 787	22 646,90	78,09
1 2 0 4	Jeddijiet mad-dħul fis-servizz, it-trasferiment u t-tluq mis-servizz				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	205 000	203 308	267 812,72	130,64
	<i>Artikolu 1 2 0 — Total</i>	68 668 203	64 493 894	59 767 946,61	87,04

KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU (ikompli)
KAPITOLU 1 4 — STAFF IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
1 2 2	Allowances fil-każ ta' terminazzjoni bikrija tas-servizz				
1 2 2 0	Allowances għal staff li qed jirtira fl-interess tas-servizz				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	360 000	355 790	264 939,11	73,59
1 2 2 2	Allowances għal persunal li jitwaqqaf mis-servizz u skema speċjali tal-irtirar				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	Artikolu 1 2 2 — Total	360 000	355 790	264 939,11	73,59
1 2 9	Approprjazzjoni proviżorja				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 1 2 — TOTAL	69 028 203	64 849 684	60 032 885,72	86,97
	KAPITOLU 1 4				
1 4 0	Staff ieħor u persuni esterni				
1 4 0 0	Staff ieħor				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	5 376 050	5 044 800	3 689 886,57	68,64
1 4 0 2	Servizz ta' interpretazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	4 037 744	4 167 080	3 070 593,34	76,05
1 4 0 4	Apprendistat għal-lawreati, għotjiet u skambju ta' uffiċjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 023 453	996 242	766 362,97	74,88
1 4 0 5	Servizzi supplimentari għas-servizz tal-kontabilità				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
1 4 0 8	Jeddijiet mad-dħul fis-servizz, trasferiment u t-tluq mis-servizz u nefqa oħra għas-servizzi lill-persunal tul il-karriera tagħhom				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	46 650	45 700	41 325,—	88,59
	Artikolu 1 4 0 — Total	10 483 897	10 253 822	7 568 167,88	72,19

KAPITOLU 1 4 — STAFF IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI (ikompli)
KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
1 4 2	Servizzi esterni				
1 4 2 0	Servizzi addizzjonali għas-servizz tat-traduzzjoni u l-għodod b'rabta mat-traduzzjoni u l-esternalizzazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	700 000	674 924	619 000,—	88,43
1 4 2 2	Assistenza minn esperti b'konnessjoni ma' xogħol konsultattiv				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	420 000	420 000	320 000,—	76,19
	<i>Artikolu 1 4 2 — Total</i>	1 120 000	1 094 924	939 000,—	83,84
1 4 9	Approprjazzjoni proviżorja				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 1 4 — TOTAL	11 603 897	11 348 746	8 507 167,88	73,31
	KAPITOLU 1 6				
1 6 1	Infiq marbut mal-immaniġġar tal-istaff				
1 6 1 0	Infiq mixxellanju għar-reklutaġġ				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	20 000	20 000	18 581,16	92,91
1 6 1 2	Taħriġ addizzjonali, taħriġ mill-ġdid u tagħrif għall-persunal				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	352 400	330 000	326 092,05	92,53
	<i>Artikolu 1 6 1 — Total</i>	372 400	350 000	344 673,21	92,55
1 6 2	Missjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	478 050	370 833	419 657,—	87,79
1 6 3	Attivitajiet relatati mal-persuni kollha li jaħdmu mal-istituzzjoni				
1 6 3 0	Servizzi soċjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	20 400	20 400	10 000,—	49,02

KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAHD MU MAL-ISTITUZZJONI (ikompli)

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn	%2022/2024
1 6 3	<i>(ikompli)</i>				
1 6 3 2	Politika soċjali interna				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	31 000	31 000	8 152,51	26,30
1 6 3 3	Vjaġġar sostenibbli tal-persunal lejn ix-xogħol u lura				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	61 500	61 500	41 500,—	67,48
1 6 3 4	Servizzi mediċi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	124 525	124 525	114 525,—	91,97
1 6 3 6	Ristoranti u Kantins				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
1 6 3 8	Ċentri għat-tfal żgħar u skejtel materni approvati				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	750 000	750 000	673 000,—	89,73
	<i>Artikolu 1 6 3 — Total</i>	987 425	987 425	847 177,51	85,80
1 6 4	Kontribuzzjoni għal Skejtel Ewropej akkreditati				
1 6 4 0	Kontribuzzjoni għal Skejtel Ewropej tat-Tip II akkreditati				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	<i>Artikolu 1 6 4 — Total</i>	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 1 6 — TOTAL	1 837 875	1 708 258	1 611 507,72	87,68
	Titolu 1 — Total	91 653 111	87 297 438	78 485 488,32	85,63

TITOLU 1
PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 1 0 — MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI

1 0 0 Salarji, allowances u pagamenti

1 0 0 0 Spejjeż tal-uffiċċju tal-Membri

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
162 421	159 236	158 760,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-uffiċċju tal-membri jew is-sostituti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni li jintalbu jwettqu xogħol u jassumu responsabbiltajiet fi ħdan il-Kumitat jew li aġixxew bħala relaturi skont ir-regolamenti applikabbli.

Tkopri wkoll infiq orizzontali ieħor b'rabta mal-eżekuzzjoni tal-mandat tal-Membri u tal-Membri sostituti, bħall-kostijiet tal-għoti ta' assistenza għall-ivvjaġġar u l-assigurazzjoni u l-kost tal-ħruġ ta' "laissez-passer" abbażi tal-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.

1 0 0 4 Allowances għall-ivvjaġġar u għas-sussistenza, attendenza għal-laqgħat u nfiq assoċjat

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
8 990 715	9 201 514	8 145 167,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri ħlasijiet lill-membri u s-sostituti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni skont ir-regolamenti applikabbli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tat-trasport u l-ħlas ta' allowances għall-ivvjaġġar u l-laqgħat. Tkopri wkoll l-ispejjeż tal-aġenzija tal-ivvjaġġar ikkuntrattata mill-Kumitat biex tassisti lill-membri u s-sostituti fl-organizzazzjoni tal-ivvjaġġar tagħhom għall-Kumitat.

KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 0 — MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI (ikompli)

1 0 5 **Korsijiet għall-membri tal-istituzzjoni**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
30 000	30 000	30 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-korsijiet tal-lingwa jew taħriġ vokazzjonali rilevanti ieħor li jattendu l-membri u s-sostituti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, kif ukoll għax-xiri ta' materjal ta' awtoistruzzjoni fil-lingwi f'konformità mar-regolament applikabbli.

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU

Kummenti

Ġie applikat tnaqqis standard ta' 6,0 % għall-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan il-kapitolu.

1 2 0 **Rimunerazzjoni u jeddijiet oħra**

1 2 0 0 Rimunerazzjoni u allowances

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
68 434 203	64 260 799	59 477 486,99

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija prinċipalment maħsuba biex tkopri, għal uffiċjali u persunal temporanju li għandhom post tax-xogħol previst fil-pjan ta' stabbiliment:

- salarji, allowances tal-familja, tal-espatrijazzjoni u tar-residenza barra mill-pajjiż u pagamenti relatati ma' salarji,
- il-kontribuzzjoni tal-istituzzjoni lir-reġim komuni tal-assigurazzjoni tal-mard (assigurazzjoni għall-mard, inċidenti u mard relatat max-xogħol),
- rata fissa ta' allowances għal xogħol wara l-ħin,
- allowances u għotjiet varji oħra,
- pagament ta' spejjeż ta' vjaġġar għal uffiċjali jew persunal temporanju, il-konjuġi tagħhom u persuni dipendenti minnhom mill-post tax-xogħol tagħhom għall-post ta' oriġini tagħhom,

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU (ikompli)

1 2 0 (ikompli)

1 2 0 0 (ikompli)

- l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi tas-salarji applikabbli għal remunerazzjoni u għall-parti ta' salarji trasferiti lejn pajjiż differenti minn dak fejn qiegħed l-impjeg,
- assigurazzjoni għal diżokkupazzjoni għal persunal temporanju u pagamenti magħmula mill-istituzzjoni biex jippermettu li persunal temporanju jikkostitwixxu jew iżommu drittijiet għal pensjoni fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom,
- l-indennità ta' liċenzjament li tingħata lil ħaddiema fuq perijodu ta' prova meta dawn jingħataw is-sensja għal raġunijiet ta' inkompetenza,
- ħlas mill-istituzzjoni meta twaqqaf il-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju,
- il-kontribuzzjoni possibbli, skont id-disponibbiltajiet baġitarji, għall-ispejjeż infrastrutturali u ergonomiċi għall-persunal f'xogħol mill-bogħod f'konformità mad-deċizzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar is-sistema tax-xogħol.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 3 000.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 2 0 2 Sahra bi ħlas

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
29 000	29 787	22 646,90

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas ta' sahra taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-bażi ġuridika.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 56 u l-Anness VI tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU (ikompli)**1 2 0** (ikompli)

1 2 0 4 Jeddijiet mad-dħul fis-servizz, it-trasferiment u t-tluq mis-servizz

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
205 000	203 308	267 812,72

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- spejjeż tal-ivvjaġġar allokat għal uffiċjali u staff temporanju (inklużi l-familji tagħhom) li deklin fis-servizz jew li qed jispiċċaw mis-servizz jew li qed jiġu trasferiti f'post tax-xogħol ieħor,
- allowances tal-ewwel sistemazzjoni/sistemazzjoni mill-ġdid u spejjeż ta' ġarr allokat għal uffiċjali u staff temporanju obbligati li jibdli l-post tar-residenza tagħhom biex jibdew jaħdmu, meta jiġu trasferiti f'post tax-xogħol ġdid jew meta fl-aħħar jispiċċaw mill-istituzzjoni u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,
- allowance ta' sussistenza għal kull ġurnata għal uffiċjali u staff temporanju li jipprovdu evidenza li se jkollhom jibdli l-post tar-residenza tagħhom biex jibdew jaħdmu, jew meta jiġu trasferiti għal post tax-xogħol ġdid.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 2 2 **Allowances fil-każ ta' terminazzjoni bikrija tas-servizz**

1 2 2 0 Allowances għal staff li qed jirtira fl-interess tas-servizz

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
360 000	355 790	264 939,11

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri allowances dovuti lil uffiċjali:

- li huma meqjusin bħala li mhumiex attivi fis-servizz b'konnessjoni ma' miżuri sabiex jitnaqqas in-numru ta' ħaddiema fl-istituzzjoni,
- li għandhom impjeg ta' grad AD 16 jew AD 15 li rtiraw fl-interess tas-servizz,

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU (ikompli)

1 2 2 (ikompli)

1 2 2 0 (ikompli)

— li jibbenefikaw minn leave fl-interess tas-servizz.

Hija tkopri wkoll il-kontribuzzjoni ta' min iħaddem għall-assigurazzjoni tal-mard, għall-iskema tal-pensjoni (jekk applikabbli) u l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għal dawn l-allowances.

1 2 2 2 Allowances għal persunal li jitwaqqaf mis-servizz u skema speċjali tal-irtirar

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- l-allowances li jitħallsu skont ir-Regolamenti tal-Persunal jew ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3518/85,
- il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għall-assigurazzjoni għall-mard għal persuni li jirċievu l-allowances,
- l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi tas-salarji li japplikaw għad-diversi allowances.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 64 u 72 tagħhom.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3518/85 tat-12 ta' Diċembru 1985 li jintroduċi miżuri speċjali biex ikun itterminat is-servizz ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea bħala riżultat tal-adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall (ĠU L 335, 13.12.1985, p. 56)

1 2 9 **Appropriazzjoni proviżorja**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-effetti ta' kwalunkwe aġġustament fis-salarji deċiż matul is-sena finanzjarja.

KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU (ikompli)

1 2 9 (ikompli)

Din l-appropriazzjoni hija proviżorja u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha lejn intestaturi oħra skont ir-Regolament Finanzjarju.

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 65 u 65a u l-Anness XI tagħhom.

KAPITOLU 1 4 — STAFF IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI

1 4 0 **Staff ieħor u persuni esterni**

1 4 0 0 Staff ieħor

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
5 376 050	5 044 800	3 689 886,57

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- ir-remunerazzjoni, inkluż is-sahra, ta' persunal ieħor inklużi persunal b'kuntratt, aġenti proviżorji u konsulenti speċjali (fit-tifsira tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea), il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għall-iskemi varji ta' sigurtà soċjali, l-allowances tal-familja, tal-espatrijazzjoni u tal-ivvjaġġar mill-post tal-impjeg għall-pajjiż ta' oriġini u l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi tas-salarju applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dan il-persunal jew it-terminazzjoni tal-allowances stabbiliti fil-kuntratt,
- l-onorarji ta' staff mediku u paramediku mħallsa skont l-arranġamenti għall-provvediment ta' servizzi, u f'każijiet speċjali, l-impjeg ta' persunal temporanju impjegat f'aġenzija,
- il-kontribuzzjoni possibbli, skont id-disponibiltajiet tal-baġit, għall-ispejjeż infrastrutturali u ergonomiċi għal persunal ieħor f'xogħol mill-bogħod f'konformità mad-deċiżjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar is-sistema tax-xogħol.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 13 000.

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU 1 4 — STAFF IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI (ikompli)

1 4 0 (ikompli)

1 4 0 2 Servizz ta' interpretazzjoni

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
4 037 744	4 167 080	3 070 593,34

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri nfiq marbut mas-servizzi ta' interpretazzjoni fuq il-post jew mhux fuq il-post għal laqgħat jew avvenimenti organizzati jew koorganizzati mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

Din tkopri l-ispejjeż tas-servizzi ta' interpretazzjoni pprovduti mid-DĠ Interpretazzjoni tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-fornituri esterni.

1 4 0 4 Apprendistat għal-lawreati, għotjiet u skambju ta' uffiċjali

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
1 023 453	996 242	766 362,97

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- ħlas ta' għotjiet għat-traineeships, spejjeż tal-ivvjaġġar għat-trainees u nfiq ieħor li jirriżulta mid-deċizzjoni tal-istituzzjoni dwar skemi ta' traineeships (bħal assigurazzjoni għall-inċidenti u l-mard matul is-soġġorn tagħhom u allowances) u karatteristiċi oħra tal-programm (bħal azzjonijiet speċifiċi ta' taħriġ u avvenimenti esklużivament għat-trainees),
- infiq li ġej minn ċaqliq tal-persunal bejn il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u s-settur pubbliku fl-Istati Membri jew f'pajjiżi oħra speċifikati fir-regoli,
- il-kontribuzzjoni, fuq skala limitata, sabiex jitħejjew proġetti ta' riċerka fl-oqsma ta' ħidma tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni li huma ta' interess partikolari għall-integrazzjoni Ewropea.

1 4 0 5 Servizzi supplimentari għas-servizz tal-kontabilità

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 4 — STAFF IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI (ikompli)

1 4 0 (ikompli)

1 4 0 5 (ikompli)

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri servizzi li jirrigwardaw servizzi ta' żvilupp u implimentazzjoni ta', u pariri u konsultazzjoni relatata mas-sistemi tal-IT tal-kontabilità u dawk finanzjarji.

1 4 0 8 Jeddijiet mad-dħul fis-servizz, trasferiment u t-tluq mis-servizz u nefqa oħra għas-servizzi lill-persunal tul il-karriera tagħhom

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
46 650	45 700	41 325,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni għandha l-għan li tkopri l-ispejjeż għas-servizzi marbuta mal-identifikar u l-ħlas tal-intitolamenti tal-uffiċjali, l-aġenti temporanji u persunal ieħor tal-KtR. Dawn is-servizzi jistgħu jinkludu servizzi offruti mill-Uffiċju tal-PMO tal-Kummissjoni Ewropea, li ser itejbu il-kooperazzjoni interistituzzjonali u jiġġeneraw benefiċċju tad-daqs tal-ekonomiji, li jwasslu għall-iffrankar. Dawn is-servizzi jistgħu jinkludu, fost affarijiet oħra, dawn li ġejjin:

- trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni minn u lejn il-pajjiż tal-orijini;
- kalkolu tad-drittijiet tal-pensjoni;
- identifikazzjoni u ħlas tal-allowances ta' sistemazzjoni mill-ġdid;
- ġestjoni ta' fajls marbuta mal-benefiċċji tal-qgħad u l-ħlas tal-benefiċċji lil dawk li jikkwalifikaw għalihom.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri l-infiq għall-provvediment ta' servizzi orizzontali oħra relatati mar-Riżorsi Umani lill-uffiċjali, l-impjegati temporanji u l-aġenti oħra tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (u l-membri tal-familja tagħhom) matul il-karriera tagħhom, bħall-ftuħ tal-aċċess għall-persunal tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għall-attivitajiet organizzati mill-Welcome Office tal-Kummissjoni Ewropea u l-ġestjoni tal-fajls għall-ġestjoni amministrattiva tal-expatrijati marbuta mal-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.

F'każ li t-trattament ta' proċessi oħrajn mhux strateġiċi tar-riżorsi umani b'impatt finanzjarju (bħall-istabbiliment ta' drittijiet individwali skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal) huwa esternalizzat, in-nefqa relatata għandha tkun koperta wkoll minn din l-approprijazzjoni.

Sabiex jinħolqu aktar ekonomiji tal-kobor, il-provvediment ta' dawn is-servizzi, bħala regola, ser jibda jseħħ permezz ta' kooperazzjoni interistituzzjonali msaħħa.

KAPITOLU 1 4 — STAFF IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI (ikompli)

1 4 0 (ikompli)

1 4 0 8 (ikompli)

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 4 2 **Servizzi esterni**

1 4 2 0 Servizzi addizzjonali għas-servizz tat-traduzzjoni u l-għodod b'rabta mat-traduzzjoni u l-esternalizzazzjoni

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
700 000	674 924	619 000,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri nfiq fuq xogħol magħmul minn kuntratturi tat-traduzzjoni esterni: it-traduzzjoni freelance għall-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni kif ukoll lejn lingwi li mhumiex tal-Unjoni ssir minn kuntratturi b'kuntratti qafas, ħlief fil-każ ta' wħud mil-lingwi li mhumiex tal-Unjoni, fejn ma jeżistux proċeduri simili, kif ukoll l-għodod kollha b'rabta mat-traduzzjoni u l-esternalizzazzjoni.

Din tkopri wkoll l-infiq fuq xogħol fdat fidejn iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea u l-attivitajiet ta' kooperazzjoni interistituzzjonali kollha fil-qasam tal-lingwa.

1 4 2 2 Assistenza minn esperti b'konnessjoni ma' xogħol konsultattiv

Ċifri (Approprijazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprijazzjonijiet 2024	Approprijazzjonijiet 2023	2022 out-turn
420 000	420 000	320 000,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri ħlas lill-esperti tar-relaturi, kif ukoll lill-kelliema fl-oqsma speċifiċi tagħhom li jipparteċipaw fl-attivitajiet organizzati jew koorganizzati mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, f'konformità mar-regoli li jirregolaw dawn l-ispejjeż.

KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 4 — STAFF IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI (ikompli)

1 4 9 **Approprjazzjoni proviżorja**

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-effetti ta' kwalunkwe aġġustament fis-salarji deċiż matul is-sena finanzjarja.

Din l-approprjazzjoni hija purament proviżorja u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha għal intestaturi oħra bi qbil mar-Regolament Finanzjarju.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 65 u 65(a) tagħhom u l-Anness XI tagħhom.

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI

1 6 1 **Infq marbut mal-immaniġġar tal-istaff**

1 6 1 0 Infq mixxellanju għar-reklutaġġ

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
20 000	20 000	18 581,16

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infq mixxellanju għar-reklutaġġ bħal:

- infq relatat mal-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet miftuħin u interni, proċeduri ta' għażla u reklutaġġ għall-kategoriji kollha tal-persunal (uffiċjali, aġenti temporanji, aġenti kuntrattwali, konsulenti speċjali, esperti nazzjonali sekondati), inklużi l-ispejjeż għall-ivvjaġġar u s-sussistenza għall-applikanti li jiġu mgħajta għat-testijiet orali jew bil-miktub u eżamijiet mediċi,
- infq marbut mal-assigurazzjoni tal-kandidati hawn fuq imsemmija,
- infq relatat mal-proċeduri ta' għażla għal pożizzjonijiet maniġerjali, inklużi ċ-ċentri tal-valutazzjoni,
- pubblikazzjoni ta' avviżi ta' reklutaġġ jew ta' postijiet vakanti fil-mezzi tax-xandir adegwati.

KAPITOLU 16 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAHD MU MAL-ISTITUZZJONI (ikompli)

1 6 1 (ikompli)

1 6 1 0 (ikompli)

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 27 sa 31 u l-Artikolu 33 tagħhom u l-Anness III tagħhom.

Id-Deċiżjoni 2002/620/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 53) u d-Deċiżjoni 2002/621/KE tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, ir-Registatur tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-Segretarjat Ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, u r-Rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 dwar l-organizzazzjonijiet u l-ħidma tal-Uffiċċju għas-selezzjoni tal-persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 56).

1 6 1 2 Taħriġ addizzjonali, taħriġ mill-ġdid u tagħrif għall-persunal

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2024	Approprjazzjonijiet 2023	2022 out-turn
352 400	330 000	326 092,05

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- l-organizzazzjoni ta' taħriġ u appoġġ loġistiku għal dan it-taħriġ, inklużi l-korsijiet tal-lingwa, li jiġu organizzati fil-livell intern, offruti fuq bażi interistituzzjonali jew ipprovduti minn partijiet interessati esterni,
- l-organizzazzjoni ta' seminars għall-persunal u l-maniġment,
- kisba ta' għarfien espert estern fil-qasam tal-ġestjoni tar-riżorsi umani,
- l-iżvilupp u l-użu tal-persunal, għodod professjonali jew għodod għall-iżvilupp organizzattiv għall-uffiċjali u l-persunal temporanju u persunal ieħor tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni,
- l-infiq relatat max-xiri jew mal-produzzjoni ta' materjal pedagoġiku,
- l-organizzazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ bil-għan li jżied l-għarfien dwar kwistjonijiet relatati mal-opportunitajiet indaqs (ugwaljanza bejn is-sessi, diżabbiltà, diversità, eċċ.).

Bażiguridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 24a tagħhom.

KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAHD MU MAL-ISTITUZZJONI (ikompli)

1 6 2 **Missjonijiet**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
478 050	370 833	419 657,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż għat-trasport jew l-akkomodazzjoni, il-ħlas ta' allowance għas-sussistenza ta' kuljum u spejjeż oħra previsti fil-gwida għall-missjonijiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, li jkunu ġġarrbu minn membri tal-persunal waqt missjoni fuq perjodu qasir jew twil.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 71 tagħhom u l-Artikoli 11, 12 u 13 tal-Anness VII tagħhom.

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 6 3 **Attivitajiet relatati mal-persuni kollha li jaħdmu mal-istituzzjoni**1 6 3 0 **Servizzi soċjali**

Ċifri (Appropriazzjonijiet mhux differenzjati)

Appropriazzjonijiet 2024	Appropriazzjonijiet 2023	2022 out-turn
20 400	20 400	10 000,—

Kummenti

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- bħala parti minn politika interistituzzjonali favur persuni b'diżabilità, dawk l-individwi li jaqgħu taħt il-kategoriji li ġejjin:
 - l-uffiċjali u l-aġenti temporanji jew kuntrattwali fis-servizz,
 - il-konjuġi tal-uffiċjali u l-aġenti temporanji jew kuntrattwali fis-servizz,
 - it-tfal dipendenti kollha kif imfisser fir-Regolamenti tal-Persunal,
- ir-rimbors, skont il-limitu massimu tal-baġit, meta l-intitolamenti nazzjonali kollha mogħtija fil-pajjiż ta' residenza jew ta' oriġini jkunu ntużaw kollha, tal-infiq mhux mediku li jitqies bħala meħtieġ, li jirriżulta minn diżabilità, li jkun iġġustifikat kif jistħoqq u li mhux kopert mill-Iskema Konġunta ta' Assigurazzjoni għall-Mard,
